John Bevere

# IL-LIXKA TA' SATANA

Għix Ħieles
minn Nasba
Fatali ta' l-Offiża

Aktar minn 1,000,000 kopja pubblikata madwar id-dinja

# IL-LIXKA TA' SATANA

MIKTUB MINN:

JOHN BEVERE

Pubblikazzjoni *Nations For Christ (NFC)*

Bait of Satan, English, by John Bevere
Messenger International, Palmer Lake, CO, USA
www.MessengerInternational.org
Originally published in English by Creation House, Orlando, FL, USA
Additional resources in Maltese are available for free download at :
www.CloudLibrary.org

Follow John Bevere on Facebook and
Twitter JohnBevere@ymail.com

Il-Lixka ta' Satana, Miktub minn: John Bevere
© 2014 Messenger International & Nations for Christ
Nations for Christ P.O. Box 67 Gżira, Malta GŻR 1000, EU.

ISBN: 978-99957-0-763-7

Maqlub għall-Malti minn Doris Deguara
bl-għajnuna ta' Beverly Busuttil u Joanne Zammit.
Editjar minn Gordon-John Manchè, Martin Stivala u Christopher Abela

Ewropa: Nations for Christ P.O. Box 67 Gżira, Malta GŻR 1000, EU.
USA: Nations for Christ, P.O. Box 702558, Tulsa, OK, 74170, USA
www.NationsForChrist.org

Din il-publikazzjoni ma' tistax ssir kopja tagħha
mingħajr il-permess ta' 'Nations for Christ'.

Ritratt tal-qoxra: Judith McKittirck

Printed in Malta

## L-akbar apprezzament tiegħi jmur lejn..........

Il-mara tiegħi Lisa, li, wara il-Mulej, hija l-aktar ħabiba prezzjuża li għandi. Inti mara verament safja u mill-aqwa. Jien inkun sa l-aħħar grat lejn il-Mulej talli għaqqadna flimkien bħala raġel u mara. Nirringrazzjak talli għintni fl-editjar ta' dan il-ktieb mingħajr ma ħsibt għalik innifsek.

L-erba' subien tiegħi, Addison, Austin, Alexander, u Arden, li

ssagrifikaw ħafna ħin minn mal-papà tagħhom, sabiex dan il-proġett setgħa jseħħ. Uliedi, intkom il-ġojja ta' qalbi.

Ringrazzjament speċjali jmur għal John Mason, li emmen f'dan il-messaġġ u nkorraġġieni sabiex nippersisti biex nippublikah; għal Deborah Poulalion, għat-talenti u s-sapport kollu tagħha fl-editjar; u għall-istaff kollu ta' Charisma House, li ħadmu bla heda magħna f'dan il-proġett.

Imma l-aktar importanti, il-gratitudni sinċiera tiegħi tmur lejn Missierna tas-Smewwiet, għar-rigal indeskrivibbli, lil Sidna Ġesù Kristu għall-grazzja, verità, u l-imħabba tiegħu u lill-Ispirtu s-Santu', għall-gwida fidila tiegħu matul dan il-proġett.

# Kontenut


*Id-Daħla* ........ *vi*

*Introduzjoni* ........ *1*

1 Jien, iddispjaċut? ........ 5

2 Offiża enormi ........ 15

3 Kif jista' dan jiġri lili? ........ 29

4 Missieri! Missieri! ........ 43

5 Kif jitwieldu l-vagabondi spiritwali ........ 61

6 Tistaħba mir-realta' ........ 77

7 Sisien Sodi ........ 91

8 Dak kollu li għandu jkun imċaqlaq, jiġi imċaqlaq ........ 109

9 Il-blata ta' l-offiża ........ 131

10 Li ma mmorrux noffenduhom ........ 151

11 Il-Maħfra: jekk ma tagħtiex—int ma tieħux ........ 163

12 Vendetta: In-nasba ........ 179

13 Kif teħles min-nasba. ........ 191

14 Oġġettiv: Rekonċiljazzjoni. ........ 201

*Għeluq: Nieħdu azzjoni.* ........ *212*

Il-ktieb li għandek f'idejk bħalissa huwa possibilment l-aktar ktieb f'ħajtek li se jġiegħlek tikkonfronta l-verità. Jien dan nista' ngħid bil-kunfidenza kollha, mhux għax ktibtu jien, imma minħabba l-kontenut. L-aġenda ta`l-offiża - il-qalba tat-tentazzjoni ta` Satana – hija ħafna drabi l-aktar ostakolu diffiċli li individwu jrid jiffaċċja u jegħleb.

Id-dixxipli ta` Ġesù raw b`għajnejhom stess l-għeġubijiet bħal:- għajnejn li ma jarawx jinfetħu u mejtin imqajma mill-mewt. Huma wkoll semgħu lil Ġesù jikkmanda tempesta qalila, tikkalma għal kollox. Raw ukoll, kif eluf ta' nies ġew mitmugħa bil-miraklu tal-multiplikazzjoni ta`ftit ħobż u ftit ħut. Il-lista ta` mirakli u għeġubijiet li għamel Ġesù huma tant, illi skond il-Bibbja, lanqas hemm wisgħa għalihom kollha fid-dinja tal-kotba.

Qatt qabel ma kienu raw b`għajnejhom stess il-bnedmin, l-id mirakoluża ta`Alla fuq skala hekk kbira u tanġibli. Għalkemm id-dixxipli baqgħu imbellha u mistagħġba għal dan kollu, ma kinux il-mirakli li qatgħulhom qalbhom u li ġabuhom f'dubju. Le, dik l-isfida kellha tiġi iktar tard lejn it-tmiem tal-ministeru ta` Ġesù fuq din id-dinja. Ġesù ordna lid-dixxipli tiegħu, ***"Oqogħdu attenti! Jekk ħuk jaqa' f'xi dnub, widdbu, u jekk jindem aħfirlu. U jekk jonqsok seba' darbiet f'ġurnata, u jdur lejk seba' darbiet u jgħidlek, 'Jisgħobbija,' aħfirlu."*** Għal dan il-kliem, ir-risposta immedjata tagħhom kienet ***"Kattar fina l-fidi."*** (Luqa 17:3-5).

La l-mirakli, la l-qawmien mill-imwiet u lanqas il-baħar kalm ma qanqluhom sabiex jgħajjtu għajta ta' bikja għal aktar fidi, imma kien sempliċiment kmand biex naħfru lil dawk li għamlulna d-deni! Ġesùqal, ***"huwa impossibli li l-ebda offiża ma tiġi"*** (Luqa 17:1). M'hijiex kwistjoni ta' jekk ikollokx opportunità li tiġi offendut, imma pjuttost ir-reazzjoni tiegħek x'se tkun għall-offiża.

Għaddew għaxar snin minn mindu nħareg dan il-ktieb. F`dan il-perjodu rċevejna numru kbir ta` ittri u testimonjanzi ta' ħajjiet individwali, familji, u ministeri li ġew imfejqa u trasformati bil-verita' tal-Kelma ta' Alla li tinsab f'dan il-ktieb.

Aħna inkludejna xi siltiet minnhom għalikom sabiex tkunu nkoraġġuti. Għal dawn kollha, aħna nifirħu u nagħtu glorja lil Alla!

Mexxej qasam magħna, "Il-knisja tagħna kienet għaddejja minn fażi ħażina u kien se jkollha tinqasam. Kollox kien qed jidher impossibli. Tajt kopja tal-'Lixka ta' Satana' lil kull persuna anzjana fil-Mulej. Il-firda ġiet megħluba, u illum aħna ħaġa waħda!

Ħafna żwiġijiet ġew salvati. Riċentament wara li tkellimt f`Nebraska, koppja resqu lejja. Il-mara stqarret, *"jiena ġejt offenduta għaxar snin ilu mill-mexxejja ta`din il-knisja. Sirt żorra u naħseb ħażin f`kulħadd, il-ħin kollu niddefendi ruħi u l-pożizzjoni tiegħi. Iż-żwieġ tiegħi sofra ħafna minħabba l-anzjeta' li kelli, u żewġi kien fil-proċess li jiddivorżjani. Hu ma kienx salvat u ma ried li jkollu xejn x`jaqsam mal-knisja."*

*"Xi ħadd poġġa kopja f'idejja tal-'Lixka ta' Satana'. Jiena qrajtu, u fi ftit żmien ġejt meħlusa għal kollox mill-offiżi u d-dieqa li kelli. Meta r-raġel ra l-bidla li saret f`ħajti, hu ta ħajtu lill-Mulej Ġesù Kristu u waqqaf il-proċess tad-divorzju."* Ir-raġel kien qiegħed ħdejn martu, jitbissem. Meta spiċċat taqsam l-istorja tagħha, hu ikkonferma li kollox huwa minnu u stqarr li ħajtu u daru nbidlu għall-aħjar!

It-testimonjanza li messitli qalbi l-aktar ġrat meta jien kont qiegħed namministra ġewwa Napli, fi Florida. Ftit qabel ma bdejt nitkellem, raġel qawwi ta`meżża eta', qam bilwieqfa quddiem il-kongregazzjoni u beka meta beda jirrakkonta l-istorja traġika tiegħu: *"Ħajti kollha, jien ħassejt li kien hemm ħajt bejni u bejn Alla. Kont nattendi l-laqgħat kollha u fejn oħrajn kienu jħossu il-preżenza t`Alla, jien kont inkun maqtugħ għalija waħdi u ma nħoss xejn."*

*"Anke meta kont nitlob, ma kien ikun hemm l-ebda preżenza ta` xejn. Ftit ġimgħat ilu jiena ġejt mogħti l-ktieb il-'Lixka ta' Satana'. Jiena qrajtu mill-bidu sa l-aħħar, il-kontenut kollu qrajtu. Irrealizzajt li snin twal ilu kont blajt il-lixka ta` Satana. Kont nobgħod lil ommi għax kienet abbandunatni meta kelli biss sitt xhur."*

Jiena rrealizzajt li kelli mmur għandha u naħfrilha. Ċempiltilha u bkejt, *"Ma, jiena żammejt il-maħfra minnek tul ħajti kollha għaliex int abbandunajtni u tajtni lil ħaddieħor."* Hi bdiet tibki u qalet, *"Ibni jien ili nobgħod lili nnifsi għal dawn l-aħħar sitta u tletin sena għax tlaqtek."* Hu kompla jgħid, *"Jiena ħfirtilha u hi ħafret lilha nnifisha; issa rrekonċiljajna kollox bejnietna."*

Imbagħad ġiet l-aktar parti eċitanti. *"Issa l-ħajt li kien jisseparani minn Alla telaq!"* F`dan il-punt, hu ntilef għal kollox u beka bħal tarbija. Beda jiġġieled miegħu nnifsu biex joħroġ dawn l-aħħar ftit kliem, *"Issa nibki quddiem il-preżenza t'Alla qisni tarbija."*

Jiena naf il-qawwa u realtà ta` min ikun maqbud (skjav). Jiena kont maqbud bħal ostaġġ f'turmenti għal snin twal. Dan il-ktieb m'huwiex teorija: iżda hija l-Kelma t'Alla magħmula Bniedem. Hija mfawwra bil-verita` li jiena personali imxejt fiha. Nemmen illi għandha tqawwijkom. Sakemm tkunu qiegħdin taqraw, staqsu lil Maesta` Tiegħu sabiex il-fidi tiżdidilkom! Hekk kif intom tikbru fil-fidi; Hu jirċievi l-glorja u intom timtlew bil-ferh. J'Alla iberrikkom bil-kotra.

***John Bevere***

# Introduzzjoni

Kull wieħed li qatt qabad l-annimali jaf li n-nasba għandha bżonn żewġ affarijiet. L-ewwel li għandha tkun moħbija, ħalli l-annimal ma jindunax biha u t-tieni li għandha tkun bil-lixka fiha ħalli l-annimal jiġi maqbud fil-morsa tal-mewt.

Satana, l-għadu ta` rwieħna, juża dawn iż-żewġ strateġiji hekk kif jipprepara n-nasbiet ta`qerq. Huma jkunu moħbija u jkollhom il-lixka. Satana, flimkien ma' dawk ta' miegħu, m'huwiex daqshekk bla moħħ kif ħafna jaħsbu. Huwa sottili ħafna u jieħu ħafna pjaċir li jqarraq. Huwa għaqli fl-operazzjonijiet tiegħu, makkak u qarrieqi. La tinsewx li hu kapaci jibdel is-sura tiegħu għal messaġġier tad-dawl. Jekk ma nkunux imgħallma bil-Kelma t'Alla biex inkunu nistgħu ngħarrfu t-tajjeb mill-ħażin, ma nkunux nistgħu nirrikonoxxu n-nasbiet u għalxiex qiegħdin.

Waħda mill-aktar nasbiet li tqarraq u li kull Kristjan jiltaqa' magħha hija – l-offiża. Attwalment, l-offiża minna nnifisha m'hijiex tal-mewt – iżda jekk tibqa' fin-nasba, iva. Jekk nieħdu l-offiża u nikkonsmawha, din tkompli tiekol minn ġo qalbna u hekk aħna nkunu ġejna offenduti. Nies li huma offenduti jipproduċu ħafna frott ħażin bħal: weġgħat, rabja, rabja ma' ħaddieħor, ħdura, mibgħeda u għira. Ftit mill-konsegwenzi ta' li tieħu offiża huma: insulti, attakki, weġgħat, diviżjoni, separazzjoni, relazzjonijiet mkissra, tradiment u kliem minn wara d-dahar.

Ħafna drabi dawk li jkunu fl-offiża ma jirrealizzawx illi qiegħdin f'nasba. Huma ma jindunawx bil-kundizzjoni li qiegħdin fiha għaliex moħħhom ikun il-ħin kollu fuq il-ħażin li għamlulhom. Huma ma jammettux. L-aktar mod effettiv ta' kif jagħmina l-għadu huwa li jġiegħlna niffukkaw fuqna nfusna.

Dan il-ktieb jikxef in-nasbiet qarrieqa u juri wkoll kif tista' taħrab il-qabda tal-morsa u kif tgħix mingħajrha. Il-ħelsien mill-offiża huwa essenzjali għal kull Kristjan għax Ġesù qal li hu impossibli li tgħix din il-ħajja u qatt ma jkollok opportunita` li tkun offendut. (Luqa 17:1)

Fi knejjes madwar l-Amerika u anke madwar nazzjonijet oħra fejn jiena ppriedkajt dan il-messaġġ,'il fuq minn ħamsin fil-mija tan-nies irrispondew għas-sejħa ta` l-artal. Għalkemm hija risposta qawwija u l-ammont huwa kbir, xorta mhuwiex kulħadd. Il-kburija żżomm in-nies lura milli jirrispondu. Jiena rajt nies jiġu mfejqa, meħlusa, mimlija bl-Ispirtu s-Santu, u anke jirċievu tweġibiet ta` talb wara li ġew meħlusa minn din in-nasba. Huma jirrakkuntaw kif f'mument wieħed jirċievu dak li kienu jkunu ilhom is-snin ifittxu, hekk kif jiġu meħlusa.

Fl-aħħar parti tas-seklu għoxrin l-għarfien fil-knejjes żdied bil-kotra. Iżda avolja kien hemm din iż-żieda kollha, jidher li qiegħdin nesperjenzaw iktar firdiet bejn dawk li jemmnu, il-mexxejja u l-kongregazzjonijiet. Ir-raġuni: l-offiża hija ikbar għaliex hemm nieqsa l-imħabba ġenwina, ***"L-għarfien jonfoħ, iżda l-imħabba tibni"*** (1Korintin 8:1). Tant hawn min hu maqbud fin-nasba tal-qerq, li sirna naħsbu u nemmnu li din hija il-ħajja normali.

Madankollu, qabel it-tieni miġja ta` Kristu, dawk li huma ġenwini se jkunu magħqudin flimkien aktar minn qatt qabel. Jiena nemmen li llum, kwantità kbira ta' nies, tant illi ma jingħaddux, se jkunu meħlusa min-nasba ta` l-offiża. Din tkun waħda mir-rabtiet prinċipali li juruna qawmien spiritwali madwar dan in-nazzjon kollu. Nies li ma jemmnux se jgħannqu lil Ġesù x`ħin jaraw l-imħabba tagħna lejn xulxin u fejn qabel kienu għomja għaliH.

Jiena ma nemminx li nikteb ktieb sempliċiment biex inkun ktibt ktieb. Alla kebbes dan il-messaġġ ġewwa qalbi, u jiena rajt il-fdal tal-frott. Wara l-messaġġ li kont ippridkajt fuq dan is-suġġett, wieħed Pastor ġie fuqi u qalli, *"Jiena qatt ma rajt daqsekk nies jiġu meħlusa f`daqqa waħda."*

Alla kellimni f'qalbi u qalli li dan hu biss il-bidu. Ħafna se jkunu meħlusa, imfejqa, u jiġu rrestawrati hekk kif ikunu qiegħdin jaqraw dan il-ktieb huma w jobdu lill-Ispirtu s-Santu li jkun qiegħed ikellimhom.

Jiena nemmen li hekk kif inti qiegħed taqra dawn il-kliem f`dawn il-paġni, l-Imgħallem u l-Kunsillier jgħinek sabiex tapplikhom b'mod personali. Hekk kif jagħmel dan, din il-kelma rrevelata ġġib liberta' kbira lilek, lil ħajtek u l-ministeru tiegħek.

Ejjew nitolbu flimkien hekk kif nibdew:

Missier, f`Isem Ġesù, nitolbok li tiżvelali bl-Ispirtu tiegħek il-Kelma tiegħek waqt li qed naqra dan il-ltieb. Ġib fil-beraħ dak kollu li hemm moħbi ġewwa qalbi li żammni milli nkun nafek u nservik iktar effettiv.

**IR-RISPOSTA TAGĦNA**

**GĦALL-OFFIŻA TIDDETERMINA**

**L-FUTUR TAGĦNA.**

“*Il-Lixka ta` Satana* bidlitilna l-ħajja u l-ministeru tagħna. Aħna rajna sew il-video mill-inqas għoxrin darba u qrajna l-ktieb u erġajna qrajnieh. Il-Ministeru tagħna uża dan il-ktieb u l-video sabiex jgħallimna nbiddlu ħajjitna kif ukoll il-ħajjiet ta` ħafna oħrajn. Dan il-messaġġ huwa qawwi u f`waqtu.”

--S.Q.,CONNECTICUT

# 1

## JIEN, OFFENDUT?

**Kif nirrispondu għall-offiża jiddetermina l-futur tagħna.**

*Huwa impossibli li ebda offiża ma tiġi.*

– Luqa 17-1

Hekk kif kont nivvjaġġa mal-Istati Uniti u namministra, kont nista' nosserva waħda mill-aqwa nasbiet qarrieqa li għandu l-għadu. Li ħafna Kristjani, li lanqas tgħoddhom, jiġu mjassra, relazzjonijiet jiġu mkissra u l-firda li hemm bejnietna tikber. Din hija n-nasba ta` l-offiża.

Huma ħafna dawk illi hija mpossibli għalihom li jiffunzjonaw sew fil-ħajja li ġew imsejħa għaliha, minħabba l-ġrieħi u l-weġgħat li l-offiżi kkaġunawlhom matul ħajjithom. Huma mxekklin u miżmumin milli jagħtu l-potenzjal kollu tagħhom. Ħafna drabi ikun xi ħadd li jemmen bħalhom li jkun weġġagħhom. Din li tagħmel l-offiża, li tinħass qisha tradiment. F`Salmi 55:13-15, David beka:

***"M'huwiex xi għadu dak li jċanfarni; li kien hekk, kont nissaporti. M'hux xi wieħed kontrija dak li jkasbarni; li kien hekk, kont ninħeba minnu. Imma int, wieħed bħali, sieħbi u ħabib tal-qalb, li kont nitgħaxxaq nitkellem miegħek, ħaġa waħda konna nkunu fid-dar ta' Alla".***

Huma dawk li noqgħodu bilqiegħda magħhom jew inkantaw flimkien magħhom jew inkella xi ħadd li jippriedkalna. Qattajna vaganzi, jew attendejna funzjonijet soċjali flimkien, użajna l-istess uffiċċji flimkien

magħhom. Jew inkella huma eqreb. Li kbirna flimkien, afdajna, jew irqadna ħdejn xulxin. Iktar ma tkun qrib ir-relazzjoni, iktar se tkun ħarxa l-offiża! L-ikbar mibgħeda ssibha ma' dawk in-nies li xi darba kienu qrib ħafna ta` xulxin.

L-avukati jgħidu li l-aktar każi ħorox huma dawk ġewwa l-qrati tad-divorżju. Il-media Amerikana kontinwament tirrapporta, b`xi qtil ġewwa djar ta` membri tal-familja li huma ddisprati.

Id-dar, li suppost hija kenn ta' protezzjoni, proviżjoni u tkabbir fejn aħna nitgħallmu nagħtu u nirċievu l-imħabba, hija sikwit il-bidu tal-għeruq ta` l-uġiegħ. L-istorja turina li l-aktar gwerer imdemmija huma il-gwerer ċivili-aħwa kontra aħwa, ulied kontra l-missirijiet, jew missirijiet kontra l-ulied.

Il-possibilitajiet ta` l-offiża huma bla tarf daqs il-lista tar- relazzjonijiet. Ma tagħmilx differenza jekk humiex ikkumplikati jew inkella sempliċi. Din il-verita' tibqa': Dawk biss illi inti tħobb huma dawk li jistgħu jweġġgħuk. Tistenna iktar minnhom-wara kollox, inti lilhom l-aktar li tajt minnek innifsek. Aktar ma jkollok stennija għolja, akbar se tkun il-waqà.

L-egoiżmu jirrenja fis-soċjeta' tagħna. Irġiel u nisa llum jibżgħu biss għalihom infushom, għad-detriment u wġiegħ ta` dawk kollha ta` madwarhom. Din m'għandhiex tissorprendina. Il-Bibbja hija ċara ħafna illi fl-aħħar jiem, in-nies ikunu ***"Maħbubin tagħhom infushom"*** (2 Timotju 3:2).

Aħna nistennewh dan min-nies li ma jemmnux, imma Pawlu ma kienx qiegħed jirreferi għal dawk li huma barra mill-knisja. Hu kien qiegħed jitkellem fuq dawk li qiegħdin ġewwa l-knisja. Ħafna għandhom feriti, huma mweġġà u mnikkta. Huma offenduti! Imma ma jirrealizzawx illi waqgħu fin-nasba ta` Satana.

Allura din ħtija tagħna? Ġesù għamilha b'l-aktar mod ċar illi huwa impossibli li tgħix ġo din id-dinja u ma jkollokx opportunita' illi tiġi offendut. Madankollu ħafna huma dawk li jemmnu illi huma xxukjati, imħawda u mgħaġġba meta jiġri dan. Naħsbu li aħna biss ġejna ttrattati ħażin. Dan ir-rispons iħallina vulnerabbli għall-għeruq ta' niket. Għalhekk aħna għandna nippreparaw irwieħna u nkunu armati għall-offiżi, għaliex ir-risposta tagħna tiddetermina l-futur tagħna.

## In-Nasba Qarrieqa

Il-kelma Griega għal offiża f`Luqa 17:1, ġejja mill-kelma 'skand-alon'. Din il-kelma oriġinaljament tirreferi għal parti tan-nasba minn fejn il-lixka ġiet imwaħħla. Għalhekk il-kelma tfisser tpoġġi nasba fi triq ta` xi ħadd. Fit-Testment il-Ġdid ħafna drabi jfissruha bħala nasba li juża l-għadu. Offiża hija biċċa għodda li juża x-xitan biex jiġbed lin-nies fi skjavitù. Pawlu għallem liż-żagħżugħ Timotju:

***"Min hu qaddej tal-Mulej m'għandux joqgħod jitlewwem; imma għandu jkun ħlejju ma' kulħadd, jinqala' biex jgħallem, kollu sabar; iwiddeb bil-ħlewwa lil dawk li ma jaqblux miegħu; għandu mnejn Alla jagħtihom l-indiema, u hekk jagħrfu l-verità u jiġu f'sensihom u jeħilsu mix-xbiek tax-Xitan li kien qabadhom taħt idejh biex jagħmlu r-rieda tiegħu."***

– 2 Timotju 2: 24-26

Dawk li huma f'tilwim jew oppożizzjoni jingħalqu f`nasba u qiegħdin miżmuma ġo ħabs biex jagħmlu dak kollu li jixtieq ix-xitan. Aktar allarmanti hu, li huma ma jindunawx bil-jasar tagħhom stess! Bħal l-iben il-ħali huma għad iridu jiskopru il-vera kundizzjoni tagħhom. Ma jirrealizzawx illi qiegħdin jivvomitaw ilma ħami iktar milli ilma pur. Meta bniedem ikun imqarraq, jemmen illi hu jinsab fis-sewwa anke jekk mhux veru.

Irrelevanti x'inhu x-xenarju, nistgħu naqsmu n-nies offenduti f`żewġ kategoriji prinċipali. (1) Dawk li ġew maltrattati inġustament jew (2) Dawk li jemmnu li ġew ittrattati inġustament. In-nies li huma fit-tieni kategorija jemmnu b`qalbhom kollha illi ġew ittrattati ħażin. Sikwiet jieħdu l-konklużjonijiet minn informazzjoni żbaljata, jew l-informazzjoni hija tajba imma l-konklużjoni hija mgħawġa. Fi kwalunkwe każ, huma jweġġgħu u l-fehma tagħhom tiġi mdallma. Huma jiġġudikaw bis-suppożizzjoni, dehra jew b'dak li jisimgħu.

## Il-veru kundizzjoni tal-qalb

Ħaġa waħda li l-għadu jagħmel biex iżomm persuna fi stat ta' offiża hija li l-offiża jħalliha moħbija, taħt il-mantar tal-kburija. Il-kburija ma tħallikx tammetti l-vera kundizzjoni tiegħek.

Darba kont imweġġà ħafna minn xi ministri. Xi nies bdew jgħiduli, *"Ma nistax nemmen li għamlulek hekk. M'intix imweġġà?"* Jien mill-ewwel kont nirrispondi, *"Le, ninsab tajjeb. M'iniex imweġġa'."* Kont naf illi huwa ħażin li tiġi offendut, għalhekk jiena ċħadt l-offiża u rażżantha. Ikkonvinċejt lili nnifsi li ma kontx imweġġa', imma fir-realta` kont. Il-kburija ħbitli l-vera kundizzjoni li kien hemm ġo qalbi. Il-kburija żżommok milli tiffaċċja l-verita`. Ittappanlek il-viżjoni tiegħek. Int qatt ma tinbidel meta tibqa' taħseb li kollox huwa sewwa. Il-kburija twebbes lil qalbek u ċċajpar l-għajnejn tal-fehma tiegħek. Iżżommok milli tbiddel il-qalb tindem u li inti tiġi lliberat. (Ara 2 Timotju 2: 24-26).

Il-kburija ġġiegħlek tara lilek innifsek vittma. L-attitudni tiegħek issir, *"ġejt ittrattat u ġġudikat ħażin; għalhekk jiena ġġustifikat fl-għaġir tiegħi."* U għax int temmen li int innoċenti u li ġejt iġġudikat ħażin, iżżomm lura l-maħfra. Għalkemm il-vera kundizzjoni ta` qalbek hija moħbija minnek, m'hijiex moħbija minn Alla. Billi kont maltrattat m'għandikx id-dritt li żżomm l-offiża ġewwa fik. Żewġ affarijiet ħżiena ma jagħmlux waħda tajba!

## Il-fejqan

Fil-ktieb tal-Apokalissi Ġesù jindirizza lill-knisja ta` Laodiċija billi l-ewwel jgħidilhom kif raw lilhom infushom bħala nies sinjuri, għonja, u li ma jonqoshom xejn, imbagħad jikxef il-vera kundizzjoni tagħhom- ***"povri miżerrabli, fqar, għomja, u mneżżà"*** (Apokalissi 3:14-20).

Huma ħalltu l-qawwa finanzjarja, mal-qawwa spiritwali. Il-kburija ħbiet il-veru kundizzjoni tagħhom. Ħafna huma hekk illum. Ma jarawx il-vera kundizzjoni li hemm ġo qalbhom hekk kif jiena ma stajtx nara dak li kelli ġewwa qalbi li kont ħadt għalija minħabba dawk il-ministri. Kont ikkonvinċejt ruħi li m'inhiex imweġġà. Ġesù qal lil Laodiċijani kif joħorġu minn dak il-qerq: billi jixtru d-deheb t`Alla u jaraw il-vera kundizzjoni tagħhom.

## Ixtri d-deheb t`Alla

L-ewwel istruzzjonijiet li Ġesù ta biex tinħeles mill-qerq kien li " ***...tixtri mingħandi deheb imsaffi bin-nar..."*** Apokalissi 3:18.

Deheb irraffinat huwa artab u flessibbli, nieqes minn kull ħaġa li ssaddad jew sustanzi oħra. Huwa meta d-deheb jiġi mħallat ma' metalli oħra, (bħal ram, ħadid, nijkil u oħrajn) li jiġi iebes, inqas flessibbli u iktar isaddad. Din it-taħlita jgħidulha liga (metall li hu mħallat bħad-deheb u l-fidda). Iktar mal-persentaġġ tal-metalli barrani jkun kbir, iktar id-deheb jiġi iebes. Kuntrarjament ta` dan, iktar ma tkun baxxa t-taħlita, id-deheb iktar ikun artab u flessibbli.

Immedjatament naraw is-similarita'. Qalb pura hija bħad-deheb pur – artab, delikat u flessibbli. Lhud 3:13 tgħidilna li ***"...ħadd minnkom ma jiġġarraf mid-dnub u jwebbes qalbu."*** Jekk aħna ma naffaċċjawx

dik l-offiża, hija tipproduċi iktar frott tad-dnub, rabja u anke mrar. Din is-sustanza miżjuda twebbes lil qlubna hekk kif il-metalli miżjudin iwebbsu d-deheb. Din tnaqqas jew tneħħi dak lli hu ħelu u safi, u toħloq nuqqas ta` sensittivita'. Aħna nkunu mxekkla milli nisimgħu leħen Alla. Il-preċiżjoni tagħna tiġi imċajpra. Din hija pożizzjoni eżatta għal qerq.

L-ewwel ħaġa li ssir meta d-deheb jiġi rraffinat hija li titħnu fi trab u tħalltu ma' sustanza jgħidulha 'flux' (xi ħaġa li tmexxi). Imbagħad it-taħlita tiġi mdaħħla ġo speċi ta` forn fejn jinħall il-metall, u t-taħlita tiġi maħlula b`nar veru qawwi. It-taħlit u affarijiet oħra li m'humiex puri jiġu maqbuda ma' dak il-flux u jitilgħu fil-wiċċ. Id-deheb (li huwa itqal) jibqa fil-qiegħ. L-affarijiet li m'humiex puri jew l-iskart (bħar-ram, ħadid u żingu, ikkunbinat mal-flux) jiġi mbagħad mneħħi u hekk ikollok metall li huwa pur ħafna.

*Issa ħarsu x`jgħid Alla: "**Arani, jien saffejtek mhux bħall-fidda; ippruvajtek fil-forn tan-niket.**"*

– Isaija 48:10

U wkoll:

***"Għalhekk għandkom għax tifirħu mqar jekk issa, għal ftit żmien ieħor, jeħtiġilkom titnikktu taħt ħafna provi. Bħalma d-deheb, li jintemm, jgħaddi mill-prova tan-nar, hekk tgħaddi mill-prova l-fidi tagħkom, li tiswa aktar mid-deheb, biex ikun jistħoqqilha tasal għat-tifħir, għall-glorja, u għall-ġieħ, meta jidher Ġesù Kristu."***

– 1 Peter 1: 6-7

Alla jirraffina bil-hemm, provi u wġiegħ, is-sħana tagħhom jissepara dawk l-affarijiet li m'humiex puri bħal nuqqas ta' maħfra, ġlied, ħdura ma' ħaddieħor, rabja, għira u aktar mill-karattru t`Alla ġewwa ħajjitna.

Id-dnub malajr jinħeba fejn ma hemmx is-sħana tal-prova u l-hemm. Fi żmien ta` prosperita` u suċċess, anke raġel terribbli jidher li hu ġeneruż. Imma taħt in-nar tal-prova, l-affarijiet li m'humiex puri jitilgħu fil-wiċċ.

Kien hemm żmien f`ħajti meta jiena kelli ngħaddi minn provi qawwija li qatt ma kont għaddejt minnhom qabel. Sirt pastaż u iebes ma' dawk li kienu qrib tiegħi. Il-familja u l-ħbieb bdew jaħarbuni. Jiena bkejtlu lil Alla u għidtlu, *"Minn fejn ġejja din ir-rabja kollha? Ma kienitx hawn qabel!"*

U l-Mulej irrispondini, *"Ibni, huwa meta d-deheb jiġi mdewweb fin-nar meta l-affarijiet li m'humiex puri jibdew jidhru."* Hu mbagħad għamel mistoqsija li bidlitli ħajti.

*"Tista' tara l-affarijiet ħżiena fid-deheb qabel ma jidħol ġon-nar?"*

*"Le,"* weġibtu jien.

*"Imma dak ma jfissirx li ma kienux hemm,"* qal Hu. *"Meta jolqtok in-nar tal-prova, dawk l-affarijiet li m'humiex puri jitilgħu fil-wiċċ. Għalkemm moħbijin minnek, dejjem kienu mikxufin għalija, għalhekk issa għandek għażla li se tiddetermina l-futur tiegħek.*

*Tista' tibqa' rrabjat, twaħħal fil-mara tiegħek, il-ħbieb, il-mexxej spiritwali tiegħek u dawk in-nies li taħdem magħhom, jew inkella tista' tara l-ħażin fid-dnub għal li hu u tindem, tirċievi l-maħfra, u jiena nieħu l-kuċċarun f'idejja u nneħħi dawk l-affarijiet ħżiena minn ġo ħajtek."*

**Ara l-kundizzjoni vera tiegħek.**

Ġesù qal li l-abilita` tagħna li naraw ċar hija ċavetta oħra biex inkunu meħlusa mill-qerq. Ħafna drabi meta aħna nkunu offenduti, naraw lilna nfusna bħala vittmi u nagħtu tort lil dawk li weġġgħuna. Aħna niġġustifikaw rwieħna għall-imrar, nuqqas ta' maħfra, rabja, għira u mibgħeda hekk kif dawn jibdew jidhru.

Xi kultant niskerrħu anke lil dawk li jfakkruna f`dawk li weġġgħuna. Għal din ir-raġuni Ġesù tana dan il-parir, "***ixtri...wkoll ungwent, ħalli tidlek għajnejk u tkun tista' tara.***" Apokalissi 3:18.

U x`tara? Il-kundizzjoni vera tiegħek! Dak hu l-uniku mod biex nitħeġġu u nindmu bħalma Ġesù reġa' kkmandana. Tindem verament meta tieqaf twaħħal f`ħaddieħor.

Meta nwaħħlu f`ħaddieħor u niddefendu l-pożizzjoni tagħna, aħna nkunu għomja. Nissieltu biex inneħħu l-fraka li hemm f`għajnejn ħuna meta ġo għajnejna hemm travu. Hija r-revelazzjoni tal-verita` li ġġibilna l-ħelsien. Meta l-Ispirtu t`Alla jurina d-dnub tagħna, Huwa dejjem jagħmel hekk b`ċerta manjiera li tidher isseparata minna. Din iġġib konvinzjoni u mhux kundanna.

Hija t-talba tiegħi li hekk kif inti taqra dan il-ktieb, il-Kelma t`Alla ddawwal l-għajnejn tal-fehma tiegħek u tara l-kundizzjoni vera tiegħek u tiġi meħlus/a minn kull offiża li qiegħed iżżomm. La tħalliex il-kburija żżomok milli tagħraf u tindem.

**KRISTJAN LI HUWA OFFENDUT HUWA WIEĦED**

**LI JIEĦU ĠEWWA FIH IL-ĦAJJA,**

**IMMA MINĦABBA L-BIŻA',**

**MA JISTAX IĦALLIHA TOĦROĠ MINNU**

"Għaxar snin ilu, wara għoxrin sena ta' żwieġ, ir-raġel tiegħi telaqni għax qal li, "ma kienx għadu kuntent." Jiena kont kompletament imġarrfa. Kont ili ħafna żmien nipprova ninħeles mill-weġgħat li kelli, l-abbandun u r-rifjut ta' meta telaqni. Jiena staqsejt lil Alla biex jgħini sabiex naħfirlu, u ħsibt li kont ħfirtlu. Imma xorta kont għadni nġorr il-weġgħat ġo qalbi tant illi ma stajtx ninsa.

Kont inweġġà ħafna kull meta kont narah. Wara li qrajt '*Il-Lixka ta` Satana*', l-Ispirtu s-Santu daħħalli f'qalbi li għandi nkellem lir-raġel li kelli qabel, u nitolbu maħfra talli żammejt din l-offiża. Tkellimna għall-ewwel darba wara għaxar snin. Issa vera nemmen li ġejt imfejqa u ġejt meħlusa! Nirringrazja lil Alla talli ħelisni mill-madmad tal-jasar li fih kont imjassra għal tant żmien."

-- D. B., NEW YORK

# 2

## OFFIZA ENORMI

***"U jkun hemm ħafna li jitfixklu, li jittradixxu lil xulxin u jinbagħdu bejniethom. Iqumu bosta profeti foloz u jqarrqu b'ħafna nies. Joktor il-ħażen, u għalhekk l-imħabba tibred f'ħafna. Imma min jibqa' jżomm sħiħ sa l-aħħar, dan isalva."***

– Mattew 24: 10-13

F`dan il-kapitlu ta` Mattew, Ġesu qiegħed jagħti s-sinjal ta` l-aħħar taż-żminijiet. Id-dixxipli tiegħu staqsewh, *"X`se jkun is-sinjal tal-Miġja Tiegħek?"*

Ħafna jaqblu li aħna qiegħdin fl-istaġun tal-miġja Tiegħu. Għalxejn nippruvaw ngħidu eżatt il-vera ġurnata tal-Miġja Tiegħu. Il-Missier biss jaf dan. Imma Ġesù qal illi nkunu nafu l-istaġun, li hu issa! Qatt qabel ma rajna daqshekk profeziji jiġu fi tmiem tagħhom fi ħdan il-knisja, ġewwa Iżrael, kif ukoll fin-natura. Għalhekk nistgħu ngħidu pożittivament li aħna ninsabu f`dak il-perjodu li Ġesù kien iddeskriva f`Mattew 24.

Araw wieħed mis-sinjali li jurina li kważi wasal iż-żmien tal-Miġja Tiegħu: *"Hafna jkunu mweġgħajn (offenduti)..."* (araw x`kien qal) mhux ftit, mhux naqra, imma ħafna!

L-ewwel għandna nistaqsu, "Min huma dawk li se jkunu offenduti?" Huma l-Kristjani jew is-soċjeta inġenerali? Insibu t-tweġiba hekk kif inkomplu naqraw:

*”Huwa għaliex fejn m’hawnx rispett, se jkun hawn ħafna li l-imħabba tagħhom se tibred u ssir kiesħa.”* Il-kelma Griega għat-tifsira tal-kelma *Imħabba* hija *Agape*. Hemm ħafna iktar kliem bil-Grieg għall-kelma *Imħabba* li jidhru fit-Testament il-Ġdid, imma l-iktar tnejn komuni huma *agape u phileo*.

*Phileo* tiddefinixxi l-imħabba li hemm bejn il-ħbieb. Hija mħabba ta` affezzjoni kondizzjonali. *Phileo* tgħid, *“inħokklok dahrek u inti tħokk tiegħi,”* jew *“inti titrattani tajjeb, u jiena nagħmel l-istess.”*

Mill-banda l-oħra, *agape* hija mħabba li Alla sawwab fil-qlub ta' wliedu. Hija l-istess imħabba li Ġesù jagħti b`xejn lilna lkoll. Hija bla kondizzjoni. M’hijiex ibbażata fuq xi ħaġa li nagħmlu jew inkella li għandna nirritornawha lura. Hija mħabba li tagħti allavolja tkun irrifjutata.

Mingħajr Alla, aħna nkunu nistgħu nħobbu b`imħabba egoista biss-waħda li ma tistax tiġi mogħtija jekk ma tkunx tiġi riċevuta jew mogħtija lura. Madankollu, l-imħabba *agape* tħobb allavolja ma jkolliex rispons. Din *agape* hija dik l-imħabba li Ġesù xerred meta ħafer fuq is-salib. Għalhekk “il-ħafna” li jirreferi għalihom Ġesù huma Kristjani li l-*agape* tagħhom bierdet għal kollox.

Kien hemm xi żmien meta kont nagħmel minn kollox biex nuri l-imħabba tiegħi għal ċerta persuna. Imma kien jidher li kull darba li kont nipprova nilħaq dik l-imħabba, din il-persuna kienet ittini daqqa ta` ħarta lura billi tikkritikani u titrattani ħażin. L-affarijiet baqgħu sejrin hekk għal xhur sħaħ. Ġurnata waħda jien kont xbajt.

Ilmentajt ma’ Alla. *“Issa daqshekk, xbajt... Issa int se jkollok tkellimni fuq din il-ħaġa. Kull darba li nuri l-imħabba Tiegħek lejn din il-persuna, kull ma nirċievi ġo wiċċi hija rabja!”*

Il-Mulej beda jkellimni, *"John, int għandek bżonn tiżviluppa l-fidi fl-imħabba t`Alla!"*

*"Xi trid tgħid?"* jiena staqsejt.

*" Min jiżra' f'ġismu jaħsad mill-ġisem it-taħsir."*

Huwa kompla jispjega:

***"Imma min jiżra' fl-ispirtu, jaħsad mill-ispirtu l-ħajja ta' dejjem. Ma negħjew qatt nagħmlu l-ġid; għax jekk ma naqtgħux qalbna, naħsdu fi żmienu."***

– Galatin 6:8-9

Intom għandkom tirrealizzaw li meta tiżirgħu l-imħabba t`Alla, se taħsdu l-imħabba t`Alla. Għandkom bżonn tiżviluppaw fidi fil-ħajja spiritwali-anke jekk ma tkunux se taħsduha minn ġo l-għalqa li intkom żrajtu fiha, jew inkella mhux daqshekk malajr daqs kemm tixtiequ intom.

Il-Mulej kompla jgħid, *"L-ikbar siegħa li kont fil-bżonn, l-iktar ħbieb li kelli tal-qalb abbandunawni. Ġuda ttradini, Pietru ċaħadniu l-oħrajn kollha ħarbu għal ħajjithom. Ġwanni biss segwini mill-bogħod. Jiena ħadt ħsiebhom għal tlett snin sħaħ, nitmagħhom u ngħallimhom. Iżda hekk kif jien mitt għad-dnubiet tad-dinja, jiena ħfirtilhom. Ħfirt lil kulħadd - mill-ħbieb li abbandunawni għas-suldat Ruman li sallabni. Huma ma talbux maħfra, iżda xorta jiena tajtilhom b`xejn. Jiena kelli fidi qawwija fl-imħabba ta` Missieri."*

*“Kont naf illi billi jiena kont żrajt l-imħabba jiena kont se naħsad l-imħabba mingħand ħafna wlied ir-Renju. Minħabba is-sagrifiċċju tiegħi ta` l-imħabba huma se jħobbuni.”*

***“Imma jiena ngħidilkom: Ħobbu lill-għedewwa tagħkom u itolbu għal dawk li jippersegwitawkom, biex tkunu wlied Missierkom li Hu fis-smewwiet; għax Hu jtalla’ x-xemx tiegħu sew fuq il-ħżiena u sew fuq it-tajbin, u jniżżel ix-xita sew fuq min hu tajjeb u sew fuq min m’huwiex. Għax jekk intom tħobbu lil min iħobbkom, xi ħlas jistħoqqilkom? M’hux il-pubblikani wkoll jagħmluh dan? U jekk issellmu lil ħutkom biss, xi tkunu tagħmlu żejjed? M’hux il-pagani wkoll jagħmluh dan?”***

– Mattew 5: 44-47

**Aspettattivi kbar**

Jiena rrealiżajt li l-imħabba li kont qiegħed nagħti kienet miżrugħa fl-Ispirtu, u eventwalment kont se naħsad dik iż-żerriegħa ta` l-imħabba. Ma kontx naf minn fejn, imma kont naf li l-ħsad ser jiġi. Qatt iżjed ma kont naħseb li fallejt meta l-imħabba ma kienitx tiġi rritornata lura mingħand dik il-persuna li kont tajtha. Ħelsitni biex inħobb iktar lil dik il-persuna!

Li kieku iktar Kristjani jagħrfuh dan, kieku ma jaqtgħux jieshom u jkunu offenduti. Is-soltu din mhux it-tip ta` mħabba li nimxu fiha. Aħna nimxu f`imħabba egoista li iktar tiddiżżapunta meta l-aspettattiva ma tintlaħaqx.

Jekk ikolli aspettattiva mingħand ċerti nies, dawk in-nies jistgħu jiddiżappuntawni. Se jiddiżapuntawni tant li l-aspettattivi tiegħi lejhom se jonqsu. Iżda jekk ma jkolli l-ebda aspettattiva mingħand ħadd, dak kollox li jiġi mogħti se jkun ta’ barka u mhux xi ħaġa dovuta.

Aħna npoġġu rwieħna biex niġu offenduti meta nibdew nippretendu ċerta mġieba mingħand dawk li għandna relazzjoni magħhom. Għaliex iktar ma nippretendu, iktar ser ikun il-potenzjal li nieħdu għalina-nieħdu għalina - nieħdu offiża.

## Ħitan ta' Protezzjoni?

***"Ħuk imweġġa' jsir għalik bħal belt qawwija, u l-ġlied iebes daqs bieb ta' fortizza."***

– Proverbji 18: 19

Aħwa li qiegħdin f`offiża huma iktar iebsa biex tirbaħhom minn belt iffortifikata. Bliet qawwija kien ikollhom ħitan imdawwrin madwarhom (swar). Dawn is-swar kienu l-assigurazzjoni u l-protezzjoni tal-belt. Kienu jżommu barra, nies li m'għandekx merħba bihom u invażuri. Kull entratura kienet tiġi ssorveljata. Dawk li kellhom iħallsu t-taxxa ma kienux jitħallew jidħlu qabel ma jħallsu t-taxxi. Dawk li kienu kkunsidrati bħala theddida għas-saħħa u perikolużi għal belt kienu jitħallew barra.

Aħna nibnu ħitan madwarna biex niddefendu qalbna sabiex ma jkollniex iktar weġgħat.

Aħna nibdew nagħżlu, ma nħallux jidħlu lil dawk li naħsbu li se jweġġgħuna. Niffiltraw lil dawk li naħsbu li għandhom jagħtuna xi ħaġa. Ma nħalluhomx jidħlu qabel ma jħallsu kollox. Nifttħu lil dawk biss li nemmnu li jżommu man-naħa tagħna.

Ħafna drabi dawk li naħsbu li "huma magħna" huma offenduti wkoll. Għalhekk minflok ma jkollna għajnuna, iktar inkomplu nibnu ġebel fuq il-ħajt li diġà jeżisti. Mingħajr ma nindunaw il-ħitan isiru ħabs. F'dan il-punt, mhux biss nsiru attenti għal min jidħol, iżda minħabba l-biża nispiċċaw li l-anqas noħorġu l-barra mill-fortizza li bnejna madwarna aħna stess.

Il-‘focus’ tal-Kristjani offenduti huwa fihom infushom u fl-introspettiv. Inħarsu tajjeb l-interessi tagħna u relazzjonijiet personali. L-enerġija hija kkunsmata biex inkunu ċerti li l-ebda weġgħa ma tiġi fil-futur. Jekk ma nirriskjawx li nkunu mweġġà, ma nistgħux nagħtu mħabba bla kundizzjoni. Imħabba mingħajr kundizzjoni tagħti l-jedd lil ħaddieħor biex iweġġgħana. L-imħabba ma tfittix tagħha, iżda nies li huma mweġġà jsiru iktar ifittxu għal interessi tagħhom u jżommu għalihom. F’din il-klima l-imħabba t`Alla hija kiesħa. Eżempju naturali għal dawn huma żewg ibħra li hemm f`Art Imqaddsa. Il-baħar tal-Galilea jirċievi u jagħti ilmijiet kbar b’xejn. Għandu abbundanza kbira ta` ħlejjaq, jieħu ħsieb ħut ta` kwalunkwe speċi u anke pjanti differenti. L-ilma tal-baħar tal-Galilea jinġarr mix-xmara Ġordan għall-Baħar il-Mejjet (Dead Sea). Iżda l-Baħar il-Mejjet jieħu l-ilma biss u ma jagħti xejn. Ma hemm xejn ħaj ġo fih, la ħut u lanqas pjanti. L-ilma ħaj minn tal-baħar Galilea jsir mejjet meta jitħallat ma l-ilma magħluq minn kullimkien tal-Baħar il-Mejjet. Il-ħajja ma ssostnix ruħha jekk tkun maqbuda (maħnuqa): Għandha tkun mogħtija liberament.

Għalhekk Kristjan li huwa fl-offiża huwa wieħed li jieħu l-ġewwa l-ħajja iżda minħabba l-biża’ ma jistax iħalli toħroġ il-ħajja ’l barra. B`riżultat illi, anke l-ħajja li tidħol ġo fih tiġi staġnata ġewwa l-ħitan tal-ħabs ta` l-offiża. It-Testment il-Ġdid jiddeskrivi dawn il-ħitan bħala fortifikazzjonijiet.

***"...l-armi tagħna għall-ġlied m’humiex tad-dinja; iżda għandhom il-qawwa ta’ Alla biex iġarrfu l-fortizzi. Aħna nwaqqgħu kull raġunament u kull kburija li tqum kontra l-għarfien ta’ Alla u njassru kull ħsieb għall-ubbidjenza lil Kristu".***

– 2 Korintin 10:4-5

Dawn il-fortizzi joħolqu mudell ta’ rraġunar u kull informazzjoni li tidħol tiġi proċessata minn dan ir-raġunar.Għalkemm oriġinarjament

ġew imwaqqfa għall-protezzjoni, jispiċċaw biex iservu ta' torment u tagħwiġ għaliex jiġġieldu kontra l-għarfien veru t'Alla.

Meta niffiltraw kollox mill-għajnejn ta' weġgħat tal-passat bħal meta konna irrifjutati u esperjenzi oħra, nibdew insibuha impossibli li nemmnu lil Alla. Ma jirnexxilniex nafdawh li jagħmel dak li jgħid. Nibdew niddubitaw fii-tjubija u lealta` tiegħu billi inħarsu lejh u niġġudikawh bħal ma jiġġudikaw lil-bnedmin*. Alla mhux bniedem biex jigdeb.* (Numri 23:19)*.* "*Il-fehmiet tiegħu m'humiex fehmietna, u t-triqat tiegħu m'humiex bħal triqatna."* (Iżaija 55:8-9)

Nies offenduti jkunu kapaċi jsibu passaġġi fl-Iskrittura biex jiġġustifikaw il-pożizzjoni tagħhom, imma dan m'huwiex il-veru għarbiel tal-Kelma t`Alla. L-għarfien tal-Kelma t`Alla mingħajr imħabba hija forza distruttiva għaliex timlina bil-kburija u legaliżmu (1Korintin 8:1-3). Din iġġiegħlna niġġustifikaw irwieħna minflok nindmu min-nuqqas ta' maħfra. Dan kollu joħloq atmosfera fejn aħna nkunu mqarrqa. Għaliex l-għarfien mingħajr l-imħabba t`Alla jwassal għall-qerq.

Ġesù jwissi kontra l-profeti foloz immedjatament wara l-argument li ħafna se jkunu offenduti: ***"u ħafna profeti foloz iqumu, u jqarrqu b`ħafna"*** (Mattew 24:11). Min huma l-ħafna li se jkunu mqarrqa? It-twegiba: l-offenduti li l-imħabba tagħhom saret kiesħa (Mattew 24:12).

## Profeti Foloz

Ġesù jsejjaħ lill-profeti foloz "***Ilpup lebsin ta` nagħaġ***" (Mattew 7:15). Dawn huma nies egoisti li jagħtu l-impressjoni li huma Kristjani (lebsin ta` nagħaġ) iżda għandhom il-ġewwieni tagħhom ta` lpup. L-ilpup iħobbu li jħufu ħdejn in-nagħaġ. Jinsabu fil-kongregazzjoni jew fuq il-pulptu.

Huma jiġu mibugħta mill-għadu biex jidħlu bejniethom u jqarrqu bihom. L-identita' tagħhom tinkixef mill-frott tagħhom (dak kollu li joħroġ minnhom), mhux bit-tagħlim tagħhom jew bil-profeziji. Ħafna drabi t-tagħlim ikun qawwi. Imma l-frott fil-ħajja tagħhom u fil-ministeri ma jkunx. Ministru jew Kristjan huwa f'dak li jgħix mhux f'dak li jippriedka.

L-ilpup dejjem imorru għal dawk li huma mweġġà jew għan-nagħaġ iż-żgħar, mhux għal dawk li huma f`saħħithom u qawwija. Dawn l-ilpup jgħidu lin-nies dak kollu li jridu jisimgħu, mhux dak li għandhom bżonn jisimgħu. Dawn in-nies ma jridux dutrina tajba, iridu biss lil xi ħadd jgħarxilhom widnejhom.

Ejja nħarsu lejn il-kliem li Pawlu jgħid għal ġranet ta` l-aħħar:

***"Dan għandek tkun taf: li l-aħħar tad-dinja jkun żmien iebes. Il-bnedmin jingħataw għall-imħabba tagħhom infushom u tal-flus; faħħarin, suppervi, dgħajja, ma jisimgħux mill-ġenituri; bla gratitudni, bla tjieba; bla qalb, bla ħniena, lablaba, bla rażan; kiefra, bla mħabba għat-tajjeb; tradituri, bla ħsieb, minfuħa bihom infushom; iħobbu aktar il-pjaċir milli 'l Alla; nies li jiċħdu l-qawwa tat-tjieba, minkejja li minn barra jagħmluha ta' tajbin. Nies bħal dawn aħrabhom."***

– 2 Timotju 3:1-5

***"Għax għad jiġi żmien meta għat-tagħlim tajjeb ma jibqgħalhomx sabar, iżda widnejhom jikluhom u jiġbru madwarhom qabda mgħallmin skond ma jixtiequ u jwarrbu widnejhom mis-sewwa biex jiġġerrew wara l-ħrejjef."***

– 2 Timotju 4: 3-4

Innutaw kif huma jkollhom dehra ta` tjubija jew ta` "Kristjanità," iżda jiċħdu l-qawwa tagħha. Kif jistgħu jiċħdu l-qawwa tagħha? Huma jiċħdu li l-Kristjanità tista' tbiddilhom minn nies li m'għandhomx maħfra għal nies li jaħfru. Huma jiftaħru li jsegwu lil Ġesù u jxandru l-esperjenza tat-twelid mill-ġdid iżda dak li jiftaħru bih ma ħallewhx jibdlilhom qalbhom biex joħroġ fihom il-karattru ta` Ġesù.

## Informazzjoni Ġenerali

Pawlu seta' jara profetikament illi dawn l-irġiel u nisa mqarrqa kien se jkollhom żelu għall-għarfien imma jibqgħu ma jinbidlu qatt għax ma japplikawhx f'ħajjithom. Hu jiddiskrivihom bħala ***"dejjem lesti biex jitgħallmu, imma li qatt ma jseħħilhom jaslu biex jagħrfu l-verità."*** (2 Timotju 3:7).

Kieku Pawlu kien għadu ħaj illum, kien iħossu wisq imnikket għax kien jara li dak li kien qal qiegħed iseħħ. Kien jara ħafna rġiel u nisa jattendu laqgħat, seminars u laqgħat tal-knisja, jiġbru kwantità kbira ta`għerf mill-Iskrittura. Kien jarahom ifittxu "revelazzjonijiet ġodda" biex iktar jgħixu ħajja ta`egoiżmu u ħajja mimlija suċċess. Kien jara ministri jieħdu lil xulxin fil-qrati għal "kawżi ġusti."

Kien jara publikazzjonijiet Kristjani u xandir fuq ir-radju jattakkaw irgiel u nisa t`Alla b`isimhom. Jara wkoll kariżmatiċi jiġru minn knisja għal knisja biex jaħarbu l-offiża, u kollha jxandru l-qdusija ta` Ġesù meta huma lanqas biss jistgħu jaħfru. Pawlu kieku kien jibki u jgħajjat, *"Indmu u nħelsu mill-qerq, ja ġenerazzjoni ta` egoisti u ipokriti!"*

Ma jimpurtax kemm inti nfurmat bl-aħħar revelazzjonijiet minn dawk is-seminars u skejjel tal-Bibbja li tattendi jew inkella minn kemm il-ktieb qrajt jew kemm il-siegħa tagħmel titlob u tistudja.

Jekk inti offendut u qiegħed fi stat li ma tagħtiex maħfra u tirrifjuta li tindem minn dan id-dnub, inti għadek ma wasaltx għall-għarfien tal-verita`. Inti ġejt imqarraq, u qiegħed tħawwad lil ħaddieħor bil-ħajja ta` ipokrita li qiegħed tgħix. Ma jimpurtax x`inhi r-revelazzjoni, il-frott tiegħek jgħid storja differenti. Inti se tkun nixxiegħa li titfa' ilma qares li jġib qerq, u mhux verita'.

## It-Tradiment

***"U jkun hemm ħafna li jitfixklu, li jittradixxu lil xulxin u jinbagħdu bejniethom."***

– Mattew 24:10

Ejjew neżaminaw ftit dan l-argument. Jekk inħarsu sewwa nistgħu naraw avvanz. Offiża twassalna għat-tradiment. U tradiment iwassalna għal mibegħda.

Kif għidna qabel, nies li jkunu offenduti jibnu ħajt għall-protezzjoni. Il-mira tagħna ssir il-preservazzjoni tagħna nfusna. Irridu nkunu protetti u mingħajr periklu akkost ta` kollox. Din tagħmilna suxxettibli għat-tradiment. Meta nitradixxu, aħna nfittxu l-protezzjoni tagħna nfussna jew inkella li nibbenefikaw akkost jew detriment ta` ħaddieħor li normalment ikun ma dawk li diġa għandna relazzjoni magħhom.

Għalhekk, it-tradiment fis-saltna t`Alla jiġi meta wieħed li jemmen, ifittex il-benefiċċji u l-protezzjoni tiegħu għad-detriment ta' xi ħadd ieħor li jemmen bħalu. Iktar ma r-relazzjoni tkun qrib, iktar aħrax se jkun it-tradiment. **Li tittradixxi lil xi ħadd huwa l-ikbar u l-aħħar abbandun tal-patt.** Meta jseħħ it-tradiment, ir-relazzjoni tkun inkissret u ma tistax terġa tiġi rrestawrata jekk ma jkunx hemm indiema ġenwina.

Tradiment imbagħad iwassal għal mibgħeda b`konsegwenzi serji ħafna.

Il-Bibbja tgħid ċar u tond jekk xi ħadd jobogħod lil ħuh huwa qattiel u li ebda qattiel ma għandu ġo fih il-ħajja eterna. (Ara 1Ġwanni 3:15.)

Kemm hu ta` swied il-qalb li nsibu eżempju wara eżempju ta` offiża, tradiment u mibgħeda llum fost dawk li jemmnu. Hija ħasra li ġo djarna u ġol-knejjes tagħna hija kkunsidrata normali mġieba bħal din. Tant aħna xxukkjati u mnikkta meta naraw ministri jieħdu ministri oħra l-qorti.

M'għandniex inkunu sorpriżi meta koppji Kristjani jffitxu bil-liġi wieħed lill-ieħor għad-divorzju. Qasmiet fil-knejjes huma komuni. Il-politika tal-ministeri hija waħda kbira. Jaħbuha billi jgħidu li hi għall-interess tas-Saltna jew tal-knisja.

"Kristjani" qiegħdin jipproteġu d-drittijiet tagħhom. Ikunu żguri li ma jkunux ittrattati ħażin jew li Kristjani oħra jieħdu vantaġġ fuqhom. Insejna t-twiddib tal-patt il-ġdid?

***"U mhux ġa nuqqas għalikom li jkollkom kawżi bejnietkom? L-għala ma ssofrux l-inġustizzja? L-għala ma tagħżlux li tħallu min iqarraq bikom?"***

– 1 Korintin 6:7

Insejnieh kliem Ġesù?

***"Imma jiena ngħidilkom: Ħobbu lill-għedewwa tagħkom, u itolbu għal dawk li jippersegwitawkom."***

– Mattew 5:44

Insejnieh il-Kmand li tana Alla?

***"Tagħmlu xejn b'pika ta' partit, anqas għall-ftaħir fieragħ; imma kunu umli u kull wieħed minnkom iqis lill-ieħor aħjar minnu."***

– Filippin 2:3

Għalfejn ma ngħixux b`dawn il-liġijiet ta` l-imħabba? Għalfejn aħna daqshekk ħfief biex nittradixxu, milli pjuttost nagħtu ħajjitna għal ħaddieħor, anke għar-riskju li nkunu ngannati?

Ir-raġuni: l-imħabba tagħna hija kiesħa, b`rizultat li għadna nfittxu li nipproteġu rwieħna. M'aħniex aktar kunfidenti li nħallu rwieħna f'idejn Alla u qiegħdin nieħdu ħsieb tagħna nfusna.

Meta Ġesù kien ittrattat ħażin, Hu ma vvendikax lilu nnifsu lura, imma kkommetta ruħu u ħalla f'idejn Alla, li jiġġudika b'mod ġust. Aħna avżati sabiex nimxu fil-passi tiegħu.

***"Għal dan intom kontu msejjħa għax Kristu wkoll bata għalikom u ħallielkom eżempju biex timxu fuq il-passi tiegħu."***

***"Hu li ma kien għamel ebda dnub, u ebda qerq ma nstab f'fommu meta għajjruh ma weġibx bit-tagħjir; meta bata ma heddidx imma ħalla f'idejn l-Imħallef ġust."***

– 1Pietru 2: 21-23

## Dak li jagħmel kollox possibbli

Aħna għandna niġu fil-post fejn nafdaw lil Alla u mhux il-ġisem. Ħafna jagħtu servizz tax-xufftejn lil Alla bħala s-sors, iżda xorta jgħixu bħala ltiema. Jieħdu ħajjithom f`idejhom waqt li xorta jistqarru b`ħalqhom *"Hu l-Mulej tiegħi u Alla tiegħi."*

Bħalissa diġà ndunajtu kemm hu serju d-dnub ta` l-offiża. Jekk ma tieħux ħsieb, l-offiża, fl-aħħar twasslek għall-mewt. Imma meta tirreżisti t-tentazzjoni li tkun offendut, Alla jġiblek vittorja kbira.

**LI KIEKU X-XITAN KIEN JISTA'**

**JIDDISTRUĠĠINA META JIXTIEQ HU,**

**KIEKU DIĠÀ QERIDNA GĦAL KOLLOX**

**ŻMIEN TWIL ILU.**

"Qabel ma qrajt il-ktieb kont wasalt fi stat li ma kelli l-ebda komunikazzjoni m`Alla. Jiena kont salvat, imma kien hemm xi ħaġa bejni u bejn Alla li ma kienitx sew. Kont naf illi n-nuqqas ma kienx min-naħa ta`Alla, imma jien ma kontx naf x'inhi l-problema.

Darba kont id-dar ta` ħabiba tiegħi, u kellha l-ktieb *il-Lixka ta' Satana* ta` John Bevere. Jiena ħadtu d-dar miegħi u bdejt naqrah; ma stajtx inneħħieh minn idejja. Kellu fih dilka ta` l-Ispirtu s-Santu tant kbira li l-ispirtu tiegħi beda jieklu kollu. Meta kont wasalt f`nofs il-ktieb, f'daqqa waħda ndunajt li l-ħaġa li kienet fin-nofs tar-relazzjoni bejni u bejn Alla kien l-ispirtu ta` l-offiża."

-- C.C., GEORGIA

3

# KIF JISTA' JIĠRI LILI?

***"Ġużeppi qalilhom: "La tibżgħux, jaqaw jien flok Alla? Jekk intom ġibtuli fuqi d-deni, Alla bidlu fil-ġid, biex iżomm ħajja kotra ta' ġnus, bħalma huma llum."***

– Ġenesi 50: 19-20

Fl-ewwel kapitlu qsammna n-nies offenduti f`żewġ kategoriji: (1) dawk li kienu veru ttrattati ħażin u (2) dawk li jaħsbu li kienu ttrattati ħażin imma ma kienux.

F`dan il-kapitlu nixtieq nitkellem fuq dawk ta` l-ewwel kategorija.

Ejjew nibdew billi nsaqsu mistoqsija: *"Jekk veru kontu maltrattatti, għandkom id-dritt li tkunu offenduti?"* Għat-tweġiba ejjew inħarsu lejn it-tifel favorit ta` Ġakobb, Ġużeppi. (ara Ġenesi 37-48)

## Il-Ħolma ssir tal-Biża

Ġużeppi kien il-ħdax-il wieħed minn ulied Ġakobb. Kien immaqdar minn ħutu l-kbar kollha għaliex missierhom kien iħobb lilu l-aktar u missieru kien jiffavorrixih u għażlu, billi tah 'coat' ta` ħafna lwien. Alla ta lil Ġużeppi żewġ ħolmiet. Fl-ewwel waħda kien ra qatgħet tat-tiben marbutin ġo għalqa. Il-qatta' tiegħu qamet bil-wieqfa waqt li l-qatgħet ta` ħutu kollha bdew jitmejlu lejn tiegħu. Fit-tieni ħolma hu ra x-xemx u l-qamar, u ħdax-il stilla (li jirrapreżentaw lill-missieru, lil ommu, u lil ħutu) kollha jitmejlu lejh. Meta qal lil ħutu dawn il-ħolm, m'għandniex għalfejn ngħidu, li ma kienux entużjasti bħalu.

Huma saru iktar jobgħoduh.

Ftit wara, l-għaxar ħutu l-kbar marru jirgħu l-merħliet ta` missierhom ġo l-għelieqi. Ġakobb bagħat lil Ġużeppi biex jara kif kienu sejrin ħutu. Meta ħutu l-kbar raw lil Ġużeppi riesaq, bdew jikkonfoffaw kontra tiegħu, jgħidu:

***"Hawn hu, ġej dak li jgħix fil-fantasija! Ejjew noqtluh! Imbagħad naraw x`isir mill-ħolm tiegħu! Hu jgħid li se jkun kmand fuqna. Ħallieh jipprova jikkmandana meta jkun mejjet!"***

Għalhekk huma tefgħuh ġo bir biex imut hemm. Ħadulu l-libsa u qattugħha, u ċapsuha bid-demm ta` l-annimali biex jikkonvinċu lil missierhom li kieluh l-annimali selvaġġi.

Wara li tefguh fil-bir, madankollu, raw karavan ta` Ismagħlin fi triqthom lejn l-Eġittu. U Ġuda qal lil ħutu:

***"Stennew ftit aħwa. X`jiswa li noqtluh, jew inħalluh jispiċċa ġol- bir, m'aħna se nieħdu xejn minnu. Ejjew nagħmlu xi ħaġa tal-flus minnu u nbiegħuh. Hu jkun qisu mejjet u qatt iktar ma jkun ta` xkiel għalina. U hekk kollha kemm aħna naqsmu l-flus li nieħdu minnu".***

Għalhekk huma biegħu lil Ġużeppi għal għoxrin biċċa tal-fidda. Ġużeppi kien offendihom, għalhekk huma ttradewh, ħadulu l-wirt kollu u anke l-familja. Żommu f`moħħkom li dawn huma ħutu li għamlu hekk-ta' l-istess missier, u ta' l-istess demm u laħam.

Issa bħala Amerikani u Ewropej il-kultura tagħna hija ħafna differenti, tant li nsibuha ħafna diffiċli biex nifhmu kemm kienet severa

dik li għamlu dawn in-nies. L-unika ħaġa li kienet tkun agħar minn hekk kienet tkun li kieku qatluh. Fi żminijiet bibbliċi kien importanti ħafna li jkollok ulied subien. Ir-raġel kien imexxi l-isem ta` missieru u jieħu l-eredita` kollha u mhux il-bniet. L-aħwa ta` Ġużeppi waqfuh milli jieħu isem missieru u l-eredita` li kienet tmiss lilu. Huma ħassru ismu għal kollox. Neżżawh għal kollox minn kull identita` li kellu. Kull ma kien familjari għal Ġużeppi kien spiċċa għal kollox.

Meta persuna kien ikun mibjugħ fil-jasar ġo pajjiż ieħor, kien jibqa' ilsier sakemm ma jmut. Il-mara li kien jiżżewweġ kienet tkun ilsiera wkoll, u anke l-ulied li kien ikollu kienu jkunu lsiera!

Kien ikun diffiċli li titwieled ilsier, imma ikun ħafna iktar agħar li titwieled eredi ta` ħafna flus, b`futur kbir quddiemek u f'daqqa waħda titlef dan kollu. Kien ikun ħafna aħjar li kieku Ġużeppi qatt ma kien jaf x`seta' kien. Kien qisu raġel mejjet li kien qiegħed jgħix. Jiena żgur li kien imħajjar biex jaħseb li aħjar kien ikun għalih li kieku ħutu qatluh milli ħallewh hekk. Il-punt hu li kull ma għamlu l-aħwa ta` Ġużeppi kien ħażin u krudili.

## Il-ġrajja mgħarbula sew wara li seħħet

Hekk kif intom taqraw dan ir-rakkont ta` l-istorja ta` Ġużeppi, probabbli diġà tafu kif spiċċat. Hija verament storja li tagħtik sens ta' ispirazzjoni meta tkun taf kif spiċċat. Imma din mhux kif esperjenzaha Ġużeppi. Kien jidher li qatt mhu se jara lil missieru iżjed, jew li se jseħħ dak il-ħolm li tah Alla. Kien skjav ġo art barranija. Ma setgħax iħalli lill-Eġittu. Kien il-propjeta' ta` raġel ieħor għal ħajtu kollha.

Ġużeppi kien mibjugħ lil raġel li kien jismu Potifar, uffiċjal ta` Fargħun u kaptan ta' l-għassiesa. Ġużeppi kien ilu għaxar snin sħaħ skjav.

F`dak iż-żmien kollu qatt ma semà aħbar mingħand il-familja tiegħu u kien jaf li missieru kien jaħseb li hu jinsab mejjet. Il-ħajja ta' familtu kienet għaddejja mingħajru u Ġużeppi ma kellu ebda tama li missieru kien se jiġi jeħilsu.

Hekk kif beda għaddej iz-żmien, Ġużeppi sab favur mingħand sidu u kien stmat tajjeb ħafna.

Imma għalkemm kollox kien sejjer tajjeb, xi ħaġa ħażina ħafna kienet qiegħda tinħema minn taħt fil-mara ta`sidu. Kienet qiegħda tixxennaq għalih u riedet tikkommetti adulterju miegħu. Kienet tipprova twaqqgħu kuljum, u hu kull darba jirrifjuta. Darba waħda kienet waħeda miegħu ġewwa d-dar u qabditu u nsistiet li jmur magħha. Hu rrifjuta u telaq jiġri l-barra u ħalla t-toga warajh ġo jdejha. Meta għamel hekk hija ħassitha diżonorata u bdiet twerżaq, "stupru!" Potifar ġielgħom jitfgħu lil Ġużeppi ġewwa l-ħabs tal-Fargħun.

Issa l-ħabs tal-Fargħun ma kien xejn bħal ħabsijiet ta` l-Amerika. Jiena amministrajt ħafna ġol-ħabsijiet u għalkemm m'huwiex ta` gost u pjacir, il-ħabsijiet t`hawn huma klabbijiet mill-aqwa meta tqabbilhom ma' dawk il-ħabsijiet ta` taħt l-art tal-Fargħun. La xemx, jew post ta' rekreazzjoni. Kull ma kienu kmamar imħaffrin taħt l-art jew bħal ħofra bla arja u sħana. Kundizzjonijiet kienu jvarjaw minn krudili għal diżumani. Il-priġunieri riedu jgħixu fuq naqra ħobż u ilma "ta` l-għaks" (1Slaten: 22-27).

Kienu jingħataw ħobż u ilma biex jgħixu biss sabiex huma jsoffru. Skond Salmi 105:18, *"lil dan saqajh rabtulu bil-ktajjen; kien imdawwar bil-ħadid."* Saqajn Ġużeppi kienu marbutin bil-ktajjen u kien tpoġġa ħemm biex imut.

Kieku kien Eġizzjan, kien ikollu xi ftit tama li jinħeles, imma billi kien skjav barrani, akkużat bi stupru, kellu ftit jew xejn tama. L-affarijiet ma setgħux ikunu agħar minn hekk. Ġużeppi kien spiċċa tant fil-baxx li l-unika ħaġa inqas baxxa minn hekk kienet il-mewt.

Tistgħu tisimgħu l-ħsibijiet tiegħu ġo dak il-ħabs taħt l-art, imxarrab u mudlam?

Jiena servejt lis-sinjur tiegħi bl-onesta` kollha u bl-integrita' għal aktar minn għaxar snin. Kont iktar fidil lejh minn martu stess. Kont fidil lejn Alla u lejn is-sinjur, kuljum naħrab mill-immoralita' sesswali. X`kien il-premju? Kamra taħt l-art!

Jidher li iktar ma nipprova nagħmel dak li hu tajjeb, iktar qiegħed jiġini kollox ħażin! Kif jista' Alla jippermetti li jsir hekk? Jistgħu ħuti jisirquli dak kollu li jien ġejt imwiegħed minn Alla? Għalfejn Dak il-Majestuż Alla tal-patt ma daħalx għalija u salvani? Dan huwa l-mod kif Alla mimli fedeltà u mħabba, jitratta lil dawk li jservuh? Għalfejn jien? X`għamilt biex jistħoqqli hekk? Kull ma għamilt kien li ħsibt li dak li smajt kien ġej minn Alla.

Jien żgur li hu ġġieled ma' dawn il-ħsibijiet u oħrajn simili tagħhom.

Kellu limitu żgħir ħafna ta` liberta' f`ħajtu, imma xorta kellu d-dritt jagħżel ir-risposta għal dak kollu li ġralu. X`kien se jagħmel? Joffendi ruħu u jkun imqarras għal ħutu u eventwalment għal Alla wkoll? Se jaqta' qalbu minn dawk il-wegħdiet, tant li ma jibqgħalux inċentiv biex jgħix?

## Alla huwa fil-kontrol?

Nimmaġina li qatt ma għaddiet minn moħħ Ġużeppi sakemm ma għadda kollox, li dan kien proċess t'Alla sabiex jippreparah ħalli jkun jista' jiggverna. Kif kien se juża l-awtorita' fuq ħutu li kienu ttradewh? Ġużeppi kien qiegħed jitgħallem l-ubbidjenza b`dak kollu li ġarrab. Ħutu kienu kollha strumenti ikkontrollati b'mod professjonali f`idejn Alla. Tgħid Ġużeppi kien ħa jżomm iebes mal-wegħda, u jfittex lil Alla għall-iskop tagħha?

Forsi meta Ġużeppi kellu l-ħolm, rahom bħala konferma tal-favuri fuq ħajtu. Kien għadu ma tgħallimx li l-awtorità tiġi mogħtija biex isservi u mhux biex tinqata' għalik. Xi kultant f`dawn il-perjodi li nkunu qiegħdin niġu ttrenjati, aħna niffokaw biss fuq kemm hu impossibli li nirnexxu fiċ-ċirkostanzi li nkunu qiegħdin fihom milli fil-qawwa t`Alla. Minħabba f`hekk inkunu skoraġġuti, u jkollna bżonn li nwaħħlu f`xi ħadd, għalhekk infittxu lil dak ix-xi ħadd li naħsbu li huwa responsabbli għad-disperazzjoni tagħna. Meta naffaċjaw il-fatt li Alla seta' jevitalna t-tgerfix kollu tagħna, u m'għamiliex – ħafna drabi nwaħħlu fiH.

Din il-ħaġa kompliet tberren ġo moħħ Ġużeppi: *"Jiena għext skont il-ftehim ta` kif naħseb li riedni Alla. Ma dnibtx, la kontra l-liġi u lanqas kontra n-natura tiegħu. Kull ma kont qiegħed nagħmel kien li nirrepeti l-ħolma li Alla stess kien tani. U x`kien ir-riżultat? Ħuti ttradewni, u jiena ġejt mibjugħ bħala skjav! Missieri jaħseb li jien mejjet u qatt mhu se jiġi l-Eġittu biex isibni."*

Għalih il-qofol ta' dak kollu li ġralu kien ħutu. Huma kienu l-forza li tefgħuh ġo dak il-ħabs. Forsi kien joqgħod jaħseb kif l-affarijiet kienu se jinbidlu hekk kif kien ikollu s-setgħa, meta Alla jpoġġieh fil-

pożizzjoni ta` l-awtorità li kien ra fil-ħolm li kellu. Kif kollox kien ikun differenti li kieku ħutu ma ħassrulux il-futur kollu tiegħu.

Kemm il-darba nisimgħu lil ħutna, li jaqgħu fl-istess nasba li jwaħħlu f`xi ħadd? Per eżempju: *"Li kieku ma kienx minħabba marti kieku kont inkun fil-ministeru. Hi żammitni lura u telfitni ħafna minn dak li kont ħlomt li nagħmel".*

*"Li kieku ma kienx minħabba l-ġenituri tiegħi, kieku kien ikolli ħajja normali. Kollu tort tagħhom li ninsab fejn jien illum. Kif oħrajn għandhom ġenituri normali u jien le? Li kieku ommi u missieri ma ddivorzjawx kieku kont inkun ħafna aħjar fiż-żwieġ tiegħi."*

*"Li kieku ma kienx minħabba l-mexxej spiritwali tiegħi li żammni lura minn dan id-don li għandi kieku jien ħieles u mingħajr xkiel ta` xejn. Hu li żammni biex ma nkomplix sa l-aħħar id-destin tiegħi tal-ministeru. Huwa dawwar in-nies tal-knisja tagħna kontra tiegħi."*

*"Minħabba r-raġel li kelli, li jiena u t-tfal għandna dan l-inkwiet finanzjarju kollu." "Kieku ma kienx minħabba dik il-mara fil-knisja kieku jiena għadni l-favorita tal-mexxejja tiegħi. Bil-paroli żejjed tagħha, qerditli kull tama li kelli biex inkun irrispettata."*

Il-lista hija bla tmiem. Huwa iktar faċli li twaħħal f`ħaddieħor għall-problemi kollha li għandek u timmaġina kemm tkun aħjar il-ħajja kieku ma kellekx lil dawk ta` madwarek. Inti taħseb li taf li d-diżappunti u l-weġgħat tiegħek huma kollu tort tagħhom.

Nixtieq inkompli nagħfas fuq dan il-punt: *bl-aktar mod assolut, ebda raġel, mara, tifel jew tifla jew inkella xitan ma jista' joħorġok mir-rieda tiegħek ma' Alla! Ħadd. Alla biss għandu d-destin tiegħek f`idejh.*

L-aħwa ta` Ġużeppi, ippruvaw qatieħ biex jeqirdu l-viżjoni li Alla kien tah. Huma ħasbu li telfuhielu lil Ġużeppi. Huma stqarru b`fommhom stess:

***"Issa ejjew ħa noqtluh u nixħtuh ġo xi bir u mbagħad ngħidu li xi bhima selvaġġa kilitu, u naraw x'jiswielu l-ħolm kollu tiegħu."***

– Ġenesi 37:20.

Huma riedu jeqirduh akkost ta` kollox. Ma kienx bi żball. Kien għal tal-apposta! Ma riedu jħallu ebda opportunità li hu qatt jirnexxi.

Issa intom taħsbu, li meta huma biegħuh bħala skjav, Alla ħares lejn l-Iben u l-Ispirtu Santu u qal, *"Issa x`se nagħmlu? Araw naqra x`għamlu l-aħwa ta` Ġużeppi. Issa rvinaw il-pjanijiet li kellna għal Ġużeppi. Aħjar naħsbu f'xi ħaġa oħra malajr! Għandna xi pjan alternattiv ieħor?"*

Ħafna Kristjani jirrispondu b'tali mod għas-sitwazzjoni ta` kriżi, daqs li kieku jiġri hekk fil-Ġenna. Tistgħu timmaġinaw lill-Missier jgħid lil Ġesu, *"Ġesù, Jimmy għadu kemm tkeċċa mix-xogħol għaliex wieħed Kristjan bħalu gideb fuqu. Issa x`se nagħmlu? Għandek xi pożizzjoni miftuħa għalih hemm isfel?"* Jew inkella, *"Ġesù, Sally għandha erbgħa u tletin sena u għadha ma żżewwġitx. Għandek xi ġuvni tajjeb għaliha hemm isfel? Dak ir-raġel li xtaqta tiżżewweġ, iżżewweġ lill-ħabiba tagħha, għax gidbet fuqha u dawret lill-qalbu kontriha."*

Tinstema' assurda, il-mod ta' kif aħna naġġixxu jinsinwa li dan huwa l-mod ta' kif aħna nħarsu lejn Alla.

Ejjew naraw kif Ġużeppi kien iġib ruħu fil-knejjes tagħna llum. Kieku kien bħal ħafna minna, tafu kieku x`kien ikun qiegħed jagħmel? Jikkomplotta vendetta. Kien jikkonsla bi ħsibijiet bħal dawn, *"Meta naqbadhom taħt idejja, noqtolhom. Noqtolhom għal dak kollu li għamluli. Żgur li jpattuha qares."*

Iżda kieku Ġużeppi veru kellu din l-atitudini, kieku Alla żgur li kien iħallieh ġo dak il-ħabs biex jitmermer hemm! Dak għaliex kieku ħareġ mill-ħabs b`dak il-ħsieb, kieku kien jaqta' ras ta` għaxar tribu' minn dawk it-tnax-il tribu` ta` Iżrael. Dak kien jinkludi wkoll lil Ġuda, il-linejaġġ li Kristu ħareġ minnu.

Iva, dawk li trattaw lil Ġużeppi hekk ħażin kienu kollha l-patrijarki ta` Iżrael! U Alla kien wiegħed lil Abraham li huma kellhom iwelldu nazzjon. Minnhom eventwalment kellu jitwieled Sidna Ġesù! Ġużeppi baqa' mingħajr offiża, u l-pjan t`Alla ġie stabbilit fil-ħajja tiegħu u wkoll fil-ħajja ta' l-aħwa kollha tiegħu.

## Tista' Tkun Agħar Minn Hekk?

Il-ħabs kien żmien ta`għażla għal Ġużeppi, imma kien ukoll żmien ta` opportunita`. Kien hemm żewġ ħabsin ma' Ġużeppi, u t-tnejn kellhom ħolm li kienu vividi ħafna u disturbanti. Ġużeppi fisser il-ħolm ta`dawn it-tnejn b`eżatezza tal-għaġeb. Wieħed mill-irġiel kellu jerġa' jieħu lura l-poter waqt li l-ieħor kellu jiġi maqtul. Ġużeppi qal lil dak li kien se jirritorna lura biex jiftakar fih meta jirbaħ il-favuri tal-Fargħun. Ir-raġel reġa' rritorna fis-servizz tal-Fargħun imma għaddew sentejn minn dak iż-żmien, mingħajr ma sema' ebda kelma mingħandu. Kienet stennija oħra ħażina għal Ġużeppi, u kienet opportunita' oħra biex ikun offendut.

## Alla dejjem għandu pjan

Wasal iż-żmien li l-Fargħun kellu ħolma allarmanti. Ħadd minn dawk li kienu jagħmlu l-maġija jew min-nies għorrief, kif kienu jsibuhom dak iż-żmien, ma seta' jagħti spjegazzjoni ta' dik il-ħolma. Kien dak il-ħin li dak li kien ġie mreġġa' f'postu mal-Fargħun ftakar f`Ġużeppi. Huwa qasam magħhom kif Ġużeppi kien interpreta eżatt il-ħolma tiegħu u tal-ħabib tiegħu fil-ħabs. Ġużeppi nġab quddiem il-Fargħun, u dan qallu x`kienet tfisser il-ħolma-kien ġej ħafna ġuħ-u bl-għaqal li kellu, qallu kif għandu jipprepara għal din il-kriżi. Il-Fargħun poġġa' immedjatament lil Ġużeppi bħala t-tieni fil-kmand fuq l-Eġittu kollu. Ġużeppi, bl-għerf kollu li kien tah Alla, ipprepara lill-pajjiż għall-ġuħ kbir li kien ġej.

Wara, meta waqa' l-ġuħ fuq in-nazzjonijiet magħrufa kollha ta`madwar l-Eġittu, l-aħwa ta` Ġużeppi kellhom imorru l-Eġittu għall-għajnuna.

Kieku Ġużeppi kien żamm xi ħaġa ġo qalbu kontra ħutu, kien ikun il-mument opportun sabiex iwettqu. Seta' tefagħhom fil-ħabs, għal għomorhom jew inkella biex jittorturahom u anke joqtolhom u żgur li ma kienux iwaħħlu fih għaliex hu kien it-tieni fil-kmand tal-Eġittu. Il-Fargħun ma kien jimpurtah xejn mill-aħwa ta` Ġużeppi. Imma Ġużeppi spiċċa biex tahom il-qamħ b`xejn, bla ħlas. Wara ġew mogħtija l-aħjar art li kien hemm ġo l-Eġittu għalihom u għall-familji kollha tagħhom, u huma kielu l-aħjar ikel li kien hemm minn ta` l-art. Biex taqqgħad kollox, l-aħjar art li kien hemm ġewwa l-Eġittu ġiet mogħtija lilhom. Ġużeppi spiċċa biex bierek lil dawk li seħtuh, u għamel il-ġid lil dawk li bagħduh.(Ara Mattew 5:44).

Alla kien jaf x`kienu se jagħmlu l-aħwa ta` Ġużeppi minn qabel. Anzi l-Mulej kien jaf minn qabel ma ta dak il-ħolm lil Ġuzeppi, x`kien se jiġri u anke minn qabel ma twieldu dawk is-subien. Biex nitilgħu tarġa oħra, araw x`qal Ġużeppi lil ħutu meta ingħaqdu miegħu. *"U issa la tagħlux u la*

*tinkeddux għax begħtuni għal hawn, għax biex tibqgħu ħajjin intom, Alla bagħatni hawn qabilkom. Ilu sentejn jaħkem il-ġuħ fuq l-art, u għad fadal ħames snin oħra, u ma jkunx hemm la ħrit u lanqas ħsad."*

***"U Alla bagħatni qabilkom biex inħallilkom fdal fuq l-art, u jżomm ħaj bikom kotra kbira ta' meħlusin. Mela, mhux intom bgħattuni hawn, imma Alla, u Hu għamel minni missier il-Fargħun, sid daru kollha, u gvernatur fuq l-art kollha ta' l-Eġittu."***

– Ġenesi 45: 5-8,

Araw x`qal is-salmista:
***"Mbagħad bagħat il-ġuħ fuq l-art, qerdilhom il-qamħ minn wiċċ ir-raba' tagħhom. Kien bagħat qabilhom raġel, 'il Ġużeppi, mibjugħ bi lsir."***

– Salmi 105:16-17

Min bagħat lil Ġużeppi hemm? Ħutu jew Alla? Minn ħalq ta` żewġ xhieda naraw li kien Alla li bagħtu. Ġużeppi qalilhom ċar u tond lil ħutu, *"mhux intom kontu li bgħattuni."* Isimgħu l-Ispirtu x`kien qiegħed jgħid!

Kif diġà għidna, l-ebda raġel normali jew xitan ma jista' jaqbeż il-pjan li għandu Alla għal ħajja tiegħek. Jekk tifhem sewwa din il-verita', tkun meħlus. Persuna waħda biss tista' ttelfek mir-rieda t`Alla f'ħajtek, u dik il-persuna hija inti stess!

Ikkonsidraw it-tfal ta` Iżrael. Alla bagħat wieħed biex jeħlishom, Mose`, biex joħroġhom il-barra mill-ħakma ta` l-Eġizzjani għall-art li kienet imwegħeda lilhom. Wara li kienu ilhom sena li kienu fid-deżert, xi mexxejja ġew mibgħuta biex jitkixxfu fuq dik l-art. Huma rritornaw igergru. Kienu beżgħana min-nies li kienu ġo dik l-art li kienu akbar u aktar qawwija militarjament.

In-nies kollha, barra Ġożwè u Kaleb, qablu ma' dawn il-mexxejja. In-nies qablu li Alla ġabhom hemm biex imutu. Kienu offiżi ma' Mose` u m'Alla. Din il-ħaġa kienet ilha ġejja aktar minn sena. L-offiża tagħhom kienet ġejja minn ġenerazzjoni illi kienu jaħsbu li qatt ma kienu sejrin jaraw l-art li kienet imwegħda lilhom sabiex joħduha.

Ħafna nies iservu lil Alla b'fervur kbir u xorta jaffaċjaw sitwazzjonijiet diffiċli f'ħajjithom għaliex jiġu trattati ħazin min-nies ħziena jew Kristjani karnali. Il-verita' hi li huma ġew trattati inġustament. Iżda li tiġi offendut hija l-unika ħaġa li tista' tagħmel biex l-għadu jirbaħ, u biex ma tibqax fir-rieda t`Alla.

Jekk inti tibqa' mingħajr offiża, se tibqa' fir-rieda t`Alla. Jekk toffendi ruħek se tkun mjassar mill-għadu biex tagħmel dak kollu li jrid u jixtieq Hu. L-għażla hija tiegħek. Huwa aktar ta' benefiċju għalik li tibqa mingħajr offiża.

Għandna niftakru, li xejn ma jista' jiġi kontrina mingħajr ma l-Mulej ikun jaf minn qabel ma l-ħaġa sseħħ. Kieku x-xitan jista' jeqridna meta jixtieq hu, kieku ilu li qeridna żmien twil ilu, għaliex huwa jobogħod il-bniedem b`passjoni qawwija. Dejjem żommu dan il-kliem quddiemkom.

***"S'issa ebda tiġrib ma laħaqkom li bniedem ma jiflaħx għalih; Alla hu fidil u ma jħallikomx tiġġarrbu aktar milli tifilħu; jaħseb li mat-tiġrib jagħtikom il-qawwa u l-għajnuna biex tkunu tifilħu għalih."***

– 1 Korintin 10:13

Alla diġa ra kull ċirkostanza li se niltaqgħu magħha—irrelevanti kemm hi kbira jew żgħira - u Hu għandu t-triq ippjanata ta' kif tista' taħrabha. U aktar eċitanti hi, l-aktar ħaġa li tidher li se ttemm il-pjan t`Alla eventwalment tkun it-triq li twassalna biex nwettqu kollox, jekk aħna nobdu u ma noffendux ruħna. Għalhekk ftakru: ibqgħu leali lejn Il-Mulej billi ma tiġux offenduti; irreżistu lix-xitan u hu jaħrab minnkom (Ġakbu 4:7).

Aħna nirreżistu lix-xitan billi ma niġux offenduti. Il-ħolma jew viżjoni probabbli se sseħħ b'mod differenti milli naħsbu, imma l-Kelma u l-wegħdiet tiegħu ma jonqsux żgur. L-unika ħaġa li twaqqafna minnhom hija d-diżubbidjenza tagħna.

## Tip ieħor ta' Tradiment

Mhux ħafna huma dawk li soffrew it-trattament li rċieva Ġużeppi minn ħutu. Ma kienitx tkun daqshekk ta' weġgħa li kieku kien l-għadu li għamillu hekk. Imma dawn kienu ħutu, mid-demm u l-laħam tiegħu. Kienu huma li suppost kellhom jinkoraġġuh u jissaportjawh, jiddefenduh u jieħdu ħsiebu. Jista' jkun hemm xenarju ta` maltrattament ikrah agħar minn dak li għadda minnu Ġużeppi?

**HIJA ĦAĠA KERHA LI TESPERJENZA RIFJUT U ĦAŻEN MINGĦAND ĦUK JEW OĦTOK IMMA KEMM HI IKTAR KERHA LI TESPERJENZA RIFJUT U ĦAŻEN MINGĦAND MISSIER.**

"Jien għalliem ta` l-iskejjel tal-Juniors u ta` skola tal-Adulti. Dan l-aħħar qrajt *Il-Lixka ta' Satana*, u ġabli ħafna revelazzjonijiet għall-ħajja tiegħi. Jiena qsamt dan il-*video* ma' l-istudenti tiegħi, u l-Ispirtu s-Santu kien tant qawwi ġewwa l-klassi tagħna li kulħadd beda jistqarr offiżi u jitlob għall-maħfra tagħhom.

Ftit mit-tfal qalu li dik kienet l-iktar ġurnata sabiħa tas-sena kollha. Waħda studenta reġgħet irranġat ma' missierha wara li kellhom xi jgħidu bl-ikrah; studenta oħra bdiet il-proċess ta' fejqan minn ġrieħi kbar li kellha man-nanna tagħha. Il-Mulej veru amministra lil dawn l-istudenti b'mod meraviljuż. Grazzi ta` dan il-messaġġ. "

-- R. F. INDIANA

# 4

## MISSIERI! MISSIERI!

***"Ara, missieri, il-keffa tal-libsa tiegħek f'idejja. Jien qtajt il-keffa ta' mantarek u ma qtiltekx. Ara u kun af li ma hemm ebda ħażen jew qerq f'idejja u ma offendejtek b'xejn u b'dan kollu int tistadli ħajti biex tneħħihieli."***

– 1 Samwel 24:12

Fl-aħħar kapitlu rajna kif l-aħwa ta` Ġużeppi fittxew li jeqirduh. Rajna l-weġgħat li hu għadda minnhom minħabba tradiment. Forsi inti qiegħed fl-istess sitwazzjoni. Ġejt ittradut minn dawk li huma l-aktar qrib tiegħek. Nies li l-aktar ridt inkoraġġiment u mħabba minn għandhom.

F'dan il-kapitlu rrid nittratta sitwazzjoni ta' wġiegħ agħar minn tradiment mill-aħwa. Li tesperjenza ċaħda u ħażen mingħand wieħed mill-aħwa jew inkella kollha, hija ħaġa, imma li tesperjenza ċaħda u ħażen mingħand missier hija xi ħaġa kompletament differenti. Meta nitkellem fuq missier, m'inhiex qed nirreferi biss għall-missier bioloġiku, iżda għal kwalunkwe mexxej li Alla poġġa fuqna.

Dawn huma n-nies li aħna ħsibna li għandhom iħobbuna, jgħallmuna, jieħdu ħsiebna u anke jduru bina meta nkunu fil-bżonn.

### Relazzjoni ta` Mħabba u Mibgħeda

Biex neżaminaw eżempju ta`missier li ttradixxa, ejjew inħarsu lejn ir-relazzjoni li kien hemm bejn ir-Re Sawlu u David. (ara 1 Samwel

16:31) Ħajjithom ġiet minsuġa flimkien anke qabel ma kienu biss ltaqgħu, għax Samwel il-profeta t`Alla, dilek lil David biex ikun ir-re ta` Iżrael, li jmiss. Naħseb li David kien mimli eċitament, jaħseb, *"Dan hu l-istess bniedem li dilek lil Sawlu. Jiena żgur li se nsir re!"*

Lura fil-palazz, Sawlu kien qiegħed jiġi tturmentat minn spirtu ħażin, għaliex ma kienx obda lil Alla. Kien jieħu r-ruħ u jħossu tajjeb meta xi ħadd kien idoqq l-arpa. Is-servi ta` Sawlu kienu qiegħdin ifittxu raġel għadu żgħir biex joqgħod fil-preżenza tiegħu u jamministralu. Wieħed mis-servi tar-re 'ssuġerixxa lil David u talbu jmur il-palazz u jservi lil Sawl.

Żgur li David kien qiegħed jaħseb, *"Alla diġa` qiegħed iwettaq il-wegħda tiegħu skont il-profeta'. Żgur li se nirbaħ il-favuri kollha tar-re. Naħseb li din tkun il-pożizzjoni tal-bidu."*

Għadda ż-żmien u missier David staqsieh biex jieħu xi ħaġa ta` l-ikel lil ħutu l-kbar, li kienu għall-gwerra mal-Filistini. Hekk kif wasal fit-tarf fejn kien hemm il-battalja David ra l-eroj tal-Filistin, Gulija, li kien qiegħed jiddieħaq bl-armata t`Alla u semgħa li dan kien ilu sejjer hekk għal erbgħin ġurnata sħaħ. Sar jaf ukoll li r-re kien offra lil bintu fi żwieġ lil dak ir-raġel li jirnexxielu jegħleb lil dan l-iġgant.

David mar quddiem ir-re u talbu permess biex ikun jista' jiġġieled kontra l-iġgant. Huwa qatel lil Gulija u rebaħ id it-tifla ta` Sawl. Sadanittant kien rebaħ anke l-favur ta` Sawlu u nġieb ġol-palazz biex jgħix mar-re. Ġonatan, it-tifel il-kbir ta` Sawl, għamel patt ta` ħbiberija li ma jintemm qatt ma` David. Kull ħaġa li Sawlu ta lil David biex jagħmel, id Alla kienet dejjem miegħu, u stagħna. Ir-re talab lil David biex jiekol fl-istess mejda ma' wliedu.

David kien ferħan għall-aħħar. Kien qiegħed jgħix fil-palazz, jiekol fuq l-istess mejda tar-re, miżżewweġ mat-tifla tar-re, ħabib ma` Ġonatan u kellu suċċes f`kull taqbida. Kien qiegħed saħansitra jirbaħ il-favur tan-nies. Setgħa jara quddiem għajnejh il-profezija fis-seħħ.

Sawlu kien qiegħed jiffavorixxi lil David aktar minn fost il-qaddejja tiegħu. Hu kien sar bħal missier għalih. David kien ċert li Sawlu kien se jurieh it-triq u jgħallmu biex ġurnata minnhom, bl-unuri kollha kien se jppoġġieh fuq it-tron. David kien qiegħed jifraħ bil-fedelta` u tjubija ta`Alla.

Iżda f`ġurnata waħda nbidel kollox.

Hekk kif darba Sawlu u David irritornaw mill-battalja u kienu ma' ġenb xulxin, in-nisa minn kull belt ta` Iżrael ħarġu jiżfnu u jkantaw: ***"Sawlu qatel bl-eluf tiegħu u David bl-għaxart elef tiegħu."*** Din il-ħaġa tant irrabjat lil Sawl, li minn dak inhar sar jobgħodu wisq lil David. Darbtejn, hekk kif David kien qiegħed idoqqlu l-arpa, Sawlu prova joqtlu.

Il-Bibbja tgħid li Sawlu kien jobgħod lil David għaliex kien jaf li Alla kien ma`David u mhux miegħu. David kien sfurzat jaħrab biex isalva ħajtu. Billi ma kienx hemm fejn imur, kellu jaħrab lejn id-deżert.

*"X`inhu jiġri?" ħaseb David. " il-wegħda kienet qiegħda sseħħ, iżda issa ġiet imfarrka. Ir-raġel li kien qiegħed jigwidani qiegħed ipprova joqtolni. X`nista' nagħmel? Sawlu huwa l-qaddej midluk t'Alla. Bih kontra tiegħi, jiena x`ċans għandi? Huwa r-re, raġel t`Alla, li qiegħed fuq in-nazzjon t`Alla. Għalfejn Alla qiegħed jippermetti dan?"*

Sawlu ġera wara David minn deżert għal deżert u minn grotta għal grotta, akkumpanjat minn l-aqwa tlett elef gwerrier t`Iżrael. Kellhom skop wieħed, li jeqirdu lil David.

F'dan il-punt il-wegħda kienet biss dell. David ma baqgħax jgħix ġol-palazz, lanqas jiekol fuq il-mejda tar-re. Kien qiegħed jgħix ġo għerien niedja u jiekol mill-fdalijiet tal-annimali fid-deżert. Ma baqgħax jirkeb iż-żiemel maġenb ir-re, iżda kien imfittex minn irġiel li xi darba kienu jiġġieldu maġenbu. Ma kienx hemm sodda sħuna u qaddejja sabiex jagħmlulu dawk l-affarijiet kollha li kien ikollu bżonn, l-ebda kumplimenti ġewwa l-palazz irjali.

L-għarusa tiegħu ġiet mogħtija lil ħaddieħor. Kien jaf is-solitudini ta` raġel mingħajr pajjiż.

Innutaw ftit li Alla u mhux ix-xitan poġġa lil David taħt il-kura ta` Sawl. Kif allura Alla, mhux biss ħalliha tiġri din, iżda saħansitra pjanaha? Għalfejn il-favur kien esponut mdendel quddiem għajnejn David sabiex reġa' ittiħidlu ħesrem? Din kienet opportunita' prima biex David jiġi offendut - mhux biss ma` Sawl, imma m`Alla wkoll. Il-mistoqsijiet mingħajr tweġiba kienu qiegħdin ikabbru iktar it-tentazzjoni biex jibda jiddubita l-għerf u l-pjan t`Alla.

Il-ġenn ta' Sawlu kien tant żdied li kien iddeterminat li joqtol lil dan il-ġuvni akkost ta` kollox. Kien raġel iddisprat. Xi qassisin fil-belt ta` Nob ipprovdew lil David kenn u ikel u anke x-xabla ta` Gulija. Dawn ma kienu jafu` b`xejn, li David kien maħrub minħabba Sawl, iżda ħasbu li kien qiegħed fuq xi missjoni tar-re. Huma talbu lill-Mulej għall-favur fuq David u bagħtuh għal għonq it-triq.

Meta Sawlu sar jaf dan, irrabja li qatel ħamsa u tmenin qassis innoċenti tal-Mulej u poġġa l-belt kollha ta`Nob taħt ix-xabla - kull raġel,

mara, tifel jew tifla, trabi, baqar, ħmir u nagħaġ. Huwa għadda l-ġudizzju kontra tagħhom - kontra l-innoċenti - dak li suppost kellu jgħaddi kontra l-Għamalekin. Kien qattiel. Kif seta' qatt Alla jpoġġi l-Ispirtu Tiegħu fuq raġel bħal dak?

F`punt wieħed, Sawlu sar jaf li David kien qiegħed fid-deżert ta` Għajn-geddi u telaq għal warajh bi tlett elef gwerrier. Matul il-vjaġġ huma waqfu biex jistrieħu fil-fetħa ta`għar, mingħajr ma kienu jafu li David kien qiegħed jistaħba-il ġewwa nett ta' dak l-għar. Sawlu neħħa l-mantar tiegħu u poġġieh ħdejh. David ħareg inkiss inkiss minn fejn kien qiegħed jistaħba, qata` biċċa mill-mantar li kienet ma` l-art ħdejn Sawlu u reġa daħal il-ġewwa mingħajr ma` ħadd induna bih.

Meta Sawlu ħareġ mill-għar, David niżel għarkupptejh ma` l-art u għajjat għal fejn kien Sawl:

***"Ara, missieri, il-keffa tal-libsa tiegħek f'idejja. Jien qtajt il-keffa ta' mantarek, u ma qtiltekx. Ara, u kun af li ma hemm ebda ħażen jew qerq f'idejja, u ma offendejtek b'xejn, u b'dan kollu int tistadli ħajti biex tneħħihieli!"***

–1 Samwel 24:11

L-għajta ta` David għal Sawlu kienet, *"Missier, Missier!"* B'mod aktar sempliċi kien qiegħed jgħajjat, *"Ħares lejn qalbi! Kun bħal missier għalija. Jiena għandi bżonn mexxej biex jurini t-triq, mhux biex jeqridni!"* Avolja Sawlu kien qiegħed jipprova biex joqtlu, qalb David xorta kienet għada mimlija tama.

## Fejn Huma L-Missirijiet?

Jien rajt din il-karba minn għadd kbir ta' rġiel u nisa fil-ġisem ta` Kristu. Ħafna minnhom huma żgħar u għandhom is-sejħa qawwija t`Alla f'ħajjithom. Huma mxxenqa għall-figura ta`missier, raġel li jiddixxiplinhom, jagħtihom imħabba, jinkoraġġihom u jappoġjhom.

Għalhekk Alla qal li,

"***U Hu jraġġa' qalb il-missirijiet għal uliedhom u qalb l-ulied għal missirijiethom, li ma niġix u nidrob l-art kollha b'saħta.***"

– Malakija 3:24

In-nazzjon tagħna tilef lil missirijietu (missirijiet, mexxejja, jew ministri) fl-erbgħinijiet u l-ħamsinijiet u llum il-kundizzjoni qiegħda teħżien. Bħal Sawl, ħafna mexxejja ġo djarna, u fil-korporazzjonijiet u knejjes huma iktar ikkonċernati fuq l-iskopijiet tagħhom personali milli min-nies tagħhom.

Minħabba din l-attitudini, il-mexxejja jaraw lill-poplu t`Alla bħala riżorsi biex iservu l-viżjoni tagħhom minflok ma jaraw li l-viżjoni qiegħda biex isservi l-poplu. Is-suċċess tal-viżjoni jiġġustifika l-prezz ta' ħajjiet imweġġa u poplu mfarrak. Ġustizzja, ħniena, integrità u mħabba huma kompromessi mas-suċċess. Deċiżjonijiet huma bbażati fuq il-flus, in-numru u anke r-riżultati.

Dan jiftaħ il-bieb għal-trattament bħal dak li kien irċieva David fuq kollox, Sawlu kellu saltna x`jipproteġi. Dan it-tip ta` trattament huwa aċċettabli fost l-imħuħ tal-mexxejja għaliex huma qiegħdin iffitxu li jmexxu l-Kelma t`Alla.

Kemm hawn mexxejja li qatgħu barra nies li kienu taħthom minħabba xi ħsieb ħażin? Għalfejn dawk il-mexxejja huma suspettużi? Għaliex m`humiex iservu lil Alla. Huma qiegħdin iservu viżjoni. Bħal Sawl, kollha huma nċerti mis-sejħa tagħhom u dik trabbi ġelożija u kburija.

Huma jagħrfu l-kwalitajiet tajba fin-nies li jafu li huma tal-Mulej, u huma ħerqana li jużaw lil dawk in-nies sakemm ma jkun jaqbel lilhom. Sawlu kien jieħu pjacir bis-suċċessi ta` David sakemm induna li kien qiegħed ikun ta' theddida għalih. Hu fittex li jċekken lil David u sab raġuni biex jeqirdu.

Jiena tkellimt ma` ħafna żgħażagħ, nisa u rġiel żgħar imxennqa għal xi ħadd. Huma xtaqu li kieku jċedu għal xi mexxej li juża d-dixxiplina fuqhom. Ħassew ruħhom iżolati u waħedhom. Kienu jfittxu lil xi ħadd biex jagħmilha ta` missier għalihom. Imm' Alla ħallijhom jgħaddu minn ċaħda għaliex ried jagħmel fihom dak kollu li għamel f`David. Isimgħu sewwa x`inhu jgħid l-Ispirtu.

David kien ħosbien illi Sawlu kien jemmen li hu kien ribelluż u ħażin. David żgur li kien fittex ġo qalbu, jgħid *"Fejn mort ħazin jien? Kif qalb Sawlu daret kontra tiegħi hekk malajr?"*

***"Għalhekk hu karab u Għajjat, 'Għaliex tisma' milli jgħidulek in-nies? 'Ara, David qiegħed ifittex jagħmillek iddeni.' Ara, illum rajt b'għajnejk li l-Mulej illum erħiek f'idi fl-għar, imma jien ma ridtx noqtlok, għax għedt: 'Ma mmiddx idi fuq sidi, għax hu l-midluk tal-Mulej."***

– 1 Samwel 24:11

David ħaseb illi kieku setgħa jagħti prova li jħobb lil Sawl, Sawlu kien se jerġa' jagħtih il-favuri kollha lura u l-profezija tiġi mwettqa.

Nies li ġew miċħuda minn missirjiethom jew mill-mexxej tagħhom għandhom it-tendenza li jwaħħlu kollox fihom nfushom. Huma priġunieri tal-ħsibijiet illi jitturmentawhom bħal: *"Jiena x`għamilt? U qalbi kienet maħmuġa?"* Xi kultant jaħsbu, *"Min dawwar qalb il-mexxej tiegħi kontrija?"* Imbagħad il-ħin kollu jridu juru l-innoċenza tagħhom mal-mexxejja. Jaħsbu illi kieku juruhom il-lealta u l-valuri tagħhom, jiġu aċċettati. Il-ħaġa tan-niket hi, li aktar ma jippruvaw, aktar iħossuhom irrifjutati.

**Min se jivvendika ruħu għalija?**

Sawlu stqarr li David kien twajjeb, meta ra li David seta' joqtlu u ma qatlux. Għalhekk hu u n-nies tiegħu telqu. David forsi kien ħaseb: *"Issa r-re żgur jerġa' jrroddli kollox lura. Issa l-profezija tiġi mwettqa. Żgur li jista' jara qalbi u jibda jistmani aħjar*."

Mhux daqshekk malajr, David. Ftit ta' żmien wara, irġiel irrapportaw lil Sawlu li David kien qiegħed fuq l-għoljiet ta` Ħakila. Sawlu reġa' mar għal warajh bl-istess tlett elef suldat. Żgur li din kienet devastanti għal David. Issa nduna li mhux għax ma kienx hemm ftehim, imma għaliex b`kull intenzjoni u mingħajr provokazzjoni, Sawlu ried jeqirdu. Allavolja Sawlu kien jaf x`kellu ġo qalbu, David xorta waħda ħebb għal warajh.

David, li kien ma` Abisaj, daħlu bil-mod il-mod fil-kamp ta` Sawl. Lanqas għassies wieħed ma nduna bihom għaliex Alla poġġihom f`raqda profonda. Dawn iż-żewġt irġiel daħlu bil-mod madwar l-armata kollha safejn kien hemm Sawlu rieqed.

***“U Abisaj qal lil David: llum il-Mulej reħa l-għadu tiegħu f’idejk, ħa nsammru ma’ l-art b’daqqa waħda bil-lanza, bla ma nagħtih oħra.”***

– 1 Samwel 26:8

Abisaj kellu raġunijiet tajba ħafna għalfejn David kellu jħallieh joqtol lil Sawl. L-ewwelnet, Sawlu kien qatel ħamsa u tmenin qassis u l-familji tagħhom li kienu kollha innocenti - kiesaħ u biered, għal xejn b`xejn!

It-tieninet, kien qiegħed b`armata ta` tlett elef suldat biex joqtol lil David u s-segwaċi tiegħu. Abisaj irraġuna illi jekk ma toqtolx l-għadu int, hu se joqtlok żgur. Hekk tkun qiegħed tiddefendi ruħek. Ebda qorti tal-liġi ma kienet se tmur kontra dan!

It-tieletnet, Alla permezz ta` Samwel, kien dilek lil David bħala r-re ta` Iżrael li jmiss. Hekk David seta’ jieħu l-wirt li kien ħaqqu, jekk ma riedx li jispiċċa maqtul mingħajr ma sseħħ il-profezija.

Ir-rabanet, Alla poġġa lill-armata kollha f’raqda profonda sabiex David u Abisaj setgħu jimxu għal ħdejn Sawl. Għalfejn Alla għamel hekk? Għal Abisaj kollox kien jidher li David ma kienx se jkollu opportunità oħra bħal din.

Dawn ir-raġunijiet kollha kienu jidhru tajbin. Kollox għamel sens u David kien qiegħed jiġi nkoraġġut minn wieħed mill-aħwa. Għalhekk kieku David kien l-iċken naqra offendut, kieku kien iħossu iġġustifikat u kien iħalli lil Abisaj idaħħal il-lanza ġo Sawl.

Isimgħu naqra x`irrisponda David:

***“U David qal lil Abisaj: La toqtlux, għax min qatt medd idu fuq il-midluk tal-Mulej u ħelisha?” U ssokta jgħid: “Daqs kemm hu***

***ħaj il-Mulej, il-Mulej biss jilħqu, jew jasal il-jum tiegħu u jmut, jew jinżel għall-gwerra u jinqered. Iħarisni l-Mulej milli mmidd idi fuq il-midluk tal-Mulej! U issa aqbad il-lanza u l-ġarra ta' l-ilma minn ħdejn rasu u ejja mmorru."***

– 1 Samwel 26:9-11

David ma wasalx biex joqtol lil Sawl, allavolja hu qatel dawk in-nies innoċenti kollha u ried anke joqtol lil David. David ma vvendikax ruħu, imma ħalla kollox f`idejn Alla l-ġust.

U żgur, kienet tkun iktar faċli li kieku temm kollox hemm stess, dak il-ħin - kien ikun faċli ħafna għal David u anke għall-poplu kollu ta` Iżrael. Kien jaf li n-nazzjon kien bħal merħla nagħaġ mingħajr ir-ragħaj tagħhom. Kien jaf li lupu kien qiegħed jisraqhom għax-xewqat egoistiċi tiegħu.

Kienet diffiċli għalih li ma jipproteġix ruħu, imma kienet aktar diffiċli li ma jeħlisx il-poplu li kien tant iħobb minn taħt il-jasar ta' re miġnun. David kien ħa din id-deċiżjoni, allavolja kien jaf li l-unika forma ta` konsolazzjoni għal Sawlu kienet li jiddistruġġi lil David.

David kien wera li qalbu kienet pura meta ħeles lil Sawlu l-ewwel darba. Iżda anke meta David kellu ċans it-tieni darba li joqtol lil Sawl, lanqas ma messu. Sawlu kien il-midluk tal-Mulej u David ħallieh f`idejn Alla għall-ġudizzju.

Kemm hawn nies illum li għandhom qalb bħal ta` David? M'għadniex noqtlu bix-xwabel ta` veru (letteralment) iżda neqirdu lil xulxin b`xabla differenti - li huwa l-ilsien.

***"Fis-setgħa ta' lsien il-mewt u l-ħajja, min jinqeda bih tajjeb jiekol minn frottu."***

– Proverbji 18:21

Knejjes jinqasmu, familji jinfirdu, żwiġijiet jitkissru u l-imħabba tmut, imkissra minn ħafna kliem iebes li jintqal meta bniedem ikun imweġġa' u frustrat. Offenduti mill-ħbieb, familja u mexxejja, ngħidu kliem li jaqta' b`imrar u rabja. Allavolja l-informazjoni tista' tkun tajba u eżatta imma l-mottiv ikun imniġġes.

***"Sitt ħwejjeġ jobgħod il-Mulej, sebgħa huma li ma jaħmilhomx: għajnejn merfugħa, lsien giddieb, idejn li jxerrdu demm bla ħtija, qalb li trawwem ħsibijiet qarrieqa, riġlejn li jiġru ħfief għall-ħażen, fomm li jixhed bil-qerq il-gideb u bniedem li jaqla' l-ġlied bejn l-aħwa."***

– Proverbji 6:16-19

Hawn qiegħed jgħid li, li tiżra' nuqqas ta` ftehim jew inkella separazzjoni bejn l-aħwa hija xi ħaġa mistkerħa mill-Mulej. Meta nirrepetu xi ħaġa bl-intenzjoni li nisseparaw jew inxelfu xi relazzjoni jew inkella reputazzjoni - allavolja tkun il-verità - xorta hija konfront m' Alla.

## Alla Qiegħed Jużani Lili Biex Nikxef id-Dnub tal-Mexxej tiegħi?

Għal seba` snin sħaħ jiena servejt fil-ministeru ta` l-għajnuniet u konna nieħdu ħsieb ż-żgħażagħ qabel ma Alla ħalla lil marti u lili nitilqu għall-ministeru li għandna issa. Meta kont mexxej taż-żgħażagħ, kien hemm raġel li ma kellux grazzja miegħi u lanqas ma kien jogħġbu l-messaġġ li kont nagħti.

Normalment dik ma kienitx idejjaqni, iżda dan ir-raġel kellu pożizzjoni ta`awtorita` fuqi. Kont nemmen li Alla qalli biex nagħti kelma soda u qawwija fuq il-purita' lil dawk iż-żgħażagħ u ibnu kien fil-grupp tiegħi.

Il-konvinzjoni bdiet taħdem ġo qalb dan iż-żagħżugħ. Darba minnhom ġie ħdejna jibki. Kien imdejjaq għax induna li l-ħajja li kienu jgħixu huma d-dar ma kienitx bħal dik l-isfida li kont tajthom jien biex jimxu kif suppost.

Dan l-inċident flimkien ma' konflitti oħra, fil-personalità, għamel lil missier dan il-ġuvnott determinat biex jeħles minni. Kien imur għand il-mexxej prinċipali biex jiżvoga r-rabja tiegħu kontrija b`affarijiet u akkużi li kienu kollha foloz. Imbagħad kien idur lejja u jgħidli li l-mexxej prinċipali kien qiegħed jgħid kontrija u li hu kien jaqbeż għalija.

Kienu qiegħdin joħorġu 'memos', wieħed wara l-ieħor, li għalkemm fl-ebda wieħed minnhom ma ssemma ismi, kienu jiddentifikawni minn affarijiet oħra. Kien jitbissem f'wiċċi, imma l-intenzjoni tiegħu kienet li jeqridni.

Xi membri tal-grupp taż-żgħażagħ qalu li semgħu li jien kelli nkun imkeċċi. Kien it-tifel ta`dan ir-raġel stess li kien qiegħed ixerred din l-aħbar, mhux b`qalb ħażina, imma għax kien qiegħed jirrepeti dak kollu li kien sema` d-dar. Jiena kont irrabjat u konfuż ħafna. Mort quddiem dan ir-raġel u hu ammetta li qal hekk, imma qal li kien qiegħed jirrepeti l-ħsibijiet tal-mexxej principali.

Għaddew ix-xhur u din is-sitwazzjoni xejn ma tjiebet. Saħansitra qatgħali kull kuntatt li kelli mal-mexxej principali. Dan ma kienx każ tiegħi biss imma anke għal dawk il-mexxejja li ma kienux jogħġbuh, jew ma kellux grazzja magħhom.

Il-familja tiegħi kienet taħt pressjoni kontinwa, lanqas biss nafu jekk aħniex se nibqgħu fil-knisja jew inkella kienux se jitfgħuna 'l barra. Konna għadna kif xtrajna dar, il-mara kien se jkollha tarbija, u ma kellna imkien fejn immorru. Ma ridtx nibgħat resumes lill-knejjes oħra. Emmint li kien Alla li ġabni ġo dik il-knisja u jiena kont se nibqa' hemm allavolja ma kellix pjan ieħor.

Il-mara kienet imkissra u nervuża *"Qalbi, jien naf li se jkeċċuk. Kulħadd qiegħed jgħidli l-istess ħaġa."*

*"Mhux huma kienu li qabduni hawn u għalhekk huma ma jistgħux ikeċċuni mingħajr l-approvazjoni t`Alla"* weġibtha jien. Ħasbet li kont qiegħed niċħad iċ-ċirkostanzi u talbitni biex nieqaf.

Fl-aħħar waslet l-aħbar li ttieħdet id-deċiżjoni biex nitkeċċa. Il-mexxej prinċipali xandar lill-knisja li kien se jkun hemm tibdiliet fil-grupp taż-żgħażagħ. Kont mistrieħ illi fl-aħħar minuta Alla kien ipproteġieni.

*"Għalfejn qiegħed jipprova jeqirdek dan ir-raġel?"* staqsieni il-mexxej prinċipali. *"Jekk jogħġbok mur għandu u rranġa kollox bejnietkom."*

Ftit wara dik il-laqgħa, rċevejt evidenza bil-miktub ta' deċiżjoni li ħa dak il-mexxej li kienet tikkonċerna r-responsabbiltà tiegħi. Kixfet fiċ-ċar il-mottivi tiegħu. Jiena kont lest li noħodha għand il-mexxej prinċipali.

Dak inhar qgħadt inpassi waqt li tlabt għal ħamsa u erbgħin minuta, nipprova neħles mis-sensazzjoni ta' skumdità li kelli. Bdejt ngħid, *"Oh Alla, dan il-bniedem tant kien diżonest u kattiv. Dan għandu jiġi mikxuf, huwa forza distruttiva fil-ministeru. Jien għandi ngħid lill-mexxej fuq il-veru bniedem li hu!"*

Iggustifikajt iktar lili nnifsi sabiex nikxfu. *"Kull ma għandi x`nirraporta huma kollha fatti u dokumentati, m'humiex emozzjonali. Jekk ma jkunx imwaqqaf, il-ħażen kollu tiegħu se jdur mal-knisja kollha."*

Sa fl-aħħar fi frustrazzjoni għidt: *"Mulej, inti ma tridnix nikxfu, hux veru?"*

Meta lissint dak il-kliem, il-paċi t`Alla imlietli qalbi kollha. Xengilt rasi bl-istagħġib. Kont naf li Alla ma riedni nagħmel xejn, għalhekk qbadt u rmejt l-evidenza kollha li kelli.

Wara, meta stajt nara x-xenarju iktar fl-oġġettiv, rrealiżżajt li jiena ridt nivvendika ruħi minnu iktar milli nipproteġi lil xi ħadd fil-ministeru. Tant kont irraġunajt kollox illi bdejt nemmen illi l-mottiv li kelli ma kienx għal egoiżmu tiegħi. L-informazzjoni kienet eżatta, imma l-mottiv ma kienx tajjeb.

Għadda ż-żmien u ġurnata minnhom hekk kif jien kont qiegħed barra nitlob qabel ma jsir il-ħin għall-uffiċju, dak ir-raġel wasal ħdejn il-knisja. Alla qalli f'qalbi li għandi mmur għandu u nitolbu maħfra. Immedjatament iddefendejt ruħi.

*"Le Mulej, hu għandu jiġi għandi. Hu qiegħed jaqla` dawn il-problemi kollha."*

Jien komplejt nitlob, iżda l-Mulej insista li jiena immur ħdejh immedjatament u numilja ruħi quddiemu. Kont naf li kien Alla. Ċempiltlu mill-uffiċju tiegħi u mort għandu. Imma li għidt u kif għidtu kienu ħafna differenti milli kif kienu jkunu l-affarijiet kieku Alla ma kienx ittrattaha miegħi.

Bis-sinċerita’ kollha jiena tlabtu maħfra u għidtlu. *“Kont wisq kritiku u anke iġġudikajtek.”*

Hu immedjatament immansa u qagħdna nitkellmu għal xi siegħa sħiħa. Minn dakinhar ’il quddiem l-attakki tiegħu waqfu, allavolja kien għad hemm xi problemi ma’ mexxejja oħra.

Sitt xhur wara, waqt li kont qiegħed nippriedka barra mill-pajjiż, kull ħaġa ħażina li kien għamel dan il-bniedem inkixxfet quddiem il-mexxej prinċipali. Ma kellha xejn x`taqsam ma’ l-affarijiet tiegħi imma kellha x`taqsam m’affarijiet oħra tal-ministeru. L-affarijiet li kien qiegħed jagħmel kienu ħafna agħar minn dak illi kont naf jien. Hu ġie mkeċċi immedjatament.

Il-ġudizzju kien wasal, imma mhux b`idejja. Il-ħaġa li pprova jagħmel lili ġiet fuqu. Madankollu, meta ġrat din il-ħaġa lilu, jien ma fraħtx. Iddispjaċini għalih u għall-familja tiegħu. Kont nifhem il-weġgħat tiegħu - kont għaddejt minn dan kollu minn taħt idejh stess.

Billi sitt xhur qabel kont ħfirtlu, issa jien kont sirt inħobbu u ma kontx nixtieqlu deni. Kieku ġie mkeċċi meta kont għadni rrabjat għalih sena qabel, kieku kont nifraħ. Indunajt li kont meħlus minn kull offiża li kelli għalih. L-umiltà u l-fatt li rrifjutajt li nivvendika ruħi minnu kienu ċ-ċwievet li ħelsuni mill-ħabs ta` l-offiża.

Sena wara rajtu l-ajruport. Kont imqanqal ħafna mill-imħabba t`Alla. Mort niġri għal fejn kien hu u għannaqtu miegħi. Il-ferħ tiegħi kien ġenwin meta qalli li l-affarijiet kienu sejrin tajjeb għalih. Kieku ma umiljajtx ruħi meta mort għandu ġo l-uffiċċju tiegħu xi xhur qabel, kieku ma kontx inkun nista’ inħares f`għajnejh hemmhekk, ġo dak l-ajruport.

Għaddew ħafna snin minn meta rajtu l-aħħar, imma xorta waħda, għadni nħoss għalih imħabba u xewqat sinċiera li narah fir-rieda t`Alla.

David kien għaqli meta għażel li jħalli f'idejn Alla li jagħmel il-ġudizzju fuq Sawl. U int tistaqsi, *"Lil min uża Alla għall-ġudizzju ta` Sawl, is-serv tiegħu?"* Il-Filistini. Sawl, akkumpanjat minn uliedu, mietu meta jiġġieldu fil-gwerra. Meta l-aħbar waslet għand David, huwa ma ċċelebrax, anzi tnikket ħafna għalih.

Wieħed raġel kien qiegħed jiftaħar li kien hu li qatel lil Sawl. Ħaseb li din l-aħbar kienet se ġġiblu ħafna favuri ma` David, imma l-effett li kellu kien kollu l-oppost.

***"Kif ma kontx beżgħan li tmur titfa' idejk biex teqred il-midluk tal-Mulej?" staqsieh David. Hu ordna li dak ir-raġel jiġi maqtul."***

– 2 Samwel 1: 14-15

David kiteb kanzunetta għan-nies ta' Ġudea biex ikkantawha għad-unur ta` Sawlu u t-tfal tiegħu. Huwa kkmanda n-nies sabiex ma jkantawhiex fit-toroq tal-bliet tal-Filistini biex l-għadu ma jkunx jista' jifraħ. Huwa pproklama li ebda xitla jew ħaxix ma jkun hemm fil-post fejn Sawlu ġie maqtul. Sejjaħ lill-Iżraeliti kollha sabiex jibku lil Sawl. Din m'hijiex qalb ta`wieħed offendut. Wieħed li jkun offendut kien jgħid, *"Fl-aħħar ħa dak li kien ħaqqu!"*

David mar iktar 'il quddiem minn hekk. Hu ma qatilx iż-żerriegħa li kien baqa' mid-dar ta` Sawl. Minflok huwa wera ġentillezza magħhom. Ta art u ikel għalihom kollha u lil dixxendent minnhom tah post fuq il-mejda tar-re. Taħsbu li dan il-bniedem kien bniedem offendut?

Allavolja David ġie miċħud minn dak li suppost mexa ta' missier miegħu hu baqa` leali sa anke wara l-mewt ta` Sawl. Huwa aktar faċli li tkun leali lejn mexxej jew missier li kien iħobbok, imma xi tgħid għal wieħed li ried jeqirdek? Inti se tkun raġel jew mara wara l-qalb t`Alla, jew inkella se tfittex li tivvendika ruħek?

**SEWWA LI ALLA JAGĦMEL ĠUDIZZJU**

**GĦAN-NOM TAS-SERVI TIEGĦU.**

**IŻDA HU ĦAŻIN ĦAFNA**

**LI S-SERVI T`ALLA JIEĦDU ĠUDIZZJI**

**B`IDEJHOM STESS.**

" Sur Bevere, għadni kemm qrajt il-ktieb tiegħek *Il-Lixka ta' Satana* - ma stajtx nitilqu minn idejja! Dan żgur li hu wieħed mill- aqwa kotba li jien qatt qrajt."

--P. A., MISSOURI

5

## KIF JITWIELDU IL-VAGABONDI SPIRITWALI?

***"U ġara li David stess ħass il-kuxjenza tniggżu għax qata' l-keffa tal-mantar ta' Sawl. U qal lin-nies tiegħu: Iħarisni l-Mulej! Ma jkun qatt li nagħmel dan lil sidi, il-midluk tal-Mulej, li mmidd idi fuqu, għax hu l-midluk tal-Mulej. U David ipperswada lin-nies tiegħu bi kliemu, u ma ħallihomx iqumu għal Sawl. U Sawlu qam u ħareġ mill-għar għal triqtu."***

– 1 Samwel 24:6-8

Fl-aħħar kapitlu aħna rajna kif David kien maltrattat mir-raġel li kien jispera li jkun bħala missieru. David baqa' xorta jiprova jifhem fejn mar ħażin. X`kien għamel ħażin biex qalb Sawlu daret hekk kontra tiegħu u kif kien se jerga' jirbaħa lura? Huwa wera l-lealta` tiegħu meta franka l-ħajja ta' Sawl, anke jekk Sawlu kien qed jippersegwita lil tiegħu.

Huwa beka lil Sawlu b`rasu baxxuta ma` l-art, waqt li qallu, ***"Minn dan tista' tara tajjeb li f`għemili la hemm ħażen u lanqas ħtija u li jien ma dnibtx kontrik."***

Hekk kif David wera l-lealta` tiegħu lejn il-mexxej tiegħu, moħħu straħ. Wara sar jaf b'xi aħbarijiet ta` swied il-qalb: Sawlu xorta baqa` jrid jeqirdu. Imma David ma riedx jerfa` jdejh kontra dak li fittex li joqtlu, għalkemm Alla kien poġġa l-armata kollha taħt raqda profonda u anke kien tah bniedem li kien kapaċi joqtol lil Sawlu u li beda jitolbu permess biex joqtol lil Sawl. David ħass li ir-raqda li l-armata kienu fiha kellha skop ieħor - qalbu kienet qiegħda tiġi ppruvata.

Alla ried jara jekk David kienx lest li joqtol biex jistabillixxi r-renju tiegħu, wara l-ordni ta' Sawl, jew inkella jħallix lil Alla jistabbilixxilu t-tron tiegħu b'ġustizzja għal dejjem.

***"Tivvendikawx ruħkom b'idejkom, għeżież tiegħi, imma ħallu l-korla ta' Alla tagħmel hi, għax hemm miktub: "Għalija l-vendetta, jiena nħallas, jgħid il-Mulej."***

– Rumani 12:19

Huwa ġust li Alla jagħmel ġustizzja għan-nom tas-servi tiegħu. Iżda mhuwiex ġust li s-servi t`Alla jieħdu ġustizzja b`idejhom stess. Sawlu kien raġel li l-ġustizzja ħadha b`idejh stess. Huwa ġera wara David, raġel ta`unur, għal erbatax-il sena sħaħ u qatel dawk il- qassisin u l-familji kollha tagħhom.

Hekk kif David kien ħdejn Sawl, li kien rieqed, għadda minn prova importanti. Kienet se tinkixef jekk David kienx għad kellu qalb nobbli ta` ragħaj jew inkella l-insigurezza ta` Sawl. Kien se jibqa' bniedem b'qalbu għal Alla? Fil-bidu huwa ħafna faċli li nieħdu l-affarijiet f`idejna, milli nistennew lil Alla l-ġust.

Alla jgħaddi minn provi lis-servi tiegħu fuq l-ubbidjenza. Hu deliberatament ippoġġina f`sitwazzjoni fejn l-istandards tar-reliġjon u tas-soċjeta' jiġġustifikaw l-azzjonijiet tagħna. Huwa jħalli lil ħaddieħor, speċjalment dawk li jkunu qrib tagħna, jinkoraġġuna li nipproteġu rwieħna. Nistgħu anki naħsbu li nkunu nobbli u nipproteġu lil ħaddieħor meta nieħdu l-ġudizzju f`idejna.

Imma din mhix it-triq t`Alla. Hija t-triq ta` l-għerf tad-dinja. Din hija tad-dinja u tal-ġisem.

Meta jien nikkonsidra l-opportunita' li kelli li nikxef il-mexxej li kelli fuqi, niftakar fit-taqbida li kelli fil-ħsieb li hu jista` jweġġa' lil ħaddieħor jekk ma jinkixifx. Bqajt naħseb, "*Jiena kull ma qiegħed nagħmel hu li nirrapporta l-verita'*. *Jekk ma nagħmilx hekk, din kif qatt tista' tispiċċa?* Kont anki niġi nkorraġġut minn oħrajn sabiex nikxfu.

Illum, madankollu, naf li Alla tani dik l-informazzjoni kollha għal raġuni waħda - sabiex jippruvani. Tgħid jien kont se nkun bħal dak ir-raġel li fittex biex jeqridni? Jew kont ħa nħalli lil Alla jagħmel ġudizzju Hu, jew juri ħniena jekk jindem dak ir-raġel.

## Kif Jista' Alla Jużа Mexxejja Korrotti?

Ħafna nies jistaqsu, "Għalfejn Alla jpoġġi nies taħt mexxejja li jiżbaljaw serjament jew ikunu bla kuxjenza?"

Ħarsu naqra lejn it-tfulija ta` Samwel. (Araw 1Samwel 2:5.) Alla, u mhux ix-xitan, poġġa lil dan it-tifel ċkejken taħt l-awtorita' ta' qassis korrott li kien jismu Għeli u ż-żewġ uliedu tewmin li kienu kattivi ħafna. It-tfal kien jisimhom Ħofni u Fineħas, li kienu qassisin ukoll. Huma kienu jieħdu l-offerti billi jimmanipulaw u jinfurzaw, kienu jikkommettu adulterju man-nisa li kienu jinġemgħu ħdejn il-bieb tat-Tabernaklu.

Tistgħu timmaġinaw kieku kontu sservu mexxej li kien jgħix ħajja bħal din? Mexxej li tant ma kienx jagħti każ ta` l-affarijiet sensittivi ta`l-Ispirtu, li lanqas biss induna mara li kienet qiegħda titlob, akkuzaha li kienet fis-sakra! Tant kien jgħix skont il-ġisem li kellu ħxuna żejda. Tant kien qed jikkomprometti, li ma għamel xejn fuq li kienu qiegħdin jagħmlu wliedu stess, li hu stess kien ħatar bħala mexxejja, li kienu qiegħdin iwettqu adulterju ġewwa l-knisja tal-Mulej.

Ħafna Kristjani llum kienu jkunu offenduti u jmorru jfittxu knisja oħra u jgħidu b`kollox lil ħaddieħor dwar l-istil ta' ħajja ħażina tal-mexxej spiritwali u l-mexxejja tiegħu. F`nofs dik il-korruzzjoni kollha, jien nitgħaxxaq bir-rapport ta` dak kollu li għamel Samwel*: **"U t-tifel Samwel kien jaqdi lill-Mulej quddiem Għeli."*** (1 Samwel 3:1)

Imma l-korruzzjoni ħadet il-ħlas tagħha*: **"U kelmet il-Mulej kienet rari f`dak iż-żmien; u d-dehriet ma kienux ta` sikwit."*** (1 Samwel 3:1). Alla kien jinsab 'il bogħod ħafna mill-komunita' kollha Lhudija. U l-musbieħ t`Alla kien ser jintefa minn ġewwa t-Tempju tal-Mulej. *Madankollu Samwel ma marx ifittex post ieħor biex jadura lil Alla. Ma ffurmax kumitat biex ineħħi lil Għeli u wliedu mill-ħidma pastorali.* Huwa kompla jaqdi lill-Mulej!

Alla poġġa lil Samwel hemm u hu ma kienx responsabbli ta` l-imġieba ta` Għeli u wliedu. Kien impoġġi taħthom mhux biex jiġġudikhom imma biex jaqdihom.

Huwa kien jaf li Għeli kien is-serv t`Alla u mhux tiegħu. Kien jaf li Alla kien kapaċi jieħu ħsieb lin-nies tiegħu.

It-tfal ma jikkoreġux missirijiet. Imma huwa dmir tal-missirijiet biex iħarrġu u jikkoreġu lil uliedhom. Aħna għandna nieħdu ħsieb u nikkonfrontaw lil dawk li Alla tagħna biex inħarġu. Din hija responsabbilta' tagħna. Dawk kollha li huma fil-livell tagħna għandna ninkorraġġuhom u nħeġġuhom bħala aħwa tagħna. Iżda f`dan il-kapitlu, bħal dak ta` qablu, jiena qiegħed nittratta mar-rispons tagħna lejn dawk li għandhom awtorità fuqna.

Samwel serva kif seta' lil dak li Alla kien ħatar bħala ministru, mingħajr il-pressjoni li jiġġudikah jew inkella jikkorreġih. L-unika darba li

Samwel kellu kelma ta` korrezzjoni kienet meta Għeli kien ġie jistaqsi lil Samwel x`kienet il-profezija li kien tah Alla, il-lejl ta' qabel. Iżda anke dak il-ħin ma kienitx kelma ta` korrezzjoni mingħand Samwel, iżda mingħand Alla stess. Li kieku aktar nies jaqbdu tarf ta' din il-verita, il-knejjes tagħna jkunu ħafna differenti!

## Il-knejjes M'humiex Kafetteriji

L-irġiel u n-nisa tal-lum jitilqu l-knejjes malajr jekk jaraw li l-affarijiet sejrin ħażin fost il-mexxejja. Forsi minħabba l-mod ta' kif il-mexxej spiritwali jiġbor l-offerti. Jew inkella minħabba kif qiegħdin jintefqu l-flus. Jekk dak li qiegħed jgħid il-mexxej spiritwali ma jogħġobhomx, jitilqu. Jew inkella għax ma tistax tkellmu jew għax familjari ħafna. Din il-lista ma tispiċċa qatt. Pjuttost, iktar milli jaffaċċjaw id-diffikultajiet u jittamaw, huma jiġru lejn fejn huma jaħsbu li ma hemm l-ebda konflitt.

Ejja nkunu realistiċi: Ġesù huwa l-uniku mexxej spiritwali li Hu perfett. Allura għalfejn għandna naħarbu mid-diffikultajiet hawn ġewwa l-Amerika u l-Ewropa, minflok ma naffaċċjawhom u nibdew naħdmu fuqhom? Jekk ma naffaċjawx dawn id-diffikultajiet, ħafna drabi nitilqu bl-offiża. Xi kultant ngħidu li l-ministeru tal-profezija tagħna ma kienx milqugħ. Għalhekk niġġerrew minn knisja għal knisja nfittxu post fejn it-tmexxija hija bla ebda tebgħa.

Hekk kif qiegħed nikteb dan il-ktieb, jiena kont membru ta` żewġ knejjes biss f`żewġ stati differenti f`dawn l-aħħar erbatax-il sena. Kelli iktar minn tnejn infatti, ħafna opportunitajiet biex niġi offendut mill-mexxejja li kelli fuqi (ħafna minnhom, irrid inżid, ġraw bil-ħtija tiegħi jew għax jien ma kontx matur biżżejjed). Kelli ċ-ċans li nikkritika u niġġudika lill-mexxejja tiegħi, imma li nitlaq ma kienitx ir-risposta. F`nofs ċirkostanza tqila, ġurnata waħda l-Mulej kellimni minn biċċa

vers ta` skrittura u qalli, “Dan huwa l-mod ta’ kif irridek titlaq minn knisja” :

***“Iva, bil-ferħ għad toħorġu, u bis-sliem titwasslu.”***

– Isajia 55:12

Ħafna ma jitilqux hekk. Jaħsbu li l-knejjes huma xi post fejn imorru jieklu, jistgħu jieħdu u jagħżlu dak li jixtiequ! Jaħsbu li għandhom il-liberta` biex joqgħodu sakemm ma jkunx hemm problemi. Iżda dan ma jaqbilx ma’ dak kollu li tgħallimna l-Bibbja. Mhux inti tagħżel liema knisja tmur. Alla jagħmlu dan! Il-Bibbja ma tgħidx, “Alla poġġa l-membri, kull wieħed, fil-ġisem *hekk kif jixtiequ huma,”* .

Pjuttost jgħid, ***“Iżda Alla qiegħed il-membri fil-ġisem kull wieħed f’postu, kif għoġbu Hu.”***

– 1 Korintin 12:18

Ftakru din, jekk intom qiegħdin fil-post fejn Alla jridkom, ix-xitan jipprova biex joffendikom sabiex joħroġkom minn hemm. Jixtieq jaqla l-irġiel u n-nisa mill-post fejn Alla ħawwilhom. Jekk hu jirnexxielu joħroġkom minn hemm ikollu suċċess. Imma jekk ma tiċċaqalqux minn hemm, anke f’nofs ta` konflitti kbar, intom tħassru l-pjanijiet tiegħu kollha.

## L-Ingann Kritikali

Kont ġewwa knisja għal ħafna snin. Il-mexxej spiritwali kien wieħed mill-aqwa predikaturi li kien hemm ġo l-Amerika. Għall-bidu li kont nattendi dik il-knisja, kont noqgħod bilqiegħda b`ħalqi miftuħ bl-istagħġib għal dak it-tagħlim tal-Bibbja li kien ħiereġ minn ħalq il-predikatur.

Hekk kif iż-żmien għadda, minħabba l-pożizzjoni li kelli biex inservi l-mexxej spiritwali, kont qed inkun qrib biżżejjed biex nara l-affarijiet ħżiena tiegħu. Kont qed niddubita xi deċiżjonijiet li kien qed jieħu. Sirt kritiku u bdejt niġġudikah u hekk l-offiża daħlet fija. Meta hu kien jippriedka, ma kont inħoss l-ebda ispirazzjoni jew dilka. Il-priedki tiegħu ma kienu qiegħdin jgħallmuni xejn.

Koppja oħra li kienu ħbieb tagħna u anke kienu jaħdmu magħna, kienu jidhru li għaddejjin mill-istess ħaġa. Alla ħariġhom minn ġo dik il-knisja fejn konna u bdew ministeru ieħor. Huma staqsewna biex immorru magħhom. Kienu jafu bil-konflitt li kellna. Kienu jinkoraġġuna biex inkomplu bis-sejħa li kellna għal ħajjitna. Kienu jgħidulna bl-affarijiet kollha li dan il-mexxej spiritwali, il-mara tiegħu u anke l-mexxejja tiegħu kienu qiegħdin jagħmlu ħażin. Konna nikkumpatixxu lil xulxin u nħossuna mingħajr ħeġġa u maqbuda ġo nasba.

Kienu jidhru verament ikkonċernati fil-benessere tagħna. Iżda d-diskussjonijiet tagħna għinu biss biex iqabbdu n-nar tagħna tad-diskuntentizza u l-offiża.

Hekk kif jurina l-Proverbju 26:20*, **"Fejn jonqos il-ħatab, in-nar jintefa': fejn m`hemmx min jaqla`l-qlajjiet ħżiena, jehda hekk il-ġlied.**"* Dak li kienu qiegħdin jgħidulna, forsi kienet informazzjoni tajba, iżda kien ħażin f`għajnejn Alla għaliex dak kien ħatab għan-nar ta` l-offiża li kienet fihom u anke fina.

*" Aħna nafu li inti bniedem ta`Alla,"* huma qaluli*. "Għalhekk għaddej minn dawn il-problemi f`dan il-post."* Kienet tinstema' tajjeb.

Il-mara u jien għidna lil xulxin, *"Hekk hu. Aħna ninsabu f`sitwazzjoni ħażina. Jeħtieġilna nitilqu 'l barra. Dan il-mexxej spiritwali u l-mara tiegħu jħobbuna. Huma jmexxuna spiritwalment. In-nies fil-knisja tagħhom jilqgħu lilna u lill-ministeru li Alla tana."*

Aħna tlaqna mill-knisja tagħna u bdejna nattendu l-knisja ta`din il-koppja, iżda għal ftit xhur biss. Allavolja ħsibna li ħrabna l-problemi tagħna, indunajna li xorta kellna taqbida.

L-ispirti tagħna ma kellhomx ferħ ġewwa fihom. Konna qiegħdin niġu maħkuma bil-biża' li nerġgħu nsibu bħal dak li konna ħallejna. Konna nħossu li dak kollu li konna qiegħdin nagħmlu kien sfurzat u mhux naturali.

Ma stajniex niffittjaw ruħna fil-mixja ta' l-Ispirtu. Issa anke r-relazzjoni li kellna mal-mexxej spiritwali l-ġdid u l-mara tiegħu kienet qiegħda tkun sfurzata.

Fl-aħħar, indunajt li kellna nerġgħu nirritornaw lura għal knisja li kellna. Meta erġajna lura, indunajna mill-ewwel li erġajna ġejna fir-rieda t`Alla, allavolja kollox kien jidher li konna se nkunu aċċettati u maħbubin aktar f`postijiet oħra.

Imbagħad Alla xxukjani billi qalli, *"John, jiena qatt ma għedtlek biex titlaq minn din il-knisja. Inti tlaqt minħabba l-offiża!"*

Dan ma kienx it-tort tal-mexxej l-ieħor u ta` martu, iżda kien it-tort tagħna. Huma kienu ndunaw bil-frustrazzjoni tagħna u kienu qiegħdin jipruvaw isolvu l-istess ħaġa ġewwa qalbhom bħal ma konna qiegħdin nagħmlu aħna wkoll. Meta tkun barra mir-rieda t`Alla, m'intix se tkun ta` barka jew għajnuna lil ebda knisja. Meta tkun barra mir-rieda t`Alla, anke relazzjonijiet tajba jkunu sfurzati. Aħna konna ħrigna barra mir-rieda t`Alla.

Nies li huma offenduti jirrejaġixxu għas-sitwazjoni u jagħmlu affarijiet li dak il-ħin ikunu jidhru tajbin imma ma jkunux ispirati minn Alla. Aħna m`aħniex imsejħa biex nirrejaġixxu iżda biex naġixxu.

Jekk inkunu ubbidjenti lejn Alla u nibqgħu nfittxuh u Hu mhux qieghed jitkellem, allura tafu x'inhi r-risposta? Hu probabilment qiegħed jgħid*, "Oqgħod hemm, fejn qiegħed. La tbiddel l-ebda ħaġa."*

Sikwiet, meta nħossu pressjoni, aħna nfittxu xi kelma mingħand Alla biex iġġibilna xi ftit għajnuna. Imma Alla jpoġġina f`dawn l-affarijiet kruċjali biex nikbru u nimmaturaw, biex jirraffinana u jqawwina u mhux biex jeqridna!

Xahar wara, kelli l-opportunita' li niltaqa' mal-pastor tal-knisja oriġinali tiegħi. Jien indimt talli kont kritiku u għax irribellajt. Hu bl-edukazzjoni kollha ħafirli. Ir-relazzjoni ta`bejnietna tqawwiet u qalbna reġgħet imtliet bil-ferħ. Immedjatament wara erġajt bdejt nirċievi t-tagħlim mingħandu minn fuq il-pulptu u bqajt f`dik il-knisja għal ħafna snin twal.

**L-Imħawwla Jiffjorixxu**

Il-Bibbja tgħid f'Salmi 92:13*,* ***"Dawk li jitħawwlu fid-dar tal-Mulej, iħaddru fil-btieħi t`Alla tagħna."***

Innutaw li dawk li jikbru huma "mħawwla" fid-dar tal-Mulej. X`jiġrilha xitla jekk kull tlett ġimgħat tiġi maqlugħa u terġa' titħawwel f`post ieħor? Ħafna minnkom tafu li l-għeruq jibdew jiċkienu u xitla ma tkunx tista' tfawwar u tikber. Jekk toqgħod taqlaha u terġa' tħawwilha,
ix-xitla tmut b'xokk!

Ħafna nies imorru minn knisja għall-knisja, minn komunità għall-komunità, jippruvaw iwettqu l-ministeru tagħhom. Jekk Alla poġġihom f'post fejn huma m'humiex magħrufa u nkoraġġuti, ikunu offenduti malajr. Jekk ma jaqblux ma' xi ħaġa li qiegħda ssir, jiġu offenduti u jitilqu. Imbagħad jispiċċaw jitilqu u jwaħħlu fil-mexxejja. Huma jkunu għomja għan-nuqqasijiet fil-karattru tagħhom u ma jirrealizzawx li Alla jrid jirraffinahom u jimmaturahom taħt il-pressjoni li jkunu fiha.

Ejjew nitgħallmu mill-eżempju li Alla tagħna mix-xitel u s-siġar. Meta siġra tal-frott hija mħawwla fl-art, trid tiffaċċja maltempati ta` xita, sħana tax-xemx u rjiħat. Jekk siġra żgħira tkun tista' titkellem, forsi tgħidilna*," Jekk jogħġobkom, neħħuni minn hawn! Poġġuni f `post fejn ma hemmx sħana tremenda jew inkella tempesti ta' riħ!"*

Kieku l-ġardinar jisma' mis-siġar, kieku żgur li jagħmlilhom il-ħsara. Is-siġar biex jifilħu għas-sħana tax-xemx u għax-xita qawwija jniżżlu l-għeruq tagħhom 'l isfel ħafna.

L-avversità li jiffaċċjaw eventwalment tkun is-sors ta` stabbilita' qawwija. Il-ħruxija ta' l-elementi li jkunu madwarhom, iġiegħlhom sabiex ifittxu sors ta` ħajja oħra. Ġurnata waħda jaslu fil-post li anke tempesti ta` rjiħat qawwija ma jaffettwalhomx l-abilta tagħhom biex jipproduċu l-frott.

Diversi snin ilu kont ngħix ġo Florida, il-kapital tal-larinġ u l-lumi. Dawk li jgħixu fi Florida jafu li meta x-xitwa tkun kiesħa ħafna għas-siġar, il-larinġ ikun iktar ħelu u bnin. Li kieku ma niġrux tant mir-reżistenza spiritwali, is-sistema ta` l-għeruq kien ikollha ċans tissaħħaħ u tinżel fil-fond u l-frott tagħna jkun abbundanti u ħelu quddiem l-għajnejn t`Alla u anke t-toma tkun bnina għall-poplu Tiegħu! Aħna nkunu siġar maturi li l-Mulej jitgħaxxaq bina, milli jitqaċċtu minħabba n-nuqqas tagħhom li jipproduċu

l-frott (Luqa 13:6-9). M'għandniex nirreżistu dik il-ħaġa li Alla jibgħatilna biex jimmaturana.

David is-Salmista, ispirat mill-Ispirtu Mqaddes, għamel konnessjoni qawwija bejn l-offiża, il-liġi t`Alla u t-tkabbir spiritwali tagħna.

***"Hieni l-bniedem... imma fil-liġi tal-Mulej hi l-għaxqa tiegħu, lejl u nhar jaħseb fil-liġi tiegħu."***

– Salmi 1:1-2

Imbagħad f`Salm 119:165, hu tana iktar tagħrif fuq in-nies li jħobbu l-liġi t`Alla. ***"Sliem bil-kotra għal min iħobb il-liġi tiegħek; ma hemm ebda tfixkil għalihom."*** Vers 3 ta' Salmi 1 finalment jiddeskrivi d-destin ta' persuna hekk: ***"U hu bħal siġra mħawwla ħdejn nixxigħat ta' l-ilma li tagħmel il-frott fi żmienha u l-weraq tagħha ma jidbielx; hu jirnexxi f'kull ma jagħmel."***

Fi kliem ieħor, kristjan li jagħżel li jieħu pjaċir fil-Kelma t`Alla fin-nofs tal-isfortuna, jevita li jkun offendut. Dik il-persuna tkun bħal siġra li l-għeruq tagħha niżlu l-isfel ħafna fejn l-ispirtu jipprovdi qawwa u nutriment. Huwa jieħu mill-bir t`Alla fil-fond tal-ispirtu tiegħu. Din timmaturah sal-punt li l-avversità issa tkun il-fattur li tipproduċi l-frott. Halleluljah!

Issa nistgħu iktar nifhmu l-interpretazzjoni li Ġesu' ried jagħtina fil-parabbola ta` dak li jiżra'.

***"U dawn huma bħal dawk li jinżergħu f'art bil-blat: li, meta jisimgħu l-kelma, jilqgħuha mill-ewwel bil-ferħ: U m`għandhomx għeruq fihom infushom u għalhekk idumu xi żmien: wara, meta jinqala` l-għali jew it-taħbit minħabba l-kelma, mill-ewwel jitfixklu."***

– Mark 4:16-17

La darba titlaq il-post li Alla għażel għalik, is-sistema ta` l-għeruq tibda tonqos. Darba oħra tkun iktar faċli biex taħrab l-isfortuna għaliex inti tkun qagħadt attent illi ma trabbix għeruq l-isfel. Tasal f'post fejn inti jkollok ftit jew xejn saħħa biex tikkumbatti għall-ħruxija jew il-persekuzzjoni.

Imbagħad tispiċċa ssir vagabond spiritwali, tiġġerra minn post għall-ieħor, taħseb ħażin u dejjem beżgħan li kulħadd se jabbuża minnek. Magħtub u mfixkel fl-abilta' tiegħek biex tipproduċi l-veru frott spiritwali, tissielet mal-ħajja tiegħek, tiekol il-fdalijiet tal-frott ta' ħaddieħor.

Ħarsu lejn il-ħajja ta` Abel u Kajjin, l-ewwel ulied ta` Adam. Kajjin ġab offerta quddiem il-Mulej mix-xogħol ta` jdejh stess, il-frott tal-vinja tiegħu. Ġiet magħmula bl-hemm b`ħafna xogħol iebes. Hu kellu jnaddaf l-art mill-ġebel u l-injam u debri ieħor. Kellu jaħrat u jikkultiva l-ħamrija. Kellu jiżra', jsaqqi, jiffertilizza u anke jipproteġi x-xitel. Hu ħela ħafna enerġija għas-servizz t`Alla. Imma kien iktar sagrifiċċju milli ubbidjenza lejn ir-rieda t`Alla. Issimbolizat aktar il-qima lejn Alla bis-saħħa u l-abbiltà tal-bniedem milli permezz tal-grazzja t'Alla.

Abel, mill-banda l-oħra, ġab l-offerti tiegħu tal-ubbidjenza, l-għażla ta` l-ewwel twelid mill-merħla tiegħu u anke mill-frott tagħha. Huwa ma ħadimx daqs Kajjin biex ġab dan, imma kienu għal qalbu.

Iż-żewġ aħwa kienu semgħu kif ommhom u missierhom kienu fittxew li jaħbu l-għera tagħhom bil-weraq tat-tin, li jirrappreżentaw xogħolhom biex jgħattu dnubiethom. Imma Alla wera li s-sagrifiċċju aċċetabli għaliH kien li jlibbes lil Adam u Eva bil-ġilda ta' annimal innoċenti. Adam u Eva ma kienux jafu b'din l-affari li ma kienitx aċċetabbli biex tgħatti d-dnub. Imma billi ġew murija t-triq t`Alla, ma baqgħux injoranti u lanqas it-tfal tagħhom ma kienu.

Kajjin ipprova jirbaħ it-tolleranza t`Alla lil hinn mill-kunsill Tiegħu. Alla rrisponda billi wera li Hu kien se jaċċetta dawk li jmorru għandu taħt il-parametri tal-grazzja Tiegħu (Is-sagrifiċċju ta' Abel) u jirriġetta dak li kien taħt id-dimonju ta` "l-għerf tat-tajjeb u l-ħażin" (ix-xogħol reliġjuż ta` Kajjin). Imbagħad Hu għallem lil Kajjin li jekk ikun tajjeb, kien jiġi aċċettat, imma jekk ma jagħżilx il-ħajja, id-dnub kien se jkun is-sid tiegħu.

Kajjin ġie offendut b`Alla. Minflok ma nidem u għamel dak li kien tajjeb, ħalla din is-sitwazjoni tikber u tqawwi l-karattru tiegħu u tefa` r-rabja u l-offiża li kellu ma` Alla, kollha fuq Abel. Hu qatel lil Abel. Alla qal lil Kajjin: ***"U issa misħut int mill-art li fetħet fommha u laqgħet id-demm ta' ħuk minn idejk. Meta int taħdem l-art ma tagħtikx aktar ġidha. Int tibqa' tiġġerra maħrub 'l hemm u 'l hawn fl-art."***

– Ġenesi 4:11-12

L-iktar ħaġa li kien jibża' minnha Kajjin, li jiġi rrifjutat minn Alla, ġabet il-ġudizzju fuqu stess. Il-mezz li bih prova jirbaħ l-approvazzjoni minn Alla, issa ġie misħut minn idejh stess. Id-demm li xerred issa ġab saħta. L-art ma kienitx se tagħtieh iżjed saħħitha. Il-frott kien se jiġi biss b`ħafna sforzi.

Kristjani li jkunu offenduti wkoll jaqtgħu l-abbilta' li jkollhom biex jipproduċu l-frott. Ġesù jxebbah il-qalb mal-ħamrija fil-parabbola ta` dak li jiżra'. Hekk kif l-għelieqi ta` Kajjin kienu xagħri, il-ħamrija ta` wieħed offendut tkun qalb xagħri, avvelenata bl-imrar. Nies offenduti jistgħu xorta jesperjenzaw mirakli, jitkellmu bl-Ilsna u anke jippriedkaw bil-qawwa u jkollhom fejqan f`ħajjithom. Imma dawn huma biss doni mill-Ispirtu, mhux frott. Aħna rridu niġu ġġudikati skont il-frott, mhux id-doni. Don jiġi mogħti. Frott jiġi kkultivat.

Innutaw li Alla qal li Kajjin kien ser isir maħrub u vagabond b`riżultat ta` l-azzjoni tiegħu. Hemm numru kbir ta`vagabondi spiritwali fil-knejjes tagħna llum. Jekk id-don tagħhom tal-kant, priedkar, profetizzar u oħrajn m'humiex irċevuti mill-mexxejja tal-knejjes li kellhom qabel, jitilqu. Qiegħdin jiġru mingħajr għan ta` xejn u jġorru magħhom l-offiża, ifittxu dik il-knisja perfetta li tilqa' d-don u tfejjaq dawk il-weġgħat.

Iħossuhom imsawwta u ppersegwitati. Iħossuhom li qishom Ġeremija tal-modern. "Iħossuhom weħidhom huma u Alla biss," u kulħadd qiegħed hemm kontrihom. Isiru ħadd ma jista' jgħallimhom. Ikollhom dik li ngħidilha jien kompless ta` persekuzzjoni: *"Kulħadd irid jagħqbad miegħi."* Jikkonfortaw ruħhom li huma xi qaddisin ippersegwitati jew inkella xi profeta t`Alla. Jaħsbu ħażin f`kulħadd. Dan li ġara eżatt lil Kajjin. Araw x`qal: ***".. u nibqa' niġġerra maħrub 'l hemm u 'l hawn fuq l-art; u kull min isibni joqtolni."***

– Ġenesi 4: 14

Innutaw kif Kajjin kellu kumpless ta` persekuzzjoni - kulħadd qiegħed hemm biex jaqbdu! Hija l-istess ħaġa llum. Nies bl-offiża jemmnu li kulħadd qiegħed hemm biex jaqbadhom. B`din l-attitudni hija diffiċli li jindunaw x'hemm bżonn li jbiddlu f'ħajjithom. Jinqatgħu minn kulħadd u anke kif iġibu rwieħhom jistiednu l-abbużi.

***"Min irid jinfired mill-oħrajn jara x'jaqla' u għal kull xejn jiġġieled."*** Proverbji 18:1

Alla ma ħalaqniex biex ngħixu sseparati u ndipendenti minn xulxin. Jitgħaxxaq meta jara lil uliedu jieħdu ħsieb u jduru b`xulxin. Hu jħossu ffrustrat meta jarana bil-geddum u jiddispjaċina għalina nfusna u nagħmlu lil ħaddieħor responsabbli għall-ferħ tagħna. Iridna nkunu

membri attivi fil-familja. Iridna nieħdu ħajjitna mingħandu. Persuna li tkun iżolata tfittex biss ix-xewqat tagħha, mhux ix-xewqat t`Alla. Ma tirċievi l-ebda kunsill u tħalli lilha nnifsha miftuħa għall-qerq.

M'iniex nitkellem dwar l-istaġuni fejn Alla jsejjaħ lil xi individwu għalih biex jimlieh u jġeddu. Jiena qiegħed ngħid għal dawk li jagħmlu skjavi lilhom infushom. Jiġru minn knisja għall-oħra, minn relazzjoni għal relazzjoni, u rwieħhom ikunu iżolati minn kulħadd, f`dinja għalihom. Jaħsbu li min ma jaqbilx magħhom huwa żbaljat u kontra tagħhom. Jipproteġu lilhom infushom fl-iżolazzjoni u jħossuhom bla periklu fl-ambjent ikkontrollat li bnew madwarhom. M'għandhomx għalfejn jikkonfrontaw l-affarijiet ħżiena li għandhom fil-karattru tagħhom. Iktar milli jiffaċċjaw id-diffikultajiet, huma jippruvaw jaħarbu l-prova. Il-karattru li jiġi żviluppat biss permezz ta' kunflitti mal-oħrajn jintilef hekk kif iċ-ċiklu tal-offiża jerga' jibda.

## META TĦADDAN OFFIŻA

## DIN IŻŻOMMOK

## MILLI TISKOPRI D-DIFETTI

## FIL-KARATTRU TIEGĦEK,

## GĦALIEX IL-ĦTIJA QIEGĦDA TIĠI

## MGĦOTIJA LIL ĦADDIEĦOR.

"Bħala koppja, kellna ħafna nuqqas ta' maħfra u weġgħat għal ħafna snin. Ġejna fi stadju li kellna ftit ħbieb u kont inħossni iżolat u mingħajr imħabba allavolja kont fidil u nattendi knisja eċċellenti. Imbagħad qrajt il-ktieb tiegħek, *Il-Lixka Ta' Satana*, u kollox inbidel. Ġejt wiċċ imbwiċċ ma' l-offiżi u n-nuqqas ta' maħfra, u bl-għajnuna t`Alla, ġejt meħlus! "

-- C. G. BELFAST, IRLANDA

# 6

## TISTAĦBA MIR-REALTA'

***"Li dejjem lesti biex jitgħallmu, imma li qatt ma jseħħilhom jaslu biex jagħrfu l-verità."***

– 2 Timotju 3:7

Xi kultant niġi mistoqsi, *"Meta għandi nitlaq minn knisja jew grupp fil-ministeru? Sa kemm ħażin għandha tkun is-sitwazzjoni biex nitlaq?"* Jien nirrispondi, *"Min bagħtek f`dik il-knisja li qiegħed tattendi?"* Il-biċċa l-kbira jweġbuni, *"Alla." "Jekk bagħtek Alla,"* nirrispondihom, *"La titlaqx qabel Alla jħallik titlaq. Jekk Alla huwa kwiet, Hu qiegħed jgħid, "La tbiddlu xejn. La titilqux. Oqogħdu fejn poġġejtkom jien!"*

Meta Alla jurik li għandek titlaq, inti titlaq bil-paċi, irrelevanti mill-kundizzjoni tal-ministeru.

***"Iva, bil-ferħ għad toħorġu u bis-sliem titwasslu."***

– Isaija 55:12

Għalhekk it-tluq tiegħek ma jkunx ibbażżat fuq l-azzjoni jew l-imġieba ta` ħaddieħor, iżda iktar immexxi mill-Ispirtu. Għalhekk it-tluq minn ministeru m'għandux ikun ibbażżat fuq kemm huma ħżiena l-affarijiet.

Li titlaq b'offiża jew bi spirtu kritiku m'huwiex il-pjan t 'Alla. Hekk tkun qed tirreaġixxi iktar milli taġixxi fuq il-gwida Tiegħu.

Rumani 8:14 jgħid: ***"Għax dawk kollha li huma mmexxijin bl-Ispirtu t`Alla, huma wlied Alla."*** Ħarsu ftit, ma jgħidx, " għax ħafna jirreaġixxu għas-sitwazzjoni diffiċli, dawn huma wlied Alla."

Kważi kull darba li l-kelma 'iben' tkun użata fit-Testment il-Ġdid, tiġi minn żewġ kelmiet Griegi: **Teknon u Huios**. Definizzjoni tajba ħafna għall-kelma Teknon hija *"Wieħed li huwa iben għar-raġuni li ġie mwieled minn dawk il-ġenituri."* (1)

Meta l-ewwel tifel tiegħi, Addison, twieled, dan kien it-tifel ta` John Bevere, għall-fatt li ġie mwieled minn marti u minni. Meta kien mat-trabi tat-twelid, ma setgħax jingħaraf mill-personalita' li kien ibni. Meta ħbieb u tal-familja ġew iżuruna l-isptar, ma setgħux jagħrrfuh jekk mhux bil-karta ta` ismu li kien hemm mal-benniena. Ma kellu xejn li biha seta' jintgħaraf li kien t-tifel tagħna. Addison kien jiġi kkunsidrat bħala 'Teknon' ta` John u Lisa Bevere.

Naraw li **Teknon** ġiet użata f`Rumani 8:15-16. Hawn jgħid għax aħna rċevejna l-ispirtu ta' adorazzjoni, *"L-ispirtu nnifsu jixhed ma` l-ispirtu tagħna, li aħna (***teknon***)wlied Alla: "*Meta persuna tirċievi lil Ġesù Kristu bħala l-Mulej, hija tkun wild Alla minħabba l-esperjenza tat-twelid mill-ġdid. (ara Ġwanni 1:12).

Il-kelma l-oħra Griega li tittraduċi 'wlied' fit-Testment il-Ġdid hija **Huios**. Ħafna drabi din tintuża fit-Testment il-Ġdid biex tiddeskrivi "Wieħed li jiġi iddentifikat bħala iben minħabba li juri l-karatteristiċi tal-ġenituri tiegħu." (2)

Meta ibni Addison beda jikber, sar jixbaħ u anke jaġixxi bħal missieru. Meta Addison kellu sitt snin, Lisa u jien morna vjaġġ u ħallejnieh mal-ġenituri tiegħi. Ommi qalet lil marti li Addison kien kważi

kopja eżatta ta`missieru. Il-personalita' tiegħu kienet bħal tiegħi meta kont ta' l-istess eta`. Hekk kif beda jikber sar iktar jixbaħ lil missieru. Issa seta` jintgħaraf bħala t-tifel ta` John Bevere, mhux biss permezz ta' twelid imma wkoll minħabba l-karatteristiċi u l-personalita`li kienet tixbaħ lil dik ta` missieru.

**Għalhekk sabiex nagħmilha iktar sempliċi, il-kelma Griega Teknon tfisser, "Trabi jew ulied li għadhom ma mmaturawx," u l-kelma Griega Huios kważi dejjem tiġi wżata bħala "wlied li huma maturi."** (3)

Nerġgħu nħarsu lejn Rumani 8:14, ***"Għax dawk kollha li huma mmexxijin bl-Ispirtu t`Alla, huma (Huios) wlied Alla."***

Nistgħu naraw ċar li huma l-ulied maturi li huma mmexxija mill-Ispirtu t`Alla. Kristjani li m'humiex maturi huma inqas probbabli li jimxu fejn jurihom l-Ispirtu t`Alla. Ħafna drabi huma jirreaġixxu jew inkella jirrispondu emozzjonalment jew jiffaċċjaw iċ-ċirkostanzi intel-letwalment. Għadhom ma tgħallmux kif jaġġixxu kif imexxihom l-Ispirtu t`Alla.

Hekk kif Addison jibda jikber, il-karattru tiegħu jibda jiżviluppa. Iktar ma jibda isir matur, iktar nibda nagħtih responsabbilta'. Huwa ħażin li hu jibqa' immatur. M'hijiex ir-rieda t`Alla li aħna nibqgħu trabi.

Mod wieħed kif il-karattru ta` ibni Addison kiber kien billi jiffaċċja sitwazzjonijiet diffiċli. Meta beda l-iskola ltaqa' ma' xi tfal li kienu "ibeżżgħu." Jien smajt ftit mill-affarijiet li dawn it-tfal goffi kienu qiegħdin jagħmlu u jgħidu lit-tifel tiegħi, u ridt immur ninnegozja magħhom. Imma kont naf li jkun ħażin jekk nagħmel hekk. Jekk kont se nintervjeni kont se nfixkel lil Addison milli jikber.

Għalhekk marti u jien komplejna nagħtuh il-pariri mid-dar, nippreparawh biex ikun jista jiffaċċja l-persekuzzjoni li kien se jkollu minn ta` l-iskola. Huwa kiber fil-karattru waqt li kien qiegħed jisma` mill-pariri tagħna waqt is-sofferenzi tiegħu kollha.

Dan hu simili ma' dak li Alla jagħmel magħna. Il-Bibbja tgħid: "***Għad li (Ġesù) kien Iben (Huios), tgħallem minn dak li bata xi tfisser l-ubbidjenza.***"

– Lhud 5:8

It-tkabbir fiżiku huwa proċess li jieħu ż-żmien. L-ebda tarbija ta` sentejn qatt ma kienet twila sitt piedi. Tkabbir intelletwali huwa proċess ta` tagħlim. Tkabbir spiritwali la jiddependi miż-żmien u lanqas mill-proċess ta` tagħlim, iżda huwa proċess ta` ubbidjenza.

Issa ħarsu x`jgħid Pietru:

***"Ladarba Kristu bata f'ġismu, intom ukoll armaw ruħkom bl-istess ħsieb, jiġifieri li kull min bata f'ġismu m' għandux x'jaqsam iżjed mad-dnub."***

– 1 Pietru 4:1

Persuna li waqfet tagħmel id-dnub hija tifel jew tifla ta' Alla perfettament ubbidjenti . Huwa matur. Huwa għażel it-triq t`Alla u mhux it-triq ta' ħaddieħor. Bħalma Ġesù tgħallem l-ubbidjenza bl-affarijiet li sofra, hekk ukoll aħna nitgħallmu l-ubbidjenza biċ-ċirkostanzi diffiċli li naffaċċjaw. Meta nobdu l-kelma t`Alla mitkellma milll-Ispirtu s-Santu, aħna nikbru u nimmaturaw waqt il-kunflitti u t-tbatijiet. L-għerf tal-Iskrittura li għandna m'hijiex iċ-ċavetta. L-ubbidjenza hija ċ-ċavetta.

Issa nistgħu nifhmu raġuni minnhom għaliex għandna nies fil-knisja li ilhom kristjani għal għoxrin sena sħaħ, li jikkwotaw versi u kapitli mill-Bibbja, li semgħu fuq elf priedka u jaqraw ħafna kotba, imma xorta għadhom 'jilbsu l-ħarqa.' Kull darba li jiltaqgħu ma' sitwazzjoni diffiċli, aktar milli jirrispondu bl-Ispirtu t`Alla, huma jfittxu li jipproteġu rwieħhom kif jixtiequ huma.

***"Li dejjem lesti biex jitgħallmu, imma li qatt ma jseħħilhom jaslu biex jagħrfu l-verità."***

– 2 Timotju 3:7

Ma jaslux biex jagħrfu s-sewwa għaliex ma jużawhiex. Il-verita għandha titħalla tidħol ġewwa fina jekk irridu nikbru u nimmaturaw. Mhux biżżejjed li napprovawha mentalment u ma nobduhiex. Għalkemm nibqgħu nitgħallmu, ma nimmaturaw qatt minħabba d-diżubbidjenza.

**Preservazzjoni Tagħna Nfusna**

Skuża komuni għall-preservazzjoni personali permezz ta' diżubbidjenza hija l-offiża. Hemm sens ta` protezzjoni personali falza meta tibqa' taħbi l-offiża. Ma tħallikx tara l-ħażin fil-karattru tiegħek għaliex il-ħtija tagħtiha lil ħaddieħor. Inti qatt ma tiffaċċja l-għan tiegħek, jew l-immaturita' tiegħek, jew dnubietek, għaliex tara biss il-ħażin ta` min għamel l-offiża. Għalhekk l-attentat t`Alla biex jiżviluppa il-karattru tiegħek b`din l-oppożizzjoni jiġi abbandunat.

Dak li jkun offendut jaħrab is-sorsi ta` l-offiża u eventwalment jaħrab, u jsir vagabond spiritwali. Ftit żmien ilu waħda mara qaltli xi ħaġa fuq ħabiba tagħha, li telqet il-knisja tagħna u bdiet tattendi knisja oħra. Hija stiednet lil mexxej spiritwali l-ġdid biex jiekol għandha.

Waqt il-konverżazzjoni l-mexxej spiritwali staqsiha għalfejn telqet mill-ewwel knisja. Din il-mara qaltlu dwar il-problemi kollha li kien hemm fit-tmexxija tal-knisja ta` qabel.

Il-mexxej spiritwali qagħad jisma' u pprova jikkomfortaha. Mill-esperjenza, jien naf li kien ikun iktar għaqli li kieku l-mexxej spiritwali inkoraġġixxa lil dik il-mara bil-Kelma tal-Mulej biex tieħu ħsieb il-weġgħat u l-attitudini kritika tagħha. Jekk ikun neċċessarju anke jissuġerixxi li terġa' lura fil-knisja li kellha sakemm Alla jħalliha titlaq fil-paċi.

Meta Alla jħallik titlaq fil-paċi, ma jkollok l-ebda pressjoni biex tiġġustifika t-tluq tiegħek lil ħaddieħor. Ma tkun taħt l-ebda pressjoni biex tiġġudika jew tikkritika billi tikxef il-problemi li kellhom il-knisja ta` qabel. Jien kont naf li ma kienx jgħaddi ħafna żmien qabel ma kienet se tirrispondi għall-mexxej spiritwali l-ġdid u l-mexxejja tiegħu bl-istess mod u manjiera li għamlet fil-knisja ta` qabel. Meta aħna nżommu offiża ġo qalbna, niffiltraw kollox minnha.

Hemm parabbola antika li toqgħod għal din is-sitwazjoni. Lura fiż-żmien meta n-nies bdew jissetiljaw fil-punent, raġel għaqli kien qiegħed fuq għolja barra mir-raħal ġdid fil-punent. Hekk kif bdew ġejjin mill-lvant, dak ir-raġel għaqli kien ikun l-ewwel persuna li kienu jiltaqgħu miegħu qabel ma jaslu għall-post fejn kellhom jissetiljaw. In-nies kienu jistaqsuh bil-ħeġġa, kif kienu n-nies tar-raħal fejn kienu sejrin.

Hu kien iweġibhom b`din il-mistoqsija: *"Kif kienu n-nies tar-raħal minn fejn tlaqtu?"*

Xi wħud qalu, *"Ir-raħal minn fejn ġejna kien ħażin. In-nies kienu psataż u jgħidu fuq in-nies u jieħdu vantaġġ fuq nies innoċenti. Kien mimli ħallellin u giddibin."*

Ir-raġel għaqli kien iweġibhom, *"Dan ir-raħal huwa l-istess bħal dak li ħallejtu."*

Huma kienu jirringrazzjaw lir-raġel talli salvahom milli jerġgħu jieħdu taħbit bħal dak li kienu għadhom kemm ġejjien minnu. Għalhekk komplew jimxu iktar lejn il-punent. Imbagħad grupp ieħor ta`nies li kienu se jissetiljaw fil-punent waslu u reġgħu staqsew l-istess mistoqsija: *"Kif inhu dan ir-raħal?"*

Ir-raġel għaqli reġa' staqsa, *"Kif kien ir-raħal minn fejn għadkom ġejjin?"*

Dawn irrispondewh,

*"Kien meraviljuż! Kellna ħafna ħbieb għal qalbna. Kulħadd kien iħares l-interess ta`ħaddieħor. Qatt ma kien ikun hemm nuqqas ta` xejn għaliex kulħadd kien jieħu ħsieb ħaddieħor. Jekk xi ħadd kellu xi proġett kbir, il-komunita' kollha kienu jiltaqgħu biex jgħinuh. Kienet deċiżjoni iebsa biex tlaqna, imma ħassejna li kellna nagħmlu wisa' għal ġenerazzjoni tal-futur billi mmorru l-punent bħala pijunieri."*

Ir-raġel għaqli qal l-istess ħaġa li qal lil grupp ta`qabilhom: *"Dan ir-raħal huwa l-istess bħal dak li ħallejtu."*

Dawn in-nies irrispondew bil-ferħ, *"Ejjew noqgħodu hawn!"*

Kif kienu jaraw ir-relazzjonijiet ta`qabel kien l-iskop għal dawk tal-futur. Il-mod kif titlaq knisja jew relazzjoni huwa l-mod kif tidħol fil-knisja l-oħra jew f'relazzjoni oħra. Ġesù qal fi Ġwanni 20:23, ***"Dawk li taħfrulhom dnubiethom ikunu maħfura, u dawk li żżomuhomlhom, ikunu mżzmuma."***

Aħna nżommu d-dnubiet ta` ħaddieħor meta nieħdu offiża u nżommu kollox ġewwa fina. Jekk nitilqu knisja jew relazzjoni mfanstin jew irrabjati, nidħlu ġol-knisja l-oħra jew relazzjoni oħra bl-istess attitudini, imbagħad se jkun iktar ħafif li nitilqu r-relazzjoni li jmiss meta jinqalgħu l-problemi. Aħna qiegħdin nissieltu mhux biss mal-weġgħat li seħħu fir-relazzjoni l-ġdida iżda mal-weġgħat kollha tar-relazzjonijiet ta' qabel.

Statistiċi juru li bejn 60 u 65 fil-mija tan-nies li huma ddivorzjati jispiċċaw jerġgħu jiddivurzjaw wara li jerġgħu jiżżewwġu. Il-manjiera kif persuna titlaq l-ewwel żwieġ tagħha jiddettermina t-triq tat-tieni żwieġ.

L-affarijiet li ma jaħfrux u li jżommu ġo fihom kontra l-ewwel sieħeb jew sieħba jfixkel il-futur għat-tieni wieħed. Billi jwaħħlu fl-ieħor, huma jkunu għomja għall-karatteristiċi ħżiena tagħhom. Biex iktar isir agħar, issa żdiedet il-biża li jisfaw imweġġa'.

Dan il-prinċipju mhux limitat għaż-żwieġ u d-divorzju. Imma tista' tapplikahom ukoll għal kull relazzjoni. Raġel li kien qabel jaħdem għall-ministeru ieħor ġie jaħdem għall-ministeru tagħna. Hu kien ġie mweġġa' mill-mexxej ta`qabel. Imma żmien kien għadda u jiena ħassejt li l-Mulej kien qiegħed imexxini biex nistaqsieh biex jiġi jaħdem magħna. Jien kont nemmen li hu kien fil-proċess li jegħleb dik il-weġgħa.

Jien ċempilt lil min kien iħaddmu qabel u qsamt miegħu l-pjan li kelli biex inġibu jaħdem magħna. Hu inkuraġġieni u ħaseb li kienet ċaqliqa tajba, għaliex kien jaf li jien kien jimpurtani mit-tnejn li huma. Hu kien jemmen li l-fejqan ta' dan ir-raġel kien jispiċċa waqt li kien ikun qed jaħdem magħna. Jiena għedt liż-żewġt irġiel li t-talb tiegħi kien għar-restawr u fejqan fir-relazzjoni ta` bejniethom.

Meta dan ir-raġel ingħaqad mat-*team* tal-ministeru tagħna, kien hemm problemi kważi immedjatament. Kont nindirizza l-kwistjoni u nara biss serħan temporanju. Kien jidher li ma kienx se jirnexxielu jinsa r-relazzjoni ta' qabel. Baqgħet dejjem tippersegwitah. Sa anke akkużani li kont qiegħed nagħmel l-istess ħaġa li kien għamillu l-mexxej ta`qabel.

Kont inkwetat l-iktar għaliex kienet iktar importanti għalija s-sitwazzjoni ta' dan ir-raġel milli x`jista' jagħmel għalija bħala impjegat. Għamilt ħafna eċċezjonijiet għalih li qatt ma kont nagħmel għall-ebda impjegat ieħor, għaliex kont nixtiequ li jiġi mfejjaq.

Wara biss xaharejn hu rriżenja. Kien maqbud fl-istess sitwazjoni li kellu qabel. Qabel telaq qalli, *"John, jien qatt ma jien sejjer naħdem darba oħra ġo ministeru."*

Beriktu u rajtu sejjer. Aħna nħobbu kemm lilu u lil martu wkoll. Il-ħaġa ta` niket hi li hemm sejħa qawwija fuq ħajtu għal dik il-ħaġa illi telaq, għalkemm dan ma jfissirx li mhux se jkollu suċċess f'affarijiet oħra. Jien kont inkwetat ħafna wara li telaq għalhekk saqsejt lill-Mulej,

*"Għalfejn telaq hekk malajr meta aħna t-tnejn ħassejnieha tajba?"*

Ftit ġimgħat wara, l-Mulej uża ħabib mexxej spiritwali għaqli li tani tweġiba għal dik il-mistoqsija. Hu qalli,

*"Ħafna drabi Alla jħalli lin-nies jaħarbu minn sitwazzjonijiet li Hu jixtieqhom li jaffaċċjaw, jekk huma diġa' lesti f'qalbhom li jaħarbu minnhom."* Imbagħad Hu qalli l-istorja ta` Elija, li ħarab minn Ġeżabel.

Ejjew naraw 1 Slaten 18:19, ***"Issa, mela, ibgħat iġma` lejja lil Iżrael kollu lejn il-muntanja tal-Karmel u l-erba` mija u ħamsin profeta ta` Bagħal, u l-profeti ta` l-Asera, erba` mija, li jieklu fuq il-mejda ta` Ġeżabel."***

Elija kien għadu kif qatel il-profeti ħżiena ta` Bagħal u Asera. Huma kienu li ressqu n-nazzjon lejn l-idolatrija, u anke kielu fuq il-mejda ma' Ġeżabel. Meta Ġeżabel semgħet dan, hija heddedt li toqtol lil Elija fi żmien erba` u għoxrin siegħa.

Alla ried lil Elija biex jikkonfronta lil Ġeżabel imma minflok ma għamel hekk, ħarab. Hu tant kien skorraġġut li talab biex imut. Ma kienx f'kundizzjoni li jtemm dak li suppost kellu jagħmel. Alla bagħat anġlu minn tiegħu biex jitimgħu b`żewġ kejks u ħallieh jiġri għall-erbgħin jum u lejl sa Ħoreb, il-muntanja t`Alla.

Malli wasal, l-ewwel mistoqsija li Alla staqsieh kienet, ***"X'inti tagħmel hawn, Elija?'*** Din kienet tinstema' mistoqsija stramba. Il-Mulej tah l-ikel għal dak il-vjaġġ, u anke ippermetta li jitlaq biex meta wasal staqsieh, ***"Inti x'inti tagħmel hawn?"*** Alla kien jaf li hu kien ġa lest biex jaħrab minn dik is-sitwazzjoni diffiċli. Għalhekk ħalliha sseħħ, allavolja kien jidher ċar mill-mistoqsija li ma kienx il-pjan oriġinali Tiegħu.

Huwa mbagħad qal lil Elija:

***"Itlaq u erġa' aqbad triqtek lejn id-deżert ta' Damasku. U malli tasal, idlek lil Ħażajel bħala sultan ta' Aram; hekk ukoll lil Ġeħu bin Nimsi, idilku sultan ta' Iżrael; u lil Eliżew bin Safat, ta' Abel-meħola, idilku profeta flokok."***

– 1 Slaten 19:15-16

Taħt il-ministeri ta' Eliżew u Ġeħu, ir-reġina l-ħażina u s-sistemi ħżiena tagħha ġew distrutti (2 Slaten 9-10). Dan ix-xogħol ma ġiex imwettaq minn Elija imma mis-suċċessuri tiegħu li Alla kien qallu biex jidlek minfloku, fil-post tiegħu.

Il-mexxej spiritwali kien qalli, **"Jekk aħna tant aħna lesti f`qalbna li ma naffaċċjawx sitwazjonijiet diffikultużi, Alla jħallina nitilqu, allavolja ma tkunx ir-rieda perfetta tiegħu."**

Iktar tard ftakart f`inċident li kien f `Numri 22 li wera l-istess punt. Balgħam ried jisħet lil Iżrael, għaliex kien se jkun hemm ħafna premijiet għalih personali..

Hu staqsa lill-Mulej l-ewwel darba jekk jistax imur, u Alla wrieh li x-xewqa Tiegħu kienet li Balgħam ma jmurx. Meta l-prinċep ta`Moab reġa' lura b`ħafna flus u unuri, Balgħam reġa' mar għand Alla. Hija redikola li taħseb li Alla se jbiddel fehemtu għax issa kien hemm iktar flejjes u unuri għal Balgħam. Imma din id-darba qallu biex imur magħhom.

Għalfejn Alla biddel fehemtu? It-tweġiba hija li Alla **ma biddilx** fehemtu. Balgħam tant kien lest li jitlaq li Alla ħallieh jitlaq. Għalhekk ir-rabja Tiegħu ġiet imqanqla għal Balgħam meta hu telaq.

Nistgħu ndejjqu lill-Mulej minħabba xi ħaġa li hu diġa' wriena x`inhi x-xewqa tiegħu. Hu mbagħad iħallina nagħmlu li rridu, allavolja hija kontra l-pjan ġenerali Tiegħu - allavolja ma jkunx għall-aħjar interessi tagħna.

Sikwit il-pjan t`Alla jikkaġunalna li naffaċċjaw ħafna wġiegħ u attitudini li ma nixtiequx naffaċċjaw. Madankollu nkunu qiegħdin naħarbu mill-unika ħaġa li ġġibilna qawwa f`ħajjitna. Meta nirrifjutaw li nissieltu ma' xi offiża din ma teħlisniex mill-problema. Tagħtina biss ftit serħan temporanju. L-għeruq tal-problema jibqa' ma jintmessx.

L-esperjenza li kelli ma' dak iż-żagħżugh li jiena ġibtu biex jaħdem magħna għallmitni lezzjoni fuq l-offiża u r-relazzjonijiet. Huwa impossibli li tibni relazzjoni sana ma' persuna li għadha kemm ħalliet relazzjoni qarsa u offendut. Għandu jkun hemm fejqan. Allavolja huwa baqa' jgħid li kien ħafer lill-mexxej ta`qabel, xorta kien għadu ma nesiex.

L-imħabba tnessi l-affarijiet ħżiena u għalhekk ikun hemm tama għall-futur. Jekk aħna veru għelibna l-offiża, nfittxu li nagħmlu paċi bis-serjeta'. Il-ħin forsi ma jkunx immedjat, imma f'qalbna nfittxu opportunita' għar-restawrazzjoni.

Ħabib għaqli qalli ftit wara,

Hemm proverbju antik li jgħid, "*Il-kelb il-mismut, kull ilma jaħsbu misħun.*" Kemm hawn illum li jibżgħu mill-ilma kiesaħ li jġibilhom tiġdid għaliex ikunu nħarqu darba u ma jistawx jaħfru?"

Ġesù jixtieq li jfejjaq il-ġrieħi tagħna. Imma ħafna drabi ma nħalluhx ifejjaqhom għaliex m'hijiex it-triq il-faċli li tieħu. Hija t-triq tal-umilta' u ċ-ċaħda li twassal għall-fejqan u maturita' spiritwali.

Hija deċiżjoni li fiha tpoġġi l-persuna l-oħra f'pożizzjoni iktar importanti minnek allavolja dik il-persuna ma ġabitlikx ħlief weġgħat kbar.

Bil-kburija ma tistax timxi f'din it-triq, imma dawk biss li jixtiequ l-paċi bir-riskju taċ-ċaħda. Hija trejqa li tieħdok għall-umiljazzjoni u li titbaxxa. Hija triq li twassal għall-ħajja.

## DAK LI NITGĦALLMU FIL-PREŻENZA T`ALLA MA JISTAX JIĠI MGĦALLEM FIL-PREŻENZA TAL-BNIEDEM.

"Jiena kont qiegħed naqra *Il-Lixka ta' Satana*. Il-perspettiva tiegħi tal-Kelma t'Alla nbidlet minn dakinhar 'l hawn. Kont għadni kif għaddejt minn esperjenza li fiha weġġgħajt ħafna, u li kieku ma kienx għall-messaġġ li ħadt mill-ktieb, kont inkun imjassar għall-eternità."

--F. N., MALASJA

# 7

## SISIEN SODI

***"Għalhekk dan jgħid Sidi l-Mulej: "Jien inqiegħed fis-sod ġebla f'Sijon, ġebla magħżula u prezzjuża, ġebla tax-xewka, msejjsa sewwa, u min jemmen fiha ma jitħarrikx."***

– Isaija 28:16

Min jemmen fiha ma jitħarrikx. Bniedem li jgħaġġel huwa persuna li mhux stabbli għax għemilu, is-sisien, m'humiex mibnija fis-sod. Din il-persuna malajr tkun imqanqla u mdawwra mit-tempesta tal-persekuzjoni u provi.

Per eżempju, ejjew inħarsu lejn x`ġara lil Xmun Pietru.

***"Meta wasal fl-inħawi ta' Ċesarija ta' Filippu, Ġesù staqsa lid-dixxipli tiegħu u qalilhom: "Min jgħidu n-nies li hu Bin il-bniedem!"***

– Mattew 16:13

Diversi dixxipli ħerqana qasmu l-opinjoni tagħhom ta` x`kienet qed taħseb il-kotra dwar min kien Ġesù. Ġesù stenna sakemm spiċċaw, imbagħad ħares lejhom u qalilhom: ***"Iżda intom min tgħidu li jien?"*** *(vers 15).*

Żgur li f`wiċċ ħafna mid-dixxipli kienet tidher konfużjoni u biża', hekk kif bdew jaħsbu fuq dan. Ħalqhom nofsu miftuħ, u ma jifilħux jitkellmu.

F'daqqa waħda dawk kollha li kienu tant ħerqana biex jitkellmu u jgħidu l-opinjoni ta` ħaddieħor, issummaw. Forsi qatt ma kienu staqsew dik il-mistoqsija lilhom infushom. Kien x`kien il-każ, issa rrealizzaw li ma kellhomx tweġiba.

Ġesù għamel dak li tant jaf jagħmel sew. Stħarreġ lil qalbhom b`mistoqsija.

Ġabhom fil-veru sens ta`realizzazjoni ta` x`kienu jafu u ma jafux huma. Huma kienu qiegħdin jgħixu fi spekulazzjoni ta`x`jaf ħaddieħor, iktar milli jistabbilixxu rwieħhom dwar min tassew kien Ġesù. Issa kellhom iħarsu lejhom infushom.

Xmun, li ġie msejjaħ Pietru minn Ġesù stess, kien l-uniku wieħed minn fost id-dixxipli li kien kapaċi jirrispondi. Huwa qal malajr, "***Inti l-Messija, Bin Alla l-ħaj!***" (Mattew 16:16). f'vers 17: *U* wieġbu Ġesù, u qallu ***"Hieni int, Xmun bin Ġona, għax mhux bniedem tad-demm u l-laħam uriek dan, imma Missieri li hu fis-smewwiet."***

Ġesù kien qiegħed jispjega lil Xmun Pietru s-sors ta` din ir-revelazzjoni. Xmun Pietru ma kienx irċieva dan it-tagħrif kollu billi sema` l-opinjoni ta` ħaddieħor jew b`dak kollu li kien mgħallem, imma kien Alla li wrieh kollox.

Xmun Pietru kien bil-guħ għall-affarijiet t`Alla. Hu kien jistaqsi ħafna mistoqijiet. Hu kien li mexa fuq l-ilma, hekk kif il-ħdax l-oħra baqgħu jħarsu. Kien bniedem li ma joqgħodx għall-opinjoni ta` ħaddieħor! Ried jisma` minn ħalq Alla stess.

Dak l-għerf li kien mgħarraf lilu dwar Ġesù ma ġiex mis-sensi tiegħu, imma kien don illuminat f`qalbu b`risposta għall-ġuħ li kellu.

Ħafna kienu dawk li xehdu dak kollu li Xmun Pietru ra u xehed, iżda qalbhom ma kienitx daqsekk bil-ġuħ biex ikunu jafu r-rieda t`Alla x`kienet, bħal ma kienet ta' Pietru.

1Ġwanni 2:27: ***"Madankollu fikom qiegħda tgħammar id-dilka li rċevejtu mingħandu, u għalhekk intom ma għandkomx bżonn min joqgħod jgħallimkom. Għax id-dilka tiegħu tgħallimkom hi dwar kollox, u t-tagħlim tagħha hu veru, u m'huwiex xi gidba. U ladarba hu hekk, mela ibqgħu dejjem fih kif għallmitkom hi."***

Din id-dilka kienet qiegħeda tgħallem lil Xmun Pietru. Hu sema' dak kollu li ħaddieħor kellu jgħid, imbagħad ħares ġewwa qalbu fejn Alla kien tah ir-revelazzjoni. La darba inti tirċievi l-għerf mingħand Alla, ħadd ma jista' jħarrkek. Meta Alla jurik xi ħaġa, ma jimpurtax x`tgħid id-dinja, ħadd ma jista' jibdillek qalbek.

Imbagħad Ġesù qal lil Xmun Pietru li fuq dik il-blata (ta` l-għarfien irrevelat minn Alla) kien ħa jibni l-knisja tiegħu u li l-bwieb ta' l-infern ma jegħlbuhiex. Għalhekk nistgħu naraw ċar illi hemm sisien sodi fil-kelma revelata t`Alla; f`dan il-każ kienet l-għarfien ta' Pietru li Ġesù Hu Bin Alla.

**Il-Kelma illuminata**

Jiena kemm-il darba għidt lill-kongregazzjoni jew lil xi individwu hekk kif inkun qiegħed nippriedka, sabiex jisimgħu għall-leħen t`Alla permezz ta' leħni. Ħafna drabi nkunu tant okkupati nieħdu n-noti, illi nirrekordjaw biss dak kollu li jintqal. Din twassal biex l-Iskrittura ninterpretawha bil-moħħ biss, bl-għarfien tal-moħħ.

Meta wieħed ikollu biss għarfien tal-moħħ, jistgħu jiġru żewġ affarijiet: (1) inkunu iktar suxxettibli li nkunu mqanqla emozzjonalment. Jew (2) inkella nkunu limitati bl-intelletwalita' tagħna. Imma din m'hix il-pedament li fuqu Ġesù bena l-knisja Tiegħu. Hu qal li għandha tkun ibbażata fuq il-kelma rrivelata mhux fuq versi mmemorizzati.

Meta nisimgħu ministru midluk jitkellem, jew inkella hekk kif inkunu qiegħdin naqraw xi ktieb, aħna għandna nfittxu xi kelma jew inkella xi frażi li tisplodi ġewwa l-ispirtu tagħna. Din tkun il-Kelma t`Alla li qiegħed jirrevelahilna. Din turina d-dawl u l-fehma spiritwali. Kif jgħid is-Salmista, ***"It-tifsir ta' kelmtek jagħti d-dawl, ifiehem lil min ma jafx."***

– Salmi 119:130

Huwa d-dħul tal-Kelma Tiegħu ġewwa qalbna, mhux moħħna, li jillumina u jiċċara. Sikwit xi ministru forsi jkun qiegħed jitkellem fuq suġġett, għad li Alla jkun qiegħed jillumina xi ħaġa kompletament differenti ġewwa qalbi. Drabi oħra, Alla jkun qiegħed jgħid l-istess kliem eżatti tal-ministru u dawn jisplodu ġewwa fija. Sew f'każ u sew f'ieħor, din hija l-kelma t`Alla rrivelata għalija.

Din hija li tbiddilna milli nkunu sempliċi (neqsin mill-fehma) għal li nkunu maturi (mimlijin bil-fehma). Din il-kelma, illuminata ġewwa qalbna, hija l-pedament li Ġesù qal li l-knisja tiegħu għandha tkun mibnija fuqha.

Ġesù xebbah il-Kelma rrevelata t`Alla ma' blata. Blata tirrapreżenta stabbilta` u saħħa. Niftakru fil-parabbola taż-żewġt idjar, fejn waħda kienet mibnija fuq il-blat u l-oħra fuq ir-ramel. Meta ġie l-kuntrarju bħal persekuzzjoni, prova u weġgħat, meta t-tempesta ġiet fuq dawk iż-żewġt idjar, dik li kienet mibnija fuq ir-ramel iġarrfet, waqt li d-dar li kienet mibnija fuq il-blat baqgħet wieqfa.

Affarijiet li għandna bżonn nisimgħu mingħand Alla ma jinstabux fil-Bibbja, bħal per ezempju: Lil min għandna niżżewwġu? Fejn għandna naħdmu? F`liema knisja għandna ningħaqdu? U l-lista tibqa sejra. Aħna għandu jkollna l-Kelma t`Alla rrivelata għal dawn it-tip ta' deċiżjonijiet ukoll. Mingħajr il-Kelma t`Alla rrivelata id-deċiżjonijiet tagħna huma stabbiliti fuq sisien li m'humiex sodi.

Dak kollu li Alla jirrevelalna bl-Ispirtu Tiegħu, ħadd ma jista' joħodulna. Din għandha tkun il-bażi għal kull ma nagħmlu. Mingħajrha aħna malajr niġu offenduti bi provi u beżgħat li jagħmuna.

Nerġgħu naraw x'qal Ġesù dwar il-Kelma li tkun mismugħa u milqugħa b`eċitament iżda xorta ma tagħmilx għeruq ġewwa l-qlub. Il-Kelma kienet meħuda bil-ħerqa mill-moħħ u l-emozzjoni.

***"Dawk li jinżergħu f'art kollha blat huma dawk li meta jisimgħu l-kelma, minnufih jilqgħuha bil-ferħ, imma għeruq ma jkollhomx, u għalhekk ftit idumu; meta mbagħad jiġi fuqhom l-għawġ, jew isibu min iħabbathom minħabba l-kelma, malajr jitfixklu."***

– Mark 4: 16-17

Malajr nistgħu nibdlu l-kelma "għeruq" ma' "pediment" għax it-tnejn jindikaw l-istabbilta' u s-sors ta' qawwa ta' pjanta jew struttura. Persuna li m'hijiex stabbilita u bbażata fuq il-Kelma t`Alla hija kandidata prima biex tiġi mqanqla mit-tempesta ta` l-offiża.

Kemm hawn bħal dawk id-dixxipli li Ġesù kkonfronta? Huma jgħixu biss fuq dak li jisimgħu lil ħaddieħor jgħid jew jippriedka. L-opinjonijiet jew l-argumenti ta` ħaddieħor huma meħuda bħala verita' mingħajr ma jfittxu l-kunsill jew inkella x-xhud ta` l-Ispirtu.

Aħna nistgħu ngħixu u nipproklamaw biss dak kollu irrevelat lilna mingħand Alla. Fuq dan Ġesù jibni l-knisja tiegħu.

Darba kelli segretarja li ma kienitx miżżewġa u li kienet qiegħda toħroġ ma' wieħed li kien ukoll jaħdem fil-knisja tagħna. Kienu ġurnata b`ġurnata jersqu aktar lejn xulxin. Kulħadd seta' jara li din ir-relazzjoni kienet se twassal għaż-żwieġ. Kienu diġà bdew jitkellmu dwar dan serjament.

Darba l-Ħadd bil-lejl, il-mexxej prinċipali tal-knisja, ċemplilhom u qalilhom, *"Hekk qal il-Mulej, intom it-tnejn se tiżżewwġu."*

L-għada filgħodu s-segretarja tiegħi daħlet fl-uffiċċju qisa miexja fuq is-sħab. Kienet eċitata ħafna. Staqsitni jekk ridtx li nżewwiġhom u jien għedtilha illi nkun onorat. Għamiltilhom appuntament sabiex jibdew jiġu għall-konsultazzjoni.

Però ma bdejtx inħossni komdu. Meta daħlu ġewwa l-uffiċċju, l-ispirtu tiegħi ma kienx komdu. Ħarist lejn is-segretarja tiegħi u staqsejtha jekk kienitx taf jekk dak il-ġuvnott kienx dak li Alla kien għażel għaliha. Hija entużjasta rrispondietni, definitivament iva.

Imbagħad ħarist lejh u staqsejtu, *"Inti taħseb li hi r-rieda t`Alla għalik li tiżżewweġ lil din it-tfajla?"* Huwa ħares lejja b`ħalqu nofsu miftuħ għal mument imbagħad niżżel rasu u xengilha bħallikieku jgħid, *"Le, m'inhiex ċert."*

Ħarist lejhom it-tnejn u imbagħad għidt lill-ġuvnott. *"M'iniex se nżewwiġkom. Ma jimpurtanix min għamel il-profezija fuqkom jew x'intqal. Ma jimpurtanix kemm qalu li intom it-tnejn tagħmlu koppja*

*sabiħa. Jekk Alla ma rrevelax ir-rieda tiegħu f`qalbkom, m'għandkom l-ebda jedd li tibqgħu sejrin b`dan iż-żwieġ."*

*"Jekk tiżżewwġu mingħajr ma Alla jirrevelalkom dan, bħala r-rieda perfetta għalikom,"* komplejt jien, "*meta jiġu t-tempesti - u jiġu żgur - se jkollkom ħafna mistoqsijiet: Kieku żżewwiġt lil tfajla oħra x`kien jiġri? Kieku kien ikolli dawn il-problemi? Kien imissni kont żgur li kienet ir-rieda t`Alla. Inħossni maqbud.*

"*Imbagħad qalbek tkun għajjiena, u ma tkunx tista' tikkumbatti kontra l-avversità li tonfoħ kontra ż-żwieg tiegħek. Inti tkun raġel moħħok maqsum fi tnejn u mhux stabbli fl-affarijiet kollha."*

Bgħatthom lura u għidtilhom li ma kienx hemmx għalfejn niltaqgħu iżjed. Hu ħassu mistrieħ. Hi kienet skunċertata. Fil-ġimgħa sħiħa ta` wara kien hemm ħafna dwejjaq ġewwa l-uffiċċju. Imma jien kont naf li għedtilhom il-verita'. Dan kien żmien ta` prova għaliha. Jekk Alla veru kellimha u qalilha li dak hu r-raġel għaliha, kellha bżonn fidi soda fil-Mulej biex juri lilu, u toqgħod lura milli tkun offenduta minni u minn Alla. Jien għedtilha biex toqgħod ftit lura u tħallieh waħdu sabiex ikun jista' jisma' lil Alla. Hi hekk għamlet.

Għaddew tlett ġimgħat, u huma talbu laqgħa oħra. Jien mill-ewwel ħassejt ferħ kbir. Din id-darba daħlu ġewwa l-uffiċċju, u hu ħares lejja b`għajnejh jixgħelu u qalli, *"Naf mingħajr ebda dubju li din hija l-mara li Alla tani biex niżżewweġ!"*

Iżżewwġu seba xhur wara. Meta tkun taf li Alla poġġiek f'relazzjoni jew inkella fi knisja, l-għadu jkollu biċċa xogħol kbira biex joħorġok minn hemm. Int tkun ibbażat fuq il-Kelma t`Alla rrivelata li tegħleb il-konflitti meta kollox ikun jidher impossibli.

## Ma Hemmx Għażla Oħra.

L-ewwel ħames snin taż-żwieġ tiegħi u ta` marti kienu iebsa ħafna. Konna tant weġġħajna lil xulxin li kien jidher impossibbli li nsalvaw dik ir-relazzjoni ta` mħabba li kellna darba.

L-unika ħaġa li żammitna flimkien: It-tnejn konna nafu li Alla stess kien ordna dan iż-żwieġ. Għalhekk m'għamilniex id-divorzju l-għażla tagħna. L-unika għażla li kellna kienet li nemmnu li Hu jfejjaq u jbiddilna. It-tnejn ikkommettejna rwieħna għal dan il-proċess, irrelevanti kemm konna qiegħdin inweġġgħu.

Meta kien ikolli xi ħsibijiet li se naqta' qalbi għal kollox, kont niftakar fil-wegħda li Alla kien tani rigward iż-żwieg tagħna.

Ma kontx lest li nitlaq għal kollox dak kollu li Alla kien ippjana u ordna għal din l-għaqda tagħna flimkien.

Waħda mill-wegħdiet li Alla kien tana kienet li kemm jien u kemm marti konna se namministraw flimkien. Dak iż-żmien meta kien tana dik il-wegħda, kont ħsibt, huwa faċli li qiegħed nara, li Idejh qiegħda fuq il-ministeru tagħna t-tnejn.

F'nofs dik it-tempesta fiż-żwieġ tagħna, il-wegħda ma stajtx naraha iktar ċara. Imma rrifjutajt li nitlaqha. It-tama fiżika kienet spiċċat għal kollox minħabba l-ġlied u l-kburija li kienet daħlet bejnietna fiż-żwieġ. Iżda xorta kien hemm dik iż-żerriegħa tal-ħajja sopranaturali ġewwa qalbi. Dik il-wegħda kienet ankra jew bażi f'dak il-ħin li jien veru kelli bżonn.

U ġara illi Alla mhux biss fejjaq ir-relazzjoni tagħna iżda anke għamilha iktar b`saħħita milli qatt kienet qabel. Aħna immaturajna minn dawn il-konflitti billi ħfirna lil xulxin u tgħallimna minnhom. Issa qiegħdin namministraw flimkien. Nikkonsidra lil marti mhux bħala l-maħbuba u ħabiba tiegħi imma anki l-ministru li l-aktar nafda. Niftaħ qalbi magħha aktarx minn kull persuna oħra. Wara li ħriġna minn dawk il-ħames snin li kienu tant ħorox, irrealizzajt li Alla kien ra d-difetti fil-ħajja tagħna t-tnejn, r-relazzjoni tagħna ħarġet kollox fil-beraħ.

Jien bqajt mistgħaġeb bl-għerf li aħna ġejna magħqudin flimkien bħala mara u raġel. Qabel ma jien iltqajt ma' Lisa jien kont bieżel nitlob għall-mara li xi darba kont se niżżewweġ. Dik l-għażla kienet it-tieni l-iktar deċiżjoni importanti ġewwa ħajti - wara li nobdi l-vanġelju. Billi kont nitlob u nistenna l-għazla t`Alla għas-sieħba tiegħi, jiena kont naħseb li mhux se jkolli l-istess problemi li ħaddieħor kellu fiż-żwieġ tiegħu. Kemm kont imqarraq!

Alla għażel lil marti li kienet l-għaxqa ta`qalbi. Iżda hi kixfet ukoll l-immaturita' egoistika li kelli moħbija ġewwa fija. U kien hemm ħafna! Li naħrab mill-konflitti, billi nagħżel id-divorzju jew inkella nwaħħal fiha, kont se naħbi biss l-immaturita' tiegħi taħt saff ieħor ta` protezzjoni falza li tissejjaħ offiża. L-għarfien li kelli tal-Kelma t`Alla dwar iż-żwieġ li żammitni milli nitlaq.

F'dan il-punt, irrid nagħmel naqra ta` devjazzjoni mis-suġġett ewlieni ta' dan il-kapitlu. Xi wħud minnkom li qegħdin taqraw dan qegħdin taħsbu, 'Jien ma kontx salvat u tal-Mulej meta żżewwiġt.'

Għalik Alla jgħid:

***"Lil dawk li huma miżżewwġin nordnalhom, mhux jien, iżda l-Mulej, li l-mara ma għandhiex tħalli lil żewġha – jekk tiġi li tħallih, għandha tibqa' bla tiżżewweġ jew terġa' tagħmel paċi ma' żewġha - u r-raġel ma għandux jitlaq lil martu... Ħuti, ħalli jibqa' kulħadd quddiem Alla kif kien meta kien imsejjaħ."***

– 1 Korintin 7:10-11, 24

Ħallu din il-kelma dwar il-patt taż-żwieġ tiġi tgħammar ġewwa qalbkom sabiex intom ma tkunux imċaqilqa u tibqgħu sodi kontra n-nasba ta` l-offiża. Imbagħad fittxu lill-Mulej għall-Kelma rrevelata għaż-żwieġ tagħkom.

Xi wħud minnkom forsi ma żżewwiġtux fir-rieda t`Alla għalkemm xorta kontu kredenti. Biex tidħlu daħt il-barka t`Alla għaż-żwieġ tagħkom, għandkom l-ewwelnett tindmu talli ma fittixtux il-gwida u l-għerf Tiegħu qabel ma żżewwiġtu. Hu lest li jaħfrilkom. Istabbilixu f'qalbkom illi żewġ raġunajiet ħżiena ma' jirranġaw xejn - li tispiċċa biex tkisser patt taż-żwieġ minħabba offiża żgur li m'hijiex ir-risposta. Għalhekk fittxu lill-Mulej minn qalbkom biex jagħtikom 'Kelma ta' direzzjoni' rigward iż-żwieg tagħkom.

## Il-Blata soda

Il-Kelma rrevelata ta' Alla hija l-blata soda fuq x'hiex għandna nibnu ħajjitna u l-ministeri tagħna. Ħafna nies isemmuli diversi knejjes u ministeri li f'xi ħin huma kienu jagħmlu parti minnhom, għal żmien qasir biss. Qalbi titnikket meta nara li dawn in-nies huma mmotivati biċ-ċirkustanzi u provi tal-ħajja aktar milli jħallu lil Alla jiggwidhom. Dawn jargumentaw fuq kemm l-affarijiet kienu ħżiena u kemm kienu ġew itrattati ħażin. B'hekk iħossuhom iġġustifikati minn dak li jkunu

għamlu. Imma, ir-raġunament tagħhom qiegħed iservi biss għal staffa oħra ta' qerq li qed iżżommhom milli jagħrfu li hemm offiża u problema fil-karattru tagħhom.

Dawn jiddiskrivu r-relazzjoni tagħhom ma' dawn il-ministeri jew inkella knejjes li bħalissa huma parti minnhom bħala *"temporanji"* jew *"hawn fejn iridni Alla bħalissa."* Saħansitra smajt wieħed raġel jgħid, *"Jiena qiegħed b`self lil din il-knisja."* Jagħmlu dawn l-argumenti sabiex, jekk l-affarijiet isiru diffiċli, ikollhom triq minn fejn jistgħu jaħarbu. M'għandhomx pedament fuqhiex jistgħu jiġu stabbiliti fil-postijiet il-ġodda fejn imorru; it-tempesti jonfħuhom faċilment lejn il-post li jmiss.

## Fejn Nistgħu mmorru?

Biex nerġgħu mmorru għall-eżempju fejn Ġesù staqsa lid-dixxipli Tiegħu min kienu qegħdin jgħidu li Hu n-nies, nistgħu naraw l-istabbilta' li tiġi meta int tkun taf ir-rieda t`Alla rrivelata. Ħarsu lejn Xmun Pietru.

Wara li Xmun qal dak kollu li l-Missier irrevelalu ġewwa qalbu, Ġesù qal: ***"U jien ngħidlek: Li int Pietru, u fuq dil-blata nibni l-knisja tiegħi; u l-bwieb ta` l-infern ma jegħlbuhiex."***

– Mattew 16:18

Ġesù biddel isem Xmun għal Pietru. Din hija sinnifikanti għaliex l-isem **Xmun ifisser "tisma"** (1). l-isem **Pietru** (il-kelma Griega **hija Petros**) ifisser **"ġebla"** (2). B`riżultat li sema' l-Kelma t`Alla rrivelata ġewwa qalbu u sar ġebla. Dar mibnija bil-ġebel fuq bażi soda tal-blat, iżżomm soda kontra t-tempesti li jaħbtu magħha.

Il-kelma *blata* f'dan il-vers tiġi mill-kelma Griega **Petra**, li tifisser "**blata kbira**." (3).

Ġesù kien qiegħed jgħid lil Xmun Pietru li issa hu kien magħmul mill-istess sustanza li fuqha tinbena d-dar.

Pietru wara kiteb fl-1 Pietru 2:5, "***U intom ukoll, bħala ġebel ħaj, intom mibnijin bini spiritwali.***" Ġebla hija biċċa żgħira minn blata kbira. Saħħa, stabbilta' u qawwa huma kollha ġewwa l-blata tal-Kelma t`Alla rrivelata, u hemm il-frott fil-ħajja ta` dik il-persuna li tirċivieha. Dik il-persuna tkun magħmula f`saħħita, bis-saħħa ta` dak li Hu l-Kelma ħajja t`Alla, li Huwa Sidna Ġesù Kristu.

Hekk kif jikteb l-appostlu Pawlu fl-1 Korintin 3:11, ***"Għax ħadd ma jista' jqiegħed sisien oħra, barra minn dawk li huma mqiegħda, li huma Ġesù Kristu."*** Hekk kif aħna nfittxu Lilu li huwa l-Kelma ħajja t`Alla, Hu jkun irrevelat lilna, u hekk aħna nkunu stabbiliti.

Fi Ġwanni 5:16 insibu li fl-aħħar ġranet tal-mixja ta` Ġesù f`din id-dinja, il-ħajja kienet saret iktar diffiċli għall-grupp ministerjali Tiegħu. Il-mexxejja reliġjużi u anke l-Lhud kienu qegħdin jippersegwitaw lil Ġesù u jittxu biex joqtluĦ.

Meta l-affarijiet bdew jidhru li sejrin tajjeb u anke n-nies riedu jieħduh bil-forza biex jagħmluh re, Hu rrifjuta u telaq lil hemm. (ara Ġwanni 6:15.)

*"Għalfejn għamel hekk?"* ħasbu d-dixxipli Tiegħu. *"Din kienet opportunita' għalih u għalina wkoll."* Kienu bdew iħossuhom inkwetati. It-tempesti kienu qegħdin jonfħu qawwija.

*“Aħna ħallejna lill-familji tagħna, ix-xogħol ukoll biex nimxu wara dan ir-raġel. Għandna ħafna x’nitilfu. Aħna nemmnu li Hu dak li għandu jiġi. Wara kollox, Ġwanni l-Battista stess stqarr hekk, u smajna wkoll lil Xmun Pietru jgħidha f`Ċesarija ta’ Filippu. ”*

Dawk huma żewġ xhieda. Iżda għalfejn se jibqa’ jdejjaq il-mexxejja eżistenti? Għalfejn qiegħed iħaffer il-qabar Tiegħu stess? Għalfejn qiegħed jagħmel stqarrijiet bħal *`O nies mingħajr fidi u ġenerazzjoni giddieba, kemm se ndum hawn jien magħkom?`* lilna, d-dixxipli tiegħu?

L-offiża kienet bdiet tikber f`dawn l-irġiel li ħallew kollox biex jimxu wara Ġesù. Imbagħad ġrat xi ħaġa li waslet għall-qofol ta` kollox. Ġesù beda jippriedka xi ħaġa li għalihom kienet tinstema’ bħala ereżija:

***“Ġesù mela qalilhom: “Tassew tassew ngħidilkom, jekk ma tiklux il-ġisem ta’ Bin il-bniedem u ma tixorbux demmu, ma jkollkomx il-ħajja fikom,”***

– Ġwanni 6:53

“X’ihinu jippriedka issa?” huma ħasbu. “Din wisq għalija!” Mhux hekk biss imma Hu qal dan kollu quddiem il-mexxejja tas-sinagoga f’Kafarnahum. Għal dawn id-dixxipli dik kienet 'l-aħħar tibna li qasmet dahar il-ġemel!'

Ħafna dixxipli tiegħu, meta semgħuh, qalu: ***“Iebes dan il-kliem! Min jiflaħ jisimgħu?”***

Ġwanni 6:60 araw x`irrispondihom Ġesù:

***“Ġesù ntebaħ waħdu li d-dixxipli tiegħu kienu qegħdin igergru fuq hekk u qalilhom: “Dan il-kliem qiegħed ifixkilkom?”***

– Ġwanni 6:61

Dawn huma d-dixxipli Tiegħu! Hu ma jmurx lura milli jgħid il-verita', iżda jikkonfronta lil dawn l-irġiel. Kien jaf li biċċa minnhom kienu jgħixu fuq pedament mhux sod. Huwa jikxef dak il-pedament u jagħtihom opportunita' sabiex jaraw x`hemm ġewwa qalbhom. Iżda huma ma kienux bħal Xmun Pietru jew inkella d-dixxipli li kellhom ġuħ għall-verita`. Ħarsu lejn ir-reazzjoni tagħhom:

***"Minn dak in-nhar bosta mid-dixxipli tiegħu telquh u ma baqgħux imorru warajh."***

– Ġwanni 6:66

Innota li ma kienux ftit: imma *bosta*. Xi wħud minnhom bla dubju kienu dawk li f'Ċesarija Filippi qalu:

***U huma weġbuh: "Xi wħud, Ġwanni l-Battista; oħrajn, Elija; u oħrajn, Ġeremija jew wieħed mill-profeti."***

– Mattew 16:14

Ma kienux mibnija fuq il-Kelma t`Alla rrivelata!

L-offiża kibret sal-punt li għamlu bħalma qegħdin jagħmlu ħafna nies llum - telqu! Huma ħasbu li kienu ġew ingannati u trattati ħażin, iżda ma kienux. Ma rawx il-verita' għaliex kellhom għajnejhom iffukati fuq affarijiet egoistiċi tagħhom.

Issa araw x`ġara lil Xmun Pietru hekk kif Ġesù kkonfronta lit-tnax: ***"Mbagħad Ġesù qal lit-Tnax: Tridux titilqu intom ukoll?" Wieġbu Xmun Pietru: "Mulej, għand min immorru? Inti għandek il-kliem tal-ħajja ta' dejjem, u aħna emminna u għarafna li inti l-Qaddis ta' Alla."***

– Ġwanni 6:67-69

Ġesù ma talabx lil dawn l-irġiel, *"Titilqux jekk jogħġobkom titilqux. Għadni kemm tlift kważi l-persuni kollha. Kif nista' ngħaddi mingħajrkom!" Le, huwa iffaċjhom.* ***"Tridux titilqu intom ukoll?"***

Araw kif Xmun Pietru wieġeb, allavolja kien qiegħed jitqabad bl-istess opportunita' biex ikun offendut bħall-oħrajn. ***"Mulej għand min immorru?"***

B'dak li sema' setgħa tħawwad, iżda kien hemm xi ħaġa ġo fih li kien jaf li l-oħrajn ma kellhomx fihom. F`Ċesarija ta' Filippi, Pietru kellu revelazzjoni ta` min kien veru Ġesù:

***"Inti l-Messija, Bin Alla l-ħaj"*** – Mattew 16:16

Issa, fis-saħna ta` din il-prova, huwa tkellem dak kollu li kellu mħawwel ġewwa qalbu: *"Aħna ġejna għax nemmnu u nafu li int huwa Kristu, Bin Alla l-ħaj."* Dawn huma l-kliem eżatt li qal hemm f' Ċesarija ta' Filippi. Hu kien ġebla, stabbilita` fuq il-blata tal-Kelma Ħajja t`Alla. Ma kienx se jitlaq offendut.

## Reazzjoni Taħt Pressjoni.

Jien sikwit ngħid li l-provi u t-testijiet jikxfu lill-persuna. Fi kliem ieħor, jiddeterminaw fejn tinsab spiritwalment. Huma jikxfu l-vera kundizzjoni ta` qalbek. Kif inti taġixxi taħt pressjoni, juri int verament min int.

Jista`jkollok dar mibnija fuq ir-ramel li kienet ħames sulari għolja u sabiħa, imżejna mill-iktar materjal fin u magħmula b`sengħa kbira. Sakemm ix-xemx tibqa' tiżreġ, tidher binja qawwija u sabiħa.

Ħdejn dik id-dar jista' jkun hemm dar b'sular wieħed biss lixxa mingħajr xinxilli. Kważi ma tagħtiex kasha u possibilment mingħajr attrazzjoni pparagunata ma' dik li hi tant sabiħa li qiegħda ħdejha.

Iżda hija mibnija fuq xi ħaġa li ma tarahiex — BLATA.

Sakemm l-ebda tempesti ma jaħkmu, id-dar ta ħames sulari se tidher iktar sabiħa. Iżda meta tiltaqa ma' tempesta qawwija, id-dar ta` ħames sulari tiġġarraf u irvinata. Tista' tibqa' soda għal ftit tempesti żgħar, iżda mhux għar-riefnu. L-istruttura tad-dar ta` sular wieħed mingħajr xinxilli tibqa' wieqfa. Iktar mad-dar tkun kbira, iktar kbira u notevoli tkun il-waqgħa.

Xi nies fil-knisja huma bħad-dixxipli li tkellmu malajr f`Ċesarija ta' Filippi, iżda wara ġew mikxufa. Forsi jidhru bħal Kristjani ta` ħames sulari, stampa ta` qawwa, stabbilta`, u sbuħija. Jistgħu jgħaddu ftit tempesti li huma żgħar jew medji. Iżda meta tempesta qawwija tibda tonfoħ, huma jiġu mfarrka.

Kun żgur li tibni ħajjtek fuq il-Kelma rrivelata t`Alla, mhux fuq li jgħid ħaddieħor. Kompli fittex lill-Mulej u isma lil qalbek. La tagħmilx jew tgħid ċertu affarijiet għax sempliċiment ħaddieħor jagħmel jew jgħid hekk. Fittex lill-Mulej u bbaża' ħajtek fuq dak li jilluminalek ġewwa qalbek!

**META L-GĦADU IRIEGĦED,**

**DAK GĦALIEX IRID JEQRED.**

**IMMA ALLA GĦANDU**

**SKOP DIFFERENTI.**

"Jien nixtieq nirringrazzja lill-Mulej għall-messaġġ tal-*Lixka ta' Satana*. Kont qiegħed insum u nitlob għal sejba deċisiva f`ħajti. Il-Mulej mexxieni għal dan il-messaġġ, u bidilli ħajti radikalment. Dan hu messaġġ li kulħadd għandu jaqra, speċjalment dawk li jixtiequ jsiru mexxejja."

-- C. P., NEW ZEALAND

# 8

## DAK KOLLU LI JISTA' JIĊĊAQLAQ SE JKUN IMĊAQLAQ

***Dakinhar leħnu heżheż l-art; imma issa wiegħed u qal: "Darb'oħra mhux biss l-art nheżheż, imma s-sema wkoll." Il-kliem "darb'oħra" juri li l-ħwejjeġ li jitheżhżu għandhom jgħaddu, bħallikieku saru biex jibqgħu dawk li ma jitheżhżux.***

– Lhud 12: 26-27

Fil-kapitlu ta`qabel aħna rajna illi l-kelma t`Alla rrevelata hija l-pedament fuqhiex Ġesù jibni l-knisja tiegħu. Aħna rajna lil Xmun Pietru jibqa' miegħu allavolja d-dixxipli l-oħra telqu minħabba l-offiża. Anke meta Ġesù tah l-opportunita' li jitlaq, Xmun Pietru tkellem dak kollu li kien stabbilit f'qalbu.

Issa ejjew naraw eżami ieħor għal Xmun Pietru - dak il-lejl li Ġesù kien ittradut.

Ġesù kien bilqiegħda mat-tnax-il appostlu, jagħti ringrazzjament waqt li jservi l-Komunjoni, meta għamel stqarrija li biha ħasad lil kulħadd:

***"Imma, araw, id dak li se jittradini qiegħda miegħi fuq il-mejda. Għax tassew li Bin il-bniedem imur, kif hemm maqtugħ, imma ħażin għalih dak il-bniedem li jittradih!"***

– Luqa 22: 21-22

X`aħbar kienet dik! Illum ngħidu li Ġesù "tefa` bomba" b`dawk il-kliem.

Allavolja Ġesù kien jaf mill-bidu li għandu jiġi ttradut, imma din kienet l-ewwel darba illi d-dixxipli tiegħu kienu semgħu b`dan. Tistgħu timmaġinaw is-sensazzjoni orribli li kien hemm ġewwa l-kamra hekk kif Hu qal li wieħed minnhom li kien ilu miegħu mill-bidu nett, wieħed minn tal-qalba, kien se jittradih? B'reazzjoni għal dak li ġara, ***"Huma għalhekk bdew jistaqsu lil xulxin min minnhom kien se jagħmel dan."*** (vers 23)

Kienu kollha xxukjati li wieħed minnhom kien kapaċi għal xi ħaġa tant orribbli. Imma l-mottiv ta` din l-investigazzjoni ma kienitx safja. Aħna nafu dan b'kif spiċċat il-konversazjoni tagħhom. Ir-raġuni għal din l-inkjesta kienet egoista u mimlija kburija. Araw il-vers ta' l-iskrittura li jmiss:

***"Nqalgħet ukoll kwistjoni bejniethom dwar min minnhom kellu jinżamm bħala l-akbar wieħed."***

– Luqa 22: 24

Immaġinaw dan: Ġesù kien għadu kemm qalilhom li se jkun mogħti f`idejn il-Qassisin il-Kbar biex ikun ikkundannat għal mewt u mogħti f`idejn ir-Rumani biex ikun imżeblah, ifflaġellat u maqtul. Dak li kellu jagħmel hekk kien qiegħed bilqiegħda miegħu fuq il-mejda.

Id-dixxipli staqsew min kien, spiċċaw jargumentaw fuq min minnhom kien l-aqwa. Kien diżunur-kważi bħal ulied li qegħdin jiġġieldu minħabba l-wirt. Ma kien hemm ebda interess għal Ġesù, imma ġirja waħda għall-poter u pożizzjoni. Lanqas tista' timmaginah dak l-egoiżmu kollu!

Kieku kont fil-pożizzjoni ta` Ġesu, kont insaqsihom jekk kienux semgħu dak li għidt, jew jekk kienx biss jimpurtahom. Naraw minn dak li ġara, eżempju ta` kif is-Sid mexa' bl-imħabba u l-paċenzja. Ħafna minna, li kieku konna minflok Ġesù, konna ngħidu, "Itilqu l-barra, kollha kemm intom! Jien qiegħed fl-akbar siegħa ta` bżonn ta` ħajti, u intom qiegħdin taħsbu fikom infuskom!" X`opportunita' dik biex tiġi offendut!

Nistgħu kważi naħsbu min kien li beda dan l-argument bejn id-dixxipli: Xmun Pietru, billi hu kellu l-iktar personalita` dominanti fost il-grupp kollu u li s-soltu kien minn tal-ewwel li jibda jitkellem.

Probabbli malajr fakkar lil oħrajn li hu kien l-uniku wieħed li mexa` fuq l-ilma. Jew inkella kif hu kien li kellu l-ewwel revelazzjoni ta` min kien veru Ġesù.

Imbagħad forsi ukoll qasam l-esperjenza li kellu fuq il-muntanja tat-transfigurazjoni ma' Ġesù, Mose`, u Elija.

Pietru kien kunfidenti li hu kien l-akbar fost it-tnax. Imma din il-kunfidenza ma kienitx miżrugħa fl-imħabba. Iktar kienet ankrata fil-kburija.

Ġesù ħares lejhom kollha u qalilhom li kienu qegħdin jaġixxu bħala bnedmin biss, mhux bħal ulied tar-Renju:

*Imma hu qalilhom:* ***"Fost il-pagani s-slaten jaħkmu fuq in-nies, u dawk li jħaddmu s-setgħa fuqhom isejjħulhom benefatturi. Intom mhux hekk, imma l-akbar fostkom għandu jġib ruħu ta' l-iżgħar wieħed, u min hu fuq l-oħrajn iġib ruħu ta' qaddej."***

***"Għax min hu l-akbar, dak li jkun fuq il-mejda, jew dak li jkun qiegħed jaqdi? M'hux dak li jkun fuq il-mejda? Imma jien qiegħed fostkom nagħmilha ta' qaddej."***

– Luqa 22: 25-27

## L-iskop tal-għarbil

Għalkemm Xmun Pietru kien irċieva revelazzjonijiet bl-abbundanza ta` min kien Ġesù, kien għadu ma bediex jimxi fil-karattru u fl-umilta` ta` Kristu. Kien qiegħed jibni l-ħajja u l-ministeru tiegħu minn vittorji u kburija ta` l-imgħoddi. Pawlu widdibna fl-1 Korintin 3:10;

***"Skond il-grazzja li tani Alla, bħala bennej għaqli, jiena qiegħedt il-pedament. Ħaddieħor jibni fuqu; imma jqis kull wieħed kif jibni fuqu, biex nisimgħu u noqgħodu attenti kif nibnu l-bażi tagħna fi Kristu."***

Xmun Pietru ma kienx qiegħed jibni bil-materjal bżonnjuż għar-Renju t`Alla imma bi provisti oħra; bħal rieda qawwija, u kunfidenza personali. Allavolja ma kienx għadu jaf, għadu qed jistenna t-transformazzjoni tal-karattru tiegħu. Ir-referenzi tiegħu kienu ***"mill-kburija tal-ħajja,"*** (1Gwanni 2:16).

*Kull ma fiha d-dinja, jiġifieri l-ġibda tal-ġisem u l-ġibda ta' l-għajnejn u l-kburija tal-ħajja, dan m'huwiex ġej mill-Missier imma mid-dinja.*

Il-kburija qatt ma tista' tkun qawwija biżżejjed biex tfornieh sabiex itemm id-destin tiegħu fi Kristu. Jekk ma titneħħiex, din il-kburija kienet eventwalment teqirdu. F'Eżekjel 28: 11-19, naraw kif il-kburija kienet l-istess difett ta' Luċifru, il-Kerubin midluk t'Alla, li kkawżat il-waqgħa tiegħu.

***"U ġietni l-kelma tal-Mulej, u qalli: "O bniedem, għanni lamentazzjoni għas-sultan ta' Tir u għidlu: 'Dan jgħid Sidi l-Mulej: Int mibni kollok perfett, mimli għerf u kollok ġmiel. Fl-Għeden,***

***il-ġnien ta' Alla, kont imdawwar b'kull xorta ta' ħaġar prezzjuż, sardju, topazju, djamant, krisoltu, oniċi, djaspru, żaffir, rubin, żmerald. Tad-deheb kienu l-ġlieġel tiegħek, u l-ġawhar li kellek fuqek, f'jum ħolqienek għamluhomlok.***

***Lilek mal-kerubin bi ġwenħajh miftuħa, jien għamiltek għassies. Int kont fuq il-muntanja mqaddsa ta' Alla, u kont timxi f'nofs il-ħaġar tan-nar.***

***Bla ħtija kont f'mixjietek sa minn ħolqienek, sakemm ma nkixifx qerqek. Bil-kobor tan-negozju tiegħek imtlejt bl-inġustizzja u dnibt, u jien warrabtek mill-muntanja ta' Alla, u l-kerubin għassies ħarġek minn qalb il-ġamar tan-nar.***

***Qalbek tkabbret bi ġmielek; ħassart għerfek bi tlellixek. Jien sabbattek ma' l-art, minħabba d-delitti tiegħek, perriċtek quddiem is-slaten biex jitpaxxew bik. Bil-kotra tal-ħażen tiegħek, bil-qerq tan-negozju tiegħek, int żeblaħt is-santwarji tiegħek.***

***Għalhekk jien ħriġt nar minn ġo nofsok, u belgħek u għamlek irmied fuq l-art, quddiem in-nies iħarsu lejk.***

***Kull min kien jafek minn fost il-popli baqa' skantat bik: int sirt waħx, u ma terġa' tqum qatt iżjed."***

Issa araw x`jgħid Ġesù lil Xmun Pietru:

U l-Mulej qal: ***"Xmun! Xmun! Ara, ix-Xitan riedkom f'idejh biex jgħaddikom mill-għarbiel bħall-qamħ."***

Il-kburija fetħet il-bibien għall-għadu biex jidħol ġewwa u jagħrbel lil Xmun Pietru. Il-kelma 'tagħrbel' ġejja mill-kelma Griega **Siniazo**." Tfisser, li tgħarbel, tgħaddi minn passatur; billi tqanqal min ġewwa sabiex tipprova l-fidi ta xi ħadd sakemm twasslu li jkun kważi megħlub."

Issa kieku Ġesù kellu l-istess mentalita' li ħafna għandhom ġewwa l-knisja, kien jgħid, "Ejjew nitolbu, l-aħwa, u norbtu dan l-attakk tax-xitan. Aħna maħniex se nħallu lil Satana jagħmel hekk lill-maħbub tagħna Xmun!" Imma araw x`qal: ***"...imma jiena tlabt għalik, biex il-fidi tiegħek ma tiġix nieqsa. Inti mbagħad, meta terġa' lura għas-sewwa, wettaq lil ħutek."***

– Luqa 22: 32

Ġesù ma talabx biex Xmun Pietru jaħrab minn dan it-theżżiż intens għall-punt li jiġi megħlub. Hu talab li l-fidi ma tispiċċax fix-xejn fil-proċess. Ġesù kien jaf li minn ġo din it-taqbida kien se joħroġ karattru ġdid, wieħed li Xmun Pietru kellu bżonn biex iwettaq id-destin tiegħu u jqawwi lil ħutu.

Satana kien talab il-permess biex jheżżeż lil Xmun Pietru tant bil-qawwi li hu kien jitlef il-fidi. L-intenzjoni ta' l-għadu kienet illi jeqred lil dan il-bniedem li kellu tant potenzjal, li kien irċieva tant revelazzjoni. Imma Alla kellu skop differenti għal dak it-tixwix, u bħal dejjem, Alla huwa 'il quddiem ħafna iktar mix-xitan. Huwa ħalla lill-għadu jagħmel dak kollu sabiex jheżżeż fi Xmun Pietru dak kollu li kellu bżonn jiġi mheżżeż.

Alla wera lil marti, Lisa, ħames skopijiet għal theżżiż t'oġġett.

1. Biex iġibha qrib il-pedament tagħha.
2. Biex ineħħi dak li hu mejjet.
3. Biex jaħsad dak li hu misjur.
4. Biex iqajjem.
5. Biex jgħaqqad jew iħallat flimkien sabiex ma jkunux jistgħu jerġgħu jiġu sseparati.

Kull proċess maħsub jew inkella attitudini tal-qalb li hija miżrugħa fl-egoiżmu jew kburija jkun irriġettat. B`riżultat ta' dan it-theżżiż tremend, kull kunfidenza żejda li kellu Xmun Pietru kienet titlaq, u kull ma kien jibqa' fih kienet il-pedament qawwi ta' Alla. Hu jqum għall-vera kundizzjoni tiegħu, il-mejjet jiġi mneħħi u dak il-frott kollu li hu misjur fih jiġi maħsud, hekk jinġieb iktar qrib għall-pedament veru tiegħu. Hekk ma jaħdimx aktar indipendenti, imma jiddependi fuq il-Mulej.

Pietru kollu qalbieni ikkontradixxa l-kliem ta`Ġesù: ***"Mulej jiena lest li mmur miegħek, sewwa l-ħabs u anke għall-mewt."*** Din id-dikjarazzjoni ma kienitx imwielda mill-Ispirtu imma mill-kunfidenza fih innifsu. Ma setax jara x'kien se jiġri permezz ta' dak it-theżżiż.

## Ġuda Kontra Xmun

X`uħud jaħsbu li Pietru kien wieħed li jparla ħafna u kien beżżiegħ. Imma ġewwa l-ġnien, meta l-għassies tat-tempju ġie biex jarresta lil Ġesù,

***"Xmun Pietru kellu sejf, siltu, u darab lill-qaddej tal-qassis il-kbir u qatagħlu barra widintu l-leminija."***

– Ġwanni 18: 10

Mhux ħafna beżżiegħa jattakkaw lis-suldati għedewwa meta jkunu f'numru akbar. Għalhekk hu kien qalbieni, imma saħħtu kienet fil-personalita' tiegħu, mhux fl-umilta` t`Alla, għaliex it-theżżiż kien għadu ma bediex.

Kollox ġara kif kien qal minn qabel Ġesù. L-istess Xmun Pietru, qalbieni u qawwi, li kien lest li jmut għal Ġesùu li xejjer ix-xabla fil-ġnien li kien mimli kollu suldati, kien ifaċċjat minn tifla qaddejja żgħira. Kien intimidat minnha u anke ċaħad li qatt kien jaf lil Ġesù.

X`uħud jaħsbu li huma l-affarijiet il-kbar li jwaqqgħu lin-nies. Sikwit huma l-affarijiet iż-żgħar li jheżżuna l-iktar. Din turi il-frugħa tal-kunfidenza fina nfusna. Pietru ċaħad lil Ġesù darbtejn oħra. Immedjatament is-serduk beda jidden u Pietru telaq jibki mnikket. Theżżeż minn kull kunfidenza li kellu u emmen li qatt ma kien se jerġa' jqum minnha. Kull ma kien baqa' gewwa fih, għalkemm ma kienx għadu nduna, kien dak kollu li kien irrevelat lilu mill-Ispirtu.

Xmun Pietru u Ġuda kienu simili f'ħafna affarijiet, inkluż l-fatt li t- tnejn ċaħdu lil Ġesù fl-aħħar ftit jiem tant kruċjali fil-ħajja ta` Ġesù. Però ż-żewġt irġiel kellhom differenza fundamentali.

Ġuda qatt ma xtaq ikun jaf lil Ġesù bl-istess manjiera ta' Xmun. Ġuda ma kienx mibni fuq Ġesù. Kien jidher li jħobb lil Ġesù peress li ħalla kollox biex jimxi warajh, ivvjaġġa fil-kumpanija Tiegħu kontinwament, u anke baqa' miegħu fil-persekuzzjoni. Huwa keċċa x-xjaten, fejjaq il-morda, u ppriedka l-vanġelu. (Iftakru li Ġesù bagħat lit-tnax biex jippriedkaw, ifejjqu u jeħilsu, mhux il-ħdax.) Imma s-sagrifiċċji tiegħu ma kienux imwettqa mill-imħabba għal Ġesù, jew inkella minħabba r-revelazzjoni ta` min kien Hu.

Ġuda kellu l-aġenda tiegħu mill-bidu nett. Qatt ma nidem mill-mottivi personali tiegħu. Il-karattru tiegħu kien irrevelat b`argumenti bħal: ***"Inti x`lest ittini jekk jien..."*** (Mattew 26:14). Kien jigdeb u jfaħħar biex jieħu vantaġġ (Mattew 26:25). Kien jieħu flus għal użu personali mit-teżorerija tal-ministeru ta` Ġesù (araw Ġwanni 12:4-6). U l-lista tibqa' sejra. Hu qatt ma kien jaf sew lill-Mulej allavolja qatta' tlett snin u nofs fil-kumpanija Tiegħu.

It-tnejn li huma kienu ddispjaċuti ta' dak li għamlu. Imma Ġuda ma kellux il-pedament li kellu Pietru. Għaliex qatt ma kien imxennaq li jkun jaf lil Ġesù. Ġesù ma kienx irrivelat lilu. Li kieku Ġuda kellu revelazzjoni ta` Ġesù, kieku qatt ma kien jittradieh. Meta tempesta qawwija attakkat il-ħajja tiegħu, kollox ġie mheżżeż u mtajjar! Araw x`ġara:

***"Mbagħad Ġuda, it-traditur, meta ra li Ġesù kien ikkundannat, nidem u mar bit-tletin biċċa tal-fidda għand il-qassisin il-kbar u x-xjuħ biex jerġa' jagħtihomlhom lura; u qalilhom: "Dnibt, għax ittradejt demm bla ħtija!" Iżda huma qalulu: 'Aħna din x'inhi affari tagħna?"***

– Mattew 27: 3-5

Huwa kellu rimors kbir u kien jaf li għamel dnub. Imma ma kienx jafu lil Kristu. Ma fehmx kemm kien kbir Dak li kien ittradixxa. Kull ma qal kien, ***"Jien ittradejt demm innocenti"***. Li kieku kien jaf lil Kristu kif kien jafu Xmun Pietru, kien jerġa' jmur lura għandu u jindem, hekk kif kien ikun jaf it-tjubija tal-Mulej.

Li kkommetta suwiċidju kien att ieħor ta' kif għix indipendenti mill-grazzja t`Alla. It-theżżiż wera li Ġuda ma kellux pedament, avolja mexa wara s-Sid għal tlett snin sħaħ.

Numru kbir ta dawk li kkonvertew, talbu "it-talba tas-salvazzjoni," attendew il-knisja, kienu attivi, u anke studjaw il-Bibbja. Dan kollu, iżda, huwa mingħajr ir-revelazzjoni ta` min veru HU Ġesù, għalkemm jistqarruh b`ħalqhom. Meta diżżapuntament aħrax jiġi fuqhom, huma jkunu offenduti ma' Alla u ma jkollom xejn x`jaqsmu Miegħu.

*"Alla qatt ma għamel xejn għalija!" smajthom jgħidu. "Ippruvajt il-Kristjaneżmu, imma ħajti iktar ġiet sfortunata."* Jew *"Jien tlabt u staqsejt lil Alla biex jagħmilli hekk, imma ma għamiliex!"*

Dawn qatt ma taw ħajjithom lil Ġesù imma ppruvaw ipoġġu rwieħhom f`linja waħda Miegħu għall-benefiċċju tagħhom stess. Malajr ġew offenduti. Din hija d-deskrizzjoni li jagħmel Ġesù għalihom:

***"Dawk li jinżergħu f'art kollha blat huma dawk li meta jisimgħu l-kelma, minnufih jilqgħuha bil-ferħ, imma għeruq ma jkollhomx, u għalhekk ftit idumu; meta mbagħad jiġi fuqhom l-għawġ, jew isibu min iħabbathom minħabba l-kelma, malajr jitfixklu."***

– Mark 4: 16-17

Araw kif Hu qal li ġew imfixkla għaliex huma ma kellhom l-ebda pedament. F'hiex għandna jkollna l-għeruq? Insibu t-twegiba f`Efesin 3: 16-18: Għandna jkollna l-għeruq u pedament fl-imħabba. L-imħabba tagħna għal Alla hija l-pedament.

***Ġesù qal, "Imħabba akbar min din ħadd ma għandu, li wieħed jagħti ħajtu għal ħbiebu."***

– Ġwanni 15: 13

Ma nistgħux nagħtu ħajjitna għal xi ħadd li ma nafdawx. Ma nistgħux nagħtu ħajjitna għal Alla jekk ma nkunux nafuh biżżejjed li nafdawh. Aħna irridu nkunu nafu u nifhmu in-natura u l-karattru t`Alla. Għandna jkollna l-assigurazzjoni li mhu se jagħmel xejn biex iweġġgħana.

Hu dejjem attent iħares għal dak li jaf li hu tajjeb għalina. Dak li jidher diżżapuntanti għalina, dejjem idur għat-tajjeb tagħna jekk ma nitilfux il-fidi. Alla huwa imħabba; ma hemm l-ebda egoiżmu jew ħażen Fih. Huwa Satana li jixtieq li jeqridna.

Ħafna drabi aħna naraw is-sitwazzjonijiet f'ħajjitna min-nuċċali tal-qrib. B`hekk l-istampa tidher imċajpra. Alla jħares mill-aspett ta` l-eternita' ta' dak li ngħaddu minnu. Jekk inħarsu lejn is-sitwazzjoni min-naħa tagħna biss, jistgħu jiġru żewġ affarijiet.

L-ewwel, f'nofs dak kollu li Alla jkun qiegħed fil-proċess li jneħħi, aħna nkunu priża faċli għall-offiża, jew m'Alla jew inkella ma' xi qaddej minn Tiegħu.

It-tieni, aħna faċli nkunu ngannati mill-għadu. Satana juża xi ħaġa li dak il-ħin tidher tajba, imma l-pjan aħħari tiegħu hu li jużah għad-distruzzjoni tagħna jew anke għall-mewt. Meta aħna niddeċiedu li nafdaw f `Alla, m'aħniex se niġu mċaqilqa minn taħt il-kura tal-Missier. Ma nċedux għat-tentazzjoni li nieħdu ħsieb tagħna nfusna.

## Jiddependi Mill-Karattru T'Alla

Mod wieħed kif l-għadu jipprova jħajjarna ma nibqgħux nafdaw lil Alla, hija billi jgħawweġ il-perċezzjoni tagħna ta` kif inhu l-karattru t`Alla. Huwa għamel hekk ma' Eva fil-ġnien meta staqsiha, ***"Tassew li qal Alla biex ma tiklux mis-siġar kollha tal-ġnien?"*** (Ġenesi 3:1). Huwa dawwar il-kmand t`Alla sabiex jattakka u jgħawweġ il-karattru Tiegħu.

***“Il-Mulej kien qal: Mis-siġar kollha tal-ġnien tista’ tiekol, imma mis-siġra ta’ tagħrif it-tajjeb u l-ħażin, la tikolx minnha, għax dak in-nhar li tiekol minnha żgur li tmut.”***

– Ġenesi 2: 16-17

Is-serp kien qiegħed jgħid lil Eva, *“Alla qiegħed iżomm dak kollu li hu tajjeb minnek.”*

Imma Alla enfasizza,***“Tistgħu tieklu minn kollox barra...”*** Alla ta` lil bniedem il-ġnien kollu biex jitgħaxxaq bih u l-frott kollu biex jiekol b’eċċezzjoni ta’ waħda biss.

Is-serp beda jgħawweġ il-mod ta’ kif il-mara kienet tħares lejn Alla billi qalilha, “Alla mhux veru jagħti kasek. X’inhu jżomm tajjeb minnek? Allura mhux veru jħobbok daqs kemm ħsibt. Mhux veru li Hu Alla twajjeb!” Hi ġiet imqarrqa u emmnet gidba fuq il-karrattru t`Alla. Ix-xewqa li tidneb ġiet imqanqla għaliex issa, il-Kelma t`Alla ma kienitx iżjed ħajja imma kienet liġi. ***“...u l-qawwa tad-dnub hi liġi.”***

– 1 Korintin 15: 56

L-għadu xorta għadu jopera bl-istess mod illum. Huwa jikkorrompi l-karrattru t`Alla l-Missier fl-għajnejn ta` wliedu. Kull wieħed minna kellu awtoritajiet fuqna bħal missirijiet, għalliema, imgħallmin, jew inkella gvernijiet li kienu egoisti u ma jħobbux. U għaliex huma figuri b’awtorita’, huwa faċli li jipproġettaw in-natura tagħhom fuq il-karattru t`Alla, billi Huwa l-għola awtorità.

L-għadu tant għawweġ b’għaqal kbir il-karrattru tal-Missier billi kkorompa l-mod kif naraw lil missirijiet tad-dinja. Alla jgħid li, qabel ma jerġa’ jiġi Ġesù, il-qlub tal-missirijiet jkunu mreġġga’ lura għand uliedhom (ara Malakija 4:6). Il-karrattru jew in-natura Tiegħu tkun tidher fil-mexxejja Tiegħu, u dan ikun fattur ewlieni għal fejqan.

Meta tkun taf li Alla mhu se jagħmel xejn biex iweġġgħek jew inkella jġarrfek, u kull ma Hu jagħmel jew ma jagħmilx fil-ħajja tiegħek huwa għall-aħjar interess tiegħek, inti tagħti ruħek liberament Lilu. Bil-kuntentizza kollha tagħti ħajtek lil Sidek.

Jekk tagħti lilek innifsek kompletament lil Ġesù u tikkommetti ruħek taħt il-ħarsien Tiegħu, inti ma tiġix offendut għax issa m'għadekx tiegħek innifsek. Dawk li jkunu mweġġa' jew inkella diżapuntati, huma dawk li ġew għand Ġesù għal dak li Hu jista' jagħmel għalihom, mhux għal min Hu.

Meta jkollna din l-attitudini malajr niġu ddiżappuntati. Meta nikkonċentraw fina nfusna biss, ikollna vista qasira. Ma nkunux nistgħu naraw iċ-ċirkustanzi immedjati mill-għajnejn tal-fidi. Meta l-ħajja tagħna tkun mitlufa f`Ġesù, aħna nafu l-karattru Tiegħu u naqsmu l-ferħ Tiegħu. Ma niġux imċaqilqa jew nawfragati.

Huwa faċli li niġu offenduti meta niġġudikaw bl-affarijiet ta' madwarna jew ċirkostanzi fin-natural. Dan mhuwiex il-mod ta' kif inħarsu mill-għajnejn ta` l-Ispirtu. Ħafna drabi Alla ma jirrispondiniex bil-manjiera jew inkella l-ammont ta` ħin li jien inħoss li hu assolutament neċċessarju. Imma hekk kif inħares lura lejn kull każ, nista' nagħraf l-għerf Tiegħu.

Kultant it-tfal tagħna ma jifhmux l-metodu jew inkella l-logika wara t-taħriġ tagħhom. Nippruvaw nagħtu spjegazzjoni lit-tfal il-kbar sabiex ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-għerf. Imma ħafna drabi huma ma jifhmux jew ma jaqblux, minħabba n-nuqqas ta' maturita' tagħhom; iktar tard fil-ħajja jifhmu. Jew ir-raġuni hi li nittestjaw l-ubbidjenza, l-imħabba u l-maturita' tagħhom. Hija l-istess ħaġa b`Missierna fis-smewwiet. F'dawn is-sitwazzjonijiet, il-fidi tgħid, *"Jien nafda Lilek allavolja ma nistax nifhem,"*

F'Lhud 11:35-39 nsibu rekord ta' dawk li qatt ma raw it-twettieq tal-wegħdiet tagħhom mingħand Alla u xorta qatt ma ddubitaw: ***"Oħrajn soffrew it-tortura, u ma riedux il-ħelsien biex jaqilgħu qawmien aħjar. Oħrajn kienu mġarrbin biż-żebliħ, bis-swat, bil-ktajjen ukoll, u bil-ħabs: Kienu mħaġġrin, imħanxrin minfudin bis-sejf: iġġerrew liebsin ġlud tan-ngħaġ u tal-mogħoż; neqsin minn kollox, mgħakksin, maħqurin. Huma, li ma kienux jixirqu lid-dinja: jiġġerrew fid-deżert, fuq l-għoljiet, u fl-għerien, u fl-irkejjen ta` l-art. U dawn kollha, għalkemm kellhom xhieda tajba tal-fidi tagħhom, ma qalgħux dak li kienu imwgħeda."***

Huma ddeċidew li Alla kien dak kollu li riedu, irrelevanti l-prezz. Huma emmnu Lilu anki meta mietu mingħajr ma raw il-wedgħiet tagħhom imwettqa. Ma setgħux ikunu offenduti!

Aħna nkunu imħawla sewwa u bl-għeruq sodi meta nissaportu din l-imħabba qawwija u nafdaw lil Alla.

L-ebda tempesta, irrelevanti kemm tkun estrema, qatt ma tista' ċċaqlaqna. Din ma tiġix mir-rieda qawwija jew inkella mill-personalita' qawwija. Dan huwa don tal-grazzja għal dawk kollha li jpoġġu l-kunfidenza tagħhom f`Alla u jitfgħu 'il barra l-kunfidenza li kellhom tagħhom infushom. Imma biex tagħti ruħek f`abbandun totali, inti trid tkun taf sew lil Dak li qiegħed jieħu ħsieb ħajtek.

## Il-Grazzja Tiġi Mogħtija Lill-Umli

Xmun Pietru ma setax jiftaħar iżjed li kien kbir. Huwa kien tilef il-kunfidenza naturali li kellu. Kien ra ċar kemm hi għalxejn u bla bżonn ir-rieda qawwija tiegħu. Issa kien imtela bl-umiltà. Issa kien kandidat perfett għall-grazzja t`Alla. Alla jagħti l-grazzja Tiegħu lill-

umli. L-umilta` hija bżonjuża. Din kienet lezzjoni mnaqqxa (maħruqa) fil-kuxjenza ta` Pietru hekk kif kien qiegħed jikteb l-epistoli. ***"Kunu mżejnin bl-umiltà; għax Alla jżommilhom lill-kburin, u jagħti grazzja lill-umli." (1 Pietru 5:5)***

Pietru kien mheżżeż tant li kien se jaqta' qalbu. Nafu dan bil-messaġġ li l-anġlu tal-Mulej ta lil Marija Madalena ħdejn il-qabar: ***"Imma morru, għidu lid-dixxipli tiegħu u lil Pietru li jmur qabilkom fil-Galilija: hemm tarawh, bħalma qalilkom."***

– Mark 16: 7

L-anġlu kellu jsemmi ismu. Pietru kien fix-xifer, imma Alla xorta kien waqqaf il-pedament tiegħu fih. Dan ma kienx se jiċċaqlaq bit-theżżiż għax kien imsaħħaħ.

Ġesù mhux biss ħafirlu lil Pietru, imma rrestawrah. Issa li kien ġie mheżżeż, kien lest biex isir wieħed mill-figuri ċentrali fil-knisja. Kien b`kuraġġ kbir li stqarr il-qawmien ta` Kristu quddiem dawk li kienu responsabbli għall-kruċifissjoni tiegħu. Huwa ffaċċja l-kunsill, mhux biss tfajla qaddejja. B`awtorita' kbira u qalbiena, hu waqaf quddiemhom.

L-istorja tirrapporta kif Pietru kien ikkruċifissat rasu l'isfel u saqajh il-fuq wara ħafna snin ta` servizz b'fedeltà. Huwa insista li ma kienx denju li jmut l-istess mewta li l-Mulej tiegħu kien miet, għalhekk huma dendluh rasu l-isfel. Ma kienx iżjed beżgħan. Hu kien ġebla mibnija fuq il-pedament sod tal-Blata.

Provi f'din il-ħajja se jikxfu x`hemm ġewwa qalbek jekk l-offiża hijiex lejn Alla jew lejn xi ħadd ieħor. It-testijiet, jew se jagħmluk żorr lejn Alla u ta' madwarek jew inkella jqawwuk. Jekk tgħaddi mill-eżami,

l-għeruq se jisparaw l-isfel u fil-fond, jistabilixxu lilek u l-futur tiegħek. Jekk tfalli, inti se tiġi offendut, li jista' jwassal għal tniġġis bl-imrar.

## Mulej, Jiena Qdejtek, Allura Għalfejn...?

Meta jien kont mexxej spiritwali, kien hemm fil-grupp taż-żgħażagħ ġuvnott għaqli ta` erbatax-il sena li kien tant irrispettat minn sħabu u anke mill-mexxejja tiegħu. Kien student tajjeb ħafna u kien atleta mżejjen b'kollox. Imħeġġeġ mill-affarijiet t'Alla, il-ġuvnott kien iservi b`fidi qawwija u kien voluntier ta' kull proġett. Huwa ġie magħna fi vjaġġ missjunarju, u ta xhieda ma' kważi kull min iltaqa.

F'punt wieħed minn ħajtu, kien iqatta' erba siegħat kuljum fit-talb. Semgħa ħafna affarijiet mill-Mulej u qasamhom ma' ħaddieħor. Dak li kien jaqsam dejjem kienet tkun ta` barka għal ħaddieħor. Huwa għaraf is-sejħa tiegħu għall-ministeru u xtaq ikun mexxej spiritwali qabel ma jagħlaq l-għoxrin sena. Kien jidher li kien ġebla li ma titħarrikx.

Jien kont inħobbu lil dan il-guvnott, u għaraft is-sejħa t`Alla f`ħajtu, u anke nvestejt il-ħin tiegħi fih. Ħaġa waħda kienet qegħda tinkwetani: kien jidher li kellu wisq kunfidenza fih innifsu. Xtaqt ngħidlu xi ħaġa imma ma ħassejtx minn Alla biex nagħmel hekk. Kont naf li kienet ġejja bidla. Kien għadda minn tempesti qawwija u xorta baqa' qawwi. Xi kultant kont niddubida l-ħsibijiet tiegħi hekk kif kont narah jibqa' sħiħ fil-provi severi li kien qiegħed jgħaddi minnhom.

Għaddew xi ftit snin. Hu mar post ieħor u jien kont bdejt nivvjaġġa ħafna. Iżda xorta bqajt bil-kuntatti miegħu. Kont naf li kellu jgħaddi minn proċċes qalil. Kont naf li din kellha sseħħ għalkemm ma kelli

l-ebda idea x`kien se jiġri, imma rrealizzajt li kienet neċċesarja għalih sabiex iwettaq id-destin tiegħu. Din kienet simili għall-proċess ta' theżżiż li kellu Xmun Pietru.

Meta dan il-ġuvnott kellu tmintax-il sena, missieru qabdu kanċer li ma jitfejjaqx. Il-ġuvnott u ommu kienu jsumu u jitolbu, jemmnu li missieru kien se jkun imfejjaq. Oħrajn ingħaqdu magħhom ukoll.

Ftit xhur biss qabel, missieru kien ikkommetta ruħu lil Ġesù. Il-kundizzjoni tal-missier ħżienet ħafna. Jien kont qiegħed namministra ġewwa belt oħra ġewwa Alabama meta l-mara tiegħi ċemplitli, u bdiet tħeġġiġni biex inċempel lil dan il-ġuvnott. Kellimtu, u stajt nara li kellu bżonn lil xi ħadd biex jinkorraġġieh.

Wara s-servizz ta' l-aħħar, soqt il-lejl kollu għad-dar tiegħu u wasalt għal xi l-erbgħa ta` filgħodu. Il-kundizzjoni ta` missieru kienet tant severa li t-tobba tawħ ftit jiem biss biex jgħix. Tant kien ħażin li lanqas biss seta' jikkomunika ma' ħadd.

Il-ġuvnott kien kunfidenti li missieru kien se jqum imfejjaq. Jien amministrajt lill-familja tiegħu u tlaqt ħafna siegħat wara. L-għada filgħodu rċevejna telefonata fejn ġejna nfurmati li l-affarijiet kienu sejrin għall-ħażin ħafna.

Lisa u jien bdejna nitolbu immedjatament. Hekk kif konna qed nitolbu, Alla ta lil marti viżjoni ta` Ġesù bilwieqfa` ħdejn is-sodda ta` dak ir-raġel lest biex jieħdu miegħu d-dar. Nofs siegħa wara l-ġuvnott ċemplilna u qalilna li missieru kien miet. Kien jidher l-istess bħal qabel, qawwi fih nnifsu. Iżda dan kien biss il-bidu.

Dak il-lejl hu ċempel lil xi ħbieb tiegħu tal-qalb biex jgħidilhom bil-mewt ta` missieru. Meta wieġbu t-telefon, kienu qegħdin jibku. Hu stagħġeb kif huma diġà kienu jafu bl-aħbar. Iżda ma kienux jafu. Id-dmugħ li kienu qegħdin jibku kien għaliex wieħed mill-ħbieb tal-qalb tiegħu kien għadu kemm gie maqtul f'aċċident. F'ġurnata waħda hu tilef lil missieru u lill-ħabib tal-qalb.

It-theżżiż kien beda. Hu kien imħawwad, iffrustrat u mħeddel. Il-preżenza t`Alla kienet qisha ħarbet minn fuqu. Xahar wara, meta kien qed isuq lejn id-dar, il-ġuvnott iltaqa ma' aċċident li kien għadu kif sar. Hu kien imħarreġ u mgħallem għal xi emerġenża bħal din, u għalhekk waqaf. Kulħadd fiż-żewġ karozzi kienu ħbieb tiegħu. Tnejn mietu f'idejh hekk kif kien qiegħed jgħinhom.

Dan il-ħabib żgħir tiegħi kien wasal fil-limitu. Għadda tlett siegħat sħaħ fil-widien jitlob u jibki lil Alla. "Fejn qiegħed? Inti għedtli li se tkun is-serħan tiegħi, m'għandi l-ebda serħan!"

Kien jidher li Alla kien tah dahru. Iżda din kienet infatti l-ewwel darba li l-qawwa tiegħu kienet ħallietu.

Hu kien sar irrabjat għal Alla. Għalfejn ħalla dan jiġri? Ma kienx irrabjat mal-mexxej spiritwali tiegħu, lanqas mal-familja u anqas miegħi. L-offiża tiegħu kienet ma' Alla. Kien mifni bid-diżappunt. Alla kien naqsu fis-siegħa li tant kellu bżonnu.

*"Mulej, jien qdejtek u anke ħallejt ħafna affarijiet biex nimxi warajk."* Hu talab. *"Issa int abbandunajtni!"* Hu kien jemmen li Alla kellu x'jagħtih għal dak li ħalla warajh sabiex jaqdieh.

Ħafna nies esperjenzaw weġgħat u diżapunti li huma inqas estremi u oħrajn lu huma aktar. Ħafna jkunu offenduti mal-Mulej. Huma jemmnu illi Hu għandu jieħu f'kunsiderazzjoni dak kollu li għamlu għalih.

Dawn qegħdin jaqduh għal raġunijiet ħżiena. M'għandniex naqdu lill-Mulej għal dak kollu li Hu jista' jagħmel għalina, iżda għal dak li Hu u dak kollu li Hu diġà għamel għalina. Dawk kollha li jkunu offenduti ma jirrealizzawx kemm hu kbir id-dejn li Hu diġa ħallas għalihom sabiex setgħu jkunu ħielsa. Insew minn liema manjiera ta` mewt ġew meħlusa. Huma jaraw bl-għajnejn naturali minflok mill-għajnejn eterni. Dan il-ġuvnott waqaf milli jmur il-knisja u beda jagħmila ma' kumpanija ħażina, jiffrekwenta l-ħwienet tax-xorb u ħafna divertiment. Bil-frustrazzjoni li kellu ma ried ikollu xejn x`jaqsam ma' l-affarijiet tal-Mulej. Ried jaħrab kull kuntatt li seta' jkollu ma' Alla.

Ma setax ikompli f`dik il-ħajja iktar minn ġimgħatejn, għaliex qalbu kienet qiegħda tħoss il-ħtija. Iżda xorta baqa' jirrifjuta li jersaq lejn il-Mulej għal sitt xhur sħaħ. Anki s-smewwiet beda jarahom sofor bħar-ram. Il-presenza tal-Mulej ma kienet tinsab imkien.

Għaddiet 'il fuq minn sena. Permezz ta' ħafna inċidenti hu kien qiegħed jara li Alla xorta kien għadu jaħdem ġewwa ħajtu. Huwa resaq lejn Alla, imma issa kien differenti. Huwa resaq Lejh bl-umiltà kollha. Wara dan iż-żmien ta` prova kien spiċċa, il-Mulej urieh li Hu qatt ma kien abbandunah. Hekk kif il-mixja spiritwali tiegħu kienet ġiet irrestawrata, huwa tgħallem ippoġġi l-kunfidenza fil-grazzja t`Alla, u mhux f`saħħtu.

Jiena bqajt f'kuntatt miegħu. Sena u nofs wara qalli b`affarijiet li ra fih innifsu li qatt ma kien rahom qabel. *"Jiena kont bniedem mingħajr karattru u fjakk fir-relazzjonijiet li kelli. Kont ġejt imrobbi minn missieri sabiex inkun qawwi minn barra, raġel magħmul. Qatt ma stajt nikber kif riedni Alla. Nirringrazzja lill-Mulej li ma ħalliniex f`dik il-kundizzjoni."*

*"Imma l-iktar li nikktitli qalbi ma kienitx li kont niġri ġol-ħwienet tax-xorb u niddiverti bl-addoċċ. Imma li tajt dahri lill-Ispirtu s-Santu. Inħobbu ħafna. Ir-relazzjoni tiegħi Miegħu qatt ma kienet ħelwa daqs kemm hi issa."*

Fil-ħajja tiegħu ġara ħafna theżżiż. Il-kunfidenza żejda kienet eliminata. Iżda dan il-ġuvnott kellu l-istess bażi li kellu Xmun Pietru, u din ma setgħetx tittieħidlu. Minflok ma bena l-ministeru u ħajtu fuq il-kburija, hu qiegħed jibni fuq il-grazzja t`Alla.

L-offiżi jikxfu d-dgħjufija li għandna f`ħajjitna. Ħafna drabi il-punt fejn naħsbu li aħna f`saħħitna jkun il-post moħbi tad-dgħjufija. Jibqa' moħbi sakemm tempesta qawwija ttajjarlu l-qoxra. L-apostlu Pawlu kiteb, ***"Għax dawk li tassew għandhom iċ-ċirkonċiżjoni huma aħna; aħna li qegħdin naqdu lil Alla fl-Ispirtu u niftaħru fi Kristu Ġesù; aħna li ma nqegħdux il-fiduċja tagħna fil-ġisem."***

– Filippin 3: 3

Ma nistgħu nagħmlu xejn ta` valur etern bl-abbilta` tagħna. Huwa faċli li tgħidha, imma li jkollok din il-verità mħawwla sew ġewwa fik, hija ħaġa oħra.

**ĠESÙ MA KIENX**

**JIKKOPROMETTI L-VERITA'**

**SABIEX IŻOMM IN-NIES MILLI**

**JKUNU OFFENDUTI.**

"Il-ktieb tiegħek *Il-Lixka ta' Satana* veru fetaħli għajnejja. Ir-raġel tiegħi u jien naħdmu t-tnejn fil-ministeru, u jien kont taħt l-impressjoni li kont tajba ħafna mal-Mulej. Il-Lixka ta' Satana urini li l-mibgħeda li kelli għal ħmistax –il sena għal ziti, kienet ħa ttellifni kollox. Aħna dejjem mgħallmin bħala kristjani biex naħfru, imma qatt ma daħlet f'qalbi qabel ma l-messaġġ tiegħek ġegħlni nħares lejn dik il-weġgħa partikulari li kelli tal-passat. "

--R. M - TENNESSEE

# 9

## IL-BLATA TA' L-OFFIŻA

***"Jien inqiegħed f'Sion ġebla tax-xewka, magħżula u għażiża, min jemmen fiha ma jkollux għax jitħawwad" Għalikom, mela, li temmnu, dan huwa ġieħ!"***

***"Għal dawk li ma jemmnux, din l-istess ġebla li warrbu l-bennejja saret il-ġebla tax-xewka u ġebla ta' tiġrif u tfixkil; tfixklu għax ma qagħdux għall-kelma ta' Alla; għal dan kienu ddestinati."***

– 1 Pietru 2: 6-8

Illum it-tifsira tal-kelma 'temmen' saret dgħajfa. Fl-għajnejn ta` ħafna, saret biss stqarrija ta' fatt ċert. Għal ħafna m'għandha x`taqsam xejn ma' l-ubbidjenza. Imma fil-passaġġ ta`fuq, il-kelma 'temmen' u 'diżubbidjenza' huma rappreżentati bħala opposti.

L-iskrittura twiddeb, ***"Biex kull min jemmen Fih*** (Ġesù Kristu) ***ma jintilifx, iżda jkollu l-ħajja ta` dejjem."***

– Ġwanni 3: 16

Bħala riżultat ta` kif aħna naraw il-kelma 'temmen', ħafna jaħsbu li kull m'għandhom bżonn hu li jemmnu li Ġesù kien jeżisti u miet fuq il-Kalvarju, u hekk ikunu fit-triq it-tajba ma' Alla. Li kieku dik kienet kull ma kien hemm bżonn, id-demonji jkunu fit-triq it-tajba Miegħu ukoll.

L-iskrittura ukoll tgħid, ***"Inti temmen li Alla huwa wieħed, u tagħmel sew. U dan ix-xjaten ukoll jemmnuh, u jitriegħdu."***

– Ġakbu 2: 19

Għad li xorta m'hemmx salvazzjoni għalihom.

Il-kelma *temmen* fiha ħafna tifsiriet fl-iskrittura milli sempliċiment tammetti l-eżistenza ta`, jew inkella tapprova mentalment fatt. Biex nibqgħu fil-kuntest veru tal-vers ta' fuq, nistgħu ngħidu li l-element prinċipali tat-twemmin hija l-ubbidjenza. Nistgħu naqrawha b'dan il-mod:

***"Għalikom, mela li 'tobdu', dan huwa ġieħ! Għal dawk li huma 'diżubidjenti', din l-istess ġebla li warrbu l-bennejja saret il-ġebla tax-xewka u ġebla ta' tiġrif u tfixkil."***

M'huwiex diffiċli biex tobdi meta tkun taf il-karrattru u l-imħabba ta' Dak li għalih tkun qiegħed iċċedi kollox. L-imħabba hija l-milja tar-relazzjoni tagħna mal-Mulej - mhux l-imħabba ta` prinċipji jew tagħlim imma imħabba għall-Persuna ta` Ġesù Kristu. Jekk l-imħabba mhijiex imħawwla sewwa, aħna nistgħu niġu offiżi u anke nitfixklu.

L-Iżraeliti, dawk li l-Mulej sejjaħ biex ikunu l-bennejja, ċaħdu l-ġebla tax-xewka, Ġesù. Huma kienu jħobbu t-tagħlim tagħhom tat-Testment l-Antik. Kienu sodisfatti bl-interpretazzjoni tagħhom għaliex setgħu jgħawwġuhom għall-benefiċċju tagħhom u wżati biex jikkontrollaw lil ħaddiehor. Ġesù, mill-banda l-oħra sfida kull legaliżmu li kellhom tant għal qalbhom. Hu qalilhom,

***"Intom tistudjaw l-Iskrittura, għax taħsbu li fiha hemm il-ħajja ta' dejjem; din tagħti xhieda għalija;"***

– Ġwanni 5: 39

Ma setgħux jifhmu l-idea li mill-bidu nett Alla xtaq li jkollu wlied subien u bniet sabiex ikollu relazzjoni magħhom. Riedu biss jiggvernaw u jsaltnu. F'għajnejhom il-liġi għoliet 'l fuq minn kull relazzjoni. Huma ċaħdu dak kollu li kien mogħti lilhom b`xejn.

Jippreferu li jaqilgħu billi jaħdmu għalih. Għalhekk id-don b`xejn t' Alla, Ġesù Kristu, l-unika tama tal-ħajja u salvazzjoni, sar għalihom *"ġebla ta` tiġrif, u blata tat-tfixkil."*

Hekk kif għolla fuq idejh it-tarbija li kienet Ġesù, Xmun għamel profezija waqt li kienu ġewwa t-tempju: ***"Ara, dan ikun tiġrif u qawmien għal ħafna f`Iżrael, u sinjal li jmeruh".*** (Luqa 2:34). Innutaw it-tiġrif u l-qawmien. Dak li ġie mogħti biex iġib paċi fid-dinja spiċċa jġib sejf ta' diviżjoni lil dawk kollha li Hu kien mibgħut għalihom.(Mattew 10: 34, ***La taħsbux li ġejt biex inġib is-sliem fuq l-art: ma ġejtx biex inġib is-sliem imma sejf***) u ħajja lil dawk li kienu vittimizzati mill-bennejja (l-ministri ta dak iż-żmien).

## Ġesù u L-Offiżi

Fl-iskola ta' nhar ta' Ħadd, Ġesù kważi dejjem kien ikun ippreżentat bħala ragħaj iġorr fuq spallejh in-nagħġa l-mitlufa lejn il-merħla. Jew inkella b'idejh imdawrin mat-tfal żgħar waqt li jberikhom jew jitbissem u jgħid, *"Inħobbkom".* Dawn ir-rakkonti huma kollha vera, imma ma jagħtux l-istampa kollha ta' min Hu verament Ġesu'.

Dan l-istess Ġesù anke akkuża lill-Fariżej rigward il-ġustifikazzjoni tagħhom infushom. ***"Ja sriep, nisel il-lifgħat, kif tistgħu taħarbu mill-ħaqq ta` l-infern?"*** (Mattew 23:33). Qaleb l-imwejjed kollha ta` dawk il-bejjiegħa fit-tempju u keċċihom-il barra (Ġwanni 2: 13-22). U qal lil dak ir-raġel li ried jidfen lil missieru qabel imur jimxi warajh, ***"ħalli l-mejtin jidfdu lill-mejtin tagħhom: imma int mur xandar is-saltna ta`Alla."*** (Luqa 9: 59-60). Din m'hijiex it-tmien tal-lista.

Meta naraw mill-qrib il-mixja tal-ministeru ta` Ġesù naraw, raġel li offenda lil bosta waqt li kien jamministra. Ejjew naraw ftit eżempji.

## Ġesù offenda lill-Fariżej

F`ħafna okkażjonijiet Ġesù ikkonfronta u offenda lil dawn il- mexxejja. U għaliex ġew offenduti, bagħtuh fuq is-salib. Huma kienu jobgħoduh. Imma Ġesù kien iħobbhom biżżejjed biex jgħidilhom il-verita: ***"Dan il-poplu bix-xufftejn biss jagħtini ġieħ, imma qalbhom hija 'l bogħod minni. Fiergħa hija l-qima li jagħtuni; jgħallmu dutrina li m'hijiex għajr preċetti tal-bniedem."***

– Mattew 15: 7-9

Araw x`qalulu d-dixxipli lil Ġesù immedjatament wara:

***Resqu lejh imbagħad id-dixxipli u qalulu: "Taf li l-Fariżej skandalizzaw ruħhom meta semgħu din il-kelma?"***

– Mattew 15: 12

Studjaw sew ir-risposta tiegħu:

Iżda hu weġibhom: ***"Kull siġra li ma ħawwilhiex Missieri li hu fis-smewwiet tinqala' mill-għeruq. Ħalluhom: dawk għomja mexxejja ta' l-għomja; jekk agħma jmexxi lil agħma ieħor, it-tnejn jaqgħu ġol-ħofra."***

– Mattew 15: 13-14

Ġesù wera li l-offiżi jeliminaw lil dawk li m'humiex verament imħawla mill-Missier. Xi nies jistgħu jingħaqdu ma' xi knejjes jew għaqdiet ministerjali, imma billi ma jkunux mibgħuta hemm minn Alla m`humiex t`Alla. L-offiża li tiġi meta l-verita' tkun ippriedkata, tikxef il-mottiv li jkollhom u għalhekk jaqilgħu l-għeruq tagħhom.

Waqt li kont qiegħed inżur knejjes oħra, kont ta' xhieda ta' ħafna każijiet fejn mexxeja spiritwali jitnikktu minħabba –il ħafna nies li jkunu telqu, sewwa jekk kienu impjegati jew mill-kongregazzjoni. F`ħafna

ċirkostanzi dawk in-nies ikunu ddejjqu minħabba l-verita' ppridkata li kkonfrontat l-istil ħażin tal-ħajja tagħhom. Għalhekk jibdew jikkritikaw kull aspett tal-knisja u jitilqu.

Għal dawk il-mexxejja li jintrabtu ma' kull minn jgħaddi mill-bibien tagħhom, eventwalment ikollhom jikkompromettu l-verita'. *"Jekk tippriedkaw il-verita',"* ngħidilhom jien, *"se toffendu lin-nies, u huma se jinqalgħu minn posthom u jitilqu. La ħossukomx imdejjqin minħabba fihom, imma komplu itimgħu u mantnu lil dawk li Alla takom."*

Xi mexxejja jevitaw l-konfront għax jibżgħu li jitilfu n-nies. Uħud jaħsbuha, għaliex dawk li għandhom bżonn jiġu kkonfrontati huma dawk li jagħtu l-iktar jew inkella li huma influwenti ħafna fil-knisja jew komunita'. Oħrajn jibżgħu li jweġġgħu lil xi ħadd li jkun ilu magħhom snin twal. B`riżultat li l-mexxej jitlef dik l-awtorita' li Alla kien tah biex jipproteġi u jitma' lil dawk in-nagħaġ li ġew mogħtija lilu.

Meta dħalt għall-ewwel darba f'pożizzjoni pastorali, raġel għaref wissini: *"Ibqa' fl-awtorita' tiegħek, għax inkella xi ħadd jeħodielek u jużaha kontra tiegħek."*

Samwel kien bniedem t`Alla li ma ried jikkompprometti qatt il-verità għal ħadd, lanqas mar-re. Meta Sawlu m'obdiex lil Alla, il-Mulej qal lil Samwel biex jikkonfrontah. Hu hekk għamel. Sfortunatatment , Sawlu ma rrispondiex għall-kelma tal-Mulej b`indiema vera. Kien iktar qiegħed jikkonċentra fuq kif hu kien ser jidher man-nies. Meta Samwel kien se jitilqu, Sawlu qabadlu l-kantuniera tal-mantell u qatagħielu barra. Samwel ixxukjah b`dan il-kliem:

***“Il-Mulej illum ċarrat is-saltna ta’ Iżrael minn fuqek, u taha lil wieħed aħjar minnek.”***

– 1 Samwel 15: 28

Dan ma kienx dak li Samwel ried għal Sawl. Hu kien imnikket għalih. Hu stess kien dilek lil Sawlu bħala re, għallmu kif jiggverna u anke dderieġa l-koronazzjoni tiegħu. Huwa kien il-ħabib personal ta’ Sawl. Imma isimgħu kif Alla irreaġixxa għan-niket ta’ Samwel:

***“Kemm se ddum qalbek sewda għal Sawl, meta jien neħħejtu minn sultan fuq Iżrael? Imla l-qarn biż-żejt u itlaq”***

– 1 Samwel 16: 1

Alla kien qiegħed jgħid, li biex Samwel jibqa’ mixi f'dilka ta' L-Ispirtu friska kellu jirrealizza li l-imħabba u l-ġudizzju t`Alla huma perfetti. Kieku Samwel reġa' mar lura għand Sawl, la darba Alla kien irrifjutah, u ma kienx ikollu dik id-dilka friska ta' L-Ispirtu fuqu. Kieku baqa’ jibkih, ma kien imur imkien.

Mexxejja spiritwali li jkunu mnikkta u jibku għal dawk in-nies li jitilqu mill-knisja, jew jirrifjutaw li jikkonfrontaw membri għaliex huma ħbieb, tibda’ tinxfilhom id-dilka taż-żejt ta' L-Ispirtu f’ħajjtihom. Xi wħud mill-ministri jmutu spiritwalment waqt li oħrajn ikunu taparsi ħajjin. Mingħajr ma jafu huma jagħżlu li jkollom relazzjoni mal-bniedem minflok ma’ Alla.

Fil-Bibbja m’hemm imkien miktub li Ġesu qatt xi darba rreaġixxa għal dawk in-nies li telquh. L-unika ħaġa li kienet tferrħu kienet li jagħmel ir-rieda tal-Missier. Billi kien jagħmel hekk, Hu kien ikun ta’ benefiċju għal numru kbir ta’ nies.

Qatt ma ninsa meta kont qiegħed nippriedka fi knisja ta' ċertu denominazzjoni li kienet mimlija bl-Ispirtu. Konna ilna ’il fuq minn sena nivjaġġaw u nippriedkaw minn post għal ieħor. L-ewwel Ħadd filgħodu ppriedkajt messaġġ sempliċi ta`ndiema u li terga’ lura għall-ewwel imħabba. Ħassejtha r-reżistenza imma kont naf li dak kien il-messaġġ li kelli nagħtihom.

Wara l-laqgħa l-mexxej spiritwali qalli, *“Alla kien urini dak li int ippriedkajt dalgħodu, imma ma kontx naħseb li n-nies tiegħi kienu lesti għalih.”*

Il-mara tiegħi ħasset l-Ispirtu s-Santu jħeġġiġha biex tistaqsieh, *“Min hu l-mexxej spiritwali tal-knisja - int jew Ġesù?”*

Il-mexxej niżżel rasu. *“Dak kien eżatt li qalli l-Mulej xi xahar ilu. Hu qalli li Hu kien jaf x’kienu lesti jirċievu dawn in-nies.”* Qalilna li terz minn-nies tal-knisja kienu magħmula mix-xjuħ tal-knisja li ma riedu l-ebda bidla fl-ordni tas-servizz, fil-mużika jew fil-priedki. Aħna ħeġġiġnieh biex jibqa’ sod u jobdi lill-Mulej.

Għamilna erba’ laqgħat oħra f`dik il-knisja; kull wieħed kien iktar diffiċli mill-ieħor. Meta tlaqna minn dik il-belt, ħassejt li kelli xkora ramel ġo l-istonku tiegħi. Ma stajtx ngħid x`kien. Bdiet iktar titqal u ma kont qiegħed nieħu gost xejn. Ġeneralment, meta kont nitlaq minn knisja, qalbi kienet timtela bil-ferħ. Ma kontx naf x`hemm ħażin.
Meta fl-aħħar ġejt waħdi mal-Mulej, staqsejtu, “Missier, x`għamilt ħażin? Għalfejn għandi dan it-toqol fl-ispirtu tiegħi? Forsi abbużajt mill-awtorita’ tal-mexxej?”

Hu qalli sempliċiment, ***“Farfar it-trab mill-qiegħ ta’ riġlejk.’*** (ara Luqa 9: 5.)

Ixxukjajt ruħi meta smajtu jgħidli hekk. Komplejt nitlob u nistaqsih, imma xorta bqajt nirċievi l-istess kliem: *“Farfar it-trab mill-qiegħ ta’ riġlejk.”*

Fl-aħħar jien obdejt. Hekk kif idi telqet il-qiegħ tat-tieni żarbuna, dak it-toqol li kelli telaqni, u ferħ kbir daħal ġewwa qalbi. Erġajt għidtlu b’għaġeb kbir, *“Mulej, huma m’attakawniex u tefgħuni ’l barra mir-raħal. Għalfejn?”*

Hu urini kif il-mexxejja u ħafna minn dawk in-nies irrifjutaw il-kelma tiegħu għalihom. *“Agħtihom iżjed ħin Mulej,”* tkarrabtlu.

*“Kieku naghtihom ħamsin sena aktar, xorta ma jinbidlux. Qalbhom diġa deċiża.”*

Kont naf li dan il-mexxej kien għażel li jżomm il-paci billi kkomprometta l-verità minflok obda lil Alla. Il-qarn tiegħu ma kienx mimli biż-żejt frisk. Kellu il-forma mingħajr is-sustanza. F`kelma waħda, hu kien jidher li kien mimli bl-Ispirtu imma kien jonqsu l-qawwa jew il-presenza t`Alla. Iktar tard smajt li rreżenja minn mexxej spiritwali u li dik il-knisja llum hija frazzjoni żgħira minn dak li kienet qabel.

Ġesù qatt ma kien jiġi kkontrollat minn ħadd. Kien jitkellem il-verita’ anki jekk dan kien ifisser konfrontazzjoni u fl-aħħar offiża. Jekk inti tixtieq l-approvazzjoni tan-nies, id-dilka t`Alla ma tistax tinżel fuqek. Inti trid tikkonvinċi ’l qalbek li titkellem il-kelma t’Alla u tagħmel il-volonta` tiegħu anke b`riskju li toffendi lil oħrajn.

## Ġesù offenda lin-nies tar-raħal tiegħu

Ġesù kien ġie fir-raħal Tiegħu sabiex jamministra. Iżda ma setgħax iġibilhom il-ħelsien u fejqan li Hu kien ġab lil ħafna nies oħra. Araw naqra huma x`qalu:

***"Dan m'huwiex bin il-mastrudaxxa? Ommu m'hijiex dik li jisimha Marija, u ħutu Ġakbu u Ġużeppi u Xmun u Ġuda? U ħutu l-bniet m'humiex kollha magħna? Mnejn ġieh dan kollu?" U tfixklu minħabba fih. Imma Ġesù qalilhom: "Ebda profeta ma hu bla ġieħ jekk mhux f'pajjiżu u daru stess."***

– Mattew 13: 55-57

Tista' tisma` lil dawn l-irġiel u n-nisa ta` Nazzaret jgħidu, *"Min jaħseb li Hu dan, jgħallem b`din l-awtorita' kollha? Aħna nafu min Hu. Dan kiber hawn. Aħna kollha akbar minnu. Kull ma Hu tifel ta' mastrudaxxa. M'għandu l-ebda tagħlim formali."*

Mill-ġdid Ġesu m'għamilx kompromess mal-verita' sabiex ma jiġux offenduti. In-nies tar-raħal tant kienu rrabjati, li ppruvaw anke joqtluh billi jwaddbuh għall-isfel mill-irdum. (Luqa 4:28-30) Allavolja kellu ħajtu fil-periklu Hu xorta baqa jgħid u jitkellem il-verita'. Kemm għandna bżonn iktar irġiel u nisa bħalu llum!

## Ġesù offenda l-membri tal-familja tiegħu

Anke dawk li kienu jgħixu fl-istess dar miegħu kienu offenduti minnU. Ma kienux ferħanin bil-pressjoni li kienet qiegħda tiġi fuqhom minħabba dak kollu li Hu kien qiegħed jagħmel. Kienu qegħdin isibuha diffiċli jemmnu li kien qiegħed iġib ruħu b`dik il-manjiera. Ejjew naraw:

***"Qrabatu, malli semgħu, ħarġu biex iżommuh, għax qalu li tilef moħħu. "Ara," qalulu, "ommok u ħutek qegħdin hemm barra u jriduk." U hu weġibhom: "Min huma ommi u ħuti?" Mbagħad dawwar ħarstu fuq dawk li kien hemm madwaru bilqiegħda, u qal: "Dawn, ara, huma ommi u ħuti. Kull min jagħmel ir-rieda ta' Alla, dak huwa ħija, u oħti, u ommi."***

– Mark 3: 21, 32-35

Il-familja tiegħu ħasbu li telaq minn moħħu. Innutaw illi l-iskrittura tgħid li l-familja ta` Ġesù riedu joħduh taħt il-kustodju tagħhom. Mark jiddentifika l-qraba ta` Ġesù bħala ommu u ħutu s-subien li iktar tard sabuh jippriedka ġo dar ta` xi ħadd. Anke l-Evanġelju ta` Ġwanni jgħid, ***"Ħutu stess ma kienux jemmnuh"*** Ġwanni 7:5.

Ħafna ma rrealiżżawx li Ġesù kien miċħud minn dawk li kienu qrib tiegħu. Imma mhux li jiġi aċċettat minn qrabatu dak li kien qiegħed iffittex Hu. Ma setgħax jiġi kkontrollat mix-xewqat tagħhom. Hu kien se jwettaq dak il-pjan li kellu l-Missier, irrelevanti jekk huma japprovawx jew le.

Jien rajt ħafna, speċjalment koppji miżżewġa, li ma mxewx wara Ġesù minħabba l-biża` li joffendu lis-sieħeb jew sieħba tagħhom jew xi membri tal-familja. B`riżultat li jmorru lura jew ma jilħqux il-potenzjal tas-sejħa tagħhom.

Meta ġejt imwieled mill-ġdid, il-membri kollha tal-familja tiegħi kienu Kattoliċi Rumani u ma kienux qassmu l-ferħ tiegħi li sibt fidi ġdida. Partikolarment ommi, ma kienet xejn ferħana bid-deċiżjoni li kont ħadt li nitlaq il-knisja li kienet rabbitni fiha hi. Ċertament hemm kattoliċi prezzjużi li jħobbu lil Alla, iżda kont naf li Alla beda' jgħidli biex nitlaq minnha.

It-tieni daqqa ġiet meta ħabbart id-deċiżjoni tiegħi li nidħol fil-ministeru. Kont għadni kif irċevejt il-grad ta` Inġinier Mekkaniku mill-universita` ta` Perdue u l-ġenituri tiegħi kellhom pjanijiet akbar għalija. Kont naf il-Mulej x`kien jixtieq minni, u kont naf li dawk li kienu qrib tiegħi kienu se jiġu offenduti ħafna. Għal snin sħaħ kont inħossni skomdu. Kien hemm ħafna affarijiet li ma kienx hemm qbil fuqhom. Iżda jien kont iddeċidejt li ma jimpurtax kemm kienu se jkunu rrabjati, jien xorta kont se nimxi wara Ġesù.

Fil-bidu ippruvajt nirbaħhom bl-evanġelu. Għedtilhom li huma ma kienux salvati billi jattendu biss il-quddies. Imbuttajthom sa l-aħħar tal-limiti tagħhom. Ma kontx għaqli. Imbagħad Alla wrieni biex ngħix il-ħajja ta' kristjan quddiemhom u nħallihom jaraw ix-xogħol tajjeb tiegħi. Xorta ma għamiltx kompromessi biex nogħġobhom. Illum il-ġenituri tiegħi jissapportjawni ħafna, u n-nannu tiegħi, li kien l-iktar wieħed li ġġieled miegħi, kien salvat b'mod mill-aktar glorjuż fl-età ta' disgħa u tmenin sena, sentejn qabel ma miet.

Omm u l-aħwa ta' Ġesù forsi kienu ħasbu li Hu kien tilef moħħu. Imma minħabba l-ubbidjenza tiegĦu lejn il-Missier, huma kollha ġew salvati u kienu kollha fil-kamra ta' fuq f'Jum il-Pentekoste. Ġakbu, li kien nofs ħuh, sar l-appostlu mexxej tal-knisja f'Ġerusalem.

Jekk aħna nikkompromettu dak kollu li jgħidilna Alla sabiex nogħġbu lill-membri tal-familja tagħna, nitilfu dak iż-żejt frisk li jkollna ġewwa ħajjitna, u nkunu ta` tfixkil għalihom sabiex ikunu meħlusa.

## Ġesù offenda l-istaff tiegħu

Fil-kapitlu ta` qabel aħna tkellimna fid-dettal fuq il-perspettiva tad-dixxipli meta offendihom. Ejjew ħalli nerġgħu nagħmlu reviżjoni u narawha mill-perspettiva ta` Ġesù nnifsu.

***Ħafna mid-dixxipli tiegħu, kif semgħuh, qalu: "Iebes dal-kliem, min jiflaħ jisimgħu?" Għaraf Ġesù fih innifsu li d-dixxipli tiegħu kienu jgergru fuq dan li qalilhom: "Dan qiegħed ifixkilkom? Minn dak il-waqt ħafna mid-dixxipli tiegħu telqu lura u ma baqgħux jimxu miegħu.***

– Ġwanni 6: 60-61,66

L-affarijiet kienu diġà iebsa kif kienu. Il-mexxejja reliġjużi kienu qegħdin jikkomplottaw il-mewt tiegĦu. In-nies tar-raħal tiegħu ċaħduh. Il-familja tiegħu ħasbu li telaq minn moħħu. Biex tiżdied iktar il-pressjoni, ħafna min-nies ta` miegħu telquh għax kienu offenduti. Imma Ġesù xorta m`għamel l-ebda kompromess. Kull ma għamel kien li qal lil dawk li kien għad baqa' jekk riedu, setghu jitilqu huma wkoll.

L-unika ħaġa li kienet timpurtah lil Ġesu' kienet li jwettaq dak kollu li kien fil-pjan tal-Missier. Li kieku dak in-nhar baqa' wieqaf waħdu, qalbu ma kienitx tinbidel. Kien iddeterminat li jobdi lil Missieru.

**Ġesu offenda l-ħbieb tal-qalb tiegħu.**

***Kien hemm wieħed marid, Lazzru minn Betanja, ir-raħal ta' Marija u oħtha Marta. Marija kienet dik li dilket il-Mulej b'żejt ifuħ u xxuttatlu riġlejh b'xuxitha; u Lazzru, il-marid, kien ħuha. Iż-żewġ nisa bagħtu jgħidu lil Ġesù: "Mulej, ara, ħabibek marid."***

– Ġwanni 11: 1-3

Ġesù kien iħobb lil Marta, Marija u Lazzru. Kienu qrib tiegħu. Kien qatta' ż-żmien magħhom. Innutaw ir-risposta meta waslet l-aħbar li Lazzru kien marid:

***“Meta sama’ li dan marad, baqa’ jumejn oħra fejn kien”***

– Ġwanni 11: 6

Ġesù b’revelazzjoni kien jaf li l-marda ta` Lazzru kienet se twasslu għall-mewt. Kienet xi ħaġa serja ħafna. Iżda baqa` fejn kien għal jumejn oħra. Meta finalment wasal Betanija, Lazzru kien diġà mejjet.

Marta u Marija t-tnejn qalulu:

***“Mulej, li kont hawn, ma kienx imut ħija” Mela kif waslet Marija fejn kien Ġesu, xħin ratu nxteħtet f’riġlejh, u qaltlu: “Mulej, li kont hawn, ma` kienx imut ħija.”***

– Ġwanni 11: 21,32

Fi kliem ieħor, *“Għalfejn ma ġejtx immedjatament? Inti stajt salvajtu!”*

Probabli li ż-żewġt aħwa kienu xi ftit offenduti. Huma kienu bagħtu messaġier biex jgħidulu, u Hu kien iddawwar jumejn sħaħ. Ġesù m’għamilx dak li stennew. Ma telaqx kollox: minflok Hu mexa kif urih l-Ispirtu s-Santu. Dan kien l-aħjar għal kullħadd. Madankollu, dak il-ħin deher li Ġesù kien apatetiku, bħallikieku ma kienx jimpurtah.

Ħafna drabi l-mexxejja jiġu kkontrollati min-nies tagħhom stess. Huma jaħsbu li għandhom jagħmlu dak kollu li jitolbuhom in-nies.

Wieħed, membru tal-bord fi knisja mimlija bl-Ispirtu, li kienet tilfet il-mexxej tagħha, darba qalli, *“Aħna rridu mexxej li jilħaq il-bżonnijiet tagħna, wieħed li jkun jista’ jiġi d-dar tiegħi fit-tmienja ta` filgħodu u jieħu ftit kafe`miegħi.”*

Jiena ħsibt, *"Intom tridu raġel soċjevoli li tistgħu tikkontrollaw, mhux wieħed li hu kkontrollat mill-Ispirtu Santu."* Wara sirt naf li din il-knisja għaddiet minn erba' mexxejja spiritwali differenti fi żmien sena u nofs.

Meta kont mexxej spiritwali taż-żgħażagħ, ġie għandi ġuvnott wara li kont ili sitt xhur namministralhom. *"Trid tkun il-ħabib tiegħi?"* staqsieni. *"L-aħħar mexxej spiritwali kien il-ħabib tiegħi."*

Il-mexxej spiritwali taż-żgħażagħ ta` qabli kien soċjevoli ħafna maż-żgħażagħ. Kien jagħmlilhom ħafna attivitajiet. Kont naf x`kien qiegħed jistaqsini. Bażikament ried dak li ried dak il-membru tal-kumitat tal-bord mill-mexxej tiegħu.

Jien ikkwotajtlu Mattew 10:41, fejn Ġesu qal, ***"Min jilqa' profeta għax hu profeta, ħlas ta' profeta jieħu; u min jilqa' bniedem ġust għax hu ġust, ħlas ta' wieħed ġust jieħu."*** *"Int għandek ħafna ħbieb, hux?"* staqsejtu.

*"Iva"* weġibni.

*"Iżda mexxej spiritwali wieħed għandek hux?"*

*"Iva"*

*"Trid premju ta' mexxej spiritwali jew premju ta' ħabib? Għaliex il-mod kif se tirċevini se jiddettermina dak li se tirċievi minn Alla."*

Huwa fehem il-punt tiegħi . *"Jien irrid nirċievi l-premju ta' mexxej spiritwali."*

Ħafna ministri jibżgħu li jekk ma jwettqux l-aspettazjonijiet tan-nies tagħhom iweġġgħu l-emozzjonijiet tagħhom u jitilfu s-sapport tagħhom. Huma jkunu maqbuda f'nasba ta' biża li se joffendu lil ħaddieħor. Huma kkontrollati min-nies tagħhom stess, u mhux minn

Alla. B`riżultat, li ftit valur etern jiġi mwettaq fil-knisja tagħhom jew kongregazzjoni.

**Ġesù offenda lil Ġwanni l-Battista.**

Anke Ġwanni l-Battista kellu jitħabat mat-tentazzjoni li jkun offendut minn Ġesù.

***Id-dixxipli ta' Ġwanni marru jwasslulu dan kollu. Hu sejjaħ tnejn minnhom maġenbu, u bagħathom għand il-Mulej biex jistaqsuh: "Inti huwa dak li għandu jiġi, jew nistennew lil ħaddieħor?"***

– Luqa 7: 18-20

Stennew ftit. Għalfejn Ġwanni staqsa lil Ġesù jekk Hu kienx dak li kellu jiġi, il-Messija? Ġwanni kien dak li pprepara t-triq għaliH u ħabbar il-wasla tiegĦu: ***"Ara l-ħaruf t`Alla, li jneħħi d-dnub tad-dinja!"*** (Ġwanni 1:29). Hu kien li qal, ***"Dak hu li jgħammed bl-Ispirtu s-Santu,"*** (Vers 33). Anke qal ukoll, ***"Jenħtieġ jikber Hu u niċkien jiena."*** (Ġwanni 3:30).

Ġwanni kien l-unika persuna dak iż-żmien li veru kien jaf min Hu Ġesu'. (Kien għadu ma ġiex irrevelat lil Xmun Pietru). Għalfejn qiegħed jistaqsi, *"Ġesù huwa il-Messija, jew nistennew lil xi ħadd ieħor?"*

Poġġu rwieħkom minflok Ġwanni. Int kont il-bniedem fil-milja ta` dak li Alla qiegħed jagħmel. Masses kbar ta` nies irċevew ministeru minn għandek. Għandek l-iktar ministeru li kulħadd jitkellem fuqu u li jilħaq ħafna nies fin-nazzjon. Għext ħajja ta' ċaħda. Lanqas biss iżżewwiġt sabiex tkabbar il-potenzjal kollu għas-sejħa tiegħek. Għext fid-deżert tiekol ġurati u għasel selvaġġ u bqajt sajjem ħafna drabi. Iġġilidt lill-fariżej u ġejt akkużat li int ippossedut mix-xjaten. Ħajtek kollha qattajtha tipprepara t-triq għall-miġja tal-Messija.

Issa qiegħed il-ħabs. Ilek maqful għal ħafna żmien. Ftit nies biss jiġu jżuruk għaliex l-attenzjoni ta` dawk in-nies li int kont ippreparajt daret fuq Ġesù ta` Nażaret. Anke d-dixxipli tiegħek ingħaqdu ma` dan ir-Raġel. Ftit biss baqgħu biex jaqduk. Meta jiġu jarawk huma jġibu stejjer ta ` kif dan ir-Raġel u d-dixxipli tiegħu jgħixu ħajja differenti minn tiegħek. Jieklu u jixorbu ma` dawk li jiġbru t-taxxi u ma` dawk li jgħixu fil-ħażen. Jiksru l-ġurnata tal-mistrieħ, is-Sabbat u lanqas biss isumu.

Inti tgħid lilek innifsek, *"Jien rajt lill-Ispirtu jinżel bħall-ħamiema fuqU, imma din hija l-imġieba tal-Messija?"*

It-tentazzjoni li tkun offendut dejjem tikber aktar ma ddum il-ħabs. *"Dan ir-Raġel li jien qattajt ħajti nipprepara t-triq għalih, għadu lanqas biss ġie jżurni ġol-ħabs! Kif jista' jkun dan? Jekk Hu l-Messija, għalfejn ma jeħlisniex minn dan il-ħabs? Jien m'għamilt xejn ħażin."*

Għalhekk inti tibgħat tnejn mid-dixxipli devoti tiegħek sabiex isaqsu lil Ġesù. *"Inti Dak li għandu jiġi, jew nistennew lil ħaddieħor?"*

Ejjew inħarsu lejn ir-risposta ta` Ġesù lil Ġwanni:

***"Dak il-ħin stess Ġesù fejjaq ħafna nies mill-mard, mit-tbatijiet u mill-ispirti ħżiena, u lil bosta għomja għoġbu jagħtihom id-dawl. Mbagħad wieġeb u qalilhom: "Morru agħtu lil Ġwanni l-aħbar ta' dak li rajtu u smajtu; kif l-għomja qegħdin jerġgħu jaraw, iz-zopop jimxu, il-lebbrużi jfiqu, it-torox jisimgħu, il-mejtin iqumu, u kif il-bxara t-tajba qiegħda tixxandar lill-fqar. Hieni hu min ma jitfixkilx minħabba fija!"***

– Luqa 7:21-23

Ir-risposta ta' Ġesù hija profetika. Huwa kkwota lil Isaija, ktieb familjari ħafna ma' Ġwanni. Il-passaġġ f`Isaija 29:18, 35: 4-6 u 61:1 japplikaw għal dak kollu li d-dixxipli ta' Ġwanni kienu osservaw waqt li kienu qed jistennew biex jistaqsu lil Ġesù. Huma kienu x-xhieda tiegħu bħala Messija. Imma Ġesù ma jispiċċax hemm. Hu jgħid, *"Ħieni hu min ma jitfixkilx minħabba fija."*

Hu kien qiegħed jgħid, *"Ġwanni, jien naf li ma tistax tifhem dak kollu li qiegħed jiġrilek u l-modijiet tiegħi, iżda la tkunx offendut minħabba fija għaliex ma noperax kif ħsibtni se nagħmel."* Hu kien qiegħed iħeġġeġ lil Ġwanni biex ma jiġġudikax b`dak li kien jaf hu dwar il-modijiet t'Alla tal-passat fil-ħajja tiegħu u tal-ministeru. Ġwanni ma kienx jaf bl-istampa kollha jew inkella bil-pjan ta' Alla, hekk kif aħna ma nafux l-istampa kollha kompleta tal-lum. Ġesù kien qiegħed jinkorraġġieh waqt li jgħidlu, *"Int għamilt dak kollu li kien ikkmandat minnek. Il-premju tiegħek se jkun kbir. Għalhekk ibqa' meħlus mill-offiża għalija!"*

## Offiża mingħajr apoloġija

Allavolja inti mħarreġ f`ħafna modi t'Alla, bħal ma kien Ġwanni, xorta għandek opportunita' li tkun offendut ma' Ġesu. Jekk int veru tħobbu u temmen fih, tiġġieled biex tibqa' meħlus mill-offiża, u tirrealizza li l-modi tiegĦu huma għolja iktar minn tiegħek.

Ukoll, jekk int se tobdi l-Ispirtu t`Alla, in-nies se jkunu offenduti minħabba fik. Ġesù qal f`Ġwanni 3:8, ***"Ir-riħ fejn irid jonfoħ; tisma' ħossu, imma ma tafx mnejn hu ġej jew fejn hu sejjer. Hekk jiġri minn kull min jitwieled mill-Ispirtu."***

Xi wħud ma jifmukomx, hekk kif intom timxu fl-Ispirtu. La tħallux ir-risposta ħażina li jagħtukom twaqqafkom minn dak li tafu f'qalbkom li huwa veru. La titilqux it-tmexxija ta' l-Ispirtu għax-xewqat tal-bniedem. Pietru jispjega din b'mod sabiħ ħafna:

***"Ladarba Kristu bata f'ġismu, intom ukoll armaw ruħkom bl-istess ħsieb, jiġifieri li kull min bata f'ġismu ma għandux x'jaqsam iżjed mad-dnub kemm itul iż-żmien li għad baqagħlu fil-ħajja tal-ġisem; ma jgħix skond il-passjonijiet tal-bnedmin, imma skond ir-rieda ta' Alla."***

– 1 Pietru 4: 1-2

Meta inti tgħix għar-rieda t`Alla, ma twettaqx ix-xewqat naturali tal-ġisem. B`riżultat, li int issofri fil-ġisem. Ġesù sofra mill-oppożizzjoni qawwija li kellu mill-mexxejja reliġjużi. Nies reliġjużi jemmnu li Alla jopera biss fil-konfini tal-parametri tagħhom. Huma jemmnu li huma l-uniċi nies li jistgħu jidħlu ma' Alla. Jekk is-Sid offenda nies reliġjużi hekk kif Hu kien immexxi mill-Ispirtu elfejn sena ilu, dawk kollha li jimxu warajh żgur li se joffenduhom ukoll.

Il-persekuzzjoni ta` Pawlu hija veru eżempju tajjeb. Xi nies minn Galazja semgħu inkorretament li Pawlu ikkkomprometta l-evanġelju tas-salib billi qabel ma' mexxejja reliġjużi li kienu qalu li ċ-ċirkonċiżjoni kienet neċċessarja sabiex issalva.

Imma Pawlu witta kollox. "Ħarsu lejja," hu qalilhom. "jien qiegħed inkun ippersegwitat minn kull naħa mill-mexxejja reliġjużi. Kienu jagħmluli hekk kieku kont qiegħed nippridieka fuq iċ-ċirkonċiżjoni? Il-fatt li is-salib huwa l-uniku mezz għas-salvazzjoni joffendi lin-nies, imma dik hija il-verita', u ma hemm l-ebda mezz li jien se nippriedka xi ħaġa oħra!" (Ara Galatin 5:11).

Jekk xi ħadd jisfida l-verita' ta` l-evanġelju, huwa żmien li tkun offendut mingħajr apoloġija. Għandna niddeterminaw ġewwa qalbna li aħna se nobdu lill-Ispirtu t`Alla irrelevanti l-prezz. Imbagħad ma jkollniex għalfejn nagħmlu għażla taħt pressjoni għaliex tkun diġà magħmula.

**ĠESÙ OFFENDA LIL XI NIES BILLI OBDA LIL MISSIERU, IŻDA HU QATT MA KKAWŻA OFFIŻA BIEX JIEĦU D-DRITTIJIET TIEGĦU.**

"Riċentement jien qrajt il-ktieb tiegħek *Il-Lixka ta' Satana*, u xtaqt biss ngħidlek illi nħlist kompletament minn toqol f'ħajti li jien ħsibt li qatt ma kont se niġi meħlus minnu. Sempliċiment ridt ngħidlek grazzi talli inti ktibt dan il-ktieb, għaliex bidilli ħajti!"

-- C.R., TENNESSE

# 10

## LI MA MMORRUX NOFFENDUHOM

***"Ma niġġudikawx iżjed, mela, lil xulxin. Aħjar taraw li ma tkunux ta' tfixkil jew ta' skandlu għal ħukom."***

– Rumani 14: 13

Għadna kemm spiċċajna niddiskutu kif Ġesù offenda ħafna hekk kif kien jivvjaġġa u jamministra. Jidher li kważi kull fejn kien imur in-nies kienu qiegħdin jiġu offenduti. F`dan il-kapitlu jien nixtieq nurikom in-naħa l-oħra ta' dan.

Ġesù u d-dixxipli Tiegħu kienu għadhom kif irritornaw lura lejn Kafarnahum. Kienu għadhom kemm spiċċaw iduru xi rħula fuq xogħol ta' ministeru u ġew lura għal ftit mistrieħ li tant kellhom bżonn.

Jekk kien hemm xi post li seta 'jitqies bħala bażi għall-ministeru tiegħu, kienet din il-belt. Kif kienu hemm, Xmun Pietru kien avviċinat minn uffiċjal li kien jiġbor it-taxxi tat-tempju:

***"L-Imgħallem tagħkom ma jħallashiex it-taxxa?"*** Mattew 17: 24

Pietru wieġeb, *"Iva,"* u telaq lura biex jiddiskutiha ma' Ġesù. Ġesù kien antiċipa l-mistoqsija ta' dak li jiġbor it-taxxi, għalhekk Hu ried ikun jaf mingħand Xmun Pietru,

***"Int x'jidhirlek, Xmun? Is-slaten ta' l-art mingħand min jiġbruha t-taxxa jew il-ħaraġ, mingħand is-sudditi jew mingħand il-barranin?" "Mingħand il-barranin," wieġbu Pietru. U Ġesù qallu: "Mela s-sudditi meħlusa minnha."***

– Mattew 17: 25-26

Ġesù qiegħed jagħmel punt ma' Pietru li "s-sudditi huma meħlusa." M'humiex huma li jipprovdu t-taxxi. Huma dawkli jgawdu l-benefiċċji tat-taxxi. Huma jgħixu ġol-palazz li huwa mantnut permezz tat-taxxi. Is-sudditi jieklu fuq il-mejda tas-sultan u jilbsu ħwejjeġ irjali, li jiġu pprovduti mit-taxxi. Huma jgħixu bla ħlas ta' xejn u jiġu pprovduti kollox b'xejn.

Dan l-uffiċjal kien jirċievi t-taxxi tat-tempju. Iżda min kien is-sultan jew propretarju tat-tempju? Meta ġie mibni, għal min kien iddedikat? It-tweġiba: Alla l-Missier. Pietru kien għad kif kellu r-revelazzjoni mingħand Alla li Ġesù kien "Il-Kristu, Iben Alla l-Ħaj."

Fuq din il-bażi Ġesù kien qiegħed isaqsi lil Pietru, *"Jekk Jien Iben dak li Hu l-Propretarju tat-tempju, allura jien m'iniex meħlus li nħallas it-taxxi tat-tempju?"* U żgur li Hu kien eżentat. Kien ikun totalment iġġustifikat li ma jħallasx it-taxxa. Madankollu araw Hu x`qal lil Xmun Pietru:

***"Iżda, biex ma tkun ta' ebda skandlu għalihom, asal wasla sal-baħar, ixħet ix-xlief u, l-ewwel ħuta li ttalla', aqbadha, iftħilha ħalqha, u għandek issib stater; (biċċa flus), ħudu minn hemm u mur agħtih lilhom għalija u għalik."***

– Mattew 17: 27

Hu kien għadu kemm ta prova tal-liberta' Tiegħu. Iżda sabiex ma joffendiex, Hu qal lil Pietru, *"Ejjew inħallsuha!"*. Din kienet konferma oħra tal-liberta' Tiegħu meta Hu ta' l-istruzzjonijiet lil Pietru biex imur jistgħad u jieħu l-ewwel ħuta li titla' fil-wiċċ; ġewwa ħalqa kien ser isib il-flus. Alla l-Missier pprovda anke l-flus tat-taxxa.

Ġesù huwa s-Sid tad-dinja. Hu l-Iben t`Alla. Id-dinja u kull ma fiha ġew ikkrejati u suġġetti Tiegħu. Għalhekk Hu kien jaf li l-flus kienu se jkunu ġo ħalq il-ħuta. Ma kellux għalfejn jaħdem għal dawk il-flus għaliex Hu kien Iben Alla. U madankollu xorta għażel li jħallas it-taxxa u ma joffendix.

Dan huwa l-istess Ġesu li rajna fl-aħħar kapitlu, li kien joffendi lin-nies u ma jagħmel l-ebda apoloġija.

Hu ta prova li Huwa kien eżentat mit-taxxi tat-tempju iżda qal, *"Biex ma nkunux tfixkil għalihom, mur u ħallasha!"* Jidher li hemm ftit inkonsistenza, jew le? It-tweġiba tinsab fil-vers li ġej:

***F'dak il-waqt resqu d-dixxipli lejn Ġesù u staqsewh: "Mela min hu l-akbar fis-Saltna tas-Smewwiet?" Hu sejjaħ lejh tfajjel ċkejken, qiegħdu f'nofshom u qalilhom,"Tassew ngħidilkom, li jekk intom ma terġgħux issiru bħat-tfal iż-żgħar, żgur li ma tidħlux fis-Saltna tas-Smewwiet. U għalhekk l-ikbar wieħed fis-Saltna tas-Smewwiet huwa dak li jċekken lilu nnifsu bħal dan it-tfajjel żgħir."***

– Mattew 18: 1-4

Iċ-ċavetta ta din il-frażi hija "*dak li jċekken lilu nnifsu*." Ftit wara Ġesu saħħaħ dan billi qal:

***"Fostkom ma għandux ikun hekk; imma min irid ikun kbir fostkom, għandu jkun qaddej tagħkom, u min irid ikun l-ewwel fostkom, għandu jkun l-ilsir tagħkom. Hekk ukoll Bin il-bniedem, ma ġiex biex ikun moqdi, imma biex jaqdi u biex jagħti ħajtu b'fidwa għall-kotra."***

– Mattew 20: 26-28

Wow! X'dikjarazzjoni! Hu ma ġiex hawn biex ikun servut imma biex iservi. Hu kien l-Iben. Kien ħieles. Ma kellu x`jagħti xejn lil ħadd. Ma kien suġġet għall-ebda bniedem. Madankollu Hu għażel li juża l-liberta' u l-ħelsien tiegħu sabiex iservi.

## Illiberat sabiex iservi

Bħala wlied Alla fit-Testment il-Ġdid, aħna mħeġġa sabiex nimitaw lil Ħuna u jkollna l-istess attitudni li naraw f`Ġesù.

***"Intom imma, ħuti, intom ġejtu msejjħa għall-ħelsien; imma tinqdewx b'dan il-ħelsien għall-ġisem, iżda aqdu lil xulxin fl-imħabba."***

– Galatin 5: 13

Kelma oħra għal liberta` hija 'privileġġ'. Aħna m'għandniex nużaw il-liberta' jew privileġġ bħala wlied ta' Alla Ħaj biex inservu lilna nfusna. Liberta' għandha tiġi wżata biex inservu lil ħaddieħor. Hemm ħelsien meta sservi iżda hemm jasar fl-iskjavitù.

***Skjav*** *huwa wieħed li jservu ta' bilfors, filwaqt li* ***serv*** *huwa wieħed* ***li jgħix*** *biex iservi. Ejjew inħarsu lejn ftit differenzi bejn skjav u serv.*

- Skjav jagħmel ta' bilfors - serv irid jaqdi minn rajħ.
- Skjav jagħmel l-inqas li hu mistenni minnu - is-serv jilħaq il-potenzjal massimu.
- Skjav imur mil - is-serv jagħmel dak il-mil iżjed
- Skjav iħossu misruq - is-serv jagħti.
- Skjav huwa marbut - is-serv huwa ħieles.
- Skjav jiġġieled għad-drittijiet tiegħu - is-serv jirrinunċa d-drittijiet tiegħu.

Jien rajt ħafna Kristjani jservu b`attitudni ħażina u kontra qalbhom. Huma jagħtu bla qalb, jilmentaw hekk kif iħallsu t-taxxi. Għadhom jgħixu bħala skjavi għal liġi li huma ġew meħlusa minnha. Huma jibqgħu skjavi ġewwa qalbhom.

Hija allarmanti li din il-liġi ġiet magħmula mill-iskrittura tat-Testment il-Ġdid. Huma m'għandhomx dak "l-ispirtu" illi Ġesù ta l-kmandamenti Tiegħu. Għadhom ma rrealiżżawx illi huma ġew meħlusa sabiex iservu. Għalhekk jibqgħu jissieltu għal benefiċċji tagħhom iktar milli għall-benefiċċji ta` ħaddieħor.

Pawlu jagħti eżempju vividu ta' kif tikkonfronta din l-attitudni fl-Ittri tiegħu lir-Rumani u lill-Korintin. Il-liberta' għal dawn l-insara kienet ikkontesta bl-ikel. Pawlu beda billi ħeġġiġhom sabiex jirċievu: ***"Lil min hu dgħajjef fil-fidi ilqgħuh mingħajr ma toqogħdu tiddiskutu l-fehmiet tiegħu. Hemm min jaħseb li jista' jiekol kollox, u hemm min, mbagħad, għax hu dgħajjef fil-fidi, jiekol ħaxix biss."***

– Rumani 14: 1-2

*Ġesu kien għamilha ċara li mhux dak li jidħol fil-ħalq li jħammeġ iżda dak li joħroġ minn ġol-ħalq. B'din id-dikjarazzjoni, Hu għamel l-ikel kollu nadif għall-bniedem li jemmen. (Mark 7:18-19) U hu qalilhom;* ***"Intom ukoll daqshekk bla moħħ? Ma tifhmux li xejn ma jista' jtabba' lill-bniedem minn dak li jidħol ġo fih minn barra, la darba dan mhux fil-qalb imur, iżda fl-istonku, biex imbagħad jintrema fil-ħofra?"***

B'hekk wera li l-ikel kollu hu safi.

Pawlu qal li kien hemm xi kristjani li kienu dgħajfa fil-fidi tagħhom u kienu għadhom ma jieklux laħam għall-biża li jieklu ikel issagrifikat lill-idoli. Għalkemm Ġesu kien tkellem fuq din il-kwistjoni, dawn in-nies xorta ma setgħux jieklu laħam b'kuxjenza safja.

***"Mela dwar l-ikel tal-laħam offert lill-idoli: naf li l-idolu m'hu xejn fid-dinja; ħadd m'hu alla ħlief wieħed. Għalina Alla wieħedhemm: il-Missier li minnu ġej kollox u aħna bih neżistu, u wieħed Mulej: Ġesù Kristu, li permezz tiegħu sar kollox u aħna għalih neżistu. Iżda mhux kulħadd għandu l-għerf. Xi wħud, billi kienu mdorrija bl-idoli, jieklu l-laħam bħallikieku kien offert lill-idoli; u billi tkun dgħajfa, il-kuxjenza tagħhom tittabba'. "***

– 1 Korintin 8: 4, 6-7

Ġewwa dawn il-knejjes Kristjani, b'fidi qawwija kienu qegħdin jieklu laħmijiet ta' oriġini dubjużi quddiem qaddisin li kienu dgħajfa. Din kienet qiegħda tikkawża problema allavolja Ġesu kien naddaf dak l-ikel. Id-dgħajfa ma setgħux ineħħu l-immaġini ta' dak il-laħam fuq l-artal ta' xi idolu. Il-qaddisin li kienu qawwija kienu jafu li idolu ma kien xejn u ma ħassew l-ebda tingiża fil-kuxjenza hekk kif kienu jieklu.

Imma jidher li huma kienu iktar moħħhom li jżommu d-drittijiet tagħhom bħala kristjani tat-Testment il-Ġdid milli li ma joffendux lil ħuthom fil-fidi. Mingħajr ma ndunaw huma poġġew 'ġebla ta' tfixkil' fit-triq ta' dawk l-aħwa d-dgħajfa. Din l-attitudni ma teżistix fil-qalb ta' serv. Araw kif  Pawlu indirizzahom:

***"Ma niġġudikawx iżjed, mela, lil xulxin. Aħjar taraw li ma tkunux ta' tfixkil jew ta' skandlu għal ħukom. Is-Saltna ta' Alla m'hijiex ikel u xorb, imma hi ġustizzja, u sliem, u grazzja fl-Ispirtu s-Santu."***

– Rumani 14: 13, 17

Kien qiegħed jgħid, *"Ejjew niftakru f'hiex jikkonsisti verament ir-Renju - ġustizzja, paċi, ferħ u hena fl-Ispirtu Santu."* Dawn il-benefiċċji kollha kienu qegħdin ikunu mħawwda fost dawk li kienu ġodda fit-twemmin. Dawk li kellhom twemmin qawwi ma kienux qiegħdin jużaw il-liberta' tagħhom biex iservu iżda kienu pjattaforma "għad-drittijiet" tagħhom. Huma kellhom għarfien tal-liberta' tat-Testment il-Ġdid. Iżda għarfien mingħajr imħabba jeqred.

Huma ma kellhomx il-qalb ta' Ġesu' rigward din il-ħaġa. Ġesù ta prova tad-drittijiet tiegĦu fir-rigward tat-taxxi tat-tempju ma' Pietru u l-kumplament tad-dixxipli l-oħra sabiex juri l-importanza li nissagrifikaw ħajjitna sabiex inservu. Hu qatt ma ried li l-liberta' tkun liċenzja sabiex nirrikjedu d-drittijiet tagħna u nikkawżaw lil ħadd li jkun offendut u mfixxkel.

Pawlu ta dan l-avviz lil dawk li kellhom l-għarfien tad-drittijiet tagħhom fi Kristu mingħajr il-qalb Tiegħu biex iservu. ***“Mela bl-għerf tiegħek jiġġarraf id-dgħajjef, ħuk, li għalih miet Kristu. Meta intom tidinbu b’dan il-mod kontra ħutkom u tfieru l-kuxjenza dgħajfa tagħhom, kontra Kristu tkunu tidinbu.”***

– 1Korintin 8: 11-12

Aħna nistgħu nużaw il-liberta’ tagħna biex nagħmlu dnub. Kif? Billi nweġġgħu lil dawk li għandhom kuxjenza dgħajfa, b`hekk nikkawżaw lil xi ħadd miż-żgħar ta` Kristu li jkun offendut u jitfixkel.

**Nissagrifikaw d-drittijiet tagħna**

Wara li Ġesù stabbilixxa l-liberta` tiegħu fir-rigward tat-taxxa tat-tempju, Hu kien attent biex jgħin lid-dixxipli Tiegħu jifhmu bl-importanza ta` l-umilta`.

***“Imma min jagħti skandlu lil wieħed minn dawn iċ-ċkejknin li jemmnu fija, ikun aħjar għalih li jdendlulu ma’ għonqu ġebla tat-tħin minn dawk li jdawwru l-ħmir, u jgħarrquh f’qiegħ ta’ baħar. Ħażin għaliha d-dinja minħabba l-iskandli! Għax jeħtieġ li l-iskandli jsiru, imma ħażin għalih dak il-bniedem li minħabba fih isiru l-iskandli. Jekk idek jew sieqek hija għalik okkażjoni ta’ dnub, aqtagħha barra u armiha ’l bogħod minnek; jaħbatlek aħjar li tidħol b’id waħda jew b’sieq waħda fil-ħajja, milli tkun mixħut b’idejk it-tnejn jew b’saqajk it-tnejn fin-nar ta’ dejjem.***

***U jekk għajnek hi għalik okkażjoni ta’ dnub, aqlagħha barra u armiha ’l bogħod minnek; jaħbatlek aħjar li tidħol b’għajn waħda fil-ħajja, milli tinxteħet b’għajnejk it-tnejn fin-nar ta’ l-infern. Araw li ma tonqsux mill-istima lejn xi wieħed minn dawn iż-żgħar; għax, ngħidilkom, l-anġli tagħhom fis-smewwiet dejjem jaraw wiċċ Missieri li hu fis-smewwiet.”***

– Mattew 18: 6-10

Dan il-kapitlu kollu ta` Mattew huwa dwar l-offiża. Ġesù hawn qiegħed jgħid ċar illi għandna neħilsu minn dak kollu li jġiegħlna nagħmlu d-dnub, anki jekk ikun wieħed mill-privileġġi tiegħek tat-Testment il-Ġdid. Jekk se twaqqa' fid-dnub lil ħuk li hu dgħajjef, ieqaf minn dak li tkun qiegħed tagħmel.

Forsi qiegħed tistaqsi għalfejn Ġesù kien qiegħed joffendi lil ħafna, kif rajna fil-kapitlu ta` qabel ta` dan il-ktieb. It-tweġiba hija sempliċi. Ġesù offenda lil xi nies minħabba li kien qiegħed jobdi lil Missieru u jservi lil ħaddieħor. L-offiża ma ġietx għaliex kien qiegħed jirrikjedi d-drittijiet tiegĦu.

Il-Fariżej kienu offenduti meta Hu fejjaq fil-ġurnata tas-Sibt. Id-dixxipli tiegĦu kienu offenduti bil-verita' li l-Missier qallu biex jippriedka. Marija u Marta kienu offenduti meta Hu dam biex wasal biex ifejjaq lil Lazzru. Iżda żgur li m'intomx se taraw lil Ġesù joffendi lil xi ħadd biex iservi lilu nnifsu.

Pawlu, fl-ittra tiegħu lil Korintini ta din it-twissija:

***"Qisu li l-libertà tagħkom ma tkunx ta' tfixkil għad-dgħajfa."***

– 1 Korintin 8-9

Il-liberta' giet mogħtija lilna sabiex inservu u npoġġu ħajjietna għal ħaddieħor. Aħna għandna nibnu u mhux neqirdu. Din il-libertà lanqas ma ġiet mogħtija lilna sabiex ngħabbu kollox fuqna. Għaliex użajnieha b`din il-manjiera, ħafna illum huma offenduti mill-istil ta' ħajja tal-Kristjani.

Mill-ġdid isimgħu t-twissija li ġiet mogħtija lilna fl-1 Korintin 8:9, ***"Qisu li l-libertà tagħkom ma tkunx ta' tfixkil għad-dgħajfa."*** Hawnhekk se taraw eżempju ta' kif jien rajt dan il-Kmandament miksur. Fit-tieni vjaġġ tiegħi lejn l-Indoneżja, ħadt miegħi lil Lisa, it-tfal tiegħi u l-'babysitter'. Aħna wasalna Den-pasar, Bali, gżira ta' mistrieħ u rekrejazzjoni.

Wieħed mix-xjuħ tal-knisja li konna qiegħdin inżuru kellu lukanda modesta, ġewwa parti storbjuża tal-belt. Konna vjaġġajna distanza twila u ftit li xejn irqadna. Konna għajjenin ħafna. Dak il-lejl ġejna imqajma ħafna drabi minħabba storbju u klieb jinbħu. Qagħdna dak il-lejl biss u ma ħadniex il-mistrieħ li kellna bżonn.

L-għada komplejna l-vjaġġ tagħna lejn Java u amministrajna hemm għal ġimgħatejn ta' wara fuq skeda mimlija daqs bajda. Kellna biss ġurnata waħda ħielsa f`dawk il-ġimgħatejn sħaħ, u dik kienet biex nivvjaġġaw. Fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa amministrajna ħames darbiet fl-istess knisja ta' tletin elf membru.

Lejn l-aħħar tal-vjaġġ kellna nerġgħu ngħaddu minn Bali. Il-mexxej spiritwali infurmana li kellna noqgħodu ġo l-istess lukanda ta' dak ix-xiħ tal-knisja. Ma konniex ħerqana wisq biex nerġgħu noqgħodu f'dawk il-kundizzjonijiet wara ġimgħatejn sħaħ ta' ministeru.

Waqt il-kolazzjon ta' dik il-ġurnata kellna nitilqu minn Java għal Bali. Mara ta' qalb kbira offritilna li tħallsilna l-akkomodazzjoni ta' kullħadd, ġewwa lukanda mill-aqwa li kien hemm ġo Bali. Kont ferħan ħafna għax konna se nieħdu il-mistrieħ u noqogħdu ġewwa post mill-isbaħ. Hekk kif tlaqna r-ristorant biex nippakjaw, Lisa qaltli li ma bdietx tħossha li hi ħaġa tajba li naċċetaw l-offerta' ta' dik il-mara. L-interpretu u jien irraġunajna magħha u għidnilha li kollox kien ser ikun sew.

Fuq l-ajruplan minn Java għal Bali, reġgħet qalet illi ma kienetx taħseb li konna ser nagħmlu sewwa. Jien kont iblah u ma smajtx minnha. Għedtilha li ma kienx se jiswielhom xejn lill-knisja u kollox se jkun tajjeb. Meta wasalna Bali u morna nġibu il-bagalji, reġgħet tkarbitli iżda jien injorajtha.

Meta ltqajna mal-'pastor', għedtlu li mhux se jkollna bżonn noqgħodu fil-lukanda ta' dak ix-xiħ tal-knisja minħabba l-offerta ta` dik il-mara. Kien jidher skomdu b`dak li għidnilu, għalhekk staqsejtu x`kien ġara.

Fortunatament hu kien miftuħ miegħi u qalli, *“John, din il-ħaġa se toffendi lix-xiħ u lill-familja tiegħu. Diġà irriżervaw il-kamra għalikom u l-lukanda mimlija għal-lum.”*

Apparentament offendejt ukoll lill-mexxej spiritwali / il-‘pastor’, għaliex ma kontx apprezzajt dak li kien irranġaw għalina. Finalment għedtlu li se noqgħodu hemm, fil-lukanda tax-xiħ u li se nirrifjutaw l-offerta’ ta’ dik il-mara.

Il-Mulej ittratta miegħi fuq l-attitudni tiegħi. Kont naf li l-mexxej kien imweġġa’. Rajt kif meta fittixt id-drittijiet tiegħi offendejt lil da ħija u dan kien dnub. Jiena tlabtu maħfra. Hu ħafirli. Nispera li ma jkolliex għalfejn nerġa’ nitgħallem dik il-lezzjoni darb’ oħra.

## It-Test ta’ l-Edifikazzjoni

L-appostlu Pawlu, fil-kitbiet tiegħu lir-Rumani, wera l-qalb t`Alla fuq din il-kwistjoni:

***“Ħalli nfittxu, mela, dak li jġib is-sliem u dak li jservi għall-edifikazzjoni ta’ xulxin.”***

– Rumani 14: 19

Għandu jkun l-għan tagħna li ma nikkawżawx lil ħadd ieħor li jitfixkel minħabba l-liberta’ personali tagħna. Dak li nagħmlu jista’ jkun permessibli fl-Iskrittura. Iżda staqsi lilek innifsek: Din hija għall-edifikazzjoni ta’ ħaddieħor jew tiegħi?

***“Kollox hu sewwa, iżda mhux kollox jaqbel; kollox jiswa, iżda mhux kollox jedifika. Ħadd ma għandu jqis qjiesu biss, iżda qjies ħaddieħor. Sew jekk tieklu, sew jekk tixorbu, tagħmlu x’tagħmlu, agħmlu kollox għall-glorja ta’ Alla. Tkunux ta’ tfixkil, la għal-Lhud, la għall-Griegi, u lanqas għall-Knisja ta’ Alla. Hekk jiena nogħġob lil kulħadd f’kollox, bla ma nfittex l-interessi tiegħi, imma tal-ħafna biex isalvaw.”***

– 1 Korintin 10: 23-24, 31-33

Jien ninkoraġġikom sabiex tħallu lil-Ispirtu s-Santu jgħaddi kull aspett ta` ħajtek minn dan il-vers mill-Iskrittura. Ħallieh jurik mottivi jew aġendi moħbija li huma hemm għall-interessi personali tiegħek u mhux għal ħaddieħor. Irrelevanti liema aspett ta' ħajtek, aċċetta l-isfida tiegħu li tgħix ta' qaddej ta' kulħadd.

Uża l-liberta` li għandek fi Kristu sabiex teħles lil ħaddieħor, mhux biex tħares id-drittijiet tiegħek. Dik kienet waħda mill-gwidi tal-ministeru ta` Pawlu, li kiteb:

***"Aħna xejn ma nagħmlu li jista' jkun ta' tfixkil lil xi ħadd, biex il-ministeru tagħna ma jaqax fl-għajb"***

– 2 Korintin 6: 3

**PERSUNA LI MA TISTAX TAĦFER**

**INSIET KEMM HU KBIR ID-DEJN**

**LI ALLA ĦAFER LILHA STESS.**

"Jien kelli l-ktieb *il-Lixka ta' Satana'* ġewwa l-librerija tiegħi għal xi sena, u fl-aħħar bdejt naqrah. Immedjatament stajt inħoss dak l-ispirtu li kien ġie joqgħod f'ħajti. Kont naf mingħajr l-ebda dubju illi kont qiegħed niġi mmexxi mill-Ispirtu s-Santu sabiex naqra dan il-ktieb. Iktar ma bdejt naqra iktar bdejt inħossni ħati. Fil-knisja, il-mexxej spiritwali talab lil dawk li kellhom bżonn jaħfru lil xi ħadd biex jersqu il-quddiem. Jiena ersaqt mingħajr ebda eżitazzjoni lejn l-altar sabiex naħfer lil kull min kont inħoss li kien offendieni, speċjalment missieri. Imbagħad tlabt lil missieri sabiex jaħfirli. Kont grat illi hu għamel hekk, u issa ninsab ħieles! Grazzi ta' dak il-ktieb."

-- R. P., VIRGINIA

# 11

## IL-MAĦFRA: JEKK MA TAGĦTIHIEX - MA TIRĊIEVIHIEX

***"Għalhekk ngħidilkom: kull ma titolbu fit-talb tagħkom, emmnu li tkunu ġa qlajtuh, u jingħatalkom. U meta tkunu weqfin titolbu, jekk ikollkom xi ħaġa kontra xi ħadd, aħfru, biex ukoll Missierkom li hu fis-smewwiet jaħfer lilkom il-ħtijiet tagħkom." Jekk intom ma taħfrux, Missierkom li hu fis-smewwiet, anqas Hu ma jaħfrilkom dnubietkom."***

– Mark 11: 24-26

Għall-kumplament li jmiss tal-ktieb irrid indawwar l-attenzjoni fuq il-konsegwenzi ta` meta tirrifjuta li tneħħi l-offiżi u fuq kif nistgħu neħilsu minnhom.

Ġesù emmen f'dak kollu li qal, ***"Iżda jekk intom ma taħfrux, lanqas Missierkom li jinsab fis-smewwiet ma jaħfrilkom dnubietkom."*** Aħna ngħixu f`kultura fejn mhux dejjem nemmnu dak li ngħidu. B`riżultat li ma nemmnux li ħaddieħor veru jfisser dak li qed jgħid. Il-kelma tal-bniedem ma tittieħidx serjament.

Din tibda minn meta nkunu għadna żgħar. Wieħed mill-ġenituri jgħid lil ibnu, *"Jekk terġa' tagħmel hekk, ser taqla` xebgħa."* Dan it-tifel mhux talli jerġa' jagħmilha darba iżda ħafna drabi oħra wara dik id-darba. Kull darba dan it-tifel jirċievi l-istess twiddiba mingħand il-ġenitur. Is-soltu l-ebda azzjoni korrettiva ma tittieħed. U jekk tittieħed il-korrezjoni, jew tkun inqas milli kienet imwegħda jew iktar severa għax il-ġenitur ikun frustrat.

Iż-żewġ reazzjonijiet jibgħatu messaġġ lil dak it-tifel illi intom mhux veru temmnu dak li qed tgħidu. It-tifel jitgħallem jaħseb illi mhux kollox huwa veru minn dak li jgħidu l-figuri f'awtorità. Għalhekk

jibda' jħossu konfuż jekk għandux jieħu l-figura ta' l-awtorita' bis-serjetà. Din l-attitudni tiġi proġettata f`oqsma oħra fil-ħajja tiegħu. Jara lill-għalliema, ħbieb, mexxejja u l-imgħallmin mill-istess punt ta' referenza. Sa meta jkun sar adult, hu jkun aċċetta din bħala xi ħaġa normali. Il-konverżazzjonijiet tiegħu jikkonsistu f'ħafna wegħdi u dikjarazzjonijiet bil-fomm bla ma jfissirhom.

Ħa nagħtikom eżempju ipotetiku ta' konverżazzjoni tipika. Jim jara lil Tom, li jaf, iżda li ilu ma jkellmu għal ħafna żmien. Huwa mgħaġġel u qed jaħseb.

"*Ma nistax nemmen li se jkolli nieqaf ma' Tom. M'għandiex ħin li noqgħod nitkellem.*"

Iż-żewġt irġiel iħarsu lejn xulxin.

*Jim* jgħid, *"Grazzi Mulej, ħija. Qed nieħu pjaċir li qed narak."*

Huma jitkellmu għal ftit ħin. Billi *Jim* kien mgħaġġel, jispiċċa billi jgħid, *"Missna niltaqgħu għall-ikel xi darba."*

L-ewwel, *Jim* ma kienx ħerqan li jara lil *Tom* għaliex kien mgħaġġel. It-tieni, ma kienx qiegħed jaħseb fuq il-Mulej u laqgħa lil *Tom* bi "Grazzi Mulej". It-tielet, ma kellu l-ebda intenzjoni li jiltaqa miegħu għall-ikel. Dan kien biss mezz sabiex jaħrab iktar malajr u jtaffi l-kuxjenza fil-proċess. Għalhekk *Jim* fil-verita' ma fisser xejn minn dak li qal fil-konverżazzjoni tiegħu.

Sitwazzjonijiet veri bħal dawn jiġru kuljum. Illum ħafna min-nies ma jemmnux kwart ta' dak li jgħidu. Għalhekk m'ijhiex xi ħaġa kbira li nsibu ruħna f'diffikulta meta għandna nieħdu bis-serjetà dak li qiegħda tgħid il-persuna.

Iżda meta jitkellem Ġesù, Hu jrid li aħna nieħduh bis-serjetà. Ma nistgħux inħarsu lejn dak li jgħid Hu bl-istess mod li nħarsu lejn awtoritajiet oħra jew relazzjonijiet f'ħajjitna.

Meta Hu jgħid xi ħaġa Hu jkun qed ifisser dak li jgħid. Huwa fidil anke meta aħna m'aħniex fidili lejH. Huwa jimxi f`livell ta` verità u integrita' li titraxxendi l-kultura jew is-soċjeta' tagħna. Għalhekk meta Ġesù qal, ***"Iżda jekk intom ma taħfrux, lanqas Missierkom li jinsab fis-smewwiet ma jaħfrilkom dnubietkom."*** Hu jfisser dak li qal.

Biex nieħduha pass ieħor, Hu ma jgħidx din darba biss fl-Evanġelu iżda ħafna drabi. Hu jemfasizza l-importanza ta din it-twiddibba. Ejjew inħarsu lejn ftit minn dawn id-dikjarazzjonijiet li għamel f'okkażjonijiet differenti.

***"Għax jekk intom taħfru lill-bnedmin il-ħtijiet tagħhom, Missierkom li hu fis-smewwiet jaħfer lilkom ukoll. Imma jekk intom ma taħfrux lill-bnedmin il-ħtijiet tagħhom, anqas Missierkom ma jaħfer lilkom il-ħtijiet tagħkom."***

– Mattew 6: 14-15 U jerġa:

***"Aħfru, u ssibu l-maħfra."***

– Luqa 6: 37

U jerġa' jgħid fit-talba tal-Missierna:

***"Aħfrilna dnubietna, bħalma naħfru lil min hu ħati għalina."***

– Mattew 6: 12

Nistaqsi lili nnifsi kemm hawn Kristjani li jridu lil Alla jaħfrilhom bl-istess mod li huma ħafru lil minn offendihom!

Iżda madankollu din hija eżatt il-manjiera kif se jiġu maħfura. Għaliex in-nuqqas ta' maħfra hija tant qawwija fil-knejjes tagħna, li ma rridux nieħdu kliem Ġesù bis-serjeta`. Qawwija jew le, il-verita' ma tinbidilx. Il-mod kif naħfru, neħislu u nirrestawraw lura lil dik il-persuna huwa l-mod ta' kif aħna se nkunu maħfura.

Smajt testimonjanza mhux tas-soltu dwar ministru fil-Fillippini. Ħbieb tiegħi li kienu jafuh minn ministeru ieħor urewni artiklu li fih jispjeġa l-esperjenza tiegħu.

Dan ir-raġel kien irreżista s-sejħa t'Alla li kellu għal ħajtu għal bosta snin, minħabba s-suċċess li kellu fin-negozju tiegħu. Kien qiegħed jagħmel ammont kbir ta` flus. Id-diżubbidjenza tiegħu sa fl-aħħar laħqitu, u kien meħud lejn l-isptar malajr għaliex qalbu kienet waqfitlu. Hu miet fuq il-mejda ta` l-operazzjoni u sab ruħu barra il-bibien tal-ġenna. Ġesù kien qiegħed hemm bil-wieqfa u dan ir-raġel ipprova jinnegozja miegħu minħabba id-diżubbidjenza tiegħu. Ir-raġel karab mal-Mulej li jekk itawwallu ħajtu, hu jserviH. Il-Mulej ta l-kunsens tiegħu.

Qabel ma reġa' batu lura f'ġismu, il-Mulej urieh viżjoni ta` l-infern. Hu ra lil omm il-mara tinħaraq ġewwa n-nar ta` l-infern. Hu kien imbellaħ. Hi kienet qalet "it-talba tas-salvazzjoni," kienet stqarret li kienet Kristjana, u kienet tattendi l-knisja. "Għalfejn qiegħda ġewwa l-infern?" staqsa lill-Mulej. Il-Mulej qallu li kienet irrifjutat li taħfer lil xi ħadd li jiġi minnha u għalhekk ma setgħetx tkun maħfura.

### Il-Maħfra u l-Maturita' Spiritwali

Lisa u jien rajna ħafna eżempji tan-nasba tan-nuqqas ta' maħfra fil-ministeru tagħna stess. Meta kont qiegħed namministra għall-ewwel darba ġewwa l-Indoneżja, kont qadt id-dar ta' wieħed negozjant sinjur ħafna. Għalkemm hu u l-familja tiegħu kienu jattendu l-knisja fejn kont qiegħed namministra. Huma ma kienux għadhom salvati.

Matul dik il-ġimgħa li kont hemm, il-mara tiegħu rċeviet is-Salvazzjoni; wara kien imiss lil żewġha, imbagħad it-tlett itfal tagħhom. Kien hemm ħelsien u l-atmosfera ġewwa d-dar inbidlet totalment. Id-dar imtliet b`ferħ kbir.

Meta saru jafu li kont ser nerġa' mmur lura l-Indoneżja mal-mara tiegħi, huma stiednuna sabiex noqgħodu magħhom u offrew anke li jħallsulna l-biljetti ta' l-ajru għat-tlett itfal tiegħi u anke tal-'babysitter'.

Wasalna u amministrajna għaxar darbiet fil-knisja tagħhom. Jien ippriedkajt dwar l-indiema u l-preżenza t'Alla. Ħassejna l-preżenza tiegĦu waqt il-laqgħat, bi dmugħ ta' ferħ u biki ta' ħelsien matul il-laqgħat kollha.

Il-familja kollha reġgħet ġiet amministrata. Omm ir-raġel, li kienet tgħix ġo l-istess belt, attendiet kull servizz li kellna. Hi wkoll ikkontribwiet somma sostanzjali ta` flus għall-passaġġ tal-ajru tat-tfal.

Lejn l-aħħar tal-ġimgħa, omm dan ir-raġel ħarset dritt lejn għajnejja u staqsietni, *"John, għalfejn jien qatt ma ħassejt il-preżenza t`Alla?"*

Konna għadna kif spiċċajna l-kolazzjon, u l-oħrajn kollha kienu telqu minn madwar il-mejda.

*"Ġejt kull servizz li kellkom,"* kompliet hi, *"u smajt sew kull ħaġa li int għedt. Ġejt quddiem biex nindem, iżda xorta bqajt ma ħassejtx il-preżenza t`Alla. Mhux dik biss, iżda lanqas qatt ma ħassejt il-preżenża t`Alla, fl-ebda mument ieħor."*

Jien tkellimt magħha għal xi ħin imbagħad għedt, *" Ejja ħalli nitolbu għalik ħalli tkun mimlija bl-Ispirtu t'Alla."* Poġġejt idejja fuqha u tlabt għaliha sabiex tirċievi l-Ispirtu s-Santu, iżda ma kien hemm l-ebda sens ta' preżenza t'Alla.

Imbagħad Alla kellimni fl-ispirtu tiegħi. *" Qiegħda żżomm f'qalbha għar-raġel tagħha. Għidilha biex taħfirlu."*

Neħħejt idejja minn fuqha. Kont naf li żewġha kien mejjet, iżda jien ħarist lejha u għedtilha, *"Il-Mulej urini li int għandek nuqqas ta' maħfra għar-raġel tiegħek."*

*"Iva veru,"* qaltli. *"Iżda għamilt ħilti biex naħfirlu."*

Imbagħad qaltli fuq kemm għamlilha affarijiet orribbli. Stajt nara għaliex kienet qiegħda tissielet biex taħfirlu.

Imma jien għidtilha, *"Sabiex tirċievi minn Alla, trid taħfer,"* u spjegajtilha x'kien għallem Ġesù fuq il-maħfra.

*"Ma tistax taħfirlu bil-qawwa tiegħek. Għandek tieħu din quddiem Alla u l-ewwel titolbu biex jaħfirlek. Imbagħad tkun tista' taħfer lil żewġek. Inti lesta li taħfer lil żewgek?"* staqsejtha.

*"Iva"* weġbitni.

Mexxejtha f'talba sempliċi: *"Missierna fis-smewwiet, f`isem Ġesù jien nitolbok maħfra talli żammejt il-maħfra kontra żewġi. Mulej, naf illi jien ma nistax naħfirlu bil-qawwa tiegħi biss. Diġà fallejt, iżda quddiemek issa jien neħles lil żewġi minn ġo qalbi. Jien naħfirlu."*

Bilkemm kienet għadha spiċċat tgħid dawk il-kliem li d-dmugħ ma bediex nieżel ma' ħaddejha.

*"Għolli jdejk u ibda tkellem bl-ilsna,"* ħeġġiġtha.

Għall-ewwel darba hi talbet b`ilsna sbieħ tas-sema. Tant kellna sens qawwi tal-preżenza t`Alla fuq il-mejda tal-kolazzjon illi bqajna mistgħaġba biha. Hi bkiet għal xi ħames minuti. Bqajna nitkellmu għal ftit, imbagħad inkoraġġejtha biex tkompli tgawdi l-preżenza tal-Mulej għal ftit ieħor. Hi kompliet taduraH, u jien ħallejtha waħedha.

Meta l-aħbar waslet għand it-tifel u l-mara tiegħu, kienu xxukjati. It-tifel qal li qatt ma kien ra lil ommu tibki.

Hi stess ma kienitx tiftakar l-aħħar darba li kienet bkiet. *“Lanqas meta miet żewġi ma kont bkejt.”*

Fil-laqgħa ta` dak il-lejl hi rċeviet il-magħmudija ta` l-ilma. Tul it-tlett ijiem ta` wara kellha dija u tbissima ħelwa ddawwlilha wiċċha. Ma niftakarx li qatt kont rajtha titbissem qabel. Hi ma riditx taħfer u għalhekk kienet imjassra taħt in-nuqqas ta’ maħfra. Iżda la darba ħelset lil żewġha u ħafritlu, rċeviet il-qawwa tal-Mulej fil-ħajja tagħha u ġiet konxja tal-preżenza Tiegħu.

**Is-Serv li ma jaħfirx**

F`Mattew 18 Ġesù jitfa’ iktar dawl fuq il-jasar tan-nuqqas ta’ maħfra u l-offiża. Hu kien qiegħed jgħallem lid-dixxipli kif jirrikonċiljaw ma’ wieħed mill-aħwa li jkun offendihom. (se niddiskutu r-rikonċiljazzjoni f’wieħed mill-kapitli li ġejjin).

***Mbagħad Pietru resaq lejh u qallu: “Mulej, xi kemm-il darba jrid jonqosni ħija biex jiena naħfirlu? Sa seba’ darbiet?”***

– Mattew 18: 21

Hu ħaseb li kien qiegħed ikun ġeneruż.

Pietru kien iħobb jieħu l-affarijiet għall-estrem. Hu kien dak li kien qal, ***“Mulej, kemm hu sew li aħna hawn! Jekk trid intella’ hawn tliet tined, waħda għalik, waħda għal Mosè u waħda għal Elija.”*** Fuq il-muntanja tat-Transfigurazzjoni.

– Mattew 17: 4

Kien qed jaħseb li kien qiegħed ikun ġeneruż fil-maħfra. “*Ħa nimpressjonah lill-Imgħallem bir-rieda tiegħi li naħfer seba` darbiet.”*

Iżda hu rċieva risposta xokkanti. Ġesù ġab fix-xejn dak kollu li Pietru kkunsidra bħala ġeneruż:

***"Ma ngħidlikx sa seba' darbiet," wieġbu Ġesù, "imma sa sebgħa u sebgħin darba."***

– Mattew 18: 21-22

Fi kliem ieħor, aħfru bħal ma Alla jaħfer, mingħajr limitu. Imbagħad Ġesù qal parabbola sabiex jenfasizza l-punt Tiegħu.

***"Għalhekk is-Saltna tas-Smewwiet nistgħu nxebbhuha ma' wieħed sultan, li ried jagħmel il-kontijiet mal-qaddejja tiegħu. Kif beda jagħmel dan, ħadulu quddiemu wieħed li kellu jagħtih għaxart elef talent."***

– Mattew 18: 23-24

Biex nifhmu l-enormità ta` dak kollu li kien qiegħed jgħid Ġesù, irridu nkunu nafu x`kien *talent* ta` dak iż-żmien. Talent kien mezz ta` kejl. Kien użat biex jitkejjel d-deheb (2 Samwel 12:30), fidda (1 Slaten 20:39), metalli u prodotti oħra tal-merċa. F`din il-parabbola talent qed jirrappreżenta dejn, għalhekk nistgħu nassumu illi Hu kien qiegħed jirreferi għal mezz tat-tpartit bħal deheb jew fidda. Ejja ngħidu deheb.

It-*talent* komuni kien bejn wieħed u ieħor ekwivalenti għal ħamsa u sebgħin libbra. Dan kien il-piż kollu li bniedem kien jiflaħ jerfa` (araw 2 Slaten 5: 23.) Għaxart elef talent kienu bejn wieħed u ieħor 750,000 libbri jew 375 tunnellati. Għalhekk dan il-qaddej kellu jagħti lis-sultan 375 tunnellata deheb.

F'dan iż-żmien, il-prezz tad-deheb huwa bejn wieħed u ieħor $375 dollaru kull uqija. Għas-suq tal-lum, *talent deheb* iqum $450,000 dollaru. Allura għaxart elef *talent deheb* illum jiswa $4.5 biljuni. Dan il-qaddej kellu jagħti lis-sultan $4.5 billjun dollaru!

Ġesù hawn kien qiegħed jenfasizza li l-qaddej kellu jagħti dejn li qatt ma seta` jħallas. Aħna naqraw:

***“Billi ma kellux minn fejn iroddhomlu, is-sinjur ordna li jinbiegħu hu, martu, uliedu u kull ma kellu, ħalli b’hekk jitħallas id-dejn. Imma l-qaddej inxteħet quddiemu jitolbu u jgħidlu, ‘Sinjur, stabar ftit bija; kollox inroddlok.’ Is-sinjur ġietu ħasra minn dak il-qaddej, bagħtu u ħafirlu dejnu.”***

– Mattew 18: 25-27

Ejjew naraw kif din il-parabbola tapplika rigward li persuna tiġi offenduta. Meta sseħħ offiża, jinħoloq 'ċertu' dejn. Kemm-il darba smajniha tintqal, *“Ser iħallas tagħha din!”* B'hekk naraw li l-maħfra hija bħal meta tikkanċella d-dejn.

Is-sultan jirrappreżenta lil Alla l-Missier, li ħafer lil dan il-qaddej dejn li kien impossibli għalih li jħallsu. F`Kolossin 2:13-14 insibu, ***“Kontu mejta minħabba dnubietkom u għax ma kellkomx iċ-ċirkonċiżjoni f’ġisimkom; imma issa Alla takom il-ħajja flimkien ma’ Kristu: Ħafrilna dnubietna kollha. Ħassar il-kont tad-dejn li kellna bl-obbligi li kien hemm kontrina; neħħieh min-nofs u sammru mas-salib.”***

1. Id-dejn li ġie maħfur lilna qatt ma setgħa jitħallas. Ma kien hemm l-ebda mezz kif qatt stajna nħallsu lil Alla dak kollu li kellna nagħtuh. L-offiża tagħna kienet kbira wisq. Għalhekk Alla tana s-salvazzjoni bħala don. Ġesu ħallas għaċ-ċertifikat tad-dejn li kien kontra tagħna. Nistgħu naraw il-paralleliżmu bejn ir-relazzjoni ta` dan il-qaddej mas-sultan tiegħu u r-relazzjoni tagħna m’Alla.

***“Mela dak il-qaddej joħroġ, u jiltaqa’ ma’ wieħed minn sħabu, li kellu jagħtih mitt dinar; qabdu minn għonqu u beda jagħfsu. ‘Ħallas dejnek,’ qallu.”***

– Mattew 18: 28

Dinar kien kważi daqs il-paga ta` ġurnata xogħol ta` ħaddiem.

2. Mela għall-paga tal-lum, mitt dinar kien ikun jiswa xi erbat elef dollaru. Issa komplu aqraw:

***“Il-qaddej sieħbu nxteħet quddiemu jitolbu bil-ħniena u jgħidlu, ‘Stabar ftit bija u nroddlok. Imma dak ma riedx jaf, mar u xeħtu l-ħabs sa ma jrodd kull ma kellu jagħtih.”***

– Mattew 18: 29-30

Wieħed mill-qaddejja tiegħu kellu jagħtih somma sostanzjali ta’ Flus - terz ta` sena paga. Kif kont tħossok kieku int kellek nieqes terz mis-salarju tiegħek? Iżda ftakar li dan ir-raġel kellu maħfur dejn ta` $4.5 biljuni. Dawn kienu iktar flus milli hu seta’ jaqla’ tul ħajtu kollha!

L-offiżi li aħna nżommu kontra xulxin meta tikkomparahom ma’ l-offiżi tagħna kontra Alla huma bħal $4,000 ikkomparati ma’ $4.5 biljuni. Stajna ġejna trattati ħażin minn xi ħadd, iżda ma tistax tikkompara dan mad-dnubiet tagħna kontra Alla.

Forsi qiegħed tħossok li lilek ġrawlek l-agħar affarijiet. Imma m’intix tirrealiżża kemm ġie stmat ħażin Ġesu’. Huwa kien innoċenti, ħaruf mingħajr ħtija li ġie maqtul.

Persuna li ma tistax taħfer, insiet għal kollox id-dejn kbir illi ġiet meħlusa minnu. Meta tirrealiżża li Ġesù ħelsek minn mewt u turment etern, inti teħles lil ħaddieħor mingħajr kundizzjoni ta’ xejn. (Nitkellmu fuq dan f’kapitlu tlettax).

M’hemm xejn agħar minn eternità f’għadira ta’ nar. Ma hemm ebda serħan, id-dud ma jmutx, u n-nar ma jaqta’ qatt. Din kienet id-destinazzjoni tagħna sakemm Alla ħafrilna permezz tal-mewt ta’ Ibnu, Ġesu’ Kristu. ĦALLELUJA! Jekk inti ssibha bi tqila biex taħfer, aħseb fir-realta’ ta’ l-infern u l-imħabba t’Alla li permezz tagħha inti ġejt meħlus.

## Lezzjonijiet Għal Min Jemmen

Ejjew inkomplu naqraw il-parabbola:

***"Sħabu l-qaddejja raw il-ġrajja kollha u sewwdu qalbhom ħafna; marru għand is-sinjur tagħhom u tarrfulu kull ma kien ġara. Mbagħad is-sinjur bagħat għalih u qallu, 'Ja qaddej ħażin, meta jiena ħfirtlek dak id-dejn kollu wara li tlabtni bil-ħniena, ma kienx imissek int ukoll tħenn għal sieħbek kif ħennejt jien għalik?"***

– Mattew 18: 31-33

Ġesù ma kienx qiegħed jirreferi għal dawk li ma jemmnux f'din il-parabbola. Kien qiegħed jitkellem dwar is-servi tar-Re. Dan ir-raġel diġà kellu dejn kbir maħfur (is-salvazzjoni) u kien imsejjaħ "il- qaddej" ta' l-imgħallem. Dak illi hu ma ħafirlux kien "qaddej bħalu."

Għalhekk nistgħu nikkonkludu illi dan huwa d-destin ta' bniedem li jemmen, li jirrifjuta li jaħfer.

*U saħan bl-aħrax is-sinjur għalih, u tah f'idejn min jaħqru sa ma jrodd kull ma kellu jagħti.*

***"Hekk jagħmel lilkom Missieri li hu fis-Smewwiet jekk ma taħfrux lil xulxin minn qalbkom."***

– Mattew 18: 34-35

Dawn il-versi għandhom tlett punti maġġuri.

1. Is-serv li ma jaħfirx jiġi mogħti għat-tortura.
2. Ikollu jħallas id-dejn oriġinali: 375 tunellata ta' deheb.
3. Alla l-Missier jagħmel l-istess ħaġa lil kull kredent li ma jaħfirx l-offiża ta' ħuh.

## 1. Is-serv li ma jaħfirx jiġi mogħti għat-tortura.

Id-dizzjunarju Webster jiddefinixxi l-kelma ‘tortura’ bħala “agunija tal-ġisem jew tal-moħħ” jew “li tikkaġuna uġiegħ qawwi biex tikkastiga, vjolenza u pjaċir sadistiku.”

L-instigaturi ta’ din it-tortura huma l-ispirti demoniċi. Alla jagħti permess lil dawn l-ispirti sabiex jikkaġunaw uġiegħ u agunija fil-ġisem u fil-moħħ anke jekk il-persuni jkunu kredenti. Ħafna drabi tlabt għall-persuni waqt il-laqgħat li ma jkunux jistgħu jirċievu fejqan, komfort, jew ħelsien, dan kollu għaliex ma jridux jeħilsu oħrajn u jaħfrulhom minn qalbhom.

Tobba u xjenzati jqabblu n-nuqqas ta’ maħfra u l-imrar ma’ ċertu mard bħal artrite u kanċer. Ħafna każijiet ta’ mard mentali huma marbuta ħafna ma’ mrar u nuqqas ta’ maħfra.

Il-maħfra ġeneralment tkun miċħuda minn persuni oħra, imma kultant tkun miċħuda minnek innifsek. Ġesu’ qal,

***“ jekk ikollkom xi ħaġa kontra xi ħadd, aħfru...”***

– Mark 11: 25

Xi ħadd jinkludi lilek! Jekk Alla ħafirlek, int min int biex ma taħfirx lil dak li Hu ħafer, anki jekk huwa int stess?

## 2. Is-serv li ma jaħfirx ikollu jħallas id-dejn originali kollu.

Hu kellu jagħmel dak li hu imposibbli. Huwa bħal meta aħna jkollna nħallsu d-dejn li Ġesù ħallas fuq il-Kalvarju. Hekk nitilfu s-salvazzjoni tagħna.

*“Stenna minuta,”* tgħid int. *“Jiena ħsibt li la darba persuna titlob it-talba tas-salvazzjoni u tikkommetti ruħha u ħajjitha lil Ġesù, qatt ma tintilef.”*

Jekk temmen hekk, mela spjega għaliex Pietru kiteb dan li ġej:

*Għax jekk, wara li ħelsu mill-ħażen tad-dinja bis-saħħa ta' l-għarfien ta' Sidna u s-Salvatur tagħna Ġesù Kristu, reġgħu tħabblu fih u ntrebħu minnu, il-qagħda tagħhom ta' l-aħħar sa tkunilhom agħar minn ta' l-ewwel.*

***"Kien ikun aħjar għalihom li ma għarfu qatt it-triq tas-sewwa milli, wara li għarfuha, reġgħu lura mill-kmandament imqaddes li ngħata lilhom."***

– 2 Pietru 2: 20-21

Pietru kien qiegħed jitkellem għal dawk in-nies li kienu ħarbu d-dnub, (il-ħmieġ tad-dinja) permezz tas-salvazzjoni ta' Ġesù Kristu. Madankollu, dawn reġgħu tħabblu fid-dnub, (li jista' jkun nuqqas ta' maħfra) u ġew megħluba minnu. Li jiġu megħluba tfisser li ma reġgħux irritornaw lejn il-Mulej billi jindmu mid-dnub volontarju tagħhom. Pietru ddikjara li meta ddur mill-ġustifikazzjoni huwa agħar milli kieku qatt ma kont sirt tafha.

Fi kliem ieħor, Alla qiegħed jgħid li aħjar li qatt ma tkun ġejt salvat milli tirċievi d-don tal-ħajja eterna biex imbagħad titlifha għal dejjem. Ġuda wkoll jiddeskrivi nies ġewwa l-knisja li jkunu "mietu darbtejn" (Ġuda 12-13).

Li tkun darbtejn mejjet tfisser li kont darba mejjet mingħajr Kristu, imbagħad irxuxtajt meta rċevejt lilU, mbagħad erġajt mitt meta tlaqt mill-modijiet tiegħU għal dejjem.

Naraw kif ħafna se jiġu għand Ġesù jiġġustifikaw irwieħhom billi jgħidu, *"Mulej, Mulej, aħna ma profetizzajnix fl-isem tiegħEk, keċċejna x-xjaten fl-isem tiegħEk u għamilna ħafna għeġubijiet fl-isem tiegħEk?"* Imbagħad Ġesù jweġibhom, ***"Lilkom qatt ma kont nafkom! Warrbu minn quddiemi, intom li tagħmlu l-ħażen!"*** (Mattew 7:22-23). Huma kienu jafuh. Kienu jsejħulu Mulej u għamlu mirakli f'ismu. Iżda Hu ma kienx jafhom.

Lil min jaf Ġesù? L-appostlu Pawlu kiteb, ***"Jekk xi ħadd iħobb lil Alla, lil dan Alla jagħrfu"*** *(1Korintin 8:3)*. Alla jaf lil dawk li jħobbuH. Inti tista' tgħid, *"Jien inħobbu lil Alla. Iżda lil dak ħija li weġġagħni ma nħobbux."* Mela int imqarraq, u ma tħobbux lil Alla, għaliex hemm miktub, ***"Jekk xi ħadd jgħid: "Jiena nħobb 'l Alla", u jobgħod lil ħuh, dan ikun giddieb. Għax min ma jħobbx lil ħuh li jara, kif jista' jħobb lil Alla li hu qatt ma rah?"*** *(1Ġwanni 4:20)*. Il qerq huwa xi ħaġa terribbli, għaliex dak li jkun imqarraq jemmen b'qalbu kollha li hu qiegħed fis-sewwa.

Huwa jemmen li qiegħed fit-triq id-dritta waqt li fir-realtà qiegħed fi triq oħra. Persuna li ma tobdix il-Kelma tqarraq b'qalbha stess.

M'hijiex interessanti li "ħafna" se jippretendu li jidħlu l-ġenna iżda jiġu miċħuda għax Ġesu' qal ħafna jkunu offenduti fl-aħħar jiem (Mattew 24:10)? Jista' jkun illi dawn iż-żewġ gruppi jinkludu l-istess nies?

Xi kredenti huma tant itturmentati bin-nuqqas ta' maħfra illi jittamaw illi l-mewt iġġibilhom is-serħan. Imma dan m'huwiex minnu. Irridu neħilsu minn nuqqas ta' maħfra issa stess inkella ikollna nħallsu dak li ma jistax jitħallas.

## 3. Alla l-Missier jagħmel dan lil kwalunkwe kredent li jirrifjuta li jaħfer minn qalbu - irrelevanti kemm hi kbira l-weġgħa jew l-offiża.

Ġesù kien speċifiku ħafna, sabiex aħna żgur nifhmu din il-parabbola. Kważi f'kull parabbola Ġesu' ma offriex l-interpretazzjoni jekk mhux għax talbuha d-dixxipli tiegĦu. F'dan il-każ, però, Hu ma ried li jħalli l-ebda dubbji dwar is-severità tas-sentenza għal dawk li jirrifjutaw li jaħfru.

F'ħafna każijiet oħra Ġesu' għamilha ċara wkoll li jekk aħna ma naħfrux aħna ma niġux maħfura. Ftakar illi Huwa m'Huwiex bħalna. Hu jffisser dak li jgħid.

Din mhux dejjem insibuha fil-knisja. Minflok, bosta iġibu skużi sabiex tinżamm in-nuqqas ta' maħfra. In-nuqqas ta' maħfra hija kkunsidrata bħala dnub inqas gravi mill-omosesswalità, adulterju, serq, sokor, u ħafna oħrajn. Iżda dawk li jippratikawha m'humiex se jirtu r-Renju t'Alla flimkien ma' dawk li jipprattikaw id-dnubiet l-oħra.

Ħafna jaħsbu li dan il-messaġġ huwa iebes wisq, imma jien narah bħala messaġġ ta' ħniena u twissija, u mhux sentenza ħarxa. Tippreferi tkun iġġudikat mill-Ispirtu s-Santu issa u tesperjenza ndiema ġenwina u maħfra?

Jew tippreferi tirrifjuta li taħfer u tisma' lis-Sid jgħid, *"Itlaq minn quddiemi,"* meta imbagħad ikun tard wisq biex tindem?

# TANT GĦANDNA NKUNU
# 'L BOGĦOD MILLI NPATTU D-DENI,
# LI NKUNU LESTI LI NIRRISKJAW
# LI JERĠGĦU JIEĦDU VANTAĠĠ MINNA

"Jiena nirringrazzja lill-Mulej ta' l-ubbidjenza tiegħek biex ktibt *Il-Lixka ta' Satana.* Dan il-ktieb tant għandu Dilka tal-Ispirtu tal-Mulej li ħadem fija l-ħin kollu jien u naqrah, u lestejtu wara ftit ġranet. Il-ktieb bidilli ħajti kompletament. Jiena ġejt meħlus mill-ktajjen ta' l-offiża u se nkompli neżerċita qalbi, moħħi, u l-emozzjonijiet tiegħi biex nibqa' ħieles. "

L.M., South Carolina

# 12

## IL-VENDETTA: IN-NASBA

***"Troddu lil ħadd deni b'deni. Ħa jkun ħsiebkom filli tagħmlu t-tajjeb quddiem il-bnedmin kollha."***

– Rumani 12: 17

Kif rajna ċar fl-aħħar kapitlu, li aħna nżommu offiża u nuqqas ta' maħfra huwa bħal meta żżomm id-dejn lil xi ħadd. Meta persuna tkun inġurjata minn xi ħadd, din temmen li dan għandu d-dejn magħha. Tistenna xi forma ta' ħlas, monetarja jew le.

Is-sistema tal-qorti tagħna teżisti sabiex tivvendika partijiet inġurjati jew imweġġa'. Il-kawżi spiss jirriżultaw min-nies li jippruvaw jieħdu sodisfazzjon. Meta persuna tkun ġiet imweġġa' permezz ta' persuna oħra, il-ġustizzja tal-bniedem tgħid, *"Dawn se jitressqu l-qorti għal dak li għamlu u jħallsu jekk jinstabu ħatja."* Il-qaddej ta' bla maħfra ried lill-qaddej sieħeb tiegħu li jħallas dak kollu li kellu jagħtieh, b'hekk hu fittex il-kumpens tiegħu fil-qorti tal-liġi. Din m'hijiex it-triq ġusta.

***"Tivvendikawx ruħkom b'idejkom, għeżież tiegħi, imma ħallu l-korla ta' Alla tagħmel hi, għax hemm miktub: "Għalija l-vendetta, jiena nħallas, jgħid il-Mulej."***

– Rumani 12: 19

Mhix ħaġa ġusta għalina bħala wlied Alla li nieħdu l-vendetta f'idejna. Iżda dan huwa eżatt dak li nkunu qiegħdin infittxu jekk aħna nirrifjutaw li naħfru. Il-vendetta nixxenqu għaliha, infittxuha, nippjanawha u nwettquha. Ma naħfrux qabel il-ħlas ma jitħallas kollu, u aħna biss nistgħu niddeterminaw il-kumpens aċċettabli. Meta nistgħu nfittxu li nikkoreġu l-affarijiet ħżiena li għamlulna, nkunu qed nistabilixxu rwieħna bħala mħallfin. Iżda nafu:

*"Wieħed biss huwa dak li jagħmel il-Liġi, wieħed biss l-Imħallef: dak li għandu s-setgħa jeħles u jeqred. Int min int biex tiġġudika 'l ħaddieħor? …Tgergrux kontra xulxin, ħuti, biex ma tkunux iġġudikati: araw, l-Imħallef qiegħed hawn, quddiem il-bieb! "*

– Ġakbu 4: 12; 5: 9

Alla huwa l-Imħallef ġust. Hu jgħaddi ġudizzju tajjeb. Imma hu jħallas lura skond il-ġustizzja. Jekk xi ħadd għamel il-ħażen u jindem ġenwinament, ix-xogħol li għamel Ġesù fuq il-kalvarju jħassar id-dejn.

Forsi tgħid," Iżda l-ħsara saret lili mhux lil Ġesù!" Iva, iżda int ma tirrealiżżax il-ħażin li għamilt lilU, il-vittma innoċenti. Hu kien bla ħtija waqt li l-bnedmin kollha kienu bid-dnub u kkundannati għall-mewt. Kull wieħed u waħda minna ksirna l-liġijiet ta' Alla li huma 'l fuq mill-liġijiet kollha ta' din d-dinja. Kollha kemm aħna għandna nkunu kkundannati għall-mewt mill-idejn ta' l-Ogħla Qorti ta' l-Univers sabiex issir ġustizzja.

Forsi int m'għamilt xejn biex provokajt il-ħażen li sarlek minn idejn ħaddieħor. Iżda jekk tagħmel kuntrast bejn il-ħsara li saritlek ma' dak li ġie maħfur lilek m'hemm l-ebda paragun. Lanqas biss jibda mad-dejn li għandek int! Jekk tħossok imbruljat, tlift kull kunċett tal-ħniena li ġiet mogħtija lilek.

## L-EBDA ŻONA TA' MIBEGĦDA

Taħt il-patt tat-Testment il-Qadim, jekk int għamilt xi ħaġa ħażina lili, jiena għandi d-dritt li nagħmel l-istess kontra tiegħek. Kien jingħata permess sabiex jinġabar id-dejn, u jitpattu ħażin b'ħażin. (Araw Levitku 24:19; Eżodu 21: 23-25,) Il-liġi kienet suprema. Ġesu' ma' kienx għadu miet biex jeħlishom.

Araw kif indirizza lill-kredenti tal-Patt il-Ġdid.

***"Smajtu x'intqal, 'Għajn b'għajn u sinna b'sinna'. Imma jiena ngħidilkom biex bniedem ħażin ma tiqfulux; anzi jekk xi ħadd jagħtik daqqa ta' ħarta fuq ħaddek tal-lemin, dawwarlu l-ieħor ukoll; u lil min ikun irid itellgħek il-qorti u jeħodlok il-libsa, ħallilu wkoll il-mantar. U jekk xi ħadd iġagħlek timxi miegħu mil wieħed, mur miegħu tnejn. Agħti lil min jitolbok u ddawwarx spallejk lil min ikun irid jissellef minn għandek."***

– Mattew 5: 38-42

Ġesù jisfida kull qasam ta' mibegħda. Fil-fatt jgħid illi l-attitudni tagħna għandha tkun tant 'il bogħod milli nieħdu ġudizzju aħna, li nkunu miftuħa għall-possibiltà li ħaddieħor jerġa' jieħu vantaġġ minna.

Meta nfittxu li nikkoreġu d-deni li sarilna, npoġġu ruħna bħala mħallfin. Il-qaddej li ma ħafirx f'Mattew 18 għamel propju hekk meta bagħat lill-qaddej sieħbu fil-ħabs. B'hekk dan il-qaddej ta' bla maħfra ġie mogħti għat-torturi, u l-familja tiegħu mibjugħa, sakemm iħallas kollox.

Irridu nagħmlu spazju u nagħtu post lill-Imħallef ġust. Hu jippremja ġustament. Huwa biss jagħti l-ħaqq perfett fil-ġustizzja.

Kont qiegħed namministra fuq dan is-suġġet ġewwa knisja f-Tampa, Florida. Wara li spiċċajna ġiet mara ħdejja. Hi qaltli li kienet ħafret lil ex-raġel tagħha għal dak kollu li kien għamel. Iżda hekk kif kienet qiegħda tisma' dak il-kliem fuq kif tinħeles mill-offiża, rrealiżżat li xorta ma kellhiex paċi ġo fiha u kienet tħossa skomda.

*"Int għadek ma ħfirtlux,"* għedtilha bil-ħlewwa.

*"Iva, ħfirtlu,"* qaltli, *"bkejt dmugħ ta' maħfra,"*

*"Jista jkun li bkejt, imma xorta għadek ma ħfirtlux għal kollox"*

Hija baqgħet tinsisti li kont żbaljat u li hi kienet ħafritlu.

*“Għidli x’għamillek,”* staqsejtha.

*“Jien u r-raġel konna l-mexxeja ta’ knisja. Hu telaqni u lit-tlett subien tagħna u ħarab ma’ mara prominenti fil-knisja.”* Dmugħ beda jgelgel ma’ ħaddejha, *“Hu qal li ma kienx sema’ lil Alla meta żżewwiġni għax qal li l-pjan perfett ta’ Alla kien li jiżżewweġ lil din il-mara li ħarab magħha.”* Qalli li hi kienet ta’ mportanza enormi għall-ministeru tiegħu għax kienet tissaportjaħ iżjed. Qalli li jien kont ta’ xkiel għalih. Qal ukoll li jien kont nikkritikaħ ħafna. Ta l-ħtija kollha lili li ż-żwieġ sfaxxa. Hu qatt ma ġie lura u m’ammetta qatt li kellu xi tip ta’ tort.”

Dan il-bniedem kien ovjament imqarraq u nġurja ħafna lil martu u lill-familja tiegħu.

Hija sofriet ħafna mill-azzjonijiet tiegħu u kienet qiegħda tistenna sabiex iħallasha lura dak id-dejn. Id-dejn ma kienx għal xi manteniment jew għajnuna għat-tfal, għaliex ir-raġel il-ġdid tagħha kien qed jipprovidlha dan kollu. Id-dejn li riditu jħallas kien li jammetti li hu kien żbaljat u hi kienet fis-sewwa.

*“Int m’intix se taħfirlu qabel ma jiġi u jammetti li kien żbaljat, li kien kollu tort tiegħu u mhux tiegħek, u jitolbok maħfra. Dan huwa l-ħlas li ma ġiex mogħti lilek u li żammek marbuta,”* enfasizzajtilha.

Kieku Ġesù stenna sakemm aħna nersqu lejh u nitolbuh maħfra u ngħidulu, *“Aħna konna żbaljati, u Inti għandek raġun. Aħfrilna,”* ma kien jaħfrilna qatt minn fuq is-salib. Hekk kif kien imdendel fuq is-salib, Huwa għajjat:

***“Missier, aħfrilhom, għax ma jafux x’inhuma jagħmlu.”***

– Luqa 23: 34

Hu ħafrilna qabel ma aħna ġejna fi ħdanu u ammettejna l-offiżi li għamilna kontra tiegħu. Aħna mwissija bil-kliem ta’ l-appostlu Pawlu:

***“...aħfru lil xulxin; bħalma l-Mulej ħafer lilkom...”***

– Kolossin 3: 13

***“Kunu twajba ma’ xulxin, ħennu għal xulxin, aħfru lil xulxin, bħalma Alla ħafer lilkom fi Kristu.”***

– Efesin 4: 32

Meta jien għedt lil din il-mara, *“Int m’intix se taħfirlu qabel ma hu jgħid li żbalja - u int kellek raġun,”* id-dmugħ beda jgelgel ma’ ħaddejha. Dak li riedet kien żgħir meta tqabblu ma’ l-uġiegħ kollu li hu kien ġab lilha u lil uliedha. Iżda hi kienet fil-jasar għax riedet il-ġustizzja tal-bniedem. Poġġiet ruħha bħala mħallef, titlob id-dritt tad-dejn u tistenna l-ħlas. Din l-offiża żammet lura r-relazzjoni tagħha mar-raġel il-ġdid tagħha. Affetwat ukoll ir-relazzjoni tagħha ma’ l-awtorita’ maskili, għax ir-raġel li kellha qabel kien ukoll mexxej.

Spiss Ġesu’ kien ixebbaħ il-kundizzjoni ta’ qalbna ma’ dik tal-ħamrija.

Aħna mwissija sabiex inkunu imħawwla sew fl-imħabba t’Alla. Iż-żerriegħa tal-Kelma t’Alla mbagħad tagħmel l-għeruq ġewwa qalbna u tikber biex eventwalment tipproduċi l-frott tal-ġustifikazzjoni.

***“Il-frott ta’ l-Ispirtu huma: l-imħabba, l-hena, is-sliem, is-sabar, il-ħniena, it-tjieba, il-fidi, il-ħlewwa, ir-rażan.”***

– Galatin 5: 22 - 23

Imma l-art tipproduċi biss dak li tħawwel fiha. Jekk niżirgħu żerriegħa ta’ dejn, nuqqas ta’ maħfra, u offiża, għeruq ieħor jikber minflok l-imħabba t’Alla. Dan hu l-għeruq ta’ l-imrar u l-mibegħda.

Francis Frangipane ta’ definizzjoni tajba ta’ l-imrar; “L-imrar huwa vendetta mhux mitmuma”. Hija r-riżultat ta’ meta l-vendetta ma tkunx għadha ġiet ssodisfata sal-punt li nixtiequ.

Il-kittieb tal-Ktieb tal-Lhud tkellem direttament dwar din il-kwistjoni.

***"Fittxu li żżommu s-sliem ma' kulħadd u li jkollkom il-qdusija, li mingħajrha ħadd ma jara lill-Mulej. Qisu li ħadd fostkom ma jibqa' lura mill-grazzja ta' Alla, li ebda għerq ta' mrar ma jinbet fostkom li jġib it-taħwid u li bih ħafna jitħassru."***

– Lhud12: 14-15

Innutaw il-kliem "li bih ħafna jitħassru." Jista' jkun li dawk il-"ħafna" li qed jirreferi għalihom Ġesu' huma dawk il-"ħafna" li se jkunu offenduti fl-aħħar żminijiet? (araw Mattew 24:10).

L-imrar huwa għerq. Jekk l-għeruq huma kkultivati - imsaqqija, protetti, mitmuha u mogħtija attenzjoni - jikbru fil-fond u fil-qawwa. Jekk ma jkunux ittratati malajr, l-għeruq huma iebsa sabiex taqlagħhom. Il-qawwa ta' l-offiża se tkompli tikber. Aħna għalhekk imwiddba sabiex ma' nħallux ix-xemx tinżel fuq ir-rabja tagħna. (Efesin 4:26). Issa minflok il-frott tal-ġustifikazzjoni naraw ħsad ta' rabja, għira, ġlied u tilwim. Ġesu' isejħilhom frott tal-ħażen. (Mattew 7:19-20).

Il-Bibbja tgħid li bniedem li ma jsegwix il-paċi billi jeħles mill-offiża, eventwalment se jkun imniġġes. Dak li huwa prezzjuż jispiċċa jiġi korrot bil-viltà tan-nuqqas ta' maħfra.

## IL-POTENZJAL TA' RE ĠIE MNIĠĠES

Aktar kmieni fil-ktieb rajna kif David baqa leali lejn ir-Re Sawlu anke meta Sawlu ma kienx leali lejn David. David ma fittix li jivvendika ruħu, anki meta ġietu l-opportunita' darbtejn. David kien bniedem wara l-qalb t'Alla. Ħalla lil Alla jagħmel ġudizzju bejnu u bejn Sawlu. Meta l-ġudizzju t'Alla waqa' fuq Sawlu, David ma feraħx. Hu tnikket fuq li ġara lil Sawlu, għax ma kien żamm l-ebda imrar lejh.

Wara l-mewt ta' Sawlu, David telgħa fuq it-tron. Huwa saħħaħ in-nazzjon, gawda suċċessi militari u finanzjarji, u żamm it-tron sigur. Iżżewweġ bosta nisa u kellu ħafna ulied, inkluż Amnon, it-tifel il-kbir u Absalom, it-tielet wild.

Amnon, bin David, wettaq offiża ħarxa kontra oħtu Tamar li kienet bint omm Absalom. Huwa ppretenda li kien ma jiflaħx u staqsa lil missieru sabiex jibgħat lil Tamar biex isservih l-ikel. Meta dik qdietu, huwa ordna lill-qaddejja jitilqu u stupraha. Imbagħad ma ħamiliex aktar u ordna lill-qaddejja sabiex ineħħuha minn quddiem għajnejh. Huwa ġab diżunur lil prinċipessa rjali verġni, u ġab għajb u mistħija fuq il-ħajja tagħha. (araw 2 Samwel 13.)

Mingħajr ma qal xejn lil ħuh, Absalom ħa lil oħtu tgħix miegħu u pprovdielha għal kull ħtieġa. Iżda hu kien jogħbod lil ħuh Amnon talli ikkorompa lil Tamar.

Absalom stenna li missieru jikkastiga lil ħuh Amnon. Ir-re David għadab meta sema' bil-krudeltà ta' Amnon, iżda ma ħa ebda azzjoni. Absalom kien devastat bin-nuqqas ta' ġustizzja minn missieru.

Tamar, xi darba kienet tilbes l-ilbies irjali li kienu rriservati lill-bniet verġni tar-re; issa kienet liebsa lbies ta' mistħija. Hija kienet tifla sabiħa ħafna u probabbilment il-poplu kellu stima għolja tagħha. Issa kienet qiegħda tgħix bħal eremita, mingħajr ma tista' tiżżewweġ għaliex tilfet il-verginita' tagħha.

Dan ma kienx sewwa. Hija qdiet lil Amnon fuq il-kmand tar-re missierha u ġiet stuprata. Ħajjitha kienet spiċċat, waqt li dak il-bniedem li wettaq din l-attroċità kien qiegħed jgħix qisu qatt ma ġara xejn. Hi kellha ġġor it-toqol kollu. Ħajjitha sfaxxat.

Ġurnata wara l-oħra Absalom kien jara lil oħtu mnikkta. L-eżistenza perfetta ta' prinċipessa saret ħolma kerha. Absalom stenna sena lil missieru biex jagħmel xi ħaġa, imma David m'għamel xejn. Absalom kien offendut minn missieru, u kien jogħbod lil dak il-kattiv Amnon.

Wara sentejn il-mibegħda li kellu għal Amnon weldet pjan biex joqtol lil ħuh. *"Nivvendika ruħi jien lil oħti la l-awtoritajiet propja m'għamlu xejn,"* probabbli ħaseb Absalom.

Huwa għamel festa kbira għall-ulied kollha tar-re. Meta Amnon ma kienx qed jissuspetta, Absalom qabbadhom joqtluh. Imbagħad Absalom ħarab lejn Gesur, il-vendetta kontra Amnon kienet twettqet. Iżda l-offiża li kellu kontra missieru kienet taħraq iktar, speċjalment waqt li kien 'il bogħod mill-palazz.

Il-ħsibijiet ta' Absalom kienu avvelenati bl-imrar. Sar espert sabiex jikkritika d-dgħjufijiet ta' David. Però kien jittamma li missieru jsejjah għalih. Imma David ma sejjaħlux. Dan kebbes iktar l-istmerrija ta' Absalom.

Forsi dawn kienu l-ħsibijiet tiegħu:

*Missieri huwa mfaħħar min-nies, imma huma għomja għan-natura vera tiegħu. Huwa raġel li jfittex għalih innifsu u juża lil Alla bħala kopertura. Huwa agħar mir-re Sawlu! Sawlu tilef it-tron għaliex ma qatilx lir-re ta' l-Amalekiti u ftit mill-aqwa nagħaġ u barrin li kellhom. Missieri wettaq adulterju ma' mara ta' wieħed li kien leali ħafna lejh. Imbagħad għatta d-dnub tiegħu billi qatel lil dak li kien leali lejh. Huwa qattiel u adulteru—għalhekk ma kkastigax lil Amnon! Għalhekk jgħatti dan kollu bil-qima falza tiegħu lejn Jahweh.*

Absalom baqa' Gesur għal tlett snin. David sab konsolazzjoni fuq il-mewt ta' ibnu Amnon u Ġowab ikkonvinċa lir-re sabiex jerġa' jġib lura d-dar lil Absalom. Imma David xorta rrifjuta li jiffaċċja lil Absalom. Għaddew sentejn oħra u David reġġa lura lil Absalom bil-privileġġi kollha li kellu qabel. Iżda l-offiża ġo qalb Absalom xorta baqgħet qawwija.

Absalom kien espert fl-apparenzi. Qabel ma qatel lil Amnon, ***"Absalom ma tkellem xejn ma' ħuh, la fit-tajjeb u lanqas fil-ħażin: għax Absalom kien jobgħodu lil Amnon, talli ġab għajb lil Tamar, oħtu"*** (2 Samwel 13:22). Ħafna nies huma kapaċi jaħbu l-offiżi u l-mibgħeda bħal ma għamel Absalom.

Mill-attitudni offensiva u kritika tiegħu, huwa beda jiġbed lejh lil kull min ma kienx kuntent. Għamel lilu nnifsu disponibbli għal Iżrael kollu, jieħu ħin jisma' l-ilmenti tagħhom. Kien jilmenta illi kieku kien re hu, l-affarijiet kienu jkunu differenti. Huwa kien jiġġudika l-każijiet tagħhom minħabba li min kif l-affarijiet kienu jidhru, ir-re ma kellux ħin għalihom. Forsi Absalom iġġudika l-każijiet tagħhom għaliex ħass li hu ma kienx ingħata ġustizzja.

Kien jidher li kien qiegħed jagħti ħafna attenzjoni lejn il-bżonnijiet tan-nies. Il-Bibbja tgħid illi Absalom seraq il-qlub ta' Iżrael minn missieru, David. Iżda kien ġenwinament ikkonċernat minnhom, jew kien qiegħed iffittex mod kif iwaqqa' lil David, lil dak li kien offendih?

## ESPERTI TAL-IŻBALJI

Absalom ġibed lil Iżrael lejh u qam kontra David. Ir-re David kellu jaħrab minn Ġerusalem biex isalva ħajtu. Kien jidher li Absalom kien se jistabillixxi r-renju tiegħu. Minflok, ġie maqtul hekk kif qiegħed jippersegwita lil David, allavolja David ħareġ ordni biex Absalom ma jintmessx.

Absalom ġie filfatt maqtul minħabba l-imrar u l-offiża li kellu. Ir-raġel b'tant potenzjal, eredi tat-tron, miet fl-aħjar tiegħu għaliex irrifjuta li jaħfer mid-dejn li ħaseb li kellu jagħtieh missieru. Spiċċa mħassar.

L-assistenti tal-mexxejja tal-knisja ħafna drabi joffendu ruħhom mill-persuna stess li jservu. Malajr jibdew jikkritikaw - isiru esperti dwar id-difetti tal-mexxej tagħhom jew ta' dawk li jappunta hu. Huma joffendu ruħhom. Il-viżjoni tagħhom ma tibqax ċara. Jaraw kollox minn perspettiva totalment differenti minn dik ta' Alla.

Huma jemmnu li l-missjoni tagħhom fil-ħajja hi li jeħilsu lil dawk ta' madwarhom mill-mexxej inġust. Jirbħu l-qlub ta' dawk li ma jkunux kuntenti u dawk li ma jafux, u jispiċċaw jaqsmu jew jiddividu l-knisja jew ministeru. Bħal ma għamel Absalom.

Xi kultant l-osservazzjonijiet tagħhom ikunu korretti. Forsi David kellu jieħu azzjoni kontra Amnon. Forsi mexxej għandu oqsma fejn jiżbalja. Imma min hu l-imħallef - int jew il-Mulej? Iftakar li jekk inti tiżra konflitti, dawk li se taħsad.

Dak li ġara lil Absalom, u dak li jiġri fil-ministeri moderni huwa proċess li jieħu ż-żmien. Ħafna drabi ma nkunux nafu li daħlet offiża fil-qalb tagħna. L-għerq ta' l-imrar bilkemm tinnutah hekk kif ikun qiegħed jiżviluppa. Iżda hekk kif ikun ikkultivat jibda jikber u jissaħħah. Hekk kif il-kittieb tal-Lhud iwiddeb,

***"Qisu li ħadd fostkom ma jibqa' lura mill-grazzja ta' Alla, li ebda għerq ta' mrar ma jinbet fostkom li jġib it-taħwid u li bih ħafna jitħassru."***

– Lhud 12: 15

Irridu neżaminaw qlubna u niftħu rwieħna għall-korrezzjoni tal-Mulej, għaliex il-Kelma Tiegħu biss tista' tiddixxerni l-ħsibijiet u l-intenzjonijiet ta' qlubna. L-Ispirtu s-Santu jikkundanna hekk kif jitkellem fil-kuxjenza tagħna. M'għandniex ninjorawH jew inkella inwaqfuH. Jekk xi ħadd għamel hekk, għandu jindem quddiem Alla, u jiftaħ qalbu għall-korrezzjoni tiegħu. Mexxej darba staqsieni jekk kienx ġab ruħu bħal Absalom jew David fuq xi ħaġa li kien għamel. Kien serva ta' assistent ta' mexxej ġewwa belt, u l-mexxej keċċieh. Kien jidher li l-mexxej il-kbir kien jgħir u jibża' minn dan il-ġuvnott għaliex id il-Mulej kienet fuqu.

Sena wara, dak il-mexxej li ġie mkeċċi emmen li l-Mulej riedu jibda knisja n-naħa l-oħra tal-belt. Għalhekk hu hekk għamel u xi nies mill-knisja l-oħra telqu u marru jingħaqdu miegħu. Hu kien imħasseb għaliex ma riedx jagħmila ta' Absalom, imma apparentament ma kienx offendut mill-mexxej ta' qabel. Huwa beda l-knisja l-ġdida skond id-direzzjoni tal-Mulej, u mhux biex ippatieha lill-knisja l-oħra.

Jien indikajtlu d-differenza bejn Absalom u David. Absalom seraq il-qlub ta' ħaddieħor għaliex kien offendut mill-mexxej. David ħeġġeġ lil oħrajn sabiex jibqgħu lejali lejn Sawlu allavolja Sawlu kien qiegħed jattakkah. Absalom ħa n-nies miegħu, David telaq waħdu.

*"Int tlaqt il-knisja waħdek?"* staqsejtu. *"Għamilt xi ħaġa biex tinkoraġixxi lin-nies biex jiġu miegħek jew biex jissapportjawk?"*

*"Jien tlaqt waħdi u m'għamilt xejn sabiex niġbed in-nies lejja."* qalli.

*"Hekk tajjeb. Int ġibt ruħek bħal David. Kun żgur li n-nies li jiġu miegħek m'għandhomx offiża mal-mexxej li kellek, u jekk għandhom, mexxiehom għall-ħelsien u l-fejqan."*

Il-knisja ta' dan ir-raġel qiegħda tikber u tistgħana. L-iktar li apprezzajt minn dan il-bniedem huwa li ma kienx beżgħan li jeżamina lil qalbu. Mhux hekk biss, iżda ssottometta lilu nnifsu għall-pariri ta' nies t'Alla. Kien iktar importanti għalih li jissottometti ruħu għat-triq tal-Mulej milli jingħata r-raġun.

La tibżax tħalli lill-Ispirtu s-Santu jirrevelalek xi nuqqas ta' maħfra jew imrar. Iktar ma taħbihom, iktar jitqawwew u qalbek tibbies aktar. Kun qalbek safja. Kif?

***"Ħa jitwarrab minnkom kull imrar, u saħna, u għadab, u għajjat, u kliem ħażin, ma' kull ħażen. U kunu qalbkom tajba ma' xulxin, ħennu għal xulxin, u aħfru 'l xulxin, bħal ma ħafrilkom Alla fi Kristu."***

– Efesin 4: 31-32

**TIKBER L-IŻJED PERMEZZ TA'**

**L-OFFIŻI L-AKTAR PROVOKATTIVI….**

**DAWK LI MA TKUNX GĦADEK**

**IMĦARREĠ GĦALIHOM.**

"Jiena qrajt *Il-Lixka Ta' Satana*. Kemm hu ta' barka dan il-ktieb. Irrikommandajtu lil ħafna. Alla vera użah fil-ħajja tiegħi. "
Grazzi!

--S.T.GEORGIA

# 13

## META TAĦRAB MINN NASBA

***"Għalhekk jien ukoll dejjem nitħabat biex ngħix b'kuxjenza nadifa quddiem Alla u quddiem il-bnedmin."***

– Atti 24: 16

Trid tagħmel sforz kbir biex tibqa' ħieles mill-offiża. Pawlu jxebbaħha ma' eżerċizzju. Jekk aħna nagħmlu eżerċizzju għall-ġisimna, inkunu inqas suxxettibli għall-korriment. Meta kont il-Ħawaii, tlajt ma' ħajt biex nieħu ritratt. Meta għamilt hekk, ġbidt xi muskoli minn irkoppti u ma stajtx nimxi għal erbat ijiem.

*"Kieku kont qiegħed tagħmel eżerċizzju b'mod regolari,"* qalli t-terapista , *"dan ma kienx jiġri. Għaliex il-muskoli tiegħek m'humiex trenjati, għalhekk inti suxxettibli għall-korriment."*

Wara li ġejt lura għan-normal u kont nista' nerga' nimxi, espert ieħor qalli, "Trid tagħmel dawn l-eżerċizzji sabiex iġġib il-muskoli ta' rkopptok f'posthom u fil-kundizzjoni li suppost." Ħadt ftit xhur sabiex irkoppti reġgħet ġiet għan-normal.

Il-kelma Griega f'Atti 24:16 għall-'eżerċizzju' hija **ASKEO.** Id-dizzjunarju VINES EXPOSITORY jiddefinixxi 'eżerċizzju' bħala "li tgħaddi mill-uġiegħ, li tirsisti u tagħmel sforz, eżerċizzju bit-taħriġ jew dixxiplina."

Xi kultant joffenduna xi nies u ma jkunx diffiċli biex taħfrilhom. Dak għaliex inkunu eżerċitajna lil qlubna biżżejjed biex inkunu fil-kundizzjoni li nimmaniġjaw offiża; għalhekk, ma jkun hemm l-ebda ġerħa jew dannu permanenti.

Ħafna nies setgħu jitilgħu dak il-ħajt fil-Hawaii mingħajr ma' jweġġgħu għax ikunu f'kundizzjoni fiżika tajba. Bl-istess mod, ħafna huma f'kundizzjoni li jobdu lil Alla peres li jeżerċitaw lil qalbhom. Il-livell ta' maturità spiritwali tagħna tiddetermina kif se nieħdu ħsieb offiża mingħajr korrimenti.

Xi offiżi ser jisfidawna aktar minn dawk li ġejna mħarrġa għalihom. Din il-pressjoni żejda tista' tikkawża ġerħa u wara ser ikollna neżerċitaw spiritwalment sabiex inkunu ħielsa u mfejqa mill-ġdid. Iżda r-riżultat jiswa iktar mill-isforz li nkunu ħadna.

F'dan il-kapitlu se nindirizza dawn l-estremitajiet, l-offiżi intensi li jirrikjedu aktar sforz biex jissolvew.

Ġrali nċident f'ħajti li kien jinvolvi xi ħadd fil-ministeru tiegħi. Din l-offiża estrema li esperjenzjajt ma kienitx waħda iżolata imma kienet waħda minn ħafna ma' din il-persuna u intensifikat aktar f'madwar sena u nofs.

Ta' madwari kollha kienu jafu x'inhu jiġri. *"M'intix imweġġa'?"* staqsewni. *"X'se tagħmel? Se tibqa' lura u toqgħod għal kollox?"*

"Ninsab tajjeb," għedtilom. *"M'affetwatniex. Se nibqa' miexi skond is-sejħa ta' ħajti."*

Imma r-risposta tiegħi ma kienet xejn ħlief kburija. Kont estremament imweġġa' iżda dan ċħadtu, anke miegħi nnifsi. Kont inqatta' siegħat sħaħ niprova nifhem għalfejn dawn l-affarijiet kienu qed jiġru lili. Kont taħt xokk, ma kont qiegħed inħoss xejn u mgħaġġeb. Iżda żammejt kollox ġo fija, minn barra kont nidher tajjeb imma fil-fatt kont dgħajjef u mweġġa' ħafna.

Għaddew ix-xhur. Kollox kien qisu niexef, il-ministeru kien xott, il-post tat-talb tiegħi kien solitarju u jien kont f'turment. Kont niġġieled ix-xjaten kuljum. Kont naħseb li din ir-resistenza kollha kienet

minħabba s-sejħa f'ħajti, imma filfatt dak kien it-turment tan-nuqqas ta' maħfra. Kull darba li kont inkun qrib dan il-bniedem kont nispiċċa spiritwalment imkisser.

Imbagħad ġiet għodwa li ma ninsiha qatt. Kont qiegħed fuq bank fil-bitħa ta' wara d-dar nitlob. *"Mulej, jien imweġġa'?"* staqsejtu.

Lanqas laħqu ħarġu dawn il-kliem minn fommi li ma smajtx għajta fil-fond tal-ispirtu tiegħi: *"Iva!"*

Alla riedni nagħraf li kont imweġġa'.

*"Mulej nitolbok tgħini ninħeles minn din il-weġgħa u offiża tiegħi nnifsi,"* tlabt jien. *"Din l-offiża hi wisq kbira għalija biex negħleb."*

Dan kien eżatt fejn riedni nkun il-Mulej - fejn ma stajtx niflaħ iżjed. Ħafna drabi nippruvaw nagħmlu l-affarijiet bil-qawwa tagħna nfusna. Dan ma jħalliniex nikbru spiritwalment. Minflok, insiru aktar suxxetibbli li naqgħu.

L-ewwel pass għall-fejqan u l-ħelsien huwa li tirrikonoxxi li int imweġġa'. Ħafna drabi l-kburija ma tħalliniex nammettu li aħna offenduti u mweġġa'. Hekk kif ammettejt il-vera kundizzjoni ta' qalbi, fittixt il-Mulej u kont miftuħ għall-korrezzjoni tiegħu.

Ħassejt li l-Mulej riedni nsum għal xi ftit ġranet. Is-sawm kien se jpoġġini f'pożizzjoni li nkun sensittiv għall-vuċi tal-Ispirtu tiegħu u jipprovdi benefiċċji oħra ukoll.

***"Jaqaw m'hux dan is-sawm li jiena rrid, jiġifieri, li tħoll l-irbit tal-ħażen, u tqaċċat ix-xkiel tal-madmad, li tibgħat ħielsa l-maħqurin, u tkisser kull madmad?"***

– Isaija 58: 6

Kont lest biex inħoll l-irbit tal-ħażen u nkun ħieles mill-oppressjoni.

Ftit ġranet wara kont qiegħed nattendi funeral. Ir-raġel li kien offendieni kien hemm ukoll. Qgħadt inħares lejħ min-naħa ta' wara tal-knisja u bdejt nibki.

*"Mulej, jien naħfirlu. Nerħieħ minn kull ħaġa li għamilli."* Immedjatament ħassejt it-toqol jitlaqni. Jien kont ħfirtlu. Imtlejt b'serħan kbir!

Imma dan kien biss il-bidu tat-triq tiegħi għall-fejqan. Ġo qalbi jien kont ħfirt, iżda ma kontx naf kemm kienet kbira l-ġerħa. Xorta kont għadni vulnerabbli u stajt nerġa' niġi mweġġa'. Kienet bħal meta tkun qiegħed tiġi rikoverat minn xi ferita fiżika.

Kelli bżonn nagħmel l-eżerċizzju, sabiex inqawwi lil qalbi, moħħi, u l-emozzjonijiet biex nipprevjeni xi feriti fil-futur.

**Dwar dawk li jerġgħu jirkadu?**

Għaddew ftit xhur. Kultant kien ikolli niġġieled ma' xi ħsibijiet minn dawk li kien ikolli qabel ma ħfirt. Persuna li tkun imweġġa' bl-istess manjiera tiegħi kienet iġġib l-ilmenti tagħha għandi, jew kont nerġa' nara lil dak ir-raġel jew nisma' ismu. Kont inwarrab dawn il-ħsibijiet hekk kif kont ninduna bihom. (ara 2 Korintin 10: 5) Dan kien l-eżerċizzju jew it-taqtiha sabiex nibqa' ħieles.

Fl-aħħar staqsejt lill-Mulej kif inżomm dawn il-ħsibijiet milli jerġgħu jitfgħuni lura lejn in-nuqqas ta' maħfra. Kont naf illi Hu xtaq livell iktar għoli ta' ħelsien għalija, u ma ridtx ngħix il-kumplament ta' ħajti nżomm l-offiżża viċin tiegħi. Il-Mulej urieni li għandi nitlob għal dak ir-raġel li weġġagħni, filwaqt li fakkarni fil-Kelma tiegĦu.

***"Imma jiena ngħidilkom: Ħobbu lill-għedewwa tagħkom, u itolbu għal dawk li jippersegwitawkom."***

– Mattew 5: 44

Għalhekk jien tlabt. Għall-ewwel kien talb, b'vuċi xotta u monotona, mingħajr ebda passjoni. B'sens ta' obbligazzjoni kont ngħid, *"Mulej, bierku. Agħtih ġurnata tajba. Għinu f'kull ma jagħmel. F'isem Ġesu' Kristu, Amen."*

Komplejt nagħmel hekk għal xi ġimgħat. Ħassejtni donni ma kont qed nasal imkien. Imbagħad għodwa waħda, il-Mulej kellimni f'qalbi biex naqra Salm 35. Ma kelli l-ebda idea x'kien jgħid f'Salm 35, għalhekk fittixtu u bdejt naqra. Meta wasalt f'nofsu, stajt nara aħjar is-sitwazzjoni tiegħi.

***"Iqumu xhieda qarrieqa, jistaqsuni dak li ma nafx; bid-deni għall-ġid iħallsuni; qerduli ruħi."***

– Salmi 35: 11-12

Stajt nidentifika ruħi ma' David. Fl-opinjoni tiegħi sew dak ir-raġel u anke dawk ta' miegħu kienu ħallsuni bid-deni għat-tajjeb.

Ruħi kienet definittivament imnikkta.

Alla kien qiegħed juża dan is-salm sabiex jurini l-battalja li kont għaddej minnha dawn l-aħħar snin. Wieħed mill-passaġġi ġegħlni naqbeż li kważi ħbatt mas-saqaf.

***"Iżda meta huma kienu morda, jien kont nilbes l-ixkora; kont ngħakkes bis-sawm lili nnifsi, u nitlob b'rasi mgħaddsa fi ħdani. Bħal ħbiebi, bħal ħuti mxejt magħhom; bħal min jagħli għal ommu nxtħett fin-niket."***

– Salmi 35: 13-14

David qal li dawn in-nies bdew jippruvaw jeqirduh. Huma attakkawh bil-ħażen u hu ma kien għamel xejn biex jimmeritah dan.

Imbagħad ġiet it-tweġiba tiegħi; *"iżda għalija...."*

Ir-rispons ta' David ma kienx ibbażat fuq l-azzjoni ta' l-oħrajn. Determinat li jagħmel dak li hu sew, talab għalihom bħallikieku kienu ħutu jew inkella bħal wieħed imnikket għat-telfa t'ommu. Alla kien qiegħed jurini kif nitlob għal dan ir-raġel; *"Itlob l-istess affarijiet għalih li inti tridni nagħmel għalik!"*

Issa t-talb tiegħi nbidel kompletament. Ma kienx għadu, *"Mulej bierku, u agħtih ġurnata tajba,"* Sar mimli bil-ħajja. Jien tlabt. "Mulej, iżvela lilek innifsek fih iktar b'qawwa. Bierku bil-preżenza tiegħek. Ħallieh isir jafek iktar intimament. Ħalli jġiblek ġieħ u unur għal Ismek." Tlabt dak kollu li kont ridt lil Alla jagħmel f'ħajti. Wara xahar li kont ilni nitlob b'passjoni qawwija għalih, għajjat b'vuċi qawwija, *"Inbierkek! Inħobbok f'isem Ġesu'!"* Kienet bikja mill-fond tal-ispirtu tiegħi. Kont biddilt talbi għall-interess tiegħi it-talb għall-ġid tiegħu. Nemmen li l-fejqan kien komplet.

## FEJQAN FIL-KONFRONTAZZJONI

Għaddew ftit ġimgħat, u erġajt rajtu. Ħassejt sensazzjoni mhux komda ġewwa qalbi. Xorta kont qiegħed niġġieled il-bżonn li nikritikah.

*"Għandek bżonn tmur tkellmu, John,"* inkorraġġtni l-mara.

*"Le, m'għandix bżonn,"* assigurajtha, *"Jien issa mfejjaq."*

Imma ħassejt li l-Ispirtu s-Santu ma kienx qiegħed jaqbel ma' dak li kont għadni kemm għidt jien. Għalhekk staqsejt lill-Mulej jekk kellix bżonn immur għandu. Hu qalli iva.

Għamilt appuntament ma' dan ir-raġel u ħadtlu rigal. Umiljajt ruħi miegħu, stqarrejt l-attitudni ħażina tiegħi u tlabtu maħfra. Aħna rrikonċiljajna u l-maħfra u l-fejqan faru f'qalbi.

Ħriġt minn ġo l-uffiċju tiegħu mfejjaq u msaħħaħ. Ma bqajtx bil-ħtieġa li niġġieled l-uġiegħ, u lanqas ma bqajt kritiku. Ir-relazzjoni

tagħna baqgħet b'saħħita minn dakinhar 'l hawn, u qatt ma kellna iżjed problemi bejnietna. Infatti, illum nissapportjaw ħafna lil xulxin.

"L-ewwel darba li ltqajt ma' dan ir-raġel," għedt lil Lisa, "ma seta' jagħmel xejn ħażin f'għajnejja. Ma rajt ebda ħażen fih." Kont inħobbu għaliex kont naħseb li kien perfett. Iżda meta sfajt imweġġa', kien diffiċli biex inħobbu. Kelli bżonn il-fidi kollha li kelli. Issa li għaddejt mill-proċess ta' restawrazzjoni u ġejt imfejjaq, erġajt sirt inħobbu bl-istess intensità bħal meta ltqajt miegħu l-ewwel darba, minkejja d-djufijiet. Din hija mħabba matura."

Ġie f'moħħi dan il-vers ta' l-iskrittura:

***"Fuq kollox, ħa jkollkom imħabba sħiħa lejn xulxin, għax l-imħabba tgħatti kotra ta' dnubiet."***

– 1Pietru 4: 8

Huwa faċli li nħobbu lil dawk li ma jagħmlu xejn ħażin f'għajnejna. Dik imħabba ta' 'qamar il-għasel.' Hija ħaġ' oħra li nħobbu lil xi ħadd meta nkunu nistgħu narawlu d-djufijiet, speċjalment jekk aħna nkunu l-vittmi tagħhom. L-imħabba ta' Alla kienet qiegħda timmaturani u ssaħħaħli qalbi.

Minn dakinhar, ġrawli każijiet oħra simili f'ħajti u rbaħthom bla telf ta' żmien. Ir-raġuni: Qalbi kienet imħarrġa biex tibqa' ħielsa mill-offiża.

Għaddew ħafna xhur minn meta Alla kien kellimni fil-bitħa tiegħi sa dik il-ġurnata li ħriġt mill-uffiċju ta' dak ir-raġel imfejjaq. Dak kien perjodu ta' taħriġ fejn qalbi ġiet eżerċitata u msaħħa. Matul dawk ix-xhur kont donni ma kont sejjer imkien. Infatti, kont naħseb li kont mort għall-agħar.

Iżda kont fit-triq tal-fejqan. L-Ispirtu tal-Mulej mexxieni f'pass li stajt nimmaniġja. Kien parti mill-proċess ta' maturità. Ma nibdel xejn minn dik l-esperjenza u nħossni grat tal-maturità li ġabitli f'ħajti.

## MATURITA' PERMEZZ TAT-TBATIJA

Aħna nikbru fi żminijiet iebsa, mhux fi żminijiet faċli. Sitwazzjonijiet iebsa dejjem ser niltaqgħu magħhom fil-vjaġġ tagħna mal-Mulej. Ma nisgħtux naħarbuhom imma rridu niffaċċjawhom, għax huma parti mill-proċess sabiex insiru perfetti fiH. Jekk tagħżel li taħrabhom, se xxekkel serjament l-iżvilupp tiegħek.

Hekk kif tirbaħ diversi ostakli, inti tissaħħaħ u tikber fil-kumpassjoni. Se tinħabb aktar ma' Ġesu'. Jekk għaddejt minn tbatiji u ma tħossokx hekk, probabbli li għadek ma rkuprajtx minn dik l-offiża. Ir-rekupru huwa għażla tiegħek. Xi nies jiġu mweġġa' u qatt ma jirkupraw. Għalkemm tinstema' krudili, din kienet l-għażla tagħhom.

Ġesu' tgħallem l-ubbidjenza mill-affarijiet li sofra. Pietru tgħallem l-ubbidjenza mill-affarijiet li sofra. Pawlu tgħallem l-ubbidjenza mill-affarijiet li sofra. U inti? Tgħallimt? Jew inkella int iebes, għandek kallu, biered, żorr jew imħanfes? Mela għadek ma tgħallimtx l-ubbidjenza.

Iva, veru li hemm xi offiżi li ma jitilqux malajr *"bħall-ilma minn fuq dahar il-papra."* Trid taħdem iktar fuqhom, tistinka sabiex tinħeles. Iżda matul il-proċess inti tikber u timmatura. Il-maturità ma tiġix faċilment. Li kieku hekk, kulħadd kien jilħaqha. Ftit jilħqu dan il-livell tal-ħajja minħabba r-reżistenza li jaffaċjaw. Hemm resistenza għaliex id-direzzjoni tas-soċjetà tagħna, m'hijiex t'Alla iżda egoista.

Id-dinja hija ddominata ***"mill-kap tas-saltna ta' l-ajru."***

– Efesin 2: 2

Bħala riżultat, li tidħol fil-maturita' ta' Kristu se jkun hemm tbatijiet illi jiġu mill-fatt li trid tmur kontra l-kurrent tal-egoiżmu.

L-Appostlu Pawlu mar lura lejn tlett ibliet fejn welled knejjes. L-iskop tiegħu kien li jsaħħaħ il-qlub tad-dixxipli. Madankollu, huwa interessanti naraw kif qawwihom. Huwa nkoraġġihom sabiex jagħmlu l-qalb lid-dixxipli u jħeġġuhom biex jibqgħu fil-fidi, għaliex, kif kienu jgħidulhom, jeħtiġilna nbatu ħafna biex nidħlu fis-Saltna ta' Alla.

(Ara Atti 14: 22)

Ma wegħedhomx ħajja faċli. Ma wegħedhomx suċċess skond l-istandard tad-dinja. Huwa wriehom li jekk huma riedu jispiċċaw il-korsa bil-ferħ, kienu se jiltaqgħu ma' ħafna resistenza, li sejħilha tribulazzjoni.

Jekk qiegħed taqdef ġo xmara kontra l-kurrent, trid taqdef kontinwament biex tavvanza kontra l-kurrent tax-xmara. Jekk tieqaf taqdef u tistrieħ, eventwalment jieħdok il-kurrent. Bl-istess mod, meta nkunu determinati li nimxu t-triq t'Alla, se niltaqgħu ma' ħafna tribulazzjonijiet.

Dawn il-provi kollha se juruna r-risposta ta' mistoqsija prinċipali: int se tfittex li tieħu ħsieb tiegħek innifsek bħal ma tagħmel id-dinja, jew se tgħix ħajja li tiċħad anki lilek innifsek? Ftakar li meta nitilfu ħajjitna għal Ġesu', aħna niksbu l-Ħajja tiegĦu. Tgħallem iffoka fuq ir-riżultat tal-aħħar, mhux fuq il-ġlieda.

Pietru poġġiha tajjeb ħafna:

***"Ħuti għeżież, tistagħġbux għax tinsabu fil-forġa qalila tannar, li ġiet fuqkom biex iġġarrabkom, bħallikieku ġratilkom xi ħaġa mhux tas-soltu. Imma ifirħu, għax b'hekk intom qegħdin tissieħbu fit-tbatijiet ta' Kristu, biex aktar tifirħu u tithennew fiddehra tal-glorja tiegħu."***

– 1 Pietru 4: 12-13

Innutaw li hu jqabbel il-livell tat-tbatija mal-livell tal-ferħ. Kif tista' tifrah sa dak il-livell? Meta l-glorja tiegĦu tiġi rrivelata, int se tkun igglorifikat miegĦu. Din il-glorifikazzjoni hija sal-punt li int tħallieH jipperfezzjona l-karattru tiegĦu fik. Għalhekk tħarisx lejn l-offiża. Ħares lejn il-glorja li ġejja.

Hallelujah!

## HUWA IKTAR

## IMPORTANTI LI TGĦIN LIL ĦUK

## LI QIEGĦED FIX-XKIEL

## MILLI LI TURI LI GĦANDEK RAĠUN

"Jien għandi tmintax-il sena. Ġejja minn familja b'ġenitur wieħed u għandi oħti tewmija identikà u familja estenduta mill-isbaħ. Qatt ma ltqajt ma' missieri bioloġiku u żammejt fija nuqqas ta' maħfra tul ħajti kollha. In-nannu tiegħi, raġel tal-Mulej mill-aqwa, tani dan il-ktieb *Il-Lixka ta' Satana* sabiex naqrah. Wara li qrajtu, kont kapaċi naħfer lil missieri kompletament."

- N.M. NEW MEXICO

# 14

## OĠĠETTIV: IR-RIKONĊILJAZZJONI

***"Smajtu xi ntqal lin-nies ta' dari, 'La toqtolx.' Mela jekk xi ħadd joqtol ikun ħaqqu l-kundanna. Imma jien ngħidilkom li l-kundanna tistħoqq ukoll lil min jinkorla għal ħuh.***

***Jekk imbagħad xi ħadd lil ħuh jgħidlu, 'Ġifa', ikun ħaqqu l-kundanna tas-Sinedriju; u jekk jgħidlu, 'Iblah', ikun ħaqqu n-nar ta' l-infern.***

***Mela jekk tkun qiegħed ittalla' l-offerta tiegħek fuq l-artal u hemm tiftakar li ħuk għandu xi ħaġa kontra tiegħek, ħalli l-offerta tiegħek hemmhekk quddiem l-artal u mur l-ewwel irranġa ma' ħuk, u mbagħad ejja talla' l-offerta tiegħek.***

– Mattew 5: 21-24

Din il-kwotazzjoni hi meħuda mill-Priedka ta' fuq il-Għolja. Ġesu' beda billi qal, ***"Smajtu xi ntqal lin-nies ta' dari ....."*** Imbagħad qal, ***"Imma jien ngħidilkom....".***

Ġesù jkompli b'dan il-paragun matul din il-parti tal-messaġġ tiegħu. L-ewwel jikkwota l-liġi li tirregola l-azzjoni tagħna minn barra. Imbagħad Huwa juri t-twettieq tagħha billi jġibha fil-qalb. Għalhekk f'għajnejn Alla l-qattiel m'huwiex limitat għal dak li jkun qatel; huwa dak ukoll illi jobgħod lil ħuh. Dak li int ġewwa qalbek huwa dak li inti fil-verità!

F'din il-parti tal-priedka, Ġesu' juri ċar il-konsegwenzi ta' l-offiża. Huwa juri s-severita' li żżomm ir-rabja u l-offiżi. Jekk wieħed huwa rrabjat għal ħuh mingħajr raġuni, huwa qiegħed fil-periklu tal-ġudizzju. Huwa qiegħed fil-periklu tal-kundanna tas-Sinedriju, jekk dik ir-rabja trabbi l-frott u jsejjaħ lil ħuh "Ġifa!"

Il-kelma **ġifa** tfisser “bla moħħ”, jew iblah. Kienet kelma ta’ kritika użata mil-Lhud fi żmien Kristu. Jekk dik ir-rabja tasal sal-punt li jsejjaħ lil ħuħ iblah, huwa fil-periklu ta’ l-infern. Il-kelma ‘iblah’ tfisser li mintix t’Alla. L-iblah f’qalbu jgħid li m’hemmx Alla (ara Salmi 14: 1).

F’dawk iż-żminijiet li tgħajjar lil ħuk iblah kienet akkuża serja mhux ħażin. Ħadd ma kien jgħid kelma bħal dik, jekk ir-rabja ma tkunx waslet għall-mibgħeda. Illum il-ġurnata, din il-frażi nxebbħuha mal-frażi li ngħidu llum “mur inħaraq l-infern,” u tkun qed tfissirha minn qalbek.

Ġesu’ kien qed jurihom li jekk ir-rabja ma taffaċjahiex tista’ twassal għall-mibgħeda. U l-mibgħeda li ma taffaċċjax tpoġġihom fil-periklu ta’ l-infern. Imbagħad qallhom li jekk jiftakru li ħuhom offendut bihom, għandhom jagħtu prijorita’ u jfittxuh sabiex jirrikonċiljaw.

Għalfejn għandna nfittxu b’daqstant urġenza biex nirrikonċiljaw għal ġid tagħna jew għall-ġid ta’ ħuna? Dan nagħmluh għall-ġid ta’ ħuna sabiex inkunu aħna il-mezz urġenti biex ngħinuh joħroġ minn dik l-offiża. Anki jekk aħna m’aħniex offenduti bih, l-imħabba t’Alla ma tħalliniex noqogħdu mingħajr ma nippruvaw nilħqu lil din il-persuna u nirranġaw. Jista’ jkun li ma nkunu għamilna xejn ħażin. Tajjeb jew ħażin huwa rrelevanti. Huwa iktar importanti għalina li ngħinu lil ħuna li se jaqa’ fil-lixka milli li nuru li għandna raġun.

Ix-xenarji ta' offiżi huma bla limiti.

Forsi l-persuna li nkunu offendejna temmen li konna inġusti fil-mod kif trattajnieha, meta fir-realta’ ma nkunu għamilnielha l-ebda ħsara. Forsi għandha nformazzjoni mhux korretta li biha wasslitha għall-konklużjoni falza.

Min-naħa l-oħra, forsi l-informazzjoni hija preċiża pero l-persuna tkun fasslet konklużjoni żbaljata. Dak li għidna seta’ ġie mgħawweġ hekk kif kien ipproċessat mill-mezzi varji ta’ komunikazzjoni.

Anki jekk l-intenzjoni tagħna ma kinitx li nagħmlu l-ħsara, kliemna u l-azzjoni tagħna taw impressjoni differenti.

Ħafna drabi aħna niġġudikaw rwieħna skond l-intenzjonijiet tagħna u lil ħaddieħor bl-azzjonijiet tagħhom. Huwa possibbli li f'moħħok tkun trid tgħid xi ħaġa iżda tesprimi ruħek b'mod totalment differenti. Xi kultant il-veri mottivi tagħna jkunu moħbija anke minna nfusna stess. Inkunu rridu nemmnu li huma puri. Imma meta niffiltrawhom mill-Kelma t'Alla narawhom differenti.

Finalment, forsi veru nkunu dnibna kontra l-persuna. Konna rrabjati jew taħt pressjoni, u hu kellu jitqanna b'kollox. Jew forsi din il-persuna kienet kontinwament u deliberatament taqbad magħna, u aħna rrispondejna bl-istess mod.

Hu x'inhu dak li jkun ġara, il-fehma tal-bniedem offendut iddalmet, u hu jkun ibbaża l-ġudizzju tiegħu fuq suppożizzjonijiet, għidut jew apparenzi. Dan iqarraq bih innifsu anki jekk jaħseb illi hu rnexxielu jiddixxerni l-mottivi veri tagħna.

Kif jista' jkollna ġudizzju preċiż mingħajr informazzjoni preċiża? Għandna nkunu sensittivi għal fatt li hu jemmen b'qalbu kollha li hu kien ittrattat ħażin. Tkun xi tkun ir-raġuni għaliex iħossu hekk, aħna rridu nkunu lesti li numiljaw ruħna u nitolbu skuża.

Ġesu' qiegħed jgħidilna sabiex nirrikonċiljaw anki jekk l-offiża ma tkunx tort tagħna. Trid tkun matur sabiex timxi fl-umilta' u ġġib rikonċiljazzjoni.

Iżda spiss l-ewwel pass ikun aktar diffiċli għall-persuna li tkun mweġġa'. Għalhekk Ġesu' jgħid lil dik il-persuna li kkaġunat l-offiża, "*mur l-ewwel irranġa ma' ħuk*...." (Ara Mattew 5: 23-24).

## TITLOB MAĦFRA LIL MIN HU OFFENDUT

L-Appostlu Pawlu qal:

***"Ħalli nfittxu, mela, dak li jġib is-sliem u dak li jservi għall-edifikazzjoni ta' xulxin."***

– Rumani 14: 19

Din turina kif aħna nersqu lejn persuna li nkunu offendejna. Jekk immorru b'attitudni ta' frustrazzjoni m'aħniex se nippromwovu paċi. Nagħmluha iktar diffiċli għal dak li hu mweġġa'. Għandna nżommu attitudni ta' paċi kontinwa permezz ta' l-umilta' anke għad-detriment tal-orgolju tagħna. Din hija l-unika triq sabiex naraw rikonċiljazzjoni vera.

F'ċerti okkażżjonijiet jien ersaqt lejn nies li weġġajt jew li kienu rrabjati għalija, u dawn bdew jgħajjtu miegħi. Qaluli li kont egoist, bla kunsiderazzjoni, kburi, pastaż, aħrax u ħafna affarijiet oħra.

Ir-risposta naturali kienet li ngħid, *"Le, m'inix. Intom ma tistgħux tifmuni!"* Iżda meta niddefendi ruħi, nħeġġeġ iżjed in-nar ta' l-offiża tagħhom. Hekk ma nkunx qiegħed infittex il-paċi. Li nieqfu għalina nfusna u "għad-drittijiet tagħna" ma jġib qatt paċi vera.

Minflok jien tgħallimt nisma' u nżomm ħalqi magħluq sakemm ikunu qalu dak kollu li riedu jgħidu. Jekk ma nkunx naqbel, nurihom li nirrispetta dak kollu li qalu u ngħarbel l-attitudni u l-intenzzjonijiet tiegħi. Imbagħad ngħidilhom li ddispjaċini li weġġagħjthom.

Drabi oħra jkunu eżatti fil-mod ta' kif ikunu evalwawni. Għalhekk nammetti, *"Għandek raġun. Nitlobok maħfra"*.

Għal darb' oħra, dan sempliċiment juri kif tumilja ruħek sabiex iġġib rikonċiljazzjoni. Forsi għalhekk fil-vers ta' wara, Ġesu' qal:

***"Lil min ikun se jtellgħek il-qorti ħudu bil-kelma t-tajba mill-aktar fis waqt li tkun għadek miegħu fit-triq, li ma jmurx jagħtik f'idejn l-imħallef, u l-imħallef f'idejn l-għassies, u hekk issib ruħek fil-ħabs. Tassew ngħidlek, minn hemm ġew ma toħroġx qabel ma tkun ħallast l-aħħar tliet ħabbiet."***

– Mattew 5: 25-26

Il-kburija tiddefendi ruħha. L-umilta' taqbel u tgħid, *"Int għedt sew, jiddispjaċini li ġibt ruħi b'dan il-mod. Nitlob maħfra."*

***"L-għerf li ġej mis-sema, qabel kollox hu għerf safi, it-tjubija u l-ħlewwa; huwa kollu ħniena u frott tajjeb, bla ma jħares lejn l-uċuħ u bla qerq."***

– Ġakbu 3: 17

L-għerf li ġej minn Alla lest li jċedi. M'huwiex iebes jew rasu iebsa f'konflitti ta' natura personali. Persuna li hija sottomessa għall-għerf t'Alla ma tibżgħax iċċedi jew taqbel mal-fehma ta' persuna oħra sakemm dan ma jikkompromettix il-verita'.

## KIF TERSAQ LEJN XI ĦADD LI JKUN OFFENDIEK

Issa li ddiskutejna x'għandna nagħmlu meta noffendu lil ħuna, ejja nikkunsidraw x'nagħmlu jekk joffendina ħuna.

***"Jekk ħuk jaqa' f'xi dnub, mur sibu waħdu u widdbu. Jekk jisma' minnek, tkun irbaħt lura lil ħuk."***

– Mattew 18: 15

Ħafna nies japplikaw dan il-vers ta' l-iskrittura b'mod differenti minn dak li Ġesu' kellu fi ħsiebu. Jekk jisfaw imweġġa', imorru u jikkonfrontaw lil dak li offendiehom bi spirtu ta' vendetta u rabja. Huma jużaw dan il-vers bħala ġustifikazzjoni biex jikkundannaw lil dak li jkun weġġagħhom.

Imma qiegħdin jitilfu l-għan kollu li għalih Ġesu' qalilna biex immorru għand xulxin. M'huwiex sabiex nikkundannaw iżda sabiex nirrikonċiljaw. Ma jridniex ngħidu lil ħuna kemm kien ħażin magħna. Għandna mmorru sabiex inneħħu dak il-ksur li qiegħed iżommna milli nirrestawraw ir-relazzjoni ta' bejnietna.

Dan huwa parallel ma' kif Alla jirrestawrana miegħu. Aħna dnibna kontra Alla, imma Hu juri l-imħabba tiegĦu lejna. ***"F'dak iż-żmien meta konna għadna midinbin, Kristu miet għalina"*** (Rumani 5:8). Aħna lesti li nċedu l-protezzjoni tagħna nfusna u mmutu għall-kburija tagħna sabiex nkunu restawrati ma' dak li jkun ġabilna l-offiża? Alla riedna qabel ma aħna tlabnih maħfra. Ġesu' ddeċida li jaħfrilna qabel ma aħna rrikkonoxxejna l-offiża tagħna.

Għalkemm Hu riedna, ma stajniex inkunu rikonċiljati mal-Missier sakemm irċevejna il-Kelma tiegħu ta' rikonċiljazzjoni.

***"Kollox ġej minn Alla li ħabbibna miegħu nnifsu permezz ta' Kristu u tana l-ministeru ta' din il-ħbiberija tal-bnedmin ma' Alla.***

***Alla kien li ħabbeb il-ħolqien miegħu nnifsu permezz ta' Kristu, bla ma qagħad iżomm il-kont ta' dnubiethom, u fdalna l-ministeru ta' din il-ħbiberija.***

***Aħna ambaxxaturi ta' Kristu bħallikieku Alla stess qiegħed isejħilkom permezz tagħna. Nitolbukom f'ġieħ Kristu: "Ħallu lil Alla jħabbibkom miegħu."***

– 2 Korintin 5: 18-20

Il-kelma tar-rikonċiljazzjoni tibda mill-post komuni li aħna lkoll dnibna kontra Alla. Ma nixxenqux għar-rikonċiljazzjoni jew salvazzjoni jekk ma nkunux konxji li hemm separazzjoni.

Fit-Testment il-Ġdid, id-dixxipli ppriedkaw li l-poplu dineb kontra Alla. Pero x'inhu l-iskop li ngħidu lin-nies li dinbu? Biex nikkundannawhom?

***"Għax Alla ma bagħatx lil Ibnu fid-dinja biex jagħmel ħaqq mid-dinja, imma biex id-dinja ssalva permezz tiegħu."***

– Ġwanni 3: 17

Mhux sabiex ngħinuhom jgħarfu l-kundizzjoni tagħhom, jindmu minn dnubiethom, u jitolbu maħfra?

Xi jwassal bniedem għall-indiema? It-tweġiba nsibuha f'Rumani 2:4:

***"Jew trid tabbuża mill-kobor tat-tjubija tiegħu, mis-sabar u l-ġenerożità tiegħu? Ma tafx li b'din il-ħniena tiegħu Alla jrid iwasslek għall-indiema?"***

It-tjieba t'Alla twassalna għall-indiema. L-imħabba Tiegħu ma tħalliniex ikkundannati għall-infern. Hu wriena l-imħabba tiegĦu billi bagħat lil Ġesu', l-uniku Iben Tiegħu, fuq is-salib sabiex imut għalina. Alla ħareġ idu l-ewwel biex jilħaqna, allavolja konna dnibna kontra tiegĦu. Huwa jilħaqna mhux biex jikkundanna, iżda biex jirrestawra - biex isalvana.

Peress li għandna nimitaw lil Alla (ara Efesin 5:1), għandna nestendu r-rikonċiljazzjoni lil dak ħuna li dineb kontra tagħna. Ġesu' stabilixxa dan il-mudell: Mur għandu u urieh id-dnub tiegħu, mhux biex tikkundannah iżda biex tneħħi kull ħaġa li hemm bejnietkom it-tnejn u hekk tkunu rrikonċiljati u  rrestawrati. It-tjubija ta' Alla li hemm ġo fina tiġbed lil ħuna għall-indiema u għar-restawrazzjoni tar-relazzjoni. ***"Nħeġġiġkom jien, il-priġunier tal-Mulej, biex timxu sewwa skond is-sejħa li biha kontu msejjħin; billi bl-umiltà kollha, bil-ħlewwa u bis-sabar, taħmlu u tħobbu 'l xulxin. Ħabirku biex iżżommu spirtu wieħed bir-rabta tas-sliem;"***

– Efesin 4: 1-3

Aħna nżommu din ir-rabta tal-paċi billi nżommu attitudni ta' umilta', ġentilezza, u paċenzja u billi ngħattu d-dgħjufijiet ta' xulxin fl-imħabba. B'hekk ir-rabta ta' l-imħabba tissaħħaħ.

Jien inġurjajt nies li kkonfrontawni b'kundanna. Bħala riżultat, tlift kull xewqa li nkun irrikonċiljat. Infatti, jien ħsibt li huma ma ridux rikonċiljazzjoni; rieduni biss inkun naf li kienu rrabjati. Oħrajn li jien inġurjajt ġew għandi bil-kwiet. Għalhekk jien malajr biddilt l-attitudi negattiva tiegħi u tlabt maħfra - xi kultant qabel ma jkunu spiċċaw jitkellmu.

Qatt ġie xi ħadd għandek u qallek, *"Ridtek tkun taf li jien naħfirlek talli ma kontx ħabib aħjar milli stennejt u talli m'għamiltx it-tali ħaġa għalija."*

Imbagħad meta jkunu bbumbardjawk, jagħtuk ħarsa li tgħid, *"Għandek ittini apoloġija."*

Int titħawwad u tispiċċa konfuż u mweġġa'. Huma ma ġewx biex jirrikonċiljaw ir-relazzjoni miegħek imma biex jintimidawk u jikkontrollawk.

M'għandniex immorru għand ħuna li offendina jekk ma nkunux lesti li naħfrulu minn qalbna - ma jimpurtax kif se jirrispondina. Għandna bżonn li neħilsu minn kull sentiment ta' animożità qabel ma nersqu lejh. Jekk ma nagħmlux hekk, probabbli li nirreaġixxu b'dawn is-sentimenti negattivi, u b'hekk inweġġħuh mhux infejquh.

X'jiġri jekk ikollna l-attitudni tajba u nippruvaw nirrikonċiljaw ma' xi ħadd li dineb kontra tagħna, iżda hu jew hi ma jridux jisimgħu?

***"Jekk ma jismax, erġa' mur u ħu miegħek wieħed jew tnejn oħra, biex kull ma jingħad jissaħħaħ bil-kelma ta' żewġ xhieda jew tlieta.***

***Jekk imbagħad anqas minnhom ma jkun irid jisma', mur għid lill-knisja. U jekk anqas mill-knisja ma jkun irid jisma' żommu b'wieħed pagan u pubblikan."***

– Mattew 18: 16-17

Kull wieħed minn dawn il-passi għandu l-istess għan: Ir-rikonċiljazzjoni. Fl-essenza, Ġesu' kien qiegħed jgħid, *"Kompli pprova."* Innota kif dak li kkawża l-offiża huwa involut f'kull pass. Kemm-il darba mmorru nxerrdu ma' kulħadd li ħadna offiża qabel ma mmorru għand dak li dineb kontra tagħna, kif qalilna biex nagħmlu Ġesu'! Nagħmlu hekk għaliex ma nkunux iffaċjajnieha f'qalbna. Inħossuna ġġustifikati hekk kif ngħidu lil kulħadd l-istorja mill-perspettiva tagħna. Issaħħaħ il-kawża tagħna u tikkomfortana meta ħaddieħor jaqbel ma' kemm ġejna ttrattati ħażin. Hemm biss egoiżmu f'din it-tip ta' mġieba.

## IL-BAŻI TA' KOLLOX

Jekk inżommu l-imħabba t'Alla bħala l-motivazzjoni tagħna, aħna ma nfallux. L-imħabba qatt ma tfalli. Meta nħobbu lil xulxin bl-istess mod li Ġesu' jħobb lilna, aħna nkunu meħlusa, anke jekk il-persuna l-oħra tagħżel li ma tirrekonċiljax magħna. Ħarsu sewwa lejn dan il-vers fl-iskrittura. L-għerf t'Alla huwa disponibbli għas-sitwazzjonijiet kollha.

***"Jekk jista' jkun, sakemm ikun ġej minnkom, għixu fil-paċi ma' kulħadd."***

– Rumani 12: 18

Hu jgħid, "Jekk jista' jkun," għaliex ikun hemm żmien meta ħaddieħor jirrifjuta li jkun fil-paċi magħna. Jew ikun hemm każijiet fejn il-kundizzjonijiet għar-rikonċiljazzjoni jikkomprometttu r-relazzjoni tagħna mal-Mulej. Fiż-żewġ każi, r-rikonċiljazzjoni m'hijiex possibli.

Innutaw li Alla jgħid, ***"... sakemm ikun ġej minnkom."***

Għandna nagħmlu dak kollu li nistgħu sabiex nirrikonċiljaw mal-persuna l-oħra, sakemm nibqgħu leali mal-verità. Sikwiet naqtgħu qalbna wisq malajr mir-relazzjonijiet.

Qatt ma ninsa dak iż-żmien meta ħabib tani parir biex ma naħrabx minn sitwazzjoni frustranti ħafna. *"John, naf li tista' ssib raġunijiet skritturali biex taħrab. Imma qabel ma tagħmel hekk, kun żgur li ġġilidtilha fit-talb u li għamilt dak kollu li stajt biex iġġib il-paċi t'Alla f'din is-sitwazzjoni."*

Imbagħad żied jgħid, "Se jiddispjaċik jekk xi darba tħares lura u tistaqsi lilek innifsek jekk għamiltx kull ma stajt biex issalva din ir-relazzjoni. Aħjar tkun taf li għamilt dak kollu li kien possibli mingħajr kompromess mal-verita'.

Kont grat ħafna tal-parir li kien tani u għaraft li kien għerf ġej minn Alla.

Iftakru fi kliem Ġesu':

***"Ħenjin dawk li jġibu l-paċi, għax huma jissejjħu wlied Alla."***

– Mattew 5: 9

Hu ma qalx *"Ħenjin dawk li jżommu l-paċi."* Wieħed li jipprova jżomm il-paċi jevita kull konfrontazzjoni sabiex iżomm il-paċi, anke bir-riskju li jikkomprometti l-verita'. Iżda l-paċi li jżomm ma tkunx paċi ġenwina. Hija paċi sensittiva u superfiċjali u ma twassalx fit-tul.

Wieħed li jġib il-paċi jmur bl-imħabba u jikkonfronta, iġib il-verita' ħalli r-rikonċiljazzoni aħħarija żżomm fit-tul. Hu ma jżommx relazzjoni artifiċjali u superfiċjali. Hu jixtieq li kollox ikun fil-miftuħ, fil-verita' u l-imħabba. Jirrifjuta li jaħbi xi offiża bi tbissima. Hu jagħmel paċi b'imħabba qawwija li ma tistax tfalli.

Alla hekk jagħmel mal-bniedem. Huwa m'huwiex lest li jħalli lil ħadd jintilef. Iżda ma jagħmel l-ebda kompromess mal-verita' għall-ebda relazzjoni. Huwa jfittex rikonċiljazzjoni b'impenn ta' veru mhux fuq kundizjonijiet superfiċjali.

Dan jiżviluppa rabta ta' mħabba li l-ebda ħażen ma jista' jkisser. Alla ċeda Ħajtu għalina. Aħna nistgħu nagħmlu l-istess.

Ftakru li l-bażi ta' kollox hija l-imħabba t'Alla. Qatt ma tfalli, qatt ma tiċċajpar, u qatt ma tispiċċa. Ma tfittix dak li hu tagħha. Ma tieħux offiża malajr. (1Korintin 13:5).

L-Appostlu Pawlu kiteb li l-imħabba tirbaħ fuq kull xorta ta' dnub.

"***U jien dan nitlob: li l-imħabba tagħkom tikber u toktor dejjem iżjed bl-għerf u b'kull dehen, biex tistgħu tagħrfu tagħżlu l-aħjar, u mbagħad tkunu safja u bla ebda ħtija fil-jum ta' Kristu, mimlijin bil-frott tal-ġustizzja li ġejja permezz ta' Ġesù Kristu, għall-glorja u l-foħrija ta' Alla.***"

– Fillipin 1: 9-11

L-imħabba t'Alla hija ċ-ċavetta għall-ħelsien mil-lixka ta' l-offiża. Din għandha tkun imħabba abbundanti, imħabba li tikber kontinwament u tissaħħaħ ġewwa qalbna.

Ħafna fis-soċjeta' tal-lum huma mqarrqa b'imħabba superfiċjali, imħabba ta' ħafna kliem imma fatti xejn. L-imħabba li żżommna milli naqgħu iċċedi ħajjitha - anke għall-ġid ta' għadu. Meta nimxu f'din it-tip ta' mħabba ma naqgħux għall-*Lixka ta' Satana.*

# Għeluq

## NIEĦDU AZZJONI

Hekk kif qrajt dan il-ktieb, l-Ispirtu tal-Mulej seta' fakkrek f'relazzjonijiet tal-imgħoddi jew anke tal-preżent fejn żammejt xi ħaġa kontra xi ħadd. Ħassejt lill-Mulej imexxieni sabiex insaqsikom biex titolbu din it-talba sempliċi ta' ħelsien miegħi.

Iżda qabel ma titlob staqsi l-Ispirtu Santu jimxi miegħek fil-passat u jġiblek quddiemek kwalunkwe persuni li stajt żammejt xi ħaġa kontrihom. Oqgħod kwiet quddiemu hekk kif Hu jurik min huma. M'għandekx bżonn tfittex xi ħaġa li m'hijiex hemm. Hu jġibhom ċari li ma jkollok l-ebda dubbju. Hekk kif jagħmel hekk, forsi se tiftakar fil-weġgħat li esperjenzajt. La tibżax. Hu se jkun hemm ħdejk jikkonfortak.

Hekk kif se teħles lil dawn in-nies minn kull ħtija li għamlulek, ħares lejn kull persuna b'mod individwali. Aħfer lil kull wieħed jew waħda minnhom b'mod personali. Ikkanċella d-dejn li għandhom jagħtuk. Imbagħad itlob din it-talba, iżda tkunx limitat għal dawn il-kliem biss. Uża din it-talba bħala gwida u ħalli l-Ispirtu tal-Mulej imexxik.

*Missier, f'isem Ġesù Kristu, jien nammetti illi dnibt kontra tiegħek billi ma ħfirtx lil dawk li offendewni. Nindem minn dan kollu u nitlob il-maħfra Tiegħek.*

*Nirrikonoxxi wkoll l-inabbilta' tiegħi li naħfrilhom jekk ma tgħinix int. Għalhekk minn qiegħ qalbi jiena nagħżel li naħfer.*

{Semmi l-ismijiet tagħhom u eħlishom individwalment.}

*Inġib taħt id-demm ta' Ġesù dak kollu li għamluli ħażin. M'għandhom xejn x'jagħtuni. Jiena nneħħi d-dnubiet kollha li għamlu kontrija.*

*Missierna tas-Smewwiet, kif il-Mulej Ġesu' staqsa Lilek għall-maħfra ta' dawk kollha li dinbu kontra Tiegħu, nitlob li inti taħfer lil dawk kollha li dinbu kontra tiegħi. Nitolbok tberikhom u twassalhom għal relazzjoni eqreb lejk.*

Issa ikteb l-ismijiet ta' dawk in-nies li ħfirt f'djarju, u ikteb id-data ta' meta għamilt din id-deċiżjoni li taħfrilhom.

Forsi jkollok bżonn tibqa' teżerċità biex tibqa' ħieles mill-offiża. (Erġa' aqra kapitlu 13 jekk ma fhimtx sewwa din is-sentenza.) B'impenn itlob għalihom kif kieku titlob għalik innifsek. Id-djarju se jgħinek tiftakar.

Jekk il-ħsibijiet ikomplu jibbumbardjaw lil moħħok, iġġildilhom permezz tal-Kelma t'Alla u ddikjara d-deċiżjoni tiegħek ta' maħfra. Inti tlabt għall-grazzja t'Alla sabiex taħfer, u n-nuqqas ta' maħfra m'hijiex b'saħħitha daqs l-grazzja Tiegħu. Kun qalbieni u ġġieled il-ġlieda t-tajba tal-fidi.

Meta tkun taf li qalbek hija qawwija u f'postha, mur għandhom. Iftakar li int sejjer għall-iskop ta' rikonċiljazzjoni għall-benefiċċju tagħhom mhux tiegħek. B'dan li se tagħmel, ser tissiġilla r-rebħa. Int se tirbaħ lil ħuk. (Ara Mattew 18:15). Dan huwa tajjeb u sabiħ f'għajnejn il-Mulej.

***"Lil dak li għandu l-qawwa jħariskom mill-waqgħa, u jqegħedkom bla tebgħa u ferħana quddiem is-sebħ tiegħu, lil Alla waħdu Salvatur tagħna, permezz ta' Ġesù Kristu Sidna, glorja, kobor, qawwa u setgħa qabel kull żmien, issa, u għal dejjem ta' dejjem. Amen. "***

– Ġuda 24: 25

# Aħrab minn nasba fatali tal-għadu

***Il-Lixka ta' Satana*** jikxef waħda mill-aktar nasses qarrieqa li Satana juża' sabiex ibiegħed lil ħafna nies mir-rieda t'Alla – l-offiża. Ħafna nies lanqas biss ikunu jafu illi huma maqbuda fil-lixka ta' Satana.

Titqarraqx! Ma' l-offiża ser tiltaqa żgur u ser tkun int li tiddeċiedi l-mod ta' kif din ser taffetwa r-relazzjoni tiegħek m'Alla. Ir-rispons tiegħek jiddetermina l-futur tiegħek. Jekk timmaniġġja l-offiża b'mod korrett, inti tispiċċa biex tissaħħaħ aktar, minflok titkisser.

Fl-anniversarju tal-għaxar edizzjoni tal-ktieb 'best-seller' tiegħu, John Bevere jurik x'għandek tagħmel biex tibqa meħlus mill-offiża u taħrab il-mentalita' ta' vittma. B'aktar minn 400,000 kopji pprintjati, dan il-ktieb jinkludi testimonjanzi ta' nies li ġew ittrasformati meta qraw il-ktieb oriġinali flimkien ma' suppliment devozzjonali, li jinkludi mistoqsijiet b'diskussjoni, skritturi u talb.

**Ħa ssib tweġibiet għal mistoqsijiet iebsa bħal dawn:**

- Għalfejn inħoss illi għandi nagħti "l-verżjoni tiegħi" tal-istorja?
- Kif nista' niġġieled ħsibijiet suspettużi jew nuqqas ta' fiduċja?
- X'nista' nagħmel biex ma' nibqax ikolli weġgħat tal-passat?
- Kif nista' nerġa nafda lil xi ħadd li offendini profondament?

Dan il-ktieb ser jgħinek taħrab "in-nasba tal-offiża" tal-għadu u saħasitra jagħtik is-segħta biex tibqa meħlus mill-offiża u jgħinek biex tgħix f'relazzjoni bla xkiel ma' Alla.



**JOHN BEVERE** huwa awtur *'best-seller'* u kelliem f'konferenzi kbar internazzjonali u popolari. Hu u l-mara tiegħu Lisa, wkoll awtriċi *'best-seller'*, fl-1990 waqqfu l-ministeru "Messenger International". Il-ministeru tagħhom kiber f'wieħed multidimensjonali li jilħaq eluf kbar ta' nies u jinkludi l-programm televiżiv, "The Messenger", li jixxandar f'216 il-nazzjon differenti. Bevere huwa awtur ta' numru kbir ta' kotba.

Niżżel din l-informazzjoni u aktar minn fuq: www.CloudLibrary.org

Pubblikazzjoni
**Nations for Christ**
P.O. Box 67 Gzira, Malta GZR 1000, EU
www.NationsForChrist.org - www.MessengerInternational.org

978-99957-0-763-7